# L-GĦANA U L-GĦARFIEN TAL-MISTERU TA' ALLA LI HU KRISTU



*Sussidju għall-Avvent u l-Milied 2012*

*Djoċesi ta' Għawdex*

# L-GĦANA U L-GĦARFIEN TAL-MISTERU TA' ALLA LI HU KRISTU

(ara Kol:2:2)

***Sussidju teoloġiku-liturġiku-pastorali għall-Avvent u l-Milied***

***Segreterija Pastorali***

***Djoċesi ta' Għawdex***
***2012***

## DAĦLA

Is-sena pastorali li qegħdin fiha hi mmarkata mill-ġrajja tas-Sena tal-Fidi, imnedija mill-Papa Benedittu XVI fl-okkażjoni tal-50 sena mill-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II u tal-20 sena mill-pubblikazzjoni tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika. Kif jgħid l-istess Papa fl-ittra *Porta Fidei*, hi xewqa tiegħu li matul is-Sena tal-Fidi aħna «niskopru mill-ġdid il-vjaġġ tal-fidi sabiex niddawlu aktar dwar il-ferħ u l-entużjażmu ġdid li nħossu meta niltaqgħu ma' Kristu» (*Porta Fidei*, 2). Permezz tal-inizjattivi li l-Knisja tieħu matul din is-sena, aħna msejħin biex «mill-ġdid nikkonvertu b'mod awtentiku lejn Kristu, il-Feddej waħdieni tad-dinja.» (*Porta Fidei*, 6). L-iskop ta' dan is-sussidju hu propju biex ikun ta' għajnuna għall-operaturi pastorali sabiex, permezz tal-ħidma pastorali matul l-Avvent u l-Milied, aħna nistgħu nagħrfu aktar "l-għana u l-għarfien tal-misteru ta' Alla li hu Kristu" – dan jikkostitwixxu t-titlu tas-sussidju, sintesi meħuda mill-ittra ta' San Pawl lill-Kolossin (2,2).

Is-sussidju hu mqassam f'erba' partijiet:

- fl-ewwel taqsima insibu tliet artikli bibliċi dwar l-esperjenza tal-fidi fil-Kotba Mqaddsa u fil-bidu tal-Knisja;
- fit-tieni taqsima għandna għajnuna għat-talb personali jew fi grupp, permezz ta' *lectio divina* fuq il-Vanġeli tal-Ħdud tal-Avvent, meditazzjoni fuq it-tliet siltiet bibliko-liturġiċi li jixxandru fil-Ħdud tal-Avvent, u meditazzjoni fuq l-Antifoni Maġġuri; ma' din il-parti nixtiequ nindikaw ukoll il-websajt www.sacredspace.ie, li hi websajt ispirata mill-ispiritwalità ta' San Injazju ta' Loyola. Permezz ta' dan is-sit nistgħu nitolbu bl-għajnuna tal-*computer* jew tal-i*smart phone*. Dan is-sit joffri għajuna għat-talb personali permezz tal-liturġija tal-jum;
- fit-fielet taqsima nsibu għajuna għall-predikazzjoni omiletika, kif ukoll traduzzjoni ta' tliet omeliji tal-lejl tal-Milied li għamel il-Papa Benedittu XVI fis-snin 2005-2007: dawn jistgħu jservu wkoll bħala għajnuna għal riflessjonijiet waqt mumenti ta' talb komunitarju, bħal adorazzjoni ewkaristika jew bħala katekeżi ta' gruppi ta' adulti; jistgħu jintużaw anke matul iż-żmien liturġiku tal-Milied;
- fir-raba' taqsima nsibu diversi ċelebrazzjonijiet, bħan-Novena, katekeżi biblika għat-tfal tad-duttrina, reċta tal-Milied, adorazzjoni ewkaristika fl-okkażjoni tal-festa tal-Epifanija u ċelebrazzjoni penitenzjali.

L-ikona tal-faċċata tas-sussidju turi lil Kristu Pantokrator tal-Katidral ta' Monreale. Hi l-ikona marbuta mas-Sena tal-Fidi.

Nixtieq nirringrazzja lill-kontributuri kollha tal-materjal li jidher f'dan is-sussidju. Il-kontributuri ġejjin minn diversi oqsma tal-ħajja ekkleżjali u tal-professjonijiet ċivili. Mingħajr is-sehem tagħhom dan is-sussidju ma jarax id-dawl! Nirringrazzja wkoll lil Carm Cachia u lil Francesco Pio Attard li, b'ħafna paċenzja, daru xi artikli għall-ortografija. Nawgura mixja qaddisa matul dan iż-żmien sabiħ tal-Avvent.

**Dun Giovanni Curmi**<br>
*Segretarju Pastorali*<br>
1 ta' Diċembru 2012

# L-Ewwel Taqsima: Il-Fidi fil-Kotba Mqaddsa

## 1. IL-PREŻENŻA TA' ALLA FL-ANTIK TESTMENT

**Dun Charles Buttigieg**

***"JIEN LI JIEN" (Eżodu 3:14)***

**Introduzzjoni**

Alla tal-Antik Testment huwa differenti mill-allat tal-popli li kienu jdawru l-poplu magħżul, għaliex fejn dawn il-popli jippruvaw joħolqu u jiltaqgħu mal-allat tagħhom, fl-A.T. naraw lil Alla joħloq id-dinja u lill-bniedem u jkun huwa nnifsu li jiltaqa' mal-bniedem, permezz ta' rivelazzjonjiet u allejanzi, kif naraw fl-ewwel ħames kotba tal-Bibbja (il-Pentatewku). Dawn narawh fil-pattijiet li jagħmel Alla ma' Noe`, ma' Abraham u b'mod partikulari ma' Mosè fil-patt tas-Sinaj. Naraw lil Alla jkellem lill-profeti fil-kuntest tal-istorja tal-poplu Lhudi, kif naraw fil-kotba Storiċi u dawk tal-Profeti. Fil-kotba tal-Għerf naraw l-Għerf innifsu bħala l-kelma u l-immaġni ta' Alla: "Hu raġġ tad-dawl ta' dejjem, mera bla tebgħa tas-setgħa ħaddiema ta' Alla, u xbieha tat-tjieba tiegħu" (Għerf 7:26). Il-kitba apokalittika tikkonċentra mbagħad fuq r-rebħa ta' Alla fuq l-għedewwa u l-gudizzju tiegħu (ara Dan 18:18-27). Dan kollu juri li Alla ta' Iżrael huwa Wieħed, Veru, Ħaj u Personali.

Għalħekk mela l-istorja tal-Antik Testment hija fuq kollox l-istorja tal-poplu Lhudi li jagħmel kull sforz biex iwarrab l-idolu, l-alla falz, l-alla maħluq u jdur lejn dan Alla veru: "Ma jkollokx allat oħra għajri. La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fil-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art." (Eż 20:3); "Nistmerru l-għoġol tiegħek, Samarija. Il-korla tiegħi xegħlet għalik. Kemm se jdumu wlied Israel, bla ħila li jissaffew?"  (Ħos 8:5).

**L-'Ismijiet' ta' Alla**

Ir-Rivelazzjoni ta' Alla nnifsu lil Mosè hija l-mument ċentrali u mill-iktar importanti fl-istorja tas-salvazzjoni: "Mosè rega' wiegeb: Ara, jiena mmur għand ulied Iżrael u ngħidilhom: 'Alla ta' missirijietkom bagħatni għandkom', u huma jistaqsuni, 'X'jismu?' Jiena xi ngħidilhom? Alla wieġbu: 'Jien li Jien." (Eż 3:13-14). Dan l-isem misterjuż: "Eħjeh-Jaħweh", "Jien li Jien", insibuh 6823 darba fl-A.T. L-ebda alla ta' xi poplu ieħor ma ssejjah qatt b'dan l-isem. Il-pronunċja ta' dan l-isem ta' Alla jibqa' dejjem misterjuż għall-istudjużi u dan għaliex irridu niftakru li dan l-isem ta' Alla qatt ma kien jiġi ppronunċjat mill-poplu, ħlief darba fis-sena f'Jum l-Espjazzjoni, fil-'Yom Kippur' mill-Qassis il-Kbir biss, meta liebes l-ilbiesi speċjali kien jidħol fil-post il-qaddis (fis-Sanctum Sanċctorum, bil-Lhudi: 'Qodesh Ha-Qodashim', il-post l-iktar sigriet fit-tempju) fejn kien hemm l-arka, it-tron ta' Alla (il-maqgħad jew is-siġġu tal-ħniena ta' Alla, bil-Grieg: 'hilasterion'. Hawnhekk biss u f'dan il-jum biss, il-qassis il-kbir jippronunċja l-isem sagru ta' 'Jaħweh'.

L-isem sagru kien jinkiteb biss bl-erba' konsonanti tiegħu mingħajr il-vokali, JĦWH (*tetragrammaton*) u minflok l-isem 'Jaħweh' kien jinqara bħala 'Adonaj' li jfisser 'Mulej', 'Sid' (bil-Grieg: 'Kyrios' kif insibu fis-Settanta - LXX, it-tradizzjoni Griega tal-A.T.). L-isem ta' Adonaj gej minn Adon. Fis-sinagoga kienu jitolbu lil *Adon 'olam*, il-Mulej tal-Univers.

Uħud mill-ismijiet ta' Alla li niltaqgħu magħhom fl-A.T. huma: 'Yahweh Yireh', Alla li jipprovdi; 'Yahweh Shalom', Alla tas-Sliem; 'Yahweh Sabbaoth', Alla tal-Eżerċti; 'Yahweh Raah', Alla hu r-Ragħaj; 'Yahweh Tsidkenu', Alla l-gustiżżja tagħna; 'Yahweh Rapha', Alla li jfejjaq; 'El-Elohim', Is-Setgħani; 'El Elyon', Alla l-Għoli, isem antik ħafna ta' Alla; 'El Roi', Is-Setgħani li jara; El Shaddai: Alla Setgħani, Alla li jista' kollox, Alla tal-Muntanja; 'El Olam', Alla ta' dejjem; 'El Elohe Israel', Alla ta' Israel; 'El Qadosh', Il-Qaddis ta' Iżrael.

Bħalma qegħdin ninnutaw naraw hawnhekk żewg tradizzzjonjiet ta' ismijiet ta' Alla, waħda li tuża l-isem 'Yahweh' u l-oħra li tuża 'El'. Infatti t-tradizzjoni 'Jaħwista' hija tas-sena 1000 Q.K. u ġejja min-naħa t'isfel tal-Palestina, filwaqt li dik Eloista hija tat-8 seklu Q.K. u hija minn naħa ta' Fuq. Dan l-isem 'El' kien it-terminu komuni għal alla għall-popli li kienu jgħixu 'l barra minn Iżrael. Fid-dinja Semitika kemm ġewwa l-Feniċja u kemm f'Kanagħan dan kien l-alla tal-allat.

**It-Twemmin f'Alla Wieħed**

Ix-'Shema' Israel', jigifieri l-Kredu Lhudi (reċitat darbtejn kuljum), jistqarr li Alla huwa <u>Wieħed</u>: "Isma', O Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha" (Dewt 6:4-5). Hija l-eqdem stqarrija tal-fidi tal-Lhud. Ma' dan it-twemmin il-Lhud jemmnu li Alla huwa <u>Veru</u>: "Imma l-Mulej tassew hu Alla: Alla ħaj u sultan ta' dejjem. Għall-għadab tiegħu titriegħed l-art, u għall-qilla tiegħu l-ġnus ma jifilħux." (Ġer 10:10); huwa wkoll <u>Traxxendenti</u>: "Għax daqskemm huma ogħla s-smewwiet mill-art, daqshekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom, u l-fehmiet tagħkom" (Iż 55:9). Alla huwa <u>Immanenti</u>: "u l-ispirtu tiegħi jibqa' f'nofskom: la tibżgħux!" (Ħag 2:5); huwa <u>Infinit</u>: "Kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru bil-bosta, bla tarf il-kobor tiegħu" (Salm 145:3); huwa <u>Etern</u>: "Qabel ma twieldu l-muntanji, qabel ma tnisslu l-art u d-dinja, minn dejjem ta' dejjem int, o Alla!" (Salm 90:2); <u>Omnipreżenti</u>: "Jista' bniedem jistaħba fil-moħbiet, u jien ma naraħx? – Oraklu tal-Mulej – Ma nimliex jiena is-sema u l-art?..." (Ġer 23:24). Alla hu <u>Għajjur</u>: "La tmilx quddiemhom: La tadurahomx għaliex jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur, li npatti l-ħażen tal-missirijiet fuq l-ulied sat-tielet u r-raba' nisel lil dawk li jobogħduni; imma nagħder sal-elf nisel lil min iħobbni u jżomm il-kmandamenti tiegħi" (Eż 20:5-6). Dan ma jfissirx li Alla huwa għajjur f'sens negattiv, imma li huwa offiż bl-imgiba ħażina tal-poplu. Huwa Alla <u>Ġust</u>: "Il-liġi tal-Mulej perfetta, u tagħti l-ħajja; ix-xhieda tal-Mulej hi sewwa, u tgħallem lil min ma jafx. Il-preċetti tal-Mulej dritti, u jferrħu l-qalb; il-kmandament tal-Mulej safi, u jdawwal il-għajnejn" (Salm 19:8-9).

Fuq kollox Alla huwa <u>Tajjeb</u>: "Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej, tjubitu fuq kull ma għamel" (Salm 145:9), u <u>Ħanin</u>: "Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà" (Eż 36:6). Alla hu ukoll <u>Omnixxenti</u>; <u>Immutabbli</u>; <u>Liberu</u>; <u>Qaddis</u> u <u>Imħabba</u>.

Alla tal-Antik Testment huwa <u>Missier</u> (fl-A.T. bħala Missier jinsab 15-il darba): "Bħalma jħenn il-missier għal uliedu, hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu" (Salm 103:13) u wkoll huwa <u>Omm</u>: "Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt" (Iż 49:15).

Il-Misteru ta' Alla Trinitarju jinsab ukoll fl-Antik Testment, anzi nsibuh fl-ewwel vers tal-Bibbja: "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art; u kienet l-art taħwid u baħħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar riħ ta' Alla" (Ġen 1:1-2; ara ukoll Eż 31:3 u Is 11:2). Naraw f'din l-opra tal-ħolqien, it-Tliet Persuni f'Alla Wieħed, il-Missier li jaħlaq permezz tal-Kelma tiegħu (l-Iben), u l-Ispirtu s-Santu juri l-Ħolqien.

**L-Arka, it-Tinda u t-Tempju**

L-arka kienet ix-xbieha tal-preżenża ta' Alla meta l-poplu kien qed jiġġerra fid-deżert. L-arka kienet kaxxa tal-injam tal-gażżi (injam tajjeb mil-Libanu li ma kienx imur bis-susa) u miksija bid-deheb. Kienet erba' piedi twila u żewg piedi u nofs wiesa' u fonda. F'nofsha kien hemm kaxxa tad-deħeb (bil-Lhudi: *kapporeth*), il-post tal-ħniena ta' Alla, li fiha kien hemm biċċiet tal-Ligi ta' Mosè, il-bastun ta' Mosè u bieqja bil-manna. Għal dawn ir-raġunijiet l-arka saret tfisser għal-poplu Lhudi il-preżenża t'Alla. Meta l-poplu kien jieqaf fid-deżert, huwa kien ipoggi din l-arka fit-tabernaklu li kienet it-tinda (bil-Lhudi: *ha-mishkan* – (*shekhinah*), bil-Latin: *tabernaculum*). "Kull meta Mosè kien jidħol fit-tinda kienet tinżel kolonna ta' sħab, u tieqaf fil-bieb u titkellem ma' Mosè" (Eż 33:9). Din it-tinda tal-laqgħa jew tal-patt kienet il-post fejn Alla jiltaqa' mal-poplu tiegħu. San Ġwann l-evanġelista fil-bidu tal-vanġelu tiegħu jgħidilna li Ġesù ġie fid-dinja u għammar fostna: "U l-verb sar bniedem u għammar fostna…" (Ġw 1:14). Fl-original bil-Grieg, litteralment naqraw li Ġesù 'qiegħed it-tinda tiegħu fostna' biex joqgħod magħna.

Is-Sultan David xtaq jibni t-tempju bħala d-dar stabilita lil Alla, għaliex huwa kellu dar taċ-ċedru u l-Mulej kellu biss it-tinda. Iżda t-tempju kellu jinbena minn ibnu Salamnun wara s-sena 1000 Q.K., fejn it-tabernaklu ma baqax jeżisti għax l-arka giet imqegħda fit-tempju (bil-Lhudi: *ha-miqdash*) u "il-glorja (bil-Lhudi: *kavod*) tal-Mulej kienet imliet it-tempju." (1 Slat 8:11). It-tempju li gie proprju mibni f'dak il-post ta' dik il-muntanja Morija fejn Abram kien ser joffri bħala sagrifiċċju lil Ibnu Iżakk.

**Konklużjoni**

Rajna mela li fl-A.T., Alla jieħu l-inizjattiva biex jidħol fi djalogu ta' mħabba mal-bniedem, ma' poplu partikulari, il-poplu ta' Iżrael. Naraw lil Alla li jaħlaq u jmexxi, Alla li hu Wieħed u mhux ħafna allat u fuq kollox Alla Ħaj li jippremja t-tajbin u l-ħżiena jieħdu l-kastig. Min-naħa l-oħra l-poplu ħoloq ħwejjeg li kienu jgħinuh biex jiftakar f'din il-preżenza ta' Alla. Hekk insibu 'it-tinda' li matul il-mixja fid-deżert kienet il-preżenża t'Alla fost il-poplu meħlus. Meta mbagħad il-poplu Lhudi daħal fl-Art Imwiegħda, il-preżenża t'Alla kienet marbuta mat-tempju. Madankollu it-tempju qatt ma kien l-unika espressjoni tal-preżenza divina għax fil-fatt meta t-tempju kien imġarraf u l-poplu meħud fl-eżilju ta' Babilonja (il-kriżi tal-eżilju), il-poplu beda jagħraf li Alla mhux marburt ma' xi post partikulari. Imbagħad fil-milja taż-żminijiet 'il-Verb sar bniedem' u l-preżenza divina ħadet sura viżibbli ta' bniedem, li hu xbieha ta' Alla. Għall-kuntrarju tat-tempju Lhudi li ġġarraf tliet darbiet, dan it-tempju l-ġdid ta' Kristu ma jiġġarraf qatt.

**Biblijografija**


BIESNER, E.C., *God in Three Persons*, Wheaton 1984.

CALDUCH-BENAGES, N., "God Creator of All (Sir 43:27-33)", in R. EGGER-WENZEL (ed.), *Ben Sira's God. Proceedings of the International Ben Sira Conference, Durham - Ushaw College 2002*, BZAW 321, Berlin - New York 2002, 79-117.

EGGER-WENZEL, R., "'Faith in God' rather than 'Fear of God' in Ben Sira and Job: A Necessary Adjustment in Terminology and Understanding", in J. CORLEY – V.T.M. SKEMP (eds.), *Intertextual Studies in Ben Sira and Tobit: Essays in Honor of Alexander A. Di Lella*, CBQMS 38, Washington D.C. 2005, 211-226.

JUKES, A., *The Names of God in Holy Scripture*, Grand Rapids (MI), 1986.

NASH, R.H., *The Concept of God*, Grand Rapids (MI) 1983.

SHORTER, A., *Revelation and its Interpretation*, London 1983.

# 2. L-IŻVILUPP TAL-FIDI BIBLIKA MATUL ŻMIEN IT-TESTMENT IL-QADIM



**Mons. Lawrenz Sciberras**

Ninsabu fis-Sena tal-Fidi, sena li nieda l-Papa Benedittu XVI u li din bdiet nhar il-Ħamis 11 ta' Ottubru tas-sena 2012 fl-okkażjoni tal-50 sena mil-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II. Dejjem fuq ix-xewqa murija mill-Papa, din is-sena imbagħad tagħlaq fis-solennità ta' Kristu Sultan tal-univers kollu li se taħbat nhar il-24 ta' Novembru 2013. Ukoll biex jibda t-tħejjija għal din is-sena ta' grazzji, il-Papa ħareġ ittra appostolika li ġġib l-isem ta' *Porta Fidei,* jew il-Bieb tal-Fidi. Din l-ittra appostolika ġġib id-data tal-11 ta' Ottubru 2011.

Fin-numru 11 ta' din l-ittra appostolika il-Papa jikteb: "Aħna għandna l-opportunità li nistqarru l-fidi tagħna fi Kristu Irxuxtat u dan fil-katidrali tagħna, u fil-knejjes kollha tad-dinja; fid-djar tagħna u qalb il-familji tagħna, għaliex kulħadd għandu jħoss il-bżonn qawwi li jittrażmetti lill-ġenerazzjonijiet futuri il-fidi ta' dejjem. Il-komunitajiet reliġjużi kif ukoll dawk parrokkjali, flimkien mar-rejaltajiet ekkleżjali qodma u ġodda, għandhom isibu l-mod kif matul din is-Sena jagħmlu pubblika l-istqarrija tagħhom tal-Kredu".

Meta wieħed jisma l-kelma "fidi", bilfors irid ikompli jirraġuna u jaħseb f'Alla wieħed, ħaj, omnipotenti u veru. Din il-fidi f'Alla għandha tkun il-pedament sod li fuqu l-poplu għandu jibni ħajtu: "Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Jien inqiegħed fis-sod ġebla f'Sijon, ġebla tax-xewka, imsejsa sewwa, u min jemmen fiha ma jitħarrikx" (Iż 28,16). Għall-kuntrarju, min iġenneb lil Alla u jqiegħed it-twemmin tiegħu x'imkien ieħor jew f'xi ħadd ieħor ikun jibni fuq ir-ramel: illum jew għada dan se jikkrolla u tiġi l-ħerba. "Ħazin għalihom dawk li jinżlu l-Eġittu għall-għajnuna, għal dawk li jittamaw fiż-żwiemel; il-fiduċja tagħhom fil-kotra tal-karrijiet, u l-qawwa u s-saħħa tar-rikkieba, imma ma jittamawx fil-Qaddis ta' Iżrael, u l-Mulej ma jfittxhux" (Iż 31,1).

Għalhekk il-poplu magħżul huwa mistieden jemmen, jafda u jingħaqad ma' Dak li salvah u jibqa' jsalvah u jeħilsu minn kull xkiel ieħor. Il-fidi għandha tkun f'Alla u f'ħadd ieħor. "Jiena, jiena l-Mulej, u ħliefi m'hemmx salvatur" (Iz 42,11). Kull meta l-Iżraelin qiegħdu l-fidi tagħhom f'Alla mxew u rebħu l-gwerer; meta tbiegħdu minn dan il-prinċipju huma sfaw vittmi tagħhom.

**Il-fidi tal-Lhud f'Alla wieħed**

L-arkeologu Amerikan Albright darba waħda għamilha ċara li l-poplu magħżul tat-Testment il-Qadim huwa poplu sħiħ u qawwi, monoteista, jiġifieri l-fidi tiegħu qiegħda biss f'Alla wieħed. Din il-konklużjoni ta' dan l-arkeologu waslet wara l-bosta riżultati li ikkonkluda wara l-ħafna t-tiftix arkeoloġiku li għamel fl-Art Imqaddsa. F'waħda mid-disputi sħan, jaħarqu u mbaqbqa li kellu l-profeta tan-nar Elija mar-reġina Ġeżabele, kien propju dwar il-fidi tal-poplu f'Alla wieħed. "Il-profeta Elija ħareġ fin-nofs u għajjat: 'Mulej, Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Iżrael, uri llum li inti Alla fost Iżrael'" (1 Slat 18,36). Filwaqt li l-profeti foloz tar-reġina Ġeżabele kienu jqiegħdu l-fidi tgħhom f'ħafna allat, Elija insista fuq Alla wieħed.

Biss snin qabel din il-ġrajja diġà nsibu l-istorja ta' Abraham fejn dan il-patrijarka ġie iva ppruvat bil-kbir minn Alla tiegħu, imma dan Abraham, għaliex kien tassew jemmen f'Alla mingħajr ma qagħad jargumenta xejn, baxxa rasu għall-ordni tiegħu. Abraham kellu fidi għamja f'Jaħweh u mingħajr ebda kundizzjoni ta' xejn. Tant li meta Alla qal lil Abraham, "Ħares sewwa lejn is-smewwiet u għodd il-kwiekeb, jekk għandek ħila tgħoddhom", Abraham saħħaħ il-fiduċja għamja tiegħu f'Alla.

Tant li għaliex wasal sa dan il-grad għoli ta' fidi l-ktieb tal-Ġenesi jkompli: "U hu emmen fil-Mulej, u dan għaddhulu b'ġustizzja" (Ġen 15, 6). Kien test fl-ogħla grad tal-fidi tal-patrijarka f'Alla tiegħu.

L-awtur tal-ittra lil-Lhud iqabbeż sew il-fidi ta' Abraham u jfaħħru ħafna tant li jgħid: "Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex imur f'art li kien se jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn kien sejjer. Kienet il-fidi li ġagħlitu jgħammar fl-art imwiegħda, qisu barrani f'art barranija, u jgħix taħt it-tined flimkien ma' Iżakk u Ġakobb, li kienu werrieta miegħu tal-istess wegħda" (Lhud 11,8-9).

Ħafna snin wara, dejjem biex juri kemm Abraham missier il-Lhud kellu fidi f'Alla, l-appostu Pawlu fl-ittra lir-Rumani kitbilhom hekk: "Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen; u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus, skont ma kien intqal lilu: 'Hekk għad ikun in-nisel tiegħek'. U ma naqasx fil-fidi tiegħu, anqas meta ġieb quddiem għajnejh li ġismu kien mejjet għax kien għoddu laħaq il-mitt sena, u mejjet ukoll kien ġuf Sara" (Rum 4, 18-20). L-istess fl-ittra lil Galatin: "Hekk Abraham emmen lil Alla, u dan kien magħdud lilu għall-ġustifikazzjoni" (Gal 3,6). Issa din il-kwalità ta' fidi f'Alla, Abraham għaddieha lil uliedu.

**Tweġiba ġeneruża**

Biss il-fidi titlob ukoll it-tweġiba li tkun ġejja min-naħa tal-bniedem: din il-fidi tintwera b'mod estern ukoll bil-patt li jsir bejn Alla u l-poplu tiegħu. Ta' kull sena fl-okkażjoni tal-offerti tal-bkur jew l-ewwel frott, l-Iżraelin kienu jagħmlu b'mod uffiċċjali din l-istqarrija pubblika tal-fidi: "'Missieri kien minn Aram, jiġġerra minn post għal ieħor; mbagħad niżel l-Eġittu u għammar hemm. Żgħir kien l-għadd ta' niesu, iżda hemmhekk sar poplu kbir, qawwi u kotran. L-Eġizzjani ħaqruna, għakksuna, għabbewna b'xogħol iebes; imma aħna għajjatna lill-Mulej, Alla ta' missirijietna, u l-Mulej sama' l-għajta tagħna, ra t-tgħakkis u t-tbatija u d-dwejjaq tagħna, u ħariġna l-Mulej mill-Eġittu, b'id qawwija, bi driegħ merfugħ, b'biża' kbir, b'sinjali u b'għeġubijiet, u daħħalna f'dan il-post, tana din l-art, art tnixxi ħalib u għasel. U issa, ara, jiena ġibt l-ewwel frott tal-art li tajtni int, Mulej.' U int tqiegħdu quddiem il-Mulej, Alla tiegħek u tadura lill-Mulej, Alla tiegħek" (Dewt 26,5-10).

Dan il-kredu mimli rejaltajiet dwar l-istqarrija tal-Iżraelin, tmexxih biex dejjem aktar ikabbar u jsaħħaħ il-fidi tiegħu f'Alla u fih biss.

**Il-fidi tal-poplu f'Alla**

"Jaħweh huwa Alla ta' Iżrael" - "Iżrael huwa il-poplu ta' Jaħweh": din il-frażi, li allura magħha hemm ingastata l-fidi, turiha bħala l-espressjoni ċentrali tal-Antik Testment kollu. Alla għażel lil Iżrael sabiex ikun il-poplu tiegħu, il-proprjetà partikulari, l-eredità tiegħu. Fuq kollox il-ktieb tad-Dewteronomju żviluppa din il-frażi. "U Mosè u l-qassisin, Leviti kelmu lil Iżrael kollu u qalulhom: 'Iskot u isma', Iżrael, illum int sirt poplu tal-Mulej, Alla tiegħek'" (Dewt 27,9). Għalhekk il-fidi ta' dan il-poplu dejjem kibret u żviluppat ruħha matul iż-żmien. Aktar u aktar meta l-poplu kien jinsab f'xi gwaj kbir u Alla ħelsu.

Dan l-istess ħsieb imbagħad ikompli juri l-fidi tal-poplu qed tikber u tiżviluppa dejjem f'Alla: "U smajt leħen il-Mulej, Alla tiegħek, u int għamilt l-ordnijiet tiegħu, u l-preċetti tiegħu, li jien ordjantlek illum" (Dewt 27,10).

Imma dan ma kienx biżżejjed biex il-poplu jsaħħaħ il-fidi f'Alla tiegħu. Il-kliem qawwi applikat għal Iżrael biss ikompli joħroġ fil-beraħ kemm iż-żżerriegħa tat-twemmin tal-Lhud f'Alla kompliet tikber grazzi għall-interventi ta' Alla favur tiegħu. "Lilek għażel il-Mulej, Alla tiegħek, biex tkun il-poplu

miksub tiegħu. U l-Mulej tgħaxxaq bikom u għażilkom, mhux għax kontu kbar fil-għadd iżjed minn kull poplu ieħor, għax intom l-iċken fil-għadd fost il-popli kollha, iżda l-Mulej għażilkom għax ħabbkom u għax ried iżomm il-ħalfa li ħalef lil missirijietkom; kien għalhekk li l-Mulej, b'id qawwija, ħariġkom u fdiekom minn dar il-jasar, minn id il-Fargħun, is-sultan tal-Eġittu" (Dewt 7,6b-8). Kliem bħal dan flimkien mal-esperjenza li minnha għadda l-poplu magħżul, bilfors li mbagħad isaħħaħ u tkabbar il-fidi tal-poplu magħżul f'Alla tiegħu.

**Fiduċja u sfiduċja**

Il-poplu magħżul kellu ħafna fidi f'Alla dejjem grazzi għat-twissijiet kull tant ukoll iebsin tal-profeti. Dawn il-profeti iddenunċjaw kemm-il darba l-idolatrija u dan l-aktar fis-Saltna ta' Fuq, jiġifieri f'Iżrael bil-belt kapitali tagħha Samarija. Wieħed hawn jifhem għaliex il-fidi f'Alla wieħed f'din is-saltna kienet imhedda u f'periklu kbir tassew. Dan minħabba l-idolatrija li ġabet magħha r-reġina pagana Ġeżabele. Din Ġeżabele, li kienet mill-Feniċja, bint is-sultan ta' Sidon, mhux biss ġabet magħha twemmin f'ħafna allat oħra imma obbligat lil żewġha stess Aħab li kien is-sultan biex jinforza dan kollu fil-pajjiż. Għalhekk hawn il-profeti u speċjalment Għamos u Ħosegħa ħaduha bil-kbir kontra kull forma ta' idolatrija u biex il-poplu jemmen f'Alla wieħed, Alla ta' missirijiethom Abraham, Iżakk u Ġakobb. Mat-tagħlim tagħhom dwar il-fidi f'Alla, il-profeti ta' din is-saltna ħaduha bil-kbir kontra l-inġustizzji soċjali. Dawn l-inġustizzji refgħu daqshekk rashom għaliex il-fidi f'Alla veru ntilfet kważi għal kollox.

Fost it-twissijiet serji li dawn il-profeti għamlu, dejjem biex ikebbsu ħajja l-fidi tal-poplu f'Alla wieħed, kien hemm dak tal-formaliżmu: dan għaliex il-formaliżmu joqtol kull forma ta' fiduċja ġenwina u sinċiera f'Alla, u jkebbes ix-xewqa tal-għadd fin-numru ta' offerti. Hekk il-fidi f'Alla tgħaddi u tispiċċa u toqgħod fuq l-offerti battala li l-poplu kien joffri: kollox battal, kollox minn barra, kollox biex ikun sar: "Il-festi tagħkom sirt nobagħdhom u nistkerrahom, ebda gost ma nsib fil-laqgħat tagħkom" (Għam 5,21). Filwaqt li Koħelet, meta quddiemu ra dak il-formaliżmu esaġerat saħansitra fit-tempju ta' Ġerusalemm, għamel twissija ħarxa tassew: "Jekk tagħmel xi wegħda 'l Alla ddumx ma ttemmha, għax Alla ma jiħux pjaċir bil-boloh. Dak li twiegħed qis li tagħmlu. Aħjar ma twiegħed xejn milli ma żżommx dak li twiegħed. Tħallix ilsienek iwaqqgħek fil-ħtija u mbagħad tmur quddiem il-qassis tgħidlu: 'Dan kien nuqqas ta' ħsieb'" (Koħ 5,3-5). Min għandu tassew fidi f'Alla, kull ma jagħmel jagħmlu b'intenzjoni tajba.

Mument ieħor fejn il-fidi f'Alla kienet imhedda waħda sew kien matul żmien l-eżilju ta' Babel. 'Il bogħod minn artom, 'il bogħod mit-tempju, 'il bogħod minn kull forma ta' debħa, is-servizzi tal-qassisin u tal-leviti spiċċaw, jum is-Sibt tkasbar għal kollox, u ebda sinjal ta' festi ma kien fadal: tant li l-poplu kien wasal fl-itruf li jitlef il-fidi kollha tiegħu f'Alla. Kienu l-profeti u speċjalment Eżekjel li saħqu dwar il-fidi f'Alla wieħed. Alla li huwa omnipreżenti, mela wkoll fl-art barranija tal-eżilju (Eżek 37,14). Alla ma għandux territorji, ma hu marbut ma' ebda art partikulari, kull art hija tiegħu, mela wkoll f'dik l-art tal-jasar Alla kien preżenti fosthom. Dan il-kwalità ta' tagħlim ta' Eżekjel ixxettel mill-ġdid fil-Lhud il-fidi f'Alla tagħhom.

**Il-fidi fil-qari tal-Kelma ta' Alla**

Il-fidi tal-poplu magħżul kompliet tikber u tissaħħaħ minkejja li l-poplu kien fl-eżilju jbati u tturrufnat. Kien grazzi għas-sistema sinagogali li ħoloq il-profeta Eżekjel. Dan in-nebbieħ, mdawwal mill-Ispirtu qaddis u bil-għajnuna wkoll ta' martu, bdew jiġbru xi nies f'darhom stess li kienet fuq ix-xmara Kebar u hemm bdew jitolbu u jqiegħdu l-fiduċja tagħhom f'Alla, grazzi għall-ktieb ispirat. F'dak il-mument li l-poplu kien jinġabar biex jaqra u jimmedita bil-ktieb sagru, il-poplu kien iħoss u kien persważ li issa Alla qiegħed f'nofsu, qed ikellmu, jurih x'inhi r-rieda vera tiegħu; allura l-fidi ta' dan il-poplu f'Alla tiegħu kompliet tixxettel u tissaħħaħ mill-ġdid. Aktar ma dan il-poplu mmedita

fil-fond fuq il-Kelma t'Alla u fuq dawk il-ġrajjiet li servewhom ta' fidwa u ħelsien, aktar il-fidi tiegħu f'Alla ta' misirijiethom issaħħet u qabdet l-għeruq.

L-isbaħ xhieda ta' Eżekjel dwar il-kelma li ħabbar huwa stess lill-eżiljati sħabu u li permezz tagħha imliehom bil-fidi f'Alla wrieha permezz tad-dehra li huwa kellu. Huwa nieda qawmien ġdid, liema qawmien rah u fehmu fid-dehra ta' dak l-għadam niexef li ra fil-wied. Għadda minn fuqu l-Ispirtu ta' Alla u dan l-għadam reġa' ħa l-ħajja mill-ġdid (Eżek 37,1-14). Hekk allura l-fidi ta' dan il-poplu, issa mġedded, ikun jistħoqqlu jidħol f'Ġerusalemm il-ġdida, fit-tempju l-ġdid, Tempju mhux le mibni bl-idejn tal-bnedmin, postijiet li joħloq Alla biex il-poplu jqimu bil-fidi fih fil-verità u s-sinċerità.

Biex ikompli jikber dejjem fil-fidi f'Alla tiegħu, l-Iżraelin ixebbhu l-Kelma rivelata ma' diversi oġġetti li kollha jfissru xi ħaġa. Naturalment hawn jidħol is-sens letterarju propju u dak impropju:

**(A)** Il-Kelma tixbah lil **BIR** mimli b'ilma ħaj u frisk li jaħji lil kull min jixrob minnu. "Niftaħ fommi u nieħu r-ruħ, għax nixxennaq għall-kmandamenti tiegħek" (Salm 119,131). Din ix-xenqa tkompli turi dik il-fidi li kellu l-poplu magħżul f'Alla wieħed. Il-profeta Iżaija jkompli jiżviluppa din ir-realtà billi jistieden in-nies biex imorru jixorbu minn dan l-ilma li jiffriska. "Kollkom ferħana timlew l-ilma mill-għejjun tas-salvazzjoni" (Iż 12,3); li jfisser l-għejjun tal-fidi f'Alla.

Fl-Orjent in-nies iżommu l-ilma f'ġarar tal-fuħħar u mhux le f'oġġetti tad-deheb jew tal-fidda. B'dan l-istess mod, il-Kelma ta' Alla ma twassalx il-messaġġ tagħha lil dak li ma jaċċettax il-kondizzjoni umana u fraġli tiegħu. Il-faqar tal-qalb huwa indispensabbli biex wieħed jakkwista il-fidi fil-Kelma t'Alla. Aktar ma tiċċekken quddiem id-dinja aktar tikber u tissaħħaħ fil-fidi quddiem Alla. B'din il-kundizzjoni ta' fidi sħiħa f'Alla, il-Kelma tiegħu tħalli frott kotran.

**(B)** Il-Kelma t'Alla tixbah lid-**DAWL**. "Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi" (Salm 119,105). Dan l-element ta' dawl diġa jidher sa mill-ewwel ktieb tal-Bibbja, mela l-Ġenesi. Dan għaliex huwa Alla li joħloq iż-żewġt idwal, mela x-xemx u l-qamar. Meta miexi fid-dawl taf fejn inti sejjer u taf fejn għandek tasal. Hekk hi l-fidi f'din il-Kelma ispirata.

Dan l-istess ħsieb ta' dawl li jwassal għat-tisħieħ tal-fidi fil-Kelma ispirata joħorġu wkoll San Pietru: "U hekk għandna nwettqa aħjar il-kelma tal-profeti. Tagħmlu sewwa jekk toqogħdu attenti għaliha; hi bħal fanal li jagħti d-dawl f'post mudlam, sa ma jibda jbexbex il-jum u f'qalbkom titla' l-kewkba ta' filgħodu" (1 Pt 1, 19).

Il-liturġija Kristjana tagħmel użu qawwi mis-simbolizżmu tad-dawl nhar il-jiem tal-Milied, meta tiċċelebra l-inkarnazzjoni tal-Verb magħmul bniedem. Il-kondixxendenza ta' Alla. Id-dawl ġie fost id-dlam. Il-kewkba li mexxiet il-maġi sa ma sabu t-tarbija hija t-tkomplija tal-profezija ta' Numri 24,17: "Għad titla kewkba minn Ġakobb, u jqum xettru minn Iżrael". Permezz ta' dan id-dawl fil-Kelma ispirata, il-fidi tkompli dejjem aktar tissaħħaħ u titqawwa.

**(Ċ)** Il-Kelma ta' Alla tixbah lil **TEŻOR**. Il-Bin Sirak ixebbah il-kmandamenti ma' teżor, anzi wieħed rari ħafna: "Fit-teżori tal-għerf jinsabu qwiel ta' tagħlim, imma l-midneb jistmerr jaqdi 'l Alla. Jekk għandek għal qalbek l-għerf ħares il-kmandamenti u l-Mulej jipprovdihulek bil-kotra" (1,25-26). Biex wieħed jirnexxilu jsib dan it-teżor irid bilfors iħaffer 'l isfel, mela jħaddem il-fidi f'dak li se jsib.

Sant'Irinew, meta jitkellem mill-fidi f'dan it-teżor li hemm fil-Kelma, jgħid li n-Nisrani, grazzi issa għall-miġja ta' Kristu, jista' aktar jgħożż bil-fidi il-Kelma ispirata. Din il-Kelma ispirata lin-Nisrani **(1)**

tagħnilu l-intelliġenza tiegħu, (**2**) turih l-għerf ta' Alla, **(3)** tagħmlu kapaċi biex jagħraf ir-ridiet tiegħu fejn jidħol il-bniedem, **(4)** turi minn qabel is-Saltna ta' Kristu u tfakkru fil-mixja lejn Ġerusalemm qaddisa, **(5)** tħabbar minn qabel li l-bniedem li jħobb lil Alla għad jogħla sa ma jara 'l Alla u jisma' l-Kelma tiegħu bil-fidi.

**Fidi ħajja mela biex tikber u tagħti l-frott**

Il-fidi f'Alla hija proċess ħaj, trid tikber u tissaħħaħ. Dan isir billi l-bniedem jisma' aktar fuq Alla, jimmedita dwar Alla u jqiegħed aktar il-fiduċja tiegħu f'Alla. Dan kollu jista' jsir meta l-bniedem jisma' u jimmedita dwar il-Kelma ta' Alla li tixxandarlu, jew jaqraha huwa stess u jaħseb fil-fond dwarha. Dan kien il-metodu tat-tagħlim tal-Lhud fl-iskejjel Jeshivot tagħhom. B'dan il-metodu t-tfal, li 'l quddiem isiru kbar, jitgħallmu partijiet sew bl-amment mit-Testment il-Qadim biex imbagħad jibdew jirreċitawhom forsi wkoll aktar minn darba matul il-ġurnata. Eżempju klassiku hija t-talba tax-*Shema' Israel*, talba li tesprimi l-fidi ta' dan il-poplu f'Alla wieħed ħaj u veru: "Isma', O Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, waħdu. Ħobb, mela lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha" (Dewt 6,4).

Metodu ieħor kif il-fidi ta' dan il-poplu kienet dejjem tissaħħaħ u tikber huwa grazzi għall-qari bil-għaqal u bil-galbu li kien isir qalb il-familji tal-Iżraelin. Mela liturġija fil-familji tal-Lhud. Dan il-qari, naturalment dejjem mit-Testment il-Qadim, isir fil-familja lejlet u nhar il-festi kbar tagħhom. Eżempju nhar il-festa tal-Għid huma jaqraw il-ktieb ta' Rut, nhar il-festa tal-Espjazzjoni jaqraw il-Ktieb ta' Koħelet, nhar il-festa tal-Purim jew tax-Xorti jaqraw il-ktieb ta' Ester. Nhar il-festa tal-konsagrazzjoni tat-tempju jaqraw partijiet miż-żewġ kotba tal-Makkabin fejn hemm id-deskrizzjoni ta' dak kollu li għamel Antijoku Epifanu IV u Ġuda l-Makkabew. F'dan il-qari l-poplu, hu u jiftakar fl-antenati tiegħu, isaħħaħ il-fidi f'Alla wieħed.

Barra dan, qari ieħor li jkompli jżid il-fidi ta' dan il-poplu jsir kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija, mela hekk kif ikun dieħel il-jum tant għażiżtas-Sibt, jum il-barka u jum il-mistrieħ. Il-familja tinġabar madwar il-mejda mħejjija apposta biex flimkien il-membri ta' dik il-familja jilqgħu Jum is-Sibt, il-jum "Reġina", il-jum li jħalli barra jiem ix-xogħol u t-taħbit. L-omm tipprepara l-mejda apposta, bil-ħobż mgħotti b'sarvetta, żewġ xemgħat li dawn ifakkru fiż-żewġ kmandamenti *zekor* (Eż 20,8) u l-ieħor *Shamor* (Dewt 5,12). Il-ħobża mgħottija b'sarvetta bajda tfakkar fis-saff tan-nida li kien qiegħed fuq il-manna fid-deżert. Dan kollu wkoll isaħħaħ il-fidi tal-poplu f'Alla tiegħu. Naturalment mal-qari jkun hemm ukoll it-tifsira sħiħa, mela l-interpretazzjoni ta' dawk l-atti li minnhom għadda l-poplu magħżul.

B'dawn il-metodi l-fidi biblika tal-poplu magħżul ma ntfiet qatt għal kollox. Kien hemm iva żminijiet meta din il-fidi ġiet magħkusa sew, imma dejjem kien fadal il-'fdal'. Sabiex dan il-'fdal' seta' jerġa jieħu r-ruħ u jaqbad mill-ġdid, kien hemm il-bżonn tal-kelma mħeġġa tal-profeti. Fl-aħħar din il-fidi sabet il-quċċata tagħha fil-persuna u fit-tagħlim ta' Ġesù Kristu. "Isimgħu lilu". Għalhekk mela hemm il-bżonn qawwi li naqraw x'għamel u x'għallem Ġesù, l-aktar fil-Vanġelu.

# 3. L-ISTQARRIJA TAL-FIDI TAL-EWWEL INSARA

**Mons Anton Mizzi**

Fil-liturġija tal-quddiesa tal-Ħadd u tas-solennitajiet jingħad il-Kredu li hu stqarrija ta' fidi li tibda billi ngħidu 'Jiena nemmen'. Il-Kredu hu ġabra fil-qosor b'mod formali tat-twemmin Nisrani kif mistqarr mill-Knisja bħalma nsibu fil-Kredu tal-Appostli (ikkunsidrat bħala l-eqdem katekiżmu Ruman) u dak ta' Niċea-Kostantinopli (li ħareġ miż-żewġ Konċilji Ekumeniċi tas-snin 325 u 381 A.D.). Il-kelma 'Kredu' ġejja mill-għerq tal-verb Latin '*credò* bit-tifsira oriġinali li tqiegħed il-fiduċja f'xi ħadd jew ħaġa, tafda fuq xi ħadd jew ħaġa. Dan it-terminu jikkorrispondi għall-verb Grieg '*pisteuò* li jfisser temmen f'xi ħaġa (2Tes 1:10b: "*ix-xhieda tagħna*"), tafda xi ħaġa lil xi ħadd (Gal 2:7); imma jfisser ukoll li '*temmen, tafda fi*' twemmin reliġjuż, hekk fidi fid-Divin b'emfasi partikulari li tafda fil-qawwa tiegħu, u li tkun konvint mhux biss mill-eżistenza tiegħu imma anke mir-rivelazzjonijiet tiegħu bħala veri.

Fl-użu ta' dan il-verb fit-Testment il-Ġdid, Alla l-Missier jew Kristu huma l-oġġetti ta' din il-fidi, u dan hu l-każ dejjem meta dan il-verb hu spiss rafforzat bil-prepożizzjoni '*eis*' (li tfisser '*fi*') kif hu rafforzat ukoll fil-Latin u ngħidu '*credo in*' (hekk il-Kredu jibda '*Credo in unum Deum*'). Dan iwassal biex juri li bil-Kredu jew meta ngħidu "Jiena nemmen f'Alla wieħed" m'aħniex qegħdin sempliċement nagħrfu biss li hemm Alla wieħed veru li jeżisti jew li qed naċċettaw ġabra ta' veritajiet divini rivelati. Hemm ukoll l-aspett ta' fiduċja personali f'Alla li joħroġ kemm mid-derivazzjoni tat-terminu kif ukoll min-natura tal-Kredu kif inhu definit. Dan jimplika impenn eżistenzjali lejn Alla min-naħa ta' min jemmen. Għaliex Alla jirrivela lilu nnifsu lill-bniedem biex jiltaqa' miegħu u jagħmillu s-sejħa, u l-fidi hi r-rispons tal-bniedem għaliha. Dan ir-rispons tal-bniedem lil Alla, l-awtur tar-rivelazzjoni, hu msejjaħ fl-Iskrittura bħala "*ubbidjenza tal-fidi*" (Rum 1:5; 16:26). Imbagħad il-fidi li wieħed jirċievi f'qalbu hija espressa fi stqarrija permezz tal-fomm (ara Rum 10:8-9). Din l-istqarrija turi r-relazzjoni ta' fidi lejn Alla, murija filli wieħed jintelaq kompletament f'idejh. Jidher għalhekk li *fidi* u *stqarrija* huma konnessi mill-qrib ma' xulxin (ara l-kuntrast f'Ġw 12:42 fejn x'uħud emmnu f'Ġesu, imma ma stqarrewx dan).

Sa mill-bidu tal-era Kristjana l-Knisja ta' żmien l-Appostli għarfet li tesprimi u twassal il-fidi tagħha permezz ta' formoli qosra li huma normattivi u jgħoddu għal kulħadd (ara Rum 10:9; 1Kor 15:3-4 u oħrajn). Din il-fidi u l-istqarrija tagħha permezz ta' dawn il-formoli qosra jiffurmaw ir-risposta għall-predikazzjoni ('*kērugma*': 1Kor 1:21; 2:4; 2Tim 2:17), jiġifieri għall-kelma mxandra u pprietkata mill-Appostli fil-bidu u magħhom u warajhom id-dixxipli tagħhom. F'dan l-istadju bikri wieħed ma jistax jitkellem minn xi kredu li jiġbor fih b'mod sħiħ u sistematiku l-veritajiet essenzjali tal-fidi Kristjana approvat mill-Knisja. Ġabriet fil-qosor tal-veritajiet tal-fidi saru aktar tard: hekk fit-tieni seklu diġà nsibu stqarrijiet batteżimali u aktar 'il quddiem għandna ġabriet li huma msejħa b'modi diversi: bħala 'Stqarrijiet tal-Fidi' (*Confessiones*, mil-Latin '*confiteor*') għax jiġbru fil-qosor il-fidi li jistqarru l-Insara, bħala Kredu għax ġeneralment jibdew bil-kelma Latina '*Credò* ("Jiena nemmen"), bħala Simboli tal-Fidi li huma ġabra tal-veritajiet ewlenin tal-fidi (hekk is-Simbolu batteżimali tal-Appostli), u wkoll bħala '*Regula*' tal-Fidi ('*Regula fidei*' jew '*veritatis*') kif jirreferi għaliha Ċirillu ta' Ġerusalemm fil-'*Catecheses*', li tikkonsisti f'ġabra konsiderevoli ta' duttrina Kristjana għall-kandidati tal-Magħmudija, il-katekumeni. Iżda fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid insibu frammenti qosra ta' stqarrijiet li jiġbru fihom it-twemmin ewlieni tal-fidi Kristjana, bħalma huma xi formuli ta' stqarrija, xi materjal liturġiku, innijiet jew forom oħra konnessi partikularment mal-magħmudija jew l-Ewkaristija.

## 1. It-Terminoloġija tal-Istqarrija fl-Antik Testment

Fl-Antik Testment l-istqarrija għandha l-għeruq tagħha fit-tradizzjoni liturġika tal-kult. Insibu diversi termini fl-Ebrajk li jesprimu t-tifsira fid-diversi aspetti tagħha, fosthom tnejn huma l-aktar komuni. Hemm il-verb '*yadah*' li jfisser titfa' (Lam 3:53); imma wkoll tfaħħar (Ġen 49:8; Sl 45:18), tiżżu ħajr (f'qima ritwali: 2Kron 30:22), tistqarr isem Alla (1Slat 8:33,35) jew id-dnubiet (Prov 28:13), u in-nom '*todah*' li jfisser radd il-ħajr b'innijiet liturġiċi (Sl 26:7; 42:5), bis-sagrifiċċju (Sl 50:14,23), jew tfaħħar (Ġoż 7:19; Esd 10:11: f'dawn iż-żewġ każi t-tifħir hu mogħti billi tagħraf jew tistqarr u tabbanduna d-dnub). Hemm ukoll il-verb '*nadar*' li jfisser twiegħed, tagħmel wegħda, taħlef (Sl 132:2; Is 19:21; Ġona 1:16) u n-nom '*neder*' li jfisser wegħda (Ġen 28:20; ukoll Is 19:21; Ġona 1:16).

Fis-LXX insibu diversi espressjonijiet biex jittraduċu dawk fl-Ebrajk. Hemm il-verb '*homologeō*' fis-sens li tagħraf, tistqarr u n-nom '*homologia*' li jfisser stqarrija, u l-verbi l-oħra '*eksomologeomai*' li jfisser tfaħħar, tirringrazzja, iżża ħajr u '*anthomologeomai*' bit-tifsira trodd ħajr, tiżżu ħajr. Irridu ninnotaw li l-espressjonijiet fil-Grieg tas-LXX mhux dejjem kellhom l-istess sens fil-Grieg profan, imma meta daħlu fis-LXX dawn l-espressjonijiet kellhom l-influss mid-dinja Ġudajka u sabu posthom f'dak l-ambjent b'tifsir ġdid. Hekk, per eżempju, l-aħħar żewġ verbi li semmejna bil-Grieg, barra mill-Bibbja jfissru tistqarr (id-dnubiet) jew tagħraf, imma qatt tfaħħar. Imma it-terminu Ebrajk '*yadah*' jista' jfisser kemm "*tagħraf* jew *tistqarr id-dnubiet*" u wkoll "*tfaħħar lil Alla*". Din il-konnotazzjoni li tfaħħar, trodd ħajr, hi oriġinali fis-LXX, sens ġdid influwenzat mill-verb Ebrajk.

### *1.1. L-Istqarrija ta' fidi fl-Antik Testment*

Fl-Antik Testment insibu l-bidu tal-istqarrijiet ta' fidi. Insibu xi espressjonijiet ta' fidi qosra u spontanji bħal "*Mulej, Alla tiegħi*" (Sl 7:2) jew "*Alla, Alla tiegħi*" (Sal 63:2). Irridu però nikkunsidraw it-tradizzjoni liturġika, partikularment dik marbuta mas-sagrifiċċji ta' radd il-ħajr ('*todah*'), biex insibu l-ewwel elementi ta' kredu. F'dan il-kuntest niltaqgħu ma' espressjonijiet li jxandru l-ħwejjeġ kbar li għamel Alla mal-poplu tiegħu li jmexxih lejn il-ħelsien. L-akbar fosthom hi l-ħelsien ta' Iżrael mill-jasar tal-Eġittu mtenni fid-Dekalogu: "*Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar*" (Eż 20:2; Dt 5:6; ukoll Lev 11:45; Num 15:41; Sl 81:11). Dan il-ħelsien jgħodd ukoll għall-individwu meta hu mhedded mill-għedewwa, imkisser minn xi diżastru jew mgħobbi b'xi ħtija (Sl 40:1-2).

Il-karattru ta' stqarrija hu espress ukoll f'kuntest storiku aktar wiesgħa (ara Ġoż 24:2-15; Sl 136; Ġtd 5:6-21). Imma l-qofol tal-istqarrija ta' fidi fl-Antik Testment insibuh fis-Shemà ("*Isma', o Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu...*"; imsawra minn Dt 6:4-9; 11:13-21; Num 15:37-41). Dawn l-istqarrijiet kollha, twal jew qosra (Dt 26:5-9), iridu jiġu mifhuma fil-kuntest tat-teoloġija tal-patt. Quddiem Alla li jmexxi l-ġrajjiet tal-poplu Lhudi, dan il-poplu jwieġeb bil-formula tal-patt li l-Mulej hu Alla tiegħu (Eż 6:7; Dt 4:7). Għalhekk l-istqarrijiet kollha jirreferu għall-ġrajjiet li seħħew fl-istorja tas-salvazzjoni u min-naħa tiegħu l-poplu jagħrafhom lil Alla u jfaħħru għall-għemejjel tiegħu.

Minbarra dawn l-istqarrijiet ta' fidi marbuta mal-għemejjel kbar ta' Alla fl-istorja tal-poplu Lhudi, hemm ukoll stqarrijiet tad-dnub. Meta Alla jikkastiga lil Iżrael, hu jagħraf id-dnub tiegħu. F'din il-miżerja li ma jistax jaħrab minnha, jistqarr ħtijietu, u ħaddieħor jara li Alla hu ġust meta jikkastiga. Bl-istqarrija jkun qiegħed jigglorifika 'l Alla, billi jagħraf li hu ġust ħdejn il-bniedem (Sl 51:6).

## 2. It-Terminoloġija tal-Istqarrija fit-Testment il-Ġdid

Fit-Testment il-Ġdid insibu l-verb '*homologeō*' 'li għandu tifsir varju: twiegħed (solennement jew b'ġurament: At 7:17; Mt 14:7); tammetti, tagħraf (Lh 11:13); tagħmel dikjarazzjoni, tiddikjara (publikament: Mt 7:23); tistqarr, li bħala terminu hu wżat f'lingwaġġ ġudizzjali (At 24:14; Ġw 1:20) u f'sens legali jfisser tagħti xhieda (Mt 10:32; Lq 12:8), jew f'sens morali (1Ġw 1:9: tistqarr id-dnubiet); imma tistqarr ukoll xi ħaġa ta' fidi (Ġw 9:22; Rum 10:9-10). In-nom '*homologia*' insibuh sitt darbiet fit-Testment il-Ġdid: darba l-istqarrija bħala azzjoni (2Kor 9:13) u fil-każi l-oħra l-istqarrija li wieħed jagħmel, il-kontenut tal-professjoni tal-fidi (1Tim 6:12-13; Lh 3:1; 4:14; 10:23). Hemm imbagħad il-verb kompost '*eksomologeomai*' li hu wżat darba fil-forma attiva fis-sens li twiegħed, tagħti kelma (Lq 22:6); insibuh però l-aktar fil-vuċi medja li jfisser tammetti, tistqarr (Filip 2:11 – *confess*, *acknowledge*), ukoll fis-sens tistqarr id-dnubiet (Mt 3:6; Mk 1:5; At 19:18), imma l-aktar fis-sens li tfaħħar (dirett lejn Alla, kif użat ħafna drabi fis-LXX: Mt 11:25; Lq 10:21; Rum 14:11). Insibu verb ieħor li hu wżat darba biss fit-Testment il-Ġdid, '*anthomologeomai*', li jfisser tfaħħar, trodd ħajr (lil Alla: Lq 2:38).

### *2.1. L-Istqarrija ta' fidi fit-Testment il-Ġdid*

Fit-Testment il-Ġdid għandna elementi skritturistiċi marbuta ma' stqarrijiet ta' fidi aktar kompleti minn dawk li nsibu fit-Testment l-Antik u li jantiċipaw dak li aktar tard issawru fi kredijiet. Hawn wieħed jista' jilmaħ dikjarazzjonijiet u stqarrijiet ta' fidi fil-bidu tal-Knisja. Il-kuntest liturġiku tal-istqarrija fl-Antik Testment jerġa' jkun ukoll il-kuntest tal-istqarrija fit-Testment il-Ġdid, li fih jirrepetu dawn l-elementi ewlenin: ir-radd il-ħajr, l-istqarrija tal-ħtijiet, u t-tnedija tal-ħelsien divin. Jekk fl-Antik Testment l-istqarrija kienet ixxandar l-għemejjel salvifiċi ta' Alla għal Iżrael, fit-Testment il-Ġdid il-qofol tal-istqarrija hu Ġesù li bih Alla wettaq il-fidwa tal-bnedmin. Din iċ-ċentralità tal-persuna ta' Ġesù, kif ukoll l-iżviluppi li seħħew fil-Knisja tal-bidu, ġabu tibdil mhux żgħir. Tant li kull stqarrija għandha b'xi mod rabta ma' deċiżjoni li ssir għal Kristu. Fl-użu tat-terminu '*homologeō*' fit-Testment il-Ġdid, hemm dejjem implikazzjoni Kristoloġika qawwija (Rum 10:8-10; Fil 2:11; 1Tim 6,12,13; 1Ġw 4:2,3).

### *2.2. L-Istqarrija ta' Ġesù u tad-dixxiplu*

Ġesù jagħti l-eżempju l-kbir tal-istqarrija: "*Kristu Ġesù li xehed u għamel l-istqarrija sabiħa quddiem Ponzju Pilatu*" (1Tim 6:13; ara wkoll Apk 1:5; 3:14 li jitkellem minn "*xhud fidil*"). Ninnotaw hawn ir-relazzjoni mill-qrib bejn iż-żewġ termini "*xhieda*" u "*stqarrija*" (1Tim 6:12,13; Ġw 1:19,20). Ix-xhieda li Ġesù ta fil-proċess dwar is-sejħa messjanika tiegħu quddiem il-qassis il-kbir (Mk 14:62) u quddiem Pilatu (Mk 15:2), hi f'kuntrast max-xhieda qarrieqa li taw x'uħud li kienu jopponuh (Mk 14:56) u ċ-ċaħda tad-dixxiplu (Mk 14:68,70). Hija meqjusa bħala stqarrija li tikkonsisti fid-dikjarazzjoni solenni illi Ġesù hu l-Messija, Bin Alla (Mk 14:62; ara Mk 8:29; Mk 15:39; Mt 27:54; Ġw 11:27). Hija sabiħa mhux għax għandha qawwa persważiva – difatti dawk li semgħuh ma kienux persważi –, imma għax hi mitluba minn Alla u l-bniedem iwettaq dan il-kmand. Hawn Ġesù jagħti xhieda tal-verità (Ġw 18:37). Barra minn hekk l-istqarrija ta' Ġesù, li fiha qed jirrivela xi ħaġa moħbija, hija pronunċjata quddiem l-awtoritajiet, għalhekk l-istqarrija hija ġrajja pubblika.

Din l-istqarrija ta' Ġesù hi riflessa minn diversi aspetti fl-istqarrija tan-Nisrani li jrid ikun dixxiplu tiegħu. Id-dixxiplu ta' Ġesù jrid jagħmel stqarrija fil-pubbliku, "*quddiem ħafna xhieda*" (1Tim 6:12), probabbilment bħala stqarrija batteżimali mtennija fir-rit liturġiku tal-magħmudija jew forsi, kif isostnu x'uħud, fl-ordinazzjoni. Id-dixxiplu jrid jagħti wkoll xhieda bl-istqarrija tiegħu fil-pubbliku meta hu mitlub jagħmel hekk: bħal Ġwanni l-Battista fil-bidu tal-ministeru tiegħu (Ġw 1:20) jew

Pawlu fid-diskors tiegħu quddiem Feliċ il-prokuratur Ruman (At 24:14). Imma l-istqarrija tad-dixxiplu trid turi fuq kollox il-lealtà tiegħu lejn Ġesù fil-pubbliku. Dan jista' jinvolvi ostakli u riskju li jkun imwarrab anke fuq livell reliġjuż u soċjali bħalma ġara lill-ġenituri tar-raġel għama (Ġw 9:22) u lil ħafna mill-kapijiet (Ġw 12:42) li kienu mhedda bit-tkeċċija mis-sinagoga. Li tagħti jew tirrifjuta li tagħti xhieda, tqiegħed lid-dixxiplu taħt il-wegħda jew il-kundanna eskatoloġika (Mt 10:32; Lq 12:8).

Xi drabi l-istqarrija toħroġ bħala risposta għal mistoqsija. Ix-xhieda li Ġwanni l-Battista ta lill-awtoritajiet Lhud qiegħda fil-forma ta' konverżazzjoni, b'alternanza ta' mistoqsija u risposta (Ġw 1:19-34). Insibu konverżazzjonijiet oħra simili ma' Ġesù li fihom il-mistoqsija ta' Ġesù twassal għal espressjoni fil-forma ta' stqarrija (mingħajr t-terminu '*homologia*'). F'Ċesarea ta' Filippi, Xmun Pietru jistqarr ma' Ġesù: "*Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj*" (Mt 16:16; Mk 8:29; Lq 9:20). Hekk ukoll fil-konverżazzjoni li Ġesù kellu ma' Marta wara l-mewt ta' Lazzru, hu jistaqsiha u hi għamlet stqarrija simili (Ġw 11:27).

### 3. It-Tiswir tal-Istqarrijiet fil-Knisja

Qabel ngħaddu għall-istqarrijiet propji, inħarsu fil-qosor lejn il-proċess li kien għaddej fil-Knisja primittiva biex jissawwar bil-mod il-mod il-qafas tal-elementi essenzjali tat-twemmin Nisrani li sa mill-bidu kien jinkludi diversi formuli ta' stqarrijiet qosra u sempliċi. Ma rridux ninsew li fil-ħajja tal-Knisja tal-bidu kien hemm aspetti oħra importanti, bħalma huma dawk ta' natura liturġika u pastorali li kienu jikkontribwixxu f'dan l-istess proċess. Jekk inħarsu lejn il-knejjes Pawlini li kienu jinsabu mdawra minn ambjent pagan, iżda mgħammra bit-twemmin tal-Evanġelju, kellhom il-missjoni li jkomplu jipprietkaw dan it-twemmin fl-ambjenti tagħhom biex jiġbdu nies ġodda magħhom u jgħallmuhom it-twemmin Nisrani.

Dan it-twemmin Nisrani kien imsejjaħ b'espressjonijiet varji kif insibu fl-ittri Pawlini: "*il-fidi*" (Gal 1:23; Kol 2:7; Ef 4:5; ara wkoll Ġud 3,20), "*il-kelma*" (1Tes 1:6; Gal 6:6; Fil 1:14: xi testi jżidu "*ta' Alla*" jew "*tal-Mulej*"), "*il-kelma ta' Alla*" (1Kor 14:36), "*il-kelma tal-Mulej*" (2Tes 3:1), "*il-kelma tas-sewwa*" (Kol 1:5; "*il-verità*": 2Tes 2:13), "*il-kelma tal-ħajja*" (Fil 2:16), "*l-Evanġelju*" (2 Tes 2:14; Gal 2:2; 1Kor 15:1; Rum 1:16; 16:25; Fil 1:7,27), u "*l-predikazzjoni*" (1Kor 1:21; Rum 16:25). Pawlu jkompli iħeġġeġ lill-Insara ta' żmienu biex din "*l-għamla ta' tagħlim*" (Rum 6:17) isostnuha kif tgħallmuha (2 Tes 2:15; Kol 2:7) u jżommu sħiħ "*fit-tradizzjonijiet*" (2Tes 2:15) mgħallma lilhom skont il-prinċipju rabbiniku tal-'paradosis' ('irċevejt u għaddejt': 1Kor 11:23; 15:3). Dan it-tagħlim u t-tradizzjonijiet li kienu għaddejjin fil-Knisja tal-bidu jiffurmaw il-kontenut tal-professjoni tal-fidi, dak li fi kliem l-awtur tal-Ittra lil-Lhud hu deskritt bħala "*l-istqarrija*" ('*homologia*': Lh 3:1; 4:14; 10:23; ara 1Tim 6:12).

Kull stqarrija Kristjana fit-Testment il-Ġdid għandha bħala l-bidu ewlieni tagħha l-proklamazzjoni ta' Kristu li twassal għall-ubbidjenza tal-fidi (Rum 1:5; 16:26). Dan jista' jingħad kemm fuq livell storiku u anke fuq livell teoloġiku. Il-Knisja ta' żmien l-Appostli kienet tagħraf il-ħtieġa li wieħed għandu jistqarr lil Ġesù. Difatti Pawlu jagħmel riferenza għar-relazzjoni bejn fidi u stqarrija (Rum 9:10-11 fejn jesponi Dt 30:14; 2Kor 4:13).

L-aktar stqarrijiet elementari huma t-titli Kristoloġiċi mogħtija lil Ġesù, li huma mifruxa fit-Testment il-Ġdid kollu. Insemmu fosthom "*Kristu*", "*Mulej*" u "*Bin Alla*" li kienu fl-użu kontinwu. Jeżistu titli oħra li għandhom tradizzjoni evanġelika u wħud minn dawn komplew fl-użu tagħhom fil-Knisja tal-bidu. Xi drabi dan sar mhux direttament bl-istess titlu, imma permezz ta' espressjoni ekwivalenti, bħal fil-każ ta' "*Bin David*", li kien titlu mogħti lil Ġesù min-nies (Mk 10: 47-48; Mt

9:27; Lq 20:41), imma fil-Knisja tal-bidu kompla b'espressjonijiet simili (2Tim 2:8: "*min-nisel ta' David*"; Apk 5:54; 22:16). Oħrajn ma baqgħux fl-użu bħala stqarrija, hekk per eżempju "*Bin il-Bniedem*", minkejja li Ġesù nnifsu kien jużah għalih stess (Mt 8:20; Lq 21:27). Insibu mbagħad titli ġodda, fosthom it-titlu divin "*Alla*" ('*theos*') li kien applikat għal Kristu f'rabta ma' formuli liturġiċi (Rum 9:5 hi dossoloġija; Tit 2:13). Minbarra t-titli Kristoloġiċi, insibu mbagħad dikjarazzjonijiet ta' stqarrija li jikkonsistu fi propożizzjoni waħda jew anke fi tnejn, partikularment dawk li jirreferu għall-mewt u l-qawmien ta' Kristu, kemm fil-predikazzjoni tal-Appostli u kif ukoll fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid.

### 3.1. *Fl-Atti tal-Appostli*

Fl-Atti tal-Appostli nistgħu niflu mill-qrib dawn l-istqarrijiet fil-kontenut tal-predikazzjoni tal-Appostli, u għalkemm it-terminu stqarrija ma jintużax fis-sens tekniku tiegħu, però nsibu diversi espressjonijiet jew propożizzjonijiet b'dikjarazzjoni Kristoloġika. Ewlenin fosthom hi li Ġesu hu l-Messija ('*Christos*'), li nsibuha fil-predikazzjoni kemm tal-Appostli f'Ġerusalemm (At 5:42) u wkoll ta' Pawlu fis-sinagogi ta' Damasku (9:20), Tessalonika (17:3) u Korintu (18:5) u anke ta' Apollo (18:28). Insibu wkoll formula oħra kważi toqrob għal dik l-aktar familjari fit-Testment il-Ġdid: "Ġesù hu l-Mulej". Hi wżata l-aktar fil-predikazzjoni indirizzata partikularment lejn il-ġentili (lill-Griegi f'At 11:20; lil Kornelju ċ-ċenturjun f'10:36) u turi lil Ġesù bħala Mulej imqajjem mill-mewt i.e. irxoxtat u eżaltat, li kienet tifforma l-qofol tal-messaġġ Pawlin fost il-ġentili. Dan it-titlu nsibuh fl-ewwel diskors ta' Pietru, imtenni bħala konsegwenza tal-qawmien flimkien mat-titlu ta' Messija: "*Dan Ġesù li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija*" (At 2:36).

Għandna titlu ieħor fi propożizzjoni waħda li hu rari fl-Atti, meta jgħid li Pawlu kien ixandar lil Ġesù fis-sinagogi ta' Damasku billi jgħid "*dan hu l-Iben ta' Alla*" (9:20). Hawn jidher li Luqa qed joqgħod fuq tradizzjoni Pawlina. Fl-istorja tal-ewnuku mill-Etjopja hemm kwotazzjoni miġjuba minn xi manuskritti, probabilment mhijiex fit-test oriġinali, fejn hu jwieġeb bi stqarrija "*Jiena nemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla*" (At 8:37). Jista' jkun li din l-istqarrija kienet sa mill-bidu ssir fir-rit antik tal-magħmudija u mbagħad daħlet fit-test. Ladarba kienet issir xi forma ta' tagħlim kateketiku bħala tħejjija għal dawk li kienu ser jirċievu l-magħmudija, nistgħu naħsbu li dan kien wieħed mill-fatturi fl-iżvilupp tal-formuli tal-istqarrrija fil-Knisja tal-bidu.

Fl-Atti nsibu diversi stqarrijiet Kristoloġiċi b'aktar minn propożizzjoni waħda li jirreferu għall-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. "*U qtiltu lill-Awtur tal-ħajja, imma Alla qajmu mill-imwiet, u ta' dan aħna xhieda*" (At 3:15; ara wkoll testi oħra li jinkludu elementi ulterjuri tal-fidi: 2:22-24; 4:10; 5:30-31: "*...Alla għollieh bil-leminija tiegħu u għamlu kap u salvatur, biex jagħti lil Iżrael l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet*"; 10:39-40: "*...fit-tielet jum...*"; 17:2-3: "*...fuq l-Iskrittura...*"; 26:23). Spiss tissemma wkoll ix-xhieda (At 3:15; 5:30-32; 10:39-40). Insibu wkoll formuli Kristoloġiċi li l-karattru tagħhom bħala stqarrija jidher mill-użu tal-konġunzjoni "*hoti*" li tfisser "li', 'illi'. Din il-konġunzjoni hija wżata wara verb ta' kelma jew ħsieb biex tintroduċi propożizzjoni li tikkonsisti fi kliem li ntqal jew maħsub fil-forma ta' diskors indirett. Fost dawn insibu diversi stqarrijiet, uħud jirreferu għall-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Nagħtu eżempju: "*Mela ħa jkun jaf fiż-żgur il-poplu kollu ta' Iżrael li Alla għamlu Mulej u Messija lil dan Ġesù, li intom sallabtuh*" (At 2:36; ara testi oħra bl-użu ta' din il-konġunzjoni: 4:10; 9:20; 10:42; 17:2-3).

Ġesu hu mogħti wkoll it-titlu ta' "*mħallef tal-ħajjin u tal-mejtin*" (At 10:42; ara wkoll 17:31). Dan juri l-universalità tal-ħaqq tiegħu billi hu Mulej ta' kulħadd (10:36).

### *3.2. Fl-ittri Pawlini*

Fl-ittri Pawlini l-formula tal-istqarrija ewlenija l-aktar familjari hija "Ġesù hu l-Mulej" (‘*kyrios Iesous*'). Jekk id-dikjarazzjoni Kristoloġika "Ġesù hu l-Messija" kienet l-aktar fost il-Lhud Insara, din tal-"Kyrios" hi aktar komuni fost l-Insara mill-ġentilità. Minkejja dan irridu nosservaw li għalkemm l-emfasi fil-Kristoloġija Pawlina għaddiet mill-Messija (Kristu) għall-Mulej, it-titlu oriġinali ta' Messija baqa' jintuża fit-titli "*Ġesù Kristu*" jew "*Kristu Ġesù*". Din il-formula qasira nsibuha xi drabi ppreċeduta mill-konġunzjoni "li/illi" (‘*hoti*': 1Kor 12:3; 15:3-7 erba' darbiet; Fil 2:11; Rum 10:9 f'xi kodiċi bħal B) jew akkumpanjata mill-verb tal-istqarrija *(‘homologeō*' (Rum 10:9); ukoll ‘*eksomologeō*': Fil 2:11), għalkemm ħafna drabi hu nieqes (1Kor 8:6; 12:3; Lh 13:20). Pawlu jisħaq mal-Insara billi jgħidilhom *"li ħadd, hu u jitkellem bl-Ispirtu ta' Alla, ma jista' jgħid: "Misħut Ġesù", u ħadd ma jista' jgħid: "Ġesù hu l-Mulej" jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu*" (1Kor 12:3; ara wkoll 16:22). X'inhu l-kuntest ta' dan il-kliem l-Appostlu ma jgħidx, imma l-fatt li l-frażi tal-istqarrija (batteżimali) hija kkuntrastjata mal-frażi tas-saħta, jista' jkun li l-Insara kienu mġarrba. Xi drabi dan it-tiġrib jieħu forma ta' persekuzzjoni li għenet biex tinfluwenza fl-iżvilupp tal-istqarrijiet. L-Imperu Ruman kien imbotta l-kult tal-imperatur biex iċ-ċittadini joffru s-sagrifiċċju lill-imperatur u jqisuh bħala Mulej. Min-naħa l-oħra l-Insara kienu konvinti li Ġesù hu l-uniku Mulej (‘*kurios*') u dan seta' wassalhom għall-stqarrija ta' ismu quddiem l-awtoritajiet. Min hawn wieħed jifhem ir-relazzjoni bejn l-istqarrija ta' Ġesù u x-xhieda tal-martirju.

Pawlu jgħid ukoll: "*Jekk inti tistqarr b'fommok, "Ġesù hu l-Mulej", u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva. Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u jistqarr b'xufftejh biex ikollu s-salvazzjoni.*" (Rum 10:9-10). Hawn Pawlu filwaqt li jinterpreta Dt 30:14 (ikkwotat f'Rum 10:8), jirreferi għar-rabta li hemm bejn il-fidi u l-istqarrija (ara wkoll 2Kor 4:13). L-istqarrija tal-Insara tal-bidu hi mfissra li turi s-sinjorija ta' Kristu u kienet miżmuma b'mod għoli (ara Rum 10:13: "*Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva*", ara Ġoel 3:5) bħalma kienet l-istqarrija tax-‘Shemà' fil-Ġudajiżmu tardiv. Tant li din l-istqarrija hi mqiegħda taħt l-aspett ta' responsabilità eskatoloġika (2Kor 4:14) u bħala wegħda ta' salvazzjoni eskatoloġika (Rum 10:9-10). Il-kuntest ta' dan il-kliem hu ġeneralment relatat mal-magħmudija. Insibu diversi drabi mtenni li r-rit tal-magħmudija kien isir "*f'isem il-Mulej Ġesù*" (At 8:16; 19:5; 1Kor 6:11) u dan donnu jindika li din il-formula tal-istqarrija kienet tagħmel parti minnu. Mela dawk li daħlu ġodda fil-fidi mhux biss jistqarru twemminhom fi Kristu l-Mulej u jilqgħuh biex jgħixu din il-ħajja ġdida magħqudin miegħu (Kol 2:6), imma jaslu biex jagħtu qima lil Kristu rxoxtat.

Fil-kuntest tal-qima pprattikata fil-Knisja tal-bidu nsibu l-istqarrijiet tal-fidi tal-Insara u dan l-istess ambjent influwixxa wkoll il-forom tal-istqarrija. Din il-qima fil-knejjes Pawlini lejn Kristu l-Mulej li kien imsallab imma ħaj, bl-istennija tal-miġja tiegħu, tidher b'mod ċar fl-istqarrija batteżimali "*Ġesù hu l-Mulej*" (Rum 10:9-10; ara Ef 5:26) u fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ikla tal-Mulej li Pawlu jinterpreta bħala "*xxandru l-mewt tal-Mulej*" f'kuntest eskatoloġiku (1Kor 11:26). Meta jitkellem mill-Ikla tal-Mulej, Pawlu jirreferi għall-‘paradosis', irċevejt u għaddejt, u qed jindika stqarrija liturġika tradizzjonali (ara wkoll 1Kor 15:3-7). Jista' jkun ukoll li t-tradizzjoni liturġika Lhudija tas-Shemà (Dt 6:4: l-istqarrija ta' fidi ta' Iżrael fis-sinjorija (*lordship*) ta' Alla) influwenzat il-formulazzjoni tal-istqarrija: "*Ġisem wieħed u ruħ waħda... Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda; Alla wieħed u Missier ta' kulħadd*" (Ef 4:4-6); "*Għalina Alla wieħed hemm: il-Missier li minnu ġej kollox u aħna bih neżistu, u wieħed Mulej: Ġesù Kristu, li permezz tiegħu sar kollox u aħna għalih neżistu*" (1Kor 8:6). Pawlu jinseġ f'unità "Alla wieħed" u "Mulej wieħed". L-istqarrija fis-sinjorija ta' Kristu għandha fil-viżjoni tagħha l-qawmien u l-eżaltazzjoni (Rum 10:9; Fil 2:11).

Fil-kitbiet Pawlini nosservaw żvilupp li minn formula sempliċi tiżdied magħha parti oħra, dejjem bil-verb qajjem (*'egeirō'*), fis-sens ta' qajjem jew tqajjem mill-mewt. Meta l-verb hu użat fl-attiv ('qajjem': tnax-il darba) is-suġġett hu Alla u l-oġġett dirett hu dejjem l-istess persuna, ivarja però t-titlu: *"Ġesù"* (Rum 8:11; 1Tes 1:10), *"Kristu"* (1Kor 15:15; Ef 1:20; Kol 2:12), *"Kristu Ġesù"* (Rum 8:11; Gal 1:1 tirreferi għal *"Ġesù Kristu"*); *"il-Mulej"* (1Kor 6:14), *"Ġesù l-Mulej"* jew *"il-Mulej Ġesù"* (Rum 4:24; 10:9; 2Kor 4:14). Imma meta l-verb hu fil-passiv ('imqajjem': tlettax-il darba) is-suġġett hu dejjem 'Kristu' (Rum 6:4,9; 7:4; 8:34; 1Kor 15:4,12,13,14,16,17,20; 2Kor 5:15, minbarra Rum 4:25). *"Nemmnu f'dak li qajjem mill-mewt lil Ġesù, Mulej tagħna, li kien mogħti għall-mewt għal dnubietna, u mqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna"* (Rum 4:24-25). Dan hu t-test kardinali fejn tispikka il-karatteristika ta' Pawlu li jgħaqqad il-mewt ta' Kristu u l-qawmien bħala ġrajja salvifika (1Tes 4:14; 1Kor 15: 12,17,20-21; Fil 2:9-10; Rum 8:34; 10:9-10).

Pawlu jagħtina wkoll stqarrijiet aktar fit-tul bħala kredu fil-qosor. Dan hu l-każ ta' 1Kor 15:3-7, li Pawlu jiddeskrivi bħala *"l-Evanġelju li xandarnielkom u li intom ilqajtu u li fih qegħdin iżżommu sħiħ"* (v. 1; ara v.11). Lanqas mhi ħolqien tiegħu, imma jirreferi għaliha bħala 'paradosis' (v. 3) li tindikaha bħala stqarrija tradizzjonali f'kuntest liturġiku. It-test jikkonsisti f'erbgħa dikjarazzjonijiet sommarji kull waħda tibda bil-konġunzjoni '*hoti*' ("li": tlieta minnhom jibdew '*kai hoti*' i.e. "*u li*"):

v. 3 *"li Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura*
v.4 *u li difnuh*
*u li qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura,*
v.5 *u li deher li Kefa, u mbagħad lit-Tnax.* v. 6 *Deher imbagħad lil aktar minnn ħames mitt aħwa flimkien. Ħafna minnhom għadhom ħajjin sa llum; xi wħud minnhom raqdu.* v. 7 *Mbagħad deher lil Ġakbu u lill-appostli kollha*".

Versi 3b-5 jiffurmaw kredu antik li ċertament oriġina f'xi komunità Palestinjana. V.6 forsi żdieda ta' Pawlu biex jenfasizza dwar ix-xhieda li wieħed għadu jista' jistaqsihom. V.7 hu wkoll framment tradizzjonali li jservi ta' pont biex imbagħad dritt jitkellem dwar l-esperjenza personali tiegħu fil-parti li tmiss (v.8-10).

F'rabta ma' dawn il-formuli ta' stqarrijiet, il-Knisja tal-bidu eleborat riflessjoni dottrinali approfondita fejn id-diskors hu ppreżentat fil-forma djalettika (membri opposti) bħalma nsibu f'dan il-framment tal-kerigma primittiv: *"Dwar Ibnu Ġesù Kristu Sidna li, skont it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David, u skont l-Ispirtu s-Santu, ġie rivelat bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet"* (Rum 1:3-4). Fil-Vanġelu Ġesù kien imsejjaħ *"Bin David"* (Mt 12:23; Mk 10:47-48; Lq 18:38-39), imma barra l-Vanġeli ma nsibux dan it-titlu, iżda nsibu espressjonijiet ekwivalenti (2Tim 2:8; Apk 5:5: *"ir-Rimja ta' David"*; 22:16). Hawn f'dan it-test, filwaqt li jafferma d-dixxendenza Davidika, irid juri permezz tal-espressjonijiet opposti ('skont il-ġisem' u 'skont l-Ispirtu s-Santu'; 'min-nisel ta' David' u 'l-Iben ta' Alla') li bil-qawmien tiegħu Ġesù sar aktar minn Bin David, imma Iben ta' Alla bil-qawwa. Pawlu probabilment fehem bħala li hu kien mgħolli fuq it-tron fil-lemin ta' Alla bħala mexxej kożmiku, kunċett li jgħaddi bil-bosta l-aspettattiva ta' Messija bħala sultan universali fuq l-art. Test simili hu 1 Pt 3:18-22 li hu riflessjoni dottrinali probabilment kompost minn stqarrija ta' fidi (v. 18,22) u katekeżi batteżimali (v. 19-21) fil-kuntest ta' eżortazzjoni biex l-Insara jibqgħu fidili. Hawn ukoll fl-istqarrija insibu l-użu tad-djalettika fl-espressjonijiet 'kien mogħti l-mewt fil-ġisem' u 'imma ħa l-ħajja fl-ispirtu'.

Fattur ieħor li kellu effett fl-iżvilupp tal-istqarrija tal-fidi kien l-oppożizzjoni li l-knejjes Pawlini – imma dan jgħodd ukoll għal knejjes oħra – kellhom iħabbtu wiċċhom mal-Lhud li baqgħu jiddiskutu u anke b'kuntrasti internament dwar it-twemmin Kristjan. L-istqarrijiet ta' fidi ta' natura innika li tfaċċaw kienu pjuttost indirizzati għas-sitwazzjonijiet emerġenti u biex jirrispondu għall-kunċetti u

ideat dottrinali, partikularment dawk Kristoloġiċi li ma kienux konsonanti mat-twemmin ġenerali tal-Knisja tal-bidu. Insibu għalhekk espożizzjonijiet aktar fit-tul ikkaratterizzati bħala kerigma primittiv jew innu Kristjan primittiv li probabilment ilkoll kellhom l-oriġni tagħhom fil-liturġija. Fl-ittri Pawlini u oħrajn insibu li dawn l-innijiet, fil-lingwaġġ, fl-istil u fil-ħsieb tagħhom jiddistingwu mill-bqija tal-kitba b'indikazzjoni qawwija ta' oriġni minn stadju anterjuri. Dawn l-innijiet Kristjani primittivi huma: Fil 2:6-11; Kol 1:15-20 u 1Tim 3:16 li fihom hi murija l-awtorità kożmika ta' Kristu fuq il-qawwiet demonijaċi. Ma' dawn l-innijiet inżidu wkoll l-innu Kristjan primittiv f'1Pt 2:22-25 mibni fuq Is 53:4-12. Fir-rispons Pawlin tidher ukoll stqarrija bl-affermazzjoni fis-sinjorija ta' Kristu preeżistenti (1 Kor 10:4; Fil 2:6; 2Kor 8:9) u eżaltat (Fil 2: 9-11; Rum 1:3-4).

### *3.3. Fil-Kitbiet ta' Ġwanni*

Fil-Vanġelu u fl-ittri ta' Ġwanni l-Appostlu nsibu espressjonijiet fil-forma ta' stqarrija. Dawn jidhru kemm bl-użu tal-verb tistqarr ('*homologeō*'), bil-konġunzjoni "li" ('*hoti*') jew użata sempliċement bħala formula introduttorja biex tintroduċi diskors dirett u anke bl-użu ta' xi kostruzzjonijiet grammatikali (bħall-użu tal-akkużattiv doppju u tal-verb fl-infinit).

Fil-bidu tal-Vanġelu ta' Ġwanni għandna l-użu tal-verb 'tistqarr' ('*homologeō*' darbtejn) f'antitesi għall-verb oppost 'tiċħad' ('*arneomai*'), flimkien mal-formula introduttorja '*hoti*': "*Hu stqarr, u ma ċaħadx, imma stqarr: 'Jien m'niex il-Messija'*." (Ġw 1:20) Hawn Ġwanni qed jiddikjara u jafferma; imma jekk ninterpretaw dan fid-dawl tal-vanġelu u tat-teoloġija Ġovanneja, wieħed jista' jara dawn id-dikjarazzjonijiet bħala xhieda għal Kristu kif murija bil-kelmiet 'tixhed' u 'xhieda' (ara Ġw 1:7,15,19).

Fil-Vanġelu ta' Ġwanni kif ukoll fl-ittri tiegħu għandna diversi formuli ta' stqarrija. Il-formula ta' stqarrija primittiva li Ġesù hu l-Kristu (Messija) hi frekwenti fil-Vanġelu (Ġw 1:20,41; 3:28; 4:25, 29; 7:26,27,41; 9:22; 10:24; 11:27; 12:34; 20:31; f'żewġ każi, 1:41 u 4:25 għandna t-titlu Messija li hu mfisser bħala Kristu) u nsibuh ukoll fl-ittri (1Ġw 2:22; 5:1; 2Ġw 7). Għandna mbagħad formula oħra frekwenti bl-istqarrija li Ġesù hu l-Iben ta' Alla kemm fil-Vanġelu (Ġw 1:34,49; 6:69 u 9:35 (f'xi manuskritti); 10:36; 11:4,27; 19:7; 20:31) u anke fl-ittri (1Ġw 3:8; 4:15; 5:5,12,13,20). Dawn iż-żewġ formuli li semmejna jidhru li huma identiċi. Nistgħu nsemmu tliet testi bl-użu tal-verb temmen segwit bil-konġunzjoni "li": Ġw 11:27; 20:31: "*Sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla*"; u f'1Ġw 5:5-6: "*Għax min hu dak li jegħleb lid-dinja, jekk mhux min jemmen li Ġesù hu l-Iben ta' Alla? Dan huwa dak li ġej bl-ilma u d-demm, Ġesù Kristu*".

L-ittri ta' Ġwanni juru li fil-komunità Ġovanneja kien hemm xi elementi li kienu qed jersqu lejn l-ereżija. Dan wassal għal reazzjoni kontra dan it-tagħlim żbaljat li kien qed jixtered fil-komunità permezz ta' formuli ta' stqarrija li jirriflettu l-istqarrija Kristjana primittiva. "*Min hu l-giddieb jekk mhux min jiċħad li Ġesù hu l-Messija? Dan hu l-antikrist, li jiċħad lill-Missier u lill-Iben*" (1Ġw 2:22). L-ispirtu ta' Alla jwassal għall-istqarrija "*li Ġesù Kristu sar bniedem*"; dan hu f'kuntrast qawwi mal-ispirtu tal-antikrist li ma jistqarrx (1Ġw 4:2-3; ara 2Ġw 7; Ġw 1:14). Ġwanni jinsisti fuq il-fatt li tistqarr jew tiċħad: "*Kull min jiċħad lill-Iben, anqas lill-Missier ma għandu; u min jistqarr lill-Iben, għandu lill-Missier ukoll*" (1Ġw 2:23). B'dan il-binomju jidher li teżisti kwistjoni Kristoloġika: il-fatt li min-naħa l-verità tat-tagħlim qed tkun ikkuntestata u miċħuda u min-naħa l-oħra l-istqarrija turi li wieħed qed jemmen u jipproklama fl-affermazzjoni Kristoloġika antieretika. Din l-istqarrija hija affermazzjoni fil-verità storika tal-opra salvifika ta' Alla permezz ta' Ġesù Kristu.

# It-Tieni Taqsima: Għajnuna għat-talb personali jew fi grupp

## 4. LECTIO DIVINA TAL-VANĠELI TAL-ĦDUD TAL-AVVENT (Sena Ċ)

**Dun Alex Refalo**

### 1. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

***"Ishru, mela, u itolbu l-ħin kollu." (Lq 21,36)***

Fil-qalb ta' kull bniedem hemm dejjem l-istennija ta' xi ħaġa li tista' tiġri, hija t-tensjoni bejn żewġ estremi – tista' tiġri xi ħaġa sabiħa u daqstant ieħor xi ħaġa kerha. Dak li jiġri jew li se jiġri jista' jkun sinjal ta' biża' jew ta' tama. Hemm ġewwa fija Iżrael fl-eżilju u Ġerusalemm mimlija bil-wegħdiet, jiġifieri li Alla li ġie f'Ġesù jibqa' dejjem dak li jiġi, u dan li għadna nistennew.

**BIŻA' – "U jkun hemm sinjali fix-xemx u l-qamar u l-kwiekeb,. Il-ġnus fuq l-art, b'qalbhom ittaqtaq… in-nies ruħhom ħierġa bil-biża'…għax il-qawwiet tas-sema jitqallbu" (v.25-26)**

- l-għarfien tal-limiti, tad-dgħufijiet u l-esperjenzi kontinwi ta' fallimenti u d-dnub
- meta nirrealizza li kull ħaġa 'żgura' marbuta ma' din id-dinja – qawwa, kobor, saħħa, stagħġib (xemx, kwiekeb…), trid illum jew għada titqalleb, tispiċċa
- meta nsib ruħi quddiem il-verità li dak li qabel kont inqisu bħala 'tajjeb' irid jerġa' jiġi revedut: *"Meta kont tarbija, kont nitkellem ta' tarbija, nħoss ta' tarbija, naħseb ta' tarbija. Meta sirt raġel warrabt dak li hu ta' tarbija."* (1 Kor 13,11)

**TAMA – "mbagħad jaraw lil Bin il-bniedem ġej fi sħab, b'qawwa u glorja kbira" (v.27)**

**"Bin il-bniedem" minn banda juri kemm Alla huwa qrib il-bniedem:**

- *"Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob, u tgħidu, 'Araw, xi bniedem wikkiel u sakranazz, ħabib tal-pubblikani u l-midimbin'."* (Lq 7,34)
- *"Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu"* (Lq 9,58)
- *"Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalvu l-mitluf"* (Lq 19,10)
- *"Bewsa għażilt Ġuda, biex tittradih lil Bin il-bniedem"* (Lq 22,48)
- *"Għax (lil Bin il-bniedem) se jagħtuh f'idejn il-pagani u jiddieħku bih, iżebilħuh u jobżqulu fuqu, jagħtuh is-swat u joqtluh, (u fit-tielet jum iqum mill-imwiet)"* (Lq 18,32-33).

**Mill-banda l-oħra huwa dak mimli "b'qawwa u glorja kbira":**

- *"Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art – qal lill-mifluġ - 'Qum, qiegħed ngħidlek, aqbad friexek u mur lejn darek'."* (Lq 5,24)
- *"Bin il-bniedem huwa sid is-Sibt ukoll."* (Lq 6,5)
- *"U ngħidilkom li kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li huwa miegħi, Bin il-bniedem ukoll jistqarr li huwa miegħu quddiem l-anġli ta' Alla."* (Lq 12,8).
- Il-misteru Paskwali huwa minnu nnifsu magħġun mal-biża' u t-tama – mal-fallimenti, id-dgħufija u l-qawwa: *"Għall-ħabta tas-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-*

*disgħa siegħa, għax ix-xemx iddallmet. Il-velu tas-santwarju ċċarrat min-nofs. Mbagħad Ġesù għajjat għajta kbira u qal, "Missier, f'idejk nerħi ruħi"'* (Lq 23,44-46).

**"Oqogħdu attenti, u qisu li l-ikel u x-xorb żejjed u s-sokor ma jmewwtulkomx qalbkom, u tħallux li l-ħafna tħassib għall-ħtiġiet tal-ħajja jeħdilkom raskom, li ma ssibuhx dak il-Jum quddiemkom għal għarrieda."** (v.34)

- **"il-ħafna tħassib għall-ħtiġijiet tal-ħajja jeħdilkom raskom"** – *"Marta kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol…'Int taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ"* (Lq 10,40-41): *"Dawk li jaqgħu qalb ix-xewk huma dawk li jisimgħu, iżda aktar 'il quddiem l-inkwiet żejjed u l-għana u l-pjaċiri tal-ħajja joħnoqhom u l-frott tagħhom ma jsirx"* (Lq 8,14).

- **"qisu li l-ikel u x-xorb żejjed u s-sokor ma jmewwtulkomx qalbkom"** – *"mbagħad ngħid lili nnifsi, Ruħi, għandek ħażna kbira ta' ġid għal bosta snin, mela strieħ, kul, ixrob, ixxala!"* (Lq 12,19). *"U s-saħħara qalu lill-Fargħun – 'Is-sebgħa ta' Alla dan!" Iżda qalb il-Fargħun twebbset u ma tahomx widen"* (Eż 8,15). Huwa meta tisker fix-xogħol, fil-ħidmiet li tkun twettaq, fil-poter… *"U tiskrux bl-inbid" (Ef 5,18), bl-"nbid li (suppost iservi biex) jferraħ qalb il-bniedem"* (Salm 104,15).

- **"ma ssibuhx … quddiemkom għal għarrieda".** *"Għax jekk ma tistenbaħx, niġik bħal ħalliel, bla ma tkun taf is-siegħa li fiha niġik"* (Apok 3,3). *" Iżda qallu Alla, 'Iblah li int! Dan il-lejl stess jitolbuk ruħek lura! U l-ħwejjeġ li ħejjejt għalik ta' min jkunu"* (Lq 12,20). *"Meta kulħadd jibda jgħid 'Sliem u mistrieħ, dak il-ħin stess, bħall-uġiegħ fuq mara li tkun waslet għall-ħlas, tiġi fuqhom għal għarrieda l-qerda u ma jeħilsu b'xejn"* (1 Tess 5,3), *"sid dak il-qaddej jasal f'jum li hu ma jkunx jistennieh, f'siegħa li fiha jieħdu għal għarrieda"* (Mt 24,50). *"Kienu jieklu, jixorbu, jiżżewġu u jżewwġu, sa dakinhar li Noe' daħal fl-arka, mbagħad ġie d-dulluvju u qeridhom ilkoll"* (Lq 17,27). *"Il-bniedem ma jafx xħin tasal sigħetu, bħall-ħut li jidħol f'xibka qarrieqa, bħat-tajr li jinqabad fix-xbiek, hekk jinqabdu l-bnedmin minn siegħa ħażina x'ħin tiġi fuqhom għal għarrieda"* (Koħ 9,12). Kull mument ta' aljenazzjoni isir il-mument meta wieħed jitlef il-Mulej.

**"Ishru, mela, u itolbu l-ħin kollu, biex tkunu tifilħu tgħaddu minn kull ma għandu jiġri u tieqfu quddiem Bin il-bniedem."** (v.36)

- **"tieqfu"** – huwa l-atteġjament quddiem l-imħallef ta' min jaf li mhuwiex ħati.

Ġesù qed jitlob mid-dixxipli dak li hu jwettaq: *"Matul il-jum Ġesù kien joqgħod jgħallem fit-tempju, iżda filgħaxija kien joħroġ barra mill-belt lejn l-Għolja taż-Żebbuġ biex jgħaddi l-lejl hemmhekk." (Lq 21,37). "Mbagħad ħareġ u mar bħas-soltu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, u d-dixxipli wkoll marru miegħu. Kif waslu hemmhekk qalilhom, 'Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib"'* (Lq 22,39-40). Il-mumenti 'privileġġjati' tat-talb jibdlu lill-qalb f'atteġjament ta' talb … *"Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu"* (Ef 6,18). It-talb kontinwu jżomm il-bniedem imqajjem, lest li jifhem u jilqa' fih dak li Kristu jrid joffrilu: *"Kunu għajnejkom miftuħa, ishru, għax ma tafux meta se jasal il-waqt."* (Mk 13,33).

## 2. It-Tieni Ħadd tal-Avvent

***"Ħejju t-triq tal-Mulej" (Lq 3,4)***

**"Fis-sena ħmistax tal-ħakma ta' Tiberju Ċesari meta Ponzju Pilatu kien Gvernatur tal-Lhudija, Erodi tetrarka tal-Galilija, ħuh Filippu tetrarka tal-artijiet tal-Iturija u t-Trakonija, u Lisanja tetrarka ta' Abileni, fiż-żmien meta l-uffiċċju ta' qassis il-kbir kien f'idejn Anna u Kajfa, il-kelma tal-Mulej ġiet fuq Ġwanni bin Żakkarija, fid-deżert."** (v. 1-2)

- Kollox jitlaq b'mod solenni minn Ruma, jgħaddi minn territorji pagani u jasal sa madwar Ġerusalemm. Mill-poter politiku jgħaddi għal dak reliġjuż (f'idejn Anna u Kajfa). L-atturi prinċipali jinsabu f'kuntrast mal-protogonista prinċipali tal-istorja, il-Kelma, li "ġiet fuq Ġwanni, bin Żakkarija, fid-deżert*". "Il-kelma tal-Mulej ġietu (lil Ġeremija) fi żmien Ġosija, bin Amon, sultan ta' Ġuda, fis-sena tlittax tas-saltna tiegħu"* (Ġer 1,2). "Fit-tieni sena tas-sultan Dariju, fis-sitt xahar, fl-ewwel tax-xahar, il-Mulej, permezz tal-profeta Ħaggaj, kellem lil Żerubbabel bin Salatijel" (Ħag 1,1). *"Fit-tmien xahar tat-tieni sena ta' Dariju il-kelma tal-Mulej ġiet lill-profeta Żakkarija bin Barakija*" (Żak 1,1) (ara wkoll Eżek 1,1-3, Os 1,1 Amos 1,1 eċċ). Il-profeta huwa sempliċament medjatur tagħha.

- L-istorja tas-salvazzjoni hija minsuġa ma' l-istorja tal-bniedem. Hekk il-proġetti ta' Alla jiġru fl-istorja u permezz tagħha. Kollox huwa magħġun ma' kuntrasti ta' dawl u dlam… Huwa Alla li qed imexxi l-istorja u jinqeda b'medjaturi fraġli (biżżejjed issemmi lil Erodi u l-Pilatu) biex iwettaq il-pjan tiegħu. Huwa fl-istorja li sseħħ is-salvazzjoni.

- **Id-deżert** – juri lil Ġwanni fqir u li jfittex dak li hu essenzjali, kapaċi li jħalli lilu nnifsu jitfassal u jitmexxa mill-Kelma biex hekk jaqdiha bl-akbar reqqa. Huwa l-post fejn wieħed jitpoġġa quddiem il-verità tiegħu nifsu, verità li spiss hi skomda u kważi minsija (rimossa). Huwa wkoll il-mod ta' kif jiġġedded il-laqgħa tal-bniedem mal-Mulej u terġa' tibda mixja ta' fedelta' miegħu.

**"U ġie fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, ixandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet."** (v.3)

- Hija mixja bil-kontra għal dik ta' qabel. Kollox issa jitlaq mid-deżert, mill-Kelma… u fl-aħħar jasal sal-*"bnedmin kollha"* (v.6). Ġwanni, bin żewġ anzjani, dak li *"baqa jgħix fid-deżert sa dakinhar li ħareġ quddiem Iżrael"* (Lq 1,80), meta jmur fil-Ġordan isir hu l-post fejn il-bniedem jiltaqa' miegħu nnifsu u ma' Alla. In-nies tmur għandu flok li huwa jmur għandhom!

- **"magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet"** – ma kienx sempliċement rit imma turija ta' bidla tal-qalb. *"Il-lejl għoddu għadda, u qorob il-jum. Inwarrbu mela l-għemil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl. Ngħixu kif jixraq, bħal f'binhar"* (Rum 13,12-13): *"għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta' qabel u tinżgħu l-bniedem il-qadim, mħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa, u li għandkom tiġġeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħkom u tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skond Alla fil-ġustizzja u l-qdusija tassew."* (Ef 4,22-23): *"ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u b'qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna, nżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna"* (Lhud 12, 1-2).

**"kif hemm imniżżel fil-ktieb tal-profeziji ta' Isaija – 'Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert, Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu. Kull wied jimtela. Kull muntanja u għolja titbaxxa, il-mogħdijiet mgħawwġa jiddrittaw, u t-triqat mħarbta jitwittew."'** (v.4-5)

- Hija t-triq żgura biex wieħed jiltaqa' tassew ma' Alla u li fl-istess waqt titlob impenn serju (ara wkoll Is 2,11-17)… *"Għax Alla ordna, jitniżżlu l-muntanji għolja, u l-għoljiet ta' dejjem, jimtlew il-widien u titwitta l-art"* (Bar 5,7)

- **"Kull wied jimtela"** – huma l-atteġjamenti ta' sfiduċja, ta' fataliżmu, ta' rassenjazzjoni li jwasslu l-bniedem jibqa' fejn ikun, huwa l-vojt li 'is-soltù jimtela' bid-dnub u li jħalli l-istess dnub.

- **"kull muntanja u għolja titbaxxa"** – hija l-muntanja tal-egoiżmu, tas-suppervja, tal-privileġġi, tal-poter (dak li kien jeżisti f'Erodi …)

- **"il-mogħdijiet mgħawwġa jiddrittaw, u t-triqat imħarbta jitwittew".** Hija stedina biex permezz tat-triq dritta, Alla jkun jista' jidħol fil-bniedem u jsib post fil-qalb tiegħu. *"Dritta hi t-triq ta' Alla, safja hi l-kelma tal-Mulej"* (Salm 18,31). B'hekk tista' tassew isseħħ it-tħejjija għat-"triq tal-Mulej", diversa mit-triq personali li wieħed jista' jfassal: *"it-triqat tiegħi ma humiex triqatkom … daqskemm huma ogħla s-smewwiet mill-art, daqshekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom, u l-fehmiet tiegħi mill-fehmiet tagħkom"* (Is 55,6-9). Dan suppost ipoġġini fi stat kontinwu ta' dixxerniment.

**"U l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla"** (v.6)

- **"U l-bnedmin kollha"** – suppost għandha tkun "kull laħam", jiġifieri kull fraġilità, debolezza, limitu, kull dnub, kull mewt… huma miftuħa għas-salvazzjoni.

Għal Luqa s-salvazzjoni hija bħal eżodu ġdid u definittiv. Jibdieh Ġwanni nnifsu… joħroġ mid-deżert u jasal sal-Ġordan (it-test minn Isaija applikat mill-Battista huwa meħud mid-Deutero-Isaija, jiġifieri minn oraklu li qed iħabbar f'kuntest ta' skjavitù\Babilonja, u ta' tama li ser tiġi realizzata). Ġesù mbagħad japplika għalih it-test ta' Isaija 60, 1-2.58,6b – "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin…" (Lq 4,18) – (meħud mit-Trito-Isaija li huwa mqiegħed f'kuntest ta' ħelsien li diġa twettaq), fejn juri t-twettiq li qed iseħħ permezz tiegħu.

*Għar-riflessjoni*
*"Hemm diversi tipi ta' deżert. Hemm id-deżert tal-faqar, id-deżert tal-ġuħ u l-għatx, id-deżert ta' min hu mwarrab, tas-solitudni, tal-imħabba mfarrka. Hemm id-deżert tad-dalma ta' Alla, il-vojt fil-qlub ta' dawk li bilkemm għadhom konxji tad-dinjità tagħhom jew tal-għan tal-ħajja umana. Id-deżerti esterni fid-dinja qed jiżdiedu, għax id-deżerti interni saru tant kbar."*
*Il-Papa Benedittu XVI – 24 ta' April 2005.*

## 3. It-Tielet Ħadd tal-Avvent

***"Il-poplu kien qed jistenna" (Lq 3,10-18)***

**"In-nies kienu jistaqsuh u jgħidulu – 'Mela x'għandna nagħmlu?' U huwa kien iweġibhom: 'Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min ma għandu xejn, min għandu x'jiekol jagħmel l-istess."'** (v.10-11)

- **"In-nies"** – Is-salvazzjoni hija għal kulħadd, dawk bogħod u dawk qrib.

- Il-predikazzjoni ta' Ġwanni toħloq fil-qalb domandi konkreti. Hekk kien ġara wara l-predikazzjoni ta' Pietru: *"Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lill-appostli l-oħra – 'L-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna'?"* (Atti 2,37). Din il-mistoqsija saret ukoll minn Pawlu wara li ltaqa' ma' Kristu fit-triq ta' Damasku: *"Mbagħad jien għidt, 'X'għandi nagħmel, Mulej. U l-Mulej qalli, 'Qum u mur Damasku. Hemm jgħidulek kull ma għandek tagħmel.'"* (Atti 22,10). Li tilqa' l-Kelma tfisser tbiddel ħajtek.

- **"Min għandu żewġ ilbiesi"** – Għall-mistoqsija konkreta jirċievu risposta konkreta. Ġwanni jipproponi l-kondiviżjoni ta' dak li għandek ma' ħuk li ma għandux. Jirrigwardja l-bżonnijiet primarji (ilbies u ikel). Dan huwa l-ewwel frott tal-konverżjoni: *"Mhux li taqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ… mhux li tlibbes lil min hu għarwien, u n-nies ta' darek ma tinsihomx. Mbagħad ifiġġ bħaż-żerniq id-dawl tiegħek"* (Is 58, 7-8). Il-vera konverżjoni tintwera mill-atteġġjamenti fil-konfront ma' l-oħrajn. Dan hu muri wkoll fil-Kotba tal-Levitiku (17-26) u d-Dewteronomju.

**"Resqu wkoll xi pubblikani biex jitgħammdu u qalulu – "Mgħallem, x'għandna nagħmlu aħna?' U huwa weġibhom – 'Tissikkaw lil ħadd biex jagħtikom taxxi iżjed milli jmisskom tieħdu'."** (v. 12-13)

- Il-pubblikani li kienu jisirqu lin-nies permezz tal-ġbir tat-taxxi u jikkollaboraw mar-rumani, kienu kkunsidrati bħala l-iżjed nies midinba minn fost ulied Abraham, madanakollu kienu disposti li jikkonvertu: Meta semgħu dan, il-poplu kollu sa l-istess pubblikani għarfu l-ġustizzja ta' Alla, billi tgħammdu bil-magħmudija ta' Ġwanni (Lq 7,29 – ara wkoll 15,1 – 18,9ff – 19,1ff)

- "Tissikkaw lil ħadd biex jagħtikom taxxi iżjed milli jmisskom tieħdu". Ġwanni ma jitlobhomx li jitwarrbu minn dik l-attività finanzjarja (hu li kien qed jgħix fi stil ta' faqar), imam jindika stil ta' rispett, ta' qies f'dak li wieħed jagħmel.

**"Staqsewh ukoll xi suldati u qalulu, 'U aħna, x'għandna nagħmlu. U huwa weġibhom 'Tisirqu lil ħadd bit-tehdid jew bil-qerq tagħkom, u kkuntentaw ruħkom bil-paga li għandkom,'"** (v.14)

- Is-suldati kienu jabbużaw mill-poter u jużaw il-vjolenza. Il-frott (ara Gal 5,22 "l-imħabba") ifejjaq il-mard mill-għeruq, *"Kull siġra mill-frott tagħha tingħaraf"* (Lq 6,44).

- Għal kull kategorija, għal kull persuna speċifika hemm dejjem kelma li turik x'għandek tagħmel, dejjem jekk fil-qalb hemm ix-xewqa u r-rieda li tinbidel: *"Imma l-Fariżej u l-għorrief tal-Liġi ġiebu fix-xejn il-pjan li Alla kien fassal għalihom, ladarba ma laqgħux il-magħmudija ta' Ġwanni."* (Lq 7,30).

**"Il-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan, u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija."** (v.15)

- **"Il-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan**." Wara l-eżilju, il-poplu ta' Iżrael kien tilef mill-ġdid il-liberta' minħabba l-okkupazzjoni rumana. F'dan l-isfond kien hemm stennija kbira partikolarment meta fis-sinagogi kienet tinqara xi silta mill-profeti li tirrigwardja l-ħelsien. Din kienet ukoll l-istennija ta' Pawlu: *"Msejken bniedem li jien! Min se jehlisni minn dan il-ġisem tal-mewt."* (Rum 7,24)… "Tħallux, mela, li d-dnub isaltan fuq dan il-ġisem tagħkom li jmut u toqogħdu għall-ġibdiet tiegħu, anqas ma għandkom tħallu l-membri ta' ġisimkom isiru għodda ta' inġustizzja għas-servizz tad-dnub" (Rum 6,12-13).

- **"jistaqsi lilu nnifsu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija".** F'dan il-kuntest Ġwanni seta' jimrad bis-sindromu tal-messjaniżmu – bħal fil-każ ta' Marta (ara Lq 10,38-42), *"Iżda meta widdeb lil Erodi t-tetrarka minħabba Erodja, mart ħuh, u minħabba l-ħażen kollu li kien għamel, Erodi kompla jżid ma' ħtijietu u għalaq lil Ġwanni fil-ħabs."* (Lq 3,19-20).

**"Għalhekk Ġwanni qabad u qal lil kulħadd – 'Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma, imma ġej wieħed aqwa minni, li ma jistħoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar."** (v.16)

Tliet paraguni :

- <u>Fil-qawwa</u> – *"aqwa minni".* Il-kapitli ta' wara juru lil Ġesù jikkumbatti ma' l-ispirtu l-ħażin, *"Iskot, u oħroġ minnu"* (4,35), *"Iżda jekk jiena qiegħed inkeċċi x-xjaten bis-saħħa ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta' Alla."* (11,20).

- <u>Fid-dinjità</u> – *"ma jistħoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq tiegħu".* Jara li hemm distanza bejnu u bejn Kristu. Hemm ukoll referenza għall-ħellies tal-poplu, li mhuwiex Ġwanni – *"Dik il-ħabta kienet id-drawwa f'Iżrael meta wieħed kien jifdi jew jibdel xi ħaġa, biex iseħħ il-ftehim, kien jaqla' l-qorq u jagħtih lill-ieħor. Din kienet ix-xhieda f'Iżrael"* (Rut 4,7).

- <u>Fl-attività</u> – *"Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar."* Hija ħidma fl-Ispirtu s-Santu. *"Dan l-Ispirtu hu xerrdu bil-kotra fuqna b'Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna, biex bis-saħħa tal-grazzja tiegħu nitqaddsu u nsiru werrieta tal-ħajja ta' dejjem skond it-tama li għandna."* (Tit 3,6-7)

**"Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa u jiġbor il-qamħ fil-maħżen tiegħu, imam t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex. U b'ħafna twissijiet oħra kien ixandar lill-poplu l-bxara t-tajba."** (v.17-18)

- *"Ġwanni l-Battista bagħatna għandek biex nistaqsuk – Inti huwa dak li għandu jiġi, jew nistennew lil ħaddieħor?" Mbagħad wieġeb u qalilhom, 'Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu, kif l-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, il-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u kif il-bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar."* (Lq 7,20-22)

## 4. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent

***"Araw, ix-xebba titqal u tiled iben!" (Is 7, 10-14)***

Ninsabu fis-sena 734-733 qabel Kristu. Imut Ġotam, sultan ta' Ġuda u jilħaq floku Aħaż. Is-Sirja, Iżrael, il-poplu ta' Edon u l-Filistej stennew minn Aħaż li jingħaqad magħhom biex jiġġieled kontra l-Assirja. Meta Aħaż ipprefera li ma jkollu ebda alleati miegħu, dawn is-slaten ta' qribu ħaduha kontrih u fettxew li jeħdulu s-saltna. Aħaż għalhekk għażel li jissieħeb mal-poplu tal-Assirja, poplu pagan. Dan kien ifisser li kellu jaċċetta li jibda jadura lill-allat ta' dan il-poplu u jiċħad lil Alla l-veru (ara 2 Slat 16,1-20. Imma Alla, *"għani fil-ħniena"* (Ef 2,4), jibgħatlu l-profeta Isaija biex ikun jista' jerġa' lura mid-dnub li kien jinsab fih.

**"Il-Mulej issokta jkellem lil Aħaż u jgħidlu: 'Itlob sinjal għalik mingħand il-Mulej, Alla tiegħek, f'qiegħ l-art jew fl-għoli ts-smewwiet'"** (v.10-11)

- ***"Itlob sinjal għalik"***: Fil-lingwaġġ bibliku s-sinjal huwa ta' importanza kbira. Jista' jindika miraklu veru u proprju kif ġara lil Ħeżekija meta rċieva l-aħbar tal-fejqan mill-marda li kienet ser twasslu sal-mewt. Il-profeta jgħidlu: *"U dan ikun is-sinjal mill-Mulej, li l-Mulej jagħmel dan. Arani, jien nraġġa' lura d-dell għaxar tarġiet.'... U x-xemx reġgħet lura għaxar tarġiet mit-taraġ li kienet telgħet"* (Is 38,7-8). Is-sinjal jista' ikun ukoll fatt fejn Alla juri lilu nnifsu biex il-bniedem jemmen fih, kif fil-fatt ġara mar-rgħajja ta' Betlehem: *"U bħala sinjal ikollkom dan; issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura"* (Lq 2,12). Lil Marija wkoll ingħatalha sinjal: *"Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nislet iben fil-ġuf, u ġa għandha xitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal"* (Lq 1,36). Dan is-sinjal kien marbut ma' l-imħabba t'Alla lejha.

- Alla permezz tal-profeta jistieden lil Aħaz jitolbu sinjal ħalli b'hekk il-fiduċja li sa issa kellu fl-Assirja jqiegħdha fiH. Jinsab fejn jinsab il-bniedem hemm dejjem tama li jsalva: *"Hu li lanqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll, kif ma jagħtiniex ukoll kollox miegħu?"* (Rum 8,23). Fis-sitwazzjoni diffiċli li nqabad fiha Aħaż, Alla ried joffrilu raġġ ta' tama.

- ***"f'qiegħ l-art jew fl-għoli tas-smewwiet"***: Alla kapaċi jasal sa dawk il-postijiet fejn il-bniedem ma jistax jilħaqhom. Aħaz jista' għalhekk jitlob kull tip ta' sinjal.

**"U Aħaż wieġeb: 'Ma nitlobx: ma rridx nittanta lill-Mulej'"** (v.12)

- "***ma rridx nittanta lill-Mulej"***: Il-bniedem jittanta lil Alla meta jippretendi li jurih hu x'suppost għandu jagħmel għalih u jiddubita mill-qawwa tiegħu li jsalva. Eżempju ta' dan it-tiġrib kien meta *"tlewmu wlied Iżrael u ġarrbu lill-Mulej meta qalu: 'Il-Mulej fostna jew le'"* (Eż 17,7). Fil-każ ta' Aħaż, li jitlob lil Alla sinjal ma kien ifisser xejn minn dan ladarba kien Alla nnifsu li talbu jitolbu snjal. Aħaż kien diġa' deċiż f'qalbu li jkompli jserraħ fuq l-għajnuna tal-Assirja. B'mod ipokritu jistaħba taħt motivazzzjoni reliġjuża biex ma jurix li qed jirrifjuta jew jiddubita lil Alla. Ma jridx li Alla jidħol fil-pjanijiet u fl-għażliet tiegħu. Marija mill-banda l-oħra aċċettat is-sinjal mogħti lilha tant li *"marret tħaffef lejn l-għoljiet"* (Lq 1,39) biex tmur għand dik li kellha s-sinjal, Eliżabetta.

**"U l-profeta wieġeb: 'Isimgħu, mela, dar David: m'hux biżżejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi?'"** (v.13)

- ***"tkiddu lill-bnedmin"***: Fost dawn in-nies mikduda hemm il-profeta nnifsu meta jara lil Aħaż li mhuwiex jagħti każ għas-sejħa li qed jagħmillu Alla.

- ***"tkiddu lil Alla"***: Alla jinkedd meta l-bniedem jitbiegħed minnu bid-dnub. Jasal jistqarr li huwa mifni: *"B'danakollu, int, Ġakobb, ma sejjaħtlix, għax int xbajt minni, O Iżrael! Ma ġibtlix in-nagħaġ tiegħek għas-sagrifiċċju tal-ħruq... Ma xtrajtlix bi flusek qasab bil-fwieħa... Imma għabbejtni bi dnubietek, fnejtni bi ħżunitek"* (Is 43,22-24).

**"Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess: Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el"** (v.14)

- ***"Għalehkk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess"***: Fiċ-ċirkustanzi ta' Aħaż is-sinjal kien ser ikun it-twelid ta' ibnu Ħeżekija: *"Aħaż nissel il Ħeżekija"* (Mt 1,9) minn martu Abi (ara 2 Slat 18,2).

- ***"ix-xebba titqal"***: Il-kelma bil-Grieg hija *'parthenos'* li bil-lhudi tfisser mara żagħżugħa, fiżikament lesta għaż-żwieġ, imma għadha mhix miżżewġa (għalhekk aħna ngħidu verġni).

- Sadattant, is-saltna ta' Aħaż, dik ta' Ġuda, spiċċat taħt l-Assirja u għalhekk it-tama ta' dan il-poplu kellha tkun f' Ħeżekija. Kienu jħarsu lejh bħala tip ta' futur Messija: *"Kien jittama fil-Mulej, Alla ta' Iżrael, u warajh ma kien hemm ħadd bħalu fost is-slaten kollha ta' Ġuda, la ta' warajh u lanqas ta' qablu. Kien miġbud lejn il-Mulej, u ma warrab qatt minn warajh; u kien iħares l-ordnijiet tiegħu"* (2 Slat 18,5-6). Fi żmien Ħeżekija s-saltna ta' Ġuda għaddiet minn żmien sabiħ ħafna fejn setgħet tmiss b'idejha l-fedelta' t'Alla mal-wegħdiet tiegħu. Fost dawn il-wegħdiet kien hemm dik li saret lis-sultan David: *"Il-familja tiegħek u s-saltna tiegħek jibqgħu sħaħ għal dejjem quddiemi"* (2 Sam 7,16).

- Fis-sinjal tas-sultan Aħaż kien hemm sinjal ieħor: it-twelid tal-Għimmanu-el mill-verġni Marija: *"Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: 'Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanue-El", li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'"* (Mt 1,22-23).

- ***"u ssemmih"***: Hemm ħafna każijiet fil-Bibbja fejn l-omm u mhux il-missier, tagħti l-isem lit-tarbija: *"U Lija tqalet u tildet iben u semmietu Ruben"* (Ġen 29,32).

*NB Din is-serje ta' Lectio Divina kienet oriġinarjament magħmula għas-seminaristi.*

# 5. MEDITAZZJONIJIET FUQ IL-QARI TAL-ĦDUD TAL-AVVENT – SENA Ċ

Kontributuri: Anawim, Tereżina Camilleri, Marlene Cauchi, Pauline Grech, Nancy Grech, Angie Pace, Dorienne Portelli, Anna Refalo, Antonia Sciberras.

## 1. L-Ewwel Hadd tal-Avvent

**Qari 1 (Ġer 33,14-16) - Qari 2 (1Tes 3,12-4,2) - Vanġelu (Lq 21,25-36)**

L-avvent huwa żmien li fih nippreparaw għall-miġja ta' Ġesù fl-għar ta' Betlem. Żmien qaddis, żmien fejn kull wieħed u waħda minna niċċelebraw b'ferħ u nagħtu rigali lil xulxin u lill-għeżież tagħna. U dan bir-raġun kollu, għax il-Mulej, Alla l-Missier tana lil Ibnu l-Waħdieni biex aħna akkwistajna s-Salvazzjoni għall-ħajja ta' dejjem.

Il-miġja ta' Ġesù nhar il-Milied ma tisspiċax hawn. Ġesù għad irid jiġi fostna darbtejn oħra, u dan jixhduh it-tliet testi li l-Knisja ħejjiet għal dan l-ewwel Ħadd tal-avvent.

Fl-ewwel qari, Ġeremija, mnebbaħ min Alla, iħabbar il-miġja ta' Ġesù Sultan u Feddej f'Betlem, li aħna nantiċipaw u nippreparaw għaliha fl-erba ġimgħat ta' qabel il-Milied. Alla wiegħed lill-poplu Lhudi li kien ser jibgħat dixxendent ta' David, rimja tas-sewwa, bniedem li jagħmel il-ġustizzja u s-sewwa fil-pajjiż. Din hija l-ewwel miġja ta' Ġesù.

Fl-evanġelju ta' San Luqa, Ġesù jħabbar l-aħħar tad-dinja u t-tieni miġja tiegħu fuq din l-art. "Mbgħad jaraw lil Bin il-bniedem ġej fi sħaba, b'qawwa u glorja kbira."

Ma' dan kollu baqa' t-tielet miġja ta' Ġesù fostna li hija ferm importanti għax tgħaqqad flimkien l-ewwel u t-tieni miġja tiegħu. Din il-miġja jitkellem dwarha San Pawl fit tieni qari. Hija stedina sabiex nilqgħu lil Ġesù f'ħajjitna issa, fil-preżent. B'hekk nikkonfermaw il-miġja tiegħu f'Betlem u nippreparaw għat-tieni miġja tiegħu f'ġurnata fil-futur.

Il-bidu tas sena liturġika tal-Knisja, minflok titkellem dwar il-bidu tal-ħolqien jew l-inkarnazzjoni ta' Ġesù, titkellem fuq l-aħħar tad-dinja. Ħajjitna fuq din l-art hija mixja jew vjaġġ. Fl-Iskrittura u fil-ħajja in ġenerali l-bidu u l-passat ma tantx huma importanti. Kemm il-bidu tal-ħolqien, kif ukoll il-passat tagħna għaddew u marru u ma nisgħux inbiddluhom, però għad għandhom importanza f'ħajjitna, għax kemm it-tajjeb kif ukoll il-ħażin li hemm fina huwa prodott ta' ċirkustanzi li għaddejna minnhom fil-passat.

Għalhekk, bil-passat warajna, għandna nħarsu 'l quddiem u nagħrfu kif ser ngħixu ħajjitna fil-preżent u liema triq ser nieħdu biex nilħqu l-għanijiet tagħna. Meta aħna niddeċiedu liema triq ser nieħdu, l-atteġġjament tagħna jiġi influwenzat minn dik id-deċiżjoni u nibdew nimxu fit-triq li nkunu għażilna. Jekk wieħed jiddeċiedi li jilħaq tabib, per eżempju, irid jieħu passi u deċiżjonijiet li jwassluh lejn dik id-destinazzjoni. Appena jiddeċiedi, ma jħarix lura, iħares 'il quddiem u jibda jaħdem sabiex jilħaq l-għan tiegħu.

X'ħinu l-ikbar għadu tal-bniedem? L-ikbar għadu tagħna huma l-biża' u l-ansjetà, speċjalment fuq il-futur tagħna. Fil-Vanġelu tal-lum Ġesù jitkellem fuq l-aħħar tad-dinja. Huwa rakkont li jbeżża' u

jinkwieta lil bosta. Kulma Ġesù ħabbar fuq l-aħħar tad-dinja, donnu qiegħed jiġri lilna fil-preżent: gwerer, għawġ, disgwid, faqar għaks u nuqqas ta' fidi huma parti mir-realtà ta' kuljum.

Iżda n-Nisrani m'għandux jibża' minn dawn l-avvenimenti mħabbra minn Ġesù. "Meta jibda jseħħ dan kollu, qawwu qalbkom u erfgħu raskom, għax il-fidwa tagħkom ħi fil-qrib." Nerfgħux rasna jew le fis-siegħa tal-prova jiddependi fuq il-prijoritajiet u r-rabtiet li aħna bnejna u qed naħdmu għalihom fil-ħajja ta' kuljum. Jekk moħħna ħsiebu fix-xogħol u l-flus allura bir-raġun nibżgħu meta tasal din il-ġurnata. Ħafna mill biża' u l-ansjetà tagħna ġejjin mill-fatt illi ma nistgħu qatt nimmanipulaw il-futur – la tagħna u wisq anqas tad-dinja li qed ngħixu fiha. Din ir-realtà għal xi wħud mhijiex aċċettabbli u jgħixu ħajjithom fit-tensjoni u l-ansjetà. Din l-attitudni mhijiex realistika. Il-paċi u s-serħan il-moħħ jiġu meta nbiddlu dak li nistgħu nibdlu u naċċettaw l-ħwejjeġ li ma nistgħux inbiddlu.

Meta naqbdu tal-linja nafu fejn ser teħodna u nafu wkoll kemm ser indumu biex naslu fid-destinazzjoni tagħna. Ħajjitna hija bħal tal-linja – importanti li nagħrfu l-vera destinazzjoni tagħna, għad li ma nafux is-siegħa u l-ħin ta' meta ser naslu fil-post mixtieq. Hemm min idum disgħin sena u hemm min idum ftit snin jew ġimgħat. It-tul tal vjaġġ tagħna mhux mportanti. L-importanti huwa kif inġibu ruħna matul dan il-vjaġġ. Fuq tal-linja, min iparla, min jaqra l-ġazzetta u min jiċċassa u joħlom. Għal ħafna, il-vjaġġ huwa vjaġġ li ta' bilfors iridu jagħmlu sabiex jilħqu d-destinazzjoni tagħhom – vjaġġ bla valur. Oħrajn huma konxji ta' x'inhu għaddej waqt il-vjaġġ. Jagħtu kas in-nies u l-ambjent ta' madwarhom. Il-vjaġġ u d-destinazzjoni tagħhom huma parti minn realtà waħdanija – it-tluq tal-vjaġġ huwa importanti daqs il-mument tal-wasla.

Il-qari tal-lum għalhekk jgħallimna li jekk aħna irridu niċċelebraw l-ewwel miġja ta' Ġesù u nippreparaw għat-tieni miġja tiegħu rridu nkunu konxji ta' din il-miġja f'kull mument ta' ħajjitna.

Fil-vjaġġ tal-ħajja għandna għalhekk :

- inkunu lesti li niltaqgħu mal-Mulej x'ħin isejħilna – l-imporanti li nkunu ppreparati;
- ma nibżgħux u ma ninkwetawx bla bżonn. Il-biża', l-inkwiet u l-ansjetà ma jsolvu xejn u huma mibnija fuq avvenimenti li qatt ma seħħu u probabilment qatt mhu ser iseħħu;
- nibnu relazzjonijiet tajba man-nies ta' madwarna. Ħajja tajba ma tikkonsistix fit-tip ta' xogħol li nagħmlu jew kemm ksibna ġid f'ħajjitna, iżda kif ġibna ruħna ma' tal-familja, ħbieb, kollegi u frustiera li ġejna f'kuntatt magħhom tul il-vjaġġ tagħna.

## 2. It-Tieni Hadd tal-Avvent

### i. Qari 1 (Bar 5,1-9)

Il-profeta Baruk jinfexx f'innu ta' tifhir, ta' ħelsien, għaliex il-Mulej refa' l-poplu tiegħu. Idur fuq Ġerusalemm u jgħidilha sabiex twarrab kull sinjal ta' luttu u dwejjaq minn fuqha għaliex hija l-magħżula tal-Mulej. Hija dik li jixirqilha tilbes ilbies regali. Ilbies regali mhux li ġej mill-bniedem imma ilbies Alla nnifsu. Huwa l-Mulej li sejjer ixiddilha l-glorja tiegħu, jgħattiha bil-mant tal-ġustizzja tiegħu, ilibbisha d-diadema tal-glorja eterna. U min hija din Ġerusalemm tant maħbuba minn Alla l-Għoli? Minn huma uliedha msejħin għal din il-glorja, għal dan il-ferħ?

Ulied Ġerusalemm huma dawk li min tlugħ ix-xemx sa nżulha jisimgħu l-Kelma tal-Mulej, ifittxuh, ferħanin għaliex minkejja it-taħbit tal-għadu, huma għandhom qalbhom qawwija, qawwija bit-tama fil-Mulej. Le, le, it-tama tagħhom ma ġietx nieqsa għaliex il-Mulej ftakar fihom u sejjer iwittilhom il-widien u jbaxxi l-muntanji biex iħaffilhom it-triq għal għandu. Ulied Ġerusalemm huma aħna li qegħdin niġu msejħa minn Ommna l-Knisja Mqaddsa sabiex nitfgħu t-tama tagħna fil-Mulej, nisimgħu l-Kelma tiegħu u nimxu warajh. Aħna wkoll imħabbtin u mtaqqlin. Id-dell tal-mewt u l-għawġ ukoll tqal fuqna. Imma jekk inżommu sħiħ mal-leħen tiegħu fuqna wkoll tiddi l-glorja ta' Alla. F'dan iż-żmien tant għażiż Alla qiegħed isejħilna sabiex nisimgħu l-kelma tiegħu, induru lejh niedma u hekk il-ħniena u l-ġustizzja tiegħu jinżlu fuqna bħal balzmu u jwassluna għall-ferħ veru, ferħ li jitnissel biss mill-qalb ħanina u kollha tjubija ta' Kristu.

### ii. Qari 2 (Fil 1,4-11)

"U Jien nitlob li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bl-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu (versi 9,10).

Kemm hi sentenza li tolqotni "li nista' nagħżel l-aħjar". L-istedina li Pawlu qiegħed jagħmilli hi li nikber fl-imħabba, din l-imħabba li bdiet minn Alla, l-imħabba kbira li għandu Alla għalija. L-imħabba speċjali li Pawlu kellu għall-Filippin u l-Filippin li ma ħallewx waħdu meta kien fil-bżonn.

Dan hu żmien li Inti qiegħed tagħtini biex nista' nagħrfek aktar u nħobbok aktar. Hu dan iż-żmien li jiena rrid nuża tajjeb biex insir nagħfek aktar.

Hi l-imħabba li tmexxi.
Hi l-imħabba li lili qed tmexxini.
Hi l-imħabba li lili qed twassalni għand l-oħrajn.
Hi l-imħabba li tgħajjixni.
Hi l-imħabba li żżommni.
Hi l-imħabba li biha nagħraf inlesti ruħi aħjar għall-miġja tal-Mulej, biex jiġi jgħammar fija.

### iii. Vanġelu (Lq 3,1-6)

*L-għemil tal-bniedem għandu joħroġ mill-qalb*

San Ġwann l-għammiedi huwa msejjaħ biex iħejji għall-miġja tal-Feddej u jtemm l-irtir twil tiegħu fid-deżert. Lil dawk li jaħsbu li l-ħbiberija m'Alla tinsab fit-temmija tar-riti tal-Liġi, huwa juri n-neċessità tal-konverżjoni tal-qalb u bidla fl-imġieba.

Fir-realtà Ġwanni mhux jagħmel ħaġa oħra ħlief ikompli il-predikazzjoni tal-profeti. Huwa l-aħħar ħolqa fil-katina ma taqta' xejn ta' dawk li jfakkru lil Iżrael fid-dmir li għandhom bħala poplu t'Alla li jagħmlu tħejjija għall-miġja tal-Mulej. Din il-preparazzjoni hija meħtieġa bħala komunità, imma ukoll hija obbligu ta' kull persuna individwali. Din il-preparazzjoni tikkonsisti filli wieħed ma jħallix lilu nnifsu jinġarr mill-ambjent ta' madwaru, li ħafna drabi irid inessih lil Alla, u li jiġġieled kontra l-inġustizzja u l-egoiżmu.

Żewġ sentenzi importanti ferm f'din is-silta tal-Vanġelu huma:

- ***'Il-kelma tal-Mulej ġiet fuq Ġwanni ...fid-deżert'*** (Lq 3, 2) Il-Bibbja turina li Alla, ġeneralment jipprepara l-messaġġiera tiegħu b'ħin twil mgħoddi fis-solitudni. Dan jibqa' validu anke għalina l-insara tallum. Dan ma jfissirx li kull Nisrani għandu iqatta' perjodi twal ta' żmien fis-solitudni. Iżda kull Nisrani, skont ir-responsabbilta' u l-vokazzjoni tiegħu fil-Knisja, għandu iħalli ċertu ħin kuljum biex jitkellem waħdu ma Alla wiċċ'imbwiċċ.

- ***'U ġie fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan,ixandar magħudina ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet'.*** Lq (3,3) Il-Fariżej u s-Sadduċej li lilhom Ġwanni kien qed iħabbar kienu jemmnu li li tosserva sew dak kollu li tgħid il-Liġi kien biżżejjed biex ikunu sew ma Alla. Ġwanni jgħidilhom li dak li hu l-iktar important huwa bidla fil-qalb. Iktar tard, Ġesu' jgħid li dak li itebba' lill-bniedem hu dak li joħroġ mill-qalb: mibgħeda, impurità, għira, inġustizzja u li wieħed ikun moħħu biss fl-affarijiet materjali ta' din il-ħajja.

Ġwanni iħabbar li biex wieħed jipprepara ruħu għall-miġja ta' Kristu hija meħtieġa tindifa tajba tal-qalb tiegħu. Ejja llum nieħdu din it-tagħlima: **Li aħna nobdu il-kmandamenti ta' Alla, qabel xejn jitlob minna l-impenn li f'qalbna niċħdu d-dnub u li f'qalbna jkollna d-diżpozizzjoni ta' sinċerità lejn is-Sinjur Alla.**

Mistoqsijiet għad-diskussjoni:

1. Għalfejn taħseb li Alla għażel lil xi ħadd bħal Ġwanni l-Battista biex ikun il-Prekursur tiegħu?
2. Ġwanni trabba' fid-deżert. Liema kienu ċ-ċirkustanzi li Alla uża biex jippreparak għall-ħajja tallum?
3. Kemm inti dipendenti fuq dak li ħaddieħor jaħseb u jgħid fuqek? Kif tista' ma tibqax daqshekk dipendenti?
4. Għaliex li tumilja lilek innifsek huwa neċessarju biex tkun dixxiplu ta' Ġesu'?
5. Liema wied f'ħajtek għandu jimtela, liema muntanja jew għolja għandha titbaxxa, liema mogħdijiet għandek bżonn tiddritta u liema triqat imħarbta għandhom jitwittew?

## 3. It-Tielet Hadd tal-Avvent

### i. Qari 1 (Sof 3,14-18)

"Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, bint Sijon, infexx fil-hena u ifraħ b'qalbek kollha, ja bint Ġerusalem!" Sof 3, 14. F'dan it-Tielet Ħadd tal-Avvent il-Liturġija tisedinna għal ferħ… għax il-Mulej hu fil-qrib, waslet is-salvazzjoni tagħna, "Aqbeż bil-ferħ, għanni int li tgħammar f'Sijon, għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel" Is 12, 6.

Fl-ewwel Qari l-Profeta Sofonija jintilef f'innu ta' ferħ lil Ġerusalem għax il-Mulej neħħa minn fuqha l-kundanna tal-ħażen. Is-salvazzjoni kienet imwiegħda biss għal dawk li fl-umilta' ta' qalbhom kellhom isibu s-saħħa tagħhom f'isem il-Mulej. "U nħalli f'nofsok poplu umli u mċekken. U f'isem il-Mulej ifittxu l-kenn …" Sof 3, 12.

San Ġorġ Preca, t-twelid ta' Kristu kien isejaħlu "il-pass tal-akbar għaġeb," li għamel Alla, li bagħat lil Ibnu fid-dinja biex isalva l-umanita', u dan għandu jimlilna bil-ferħ veru. Mat-twelid tiegħu, l-anġli dehru jħabbru *ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu* (Lq 2, 10). Iżda trid tkun il-Fidi tagħna fi Kristu li tmexxina biex niksbu il-ferħ veru, mhux bħal dak li tati d-dinja. Il-ferħ li Kristu jnissel fina bis-saħħa tal-Ispirtu tiegħu huwa dak il-ferħ li Alla jħobbni, Alla jafni, "Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? Mqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt! Ara! Naqqaxtek fuq il-keffa ta' jdejja." Is 49, 15-16.

Biex nibqgħu fi nħabbtu rridu nħarsu l-kmandamenti tiegħu. U kif qalilna Kristu stess, "Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti, kif jiena ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu. Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ." Ġw 15, 10-11.

"Il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok … " Sof 3, 17. Nieħdu azzjoni u bil-fidi nemmnu li meta aħna nħobbu u naqdu l-proxxmu tagħna nkun inħobbu u naqdu lil Kristu li ġie biex jaqdi, u l-ferħ tagħna jkun veru ferħ.

### ii. Qari 2 (Fil 4,4-7)

Filwaqt li nintilef naqra u nerġa' naqra din is-silta, nidħol f'sintonija intima ma' San Pawl u, b'mod mill-aktar ħaj u reali, inħossu qed jgħaddili konvinzjoni qawwija tal-ferħ u l-imħabba li akkwista frott ir-relazzjoni dinamika li għandu ma' Kristu. Din is-silta teħodni lura fi tfuliti meta konna nkantaw xi vrus minn dan il-passaġġ, u għalkemm ma tantx kont konxja tat-tifsira ta' dawn il-kliem, ir-ritmu u l-melodija kienu qed jippreparawli 'l qalbi għal dak li għandu jkun f'ħajti!

Immur vers b'lura u fis-silta nsib, "Isimhom miktub fil-ktieb tal-ħajja" (vs 3). Ismi miktub fil-ktieb tal-ħajja! Huwa proprju l-Jien tiegħi li, permezz tal-magħmudija u tal-imħabba tal-Ħallieq, ġie għal dejjem issiġillat fil-qalb ta' Kristu. Din il-konvinzjoni faċli nemminha meta ħajti tkun miexja relattivament tajjeb; meta nara aktar dawl minn dlam; meta nilmaħ li l-pjan tiegħi u l-pjan tiegħU jaqblu u allura nħoss li lħaqt il-milja tal-ħajja. Nirringrazzja 'l Alla għal dawn l-esperjenzi tant sbieħ; waqtiet li fihom Hu jdewwaqni s-sbuħija tal-Eternità. Però mhux daqstant faċli meta l-ispazju bejn l-ideal li jien miexja lejh u l-istat reali li nkun qed ngħix fih ikunu mbiegħda minn xulxin u għaldaqstant ikun diffiċli sabiex neħles minn dawn il-ktajjen li jxekkluni u "ma nħabbat rasi b'xejn!".

X’inhu dak li jtellifli l-ferħ u l-sliem interjuri? Meta “nuża” ħafna enerġija sabiex niffoka fuq kif se ntejjeb il-Jien tiegħi – meta jien insir iċ-ċentru tal-univers. Konsegwenza ta’ dan ma nibqax inħares lil hemm minni innifsi, ’l barra minni, sabiex nillibera ruħi mill-egoċentriżmu tiegħi u nittraxxendi lejn il-Ħallieq. U kemm tkun skoperta meraviljuża meta raġġ ta’ dawl jidħol fil-qalb tiegħi, idawwalli l-eżistenza mudlama tiegħi u nintebaħ li l-milja tal-ħajja nista’ nilħaqha meta nagħti l-kontroll ta’ ħajti lilU.

In-nom ‘ħlewwa’ jispira fija sentiment ta’ purezza u innoċenza; ta’ natura fl-isbaħ tagħħa bl-ilma ġieri jgelgel mal-blat; sbuħija naturali li tiżboq dak li l-bniedem jista’ joħloq b’idejh. Nitnikket meta nintebaħ kemm-il darba qtiltha u dfintha din il-ħlewwa; kemm-il darba naġixxi bil-kontra! Niftakar f’dawk il-persuni li, permezz tal-ħlewwa liema bħalha tagħhom, tawni nifs ġdid; dewquni xi tfisser tgħix is-sempliċità. Il-ħlewwa hija karatteristika naturali: rigal ta’ Alla lill-bniedem. Però l-ħlewwa tista’ wkoll tiġi akkwistata maż-żmien. Hija proċess ta’ għarfien tant profond tal-imħabba ta’ Alla għall-bniedem; tal-bniedem li jħalli lil Alla jorqomlu ’l ħajtu u jasal jingħata sabiex jaqsam ma’ ħutu dak li jkun rċieva!

### iii. Vanġelu (Lq 3,10-18)

Din is-silta ġġibli quddiem għajnejja l-preokkupazzjoni bl-affarijiet li għandna nagħmlu biex ngħixu ħajja tajba. Diversi nies jistaqsu lil Ġwanni kif għandhom jaġixxu f’diversi sitwazzjonijiet, forsi biex iserrħu rashom li mhuma jħallu xejn barra. Iridu formula lesta li tgħidilhom x’inhu tajjeb u ħażin.

Minkejja dan, nies bħall-pubblikani naħseb li kienu jafu li qed jisirqu, u ma kellhomx għalfejn jistaqsu lil Ġwanni biex jikkonfermalhom. Għalfejn ma biddlux l-aġir tagħhom? Forsi iktar kien faċli jgħixu ħajja komda. Imma, allura, nindunaw li dak li qed imexxi l-aġir u l-ħsibijiet tagħħom huwa l-kumdità, il-flus, l-*istatus*. Ovvjament m’hemm xejn ħażin f’dawn l-affarijiet, imma dak li jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem huwa wisq ikbar minn hekk. Ġwanni ma ħassx li seta’ jħollu l-qorq lil Ġesù. Għalfejn? Għax il messaġġ li ġie jwasslilna b’ħajtu hu enormi! Ġesù ġie jgħidilna li l-ħafna formuli ta’ mġieba ma jwassluniex għall-ħajja ta’ dejjem. Li għandna bżonn hu l-Ispirtu s-Santu u n-nar – l-imħabba u l-purifikazzjoni.

Mhux kull tip ta’ mħabba hi xorta. It-tip ta’ mħabba li ġie jwasslilna Ġesù hi kompleta u assoluta – hi tip ta’ mħabba ippurifikata mill-bżonnijiet tal-kumdità u l-*istatus*. Hi tip ta’ mħabba li tpoġġi lil ħaddieħor l-ewwel. Hi tip ta’ mħabba li tafda fil-ġenerożità tal-Missier u fil-ħajja ta’ dejjem. Hi tip ta’ mħabba li m’għandhiex bżonn formuli ta’ kif inġibu ruħna, għax tfittex biss li b’ħajjitna nħobbu lil xulxin, speċjalment meta għandna nagħżlu bejn il-kumdità tagħna u l-imħabba lejn ħaddieħor. L-imħabba ta’ Ġesù mhix medjokri!

Jalla t-tifkira tat-twelid tiegħu tfakkarna kif aħna msejħin biex inħobbu lill-Missier u lil xulxin, fuq kollox.

## 4. Ir-Raba' Hadd tal-Avvent

### i. Qari 1 (Mik 5,2-5)

Din il-profezija timlieni b'tama sħiħa u tqawwili l-fidi. Fl-esperjenza tal-ħajja Nisranija hija element tanġibbli fil-misteru tas-salvazzjoni li jagħtini aktar saħħa sabiex nemmen li Kristu hu Iben Alla l-ħaj!

Għażilt li nirrifletti fuq tliet verbi li jolqtuni f'dan iż-żmien partikulari ta' ħajjti. Ħassejtni minnufih imħawda mill-verb **'jitlaqhom'**! Possibbli Alla seta' jerħihom għal rajhom għax is-salvazzjoni kienet għadha ma waslitx? Il-Mulej jista' xi darba jitlaqni? Jitlaqni sabiex iħallini fil-libertà? Jista' jkun li l-Mulej jitlaqni biex jippruvani? Kif jista' jitlaqha lil dik li waslet biex teħles? Iva, kien hemm mumenti fejn għamilt din l-esperjenza. Ħassejtu jitlaqni meta kont wasalt sabiex inwelled l-idea tiegħi. U propju għax kienet l-idea ***tiegħi*** u allura ċ-ċentru ta' ħajti, din ma kinitx dak li Hu xtaq għalija. Hu seta' biss isalvani meta jien ħallejtu jgħammar fiċ-ċentru ta' ħajti u jerġa' jieħu postu. Meta ma lestejtlux dan l-ispazju, jien bqajt inħossni abbandunata u konsegwenza ta' hekk issuppervjajt – ma lqajthiex is-salvazzjoni u t-tama. Għażilt li nibqa' mgħaffġa fil-ħama. Il-verb 'jitlaqhom' inissilli wkoll fija sens ta' stennija: 'sa ma teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas'. Kemm sar diffiċli għalija żmien l-istennija – mid-dlam għad-dawl! Tlift il-paċenzja miegħU. Nixtiequ jimxi bil-pass tiegħi sabiex nara x'hemm imħejji għalija. Nixtieq immexxih jien minflok ma nagħtiH ir-riedni ta' ħajti.

Għaddejt mbagħad għall-verb li jserraħni, **'joqgħod jirgħa'**. Nimmaginah imellisni bl-għasluġ tiegħu u jien nitpaxxa nħares lejH. Minnufih qalbi tibda tgħanni Salm 23,2-3: 'ħdejn l-ilma fejn nistrieħ jeħodni; hemm hu irejjaqni'. U nħossni nintilef fl-imħabba ta' dan ir-Ragħaj twajjeb – ix-xempju tat-totalità tal-imħabba. Hu jippersevera anke meta lili jidħolli d-dubju; ifittixni bil-ħlewwa sa ma nerġa' ningħaqad mal-merħla!

It-tielet verb għar-riflessjoni huwa **'u jgħammru fiż-żgur'**. Nirrifletti fuq l-ambivalenza/l-kunflitt interjuri dwar is-sens ta' sigurtà *versus* in-nuqqas ta' din sigurtà li nesperjenza fil-fidi Nisranija. Nemminha din iċ-ċertezza rivelata jew qed inħalli d-dubju jċajparha? Id-dubji ser jibqgħu jgħammru miegħi sakemm indum ngħammar fuq din l-art. Nista' biss nagħmel din l-esperjenza li ngħammar 'fiż-żgur' kemm-il darba jien nagħżel li ngħaddi ħin miegħu ta' kuljum. Hija biss din ir-relazzjoni ħajja li terġa' ddawwalli 'l qalbi meta d-dubju jidħol; meta l-esperjenzi tal-ħajja jaqtgħuli qalbi u nħossu telaqni; meta nsibha diffiċli nagħmel l-esperjenza tal-imħabba tiegħU.

### ii. Qari 2 (Lhd 10,5-10)

Il-liġi antika tal-patt il-qadim kienet biss dell tar-realtà tas-salvazzjoni. Is-sagrifiċċji tal-annimali ma setgħu qatt iġibu s-salvazzjoni sħiħa għall-bnedmin. Kien Kristu li seta' jagħmel dan. Ġesù ġie fostna, sar bniedem bħalna. Volontarjament huwa offra lilu nnifsu, ġismu, l-umanità tiegħu għalina. Hu minħabba din l-offerta volontarja li aħna ksibna s-salvazzjoni sħiħa. Din l-offerta ġabet fil-milja tagħha l-liġi l-qadima. Ġesù offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet tagħna, ħajtu stess. Dan is-sagrifiċċju sar darba għal dejjem. B'dan il-mod għamilna perfetti, ta salvazzjoni sħiħa lil dawk li jħalluh jiltaqa' magħhom, jidħol f'ħajjithom. Tana l-maħfra sħiħa, definittiva. Ma hemmx għalfejn issir offerta oħra bi tpattija għad-dnub. Il-liġi antika ġiet superata b'liġi miktuba fil-moħħ u l-qalb tal-bniedem.

Għamel, Mulej, li f'ħajjitna nfittxu dejjem li nwettqu r-rieda tal-Missier. Dan kien l-uniku għan tal-ħajja tiegħek. Għamel ukoll li nagħrfu li inti rbaħt il-qawwa tal-ħażen li tifridna minn Alla u sirt dak il-punt li jeħodna lura għand Alla meta naqgħu fid-dnub.

### iii. Vanġelu (Lq 1,39-48)

Il-Vanġelu ta' dan il-Ħadd joffrilna ikona ta' laqgħa ta' ferħ, akkoljenza u mħabba. Jiffoka fuq il-laqgħa ta' bejn Marija u Eliżabetta u l-esperjenza profonda li jagħmlu it-tnejn li huma tal-preżenza ta' Alla fil-ħajja tagħhom.

Fil-bidu nsibu lil Marija li tqum u titlaq tħaffef lejn belt fil-Lhudija. Marija li tilqa' l-Kelma li ngħatat lilha mill-anġlu u tagħrafha, tgħarbilha u essenzjalment tgħixha. Marija, li Luqa jirrappreżenta bħala mudell tal-komunità Nisranija, mudell tal-ħajja Nisranija. Din l-esperjenza iġġagħlna nirriflettu fuq kif nilqgħu, nixtarru u ngħixu fil-profond il-Kelma ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum. Kelma li għandha tqanqalna sabiex inqumu u nħaffu, sabiex nilqgħu lill-oħrajn madwarna, speċjalment dawk emarġinati, foqra, fit-tbatija; ngħixu ir-rikkezzi tal-esperjenzi, kemm ta' ferħ u kemm tat-tbatija, tal-laqgħat li nagħmlu kuljum.

Min-naħa l-oħra, Eliżabetta li titqanqal u tifraħ meta tisma' t-tislima ta' Marija, meta tagħraf il-preżenza ta' Alla fil-persuna ta' Marija. L-għajta li tgħajjat Eliżabetta hija mimlija ferħ u mħabba, imma anke tifħir lil Alla. Eliżabetta mqanqla mill-Ispirtu is-Santu tagħraf il-qawwa tal-kelma ta' Alla u l-kobor tiegħu, kemm fil-ħajja tagħha u kemm f'Marija.

Dawn iż-żewg nisa jgħinuna nirriflettu fuq ir-relazzjoni tagħna mal-Kelma ta' Alla, fuq jekk inħalluhiex tinbet, tikber u taġixxi ġewwa fina, fuq kif taffettwa r-relazzjonijiet, l-aġir, l-attitudnijiet tagħna lejn il-ħajja u dawk madwarna, b'mod speċjali meta ma nifhmux dak li jrid jgħidilna jew inkella jkun diffiċli għalina naċċettawha.

# 6. MEDITAZZJONIJIET FUQ L-ANTIFONI 'O' TAL-AVVENT

## Sorijiet Klarissi ta' Dar Nazaret

Ħadd ma jaf eżattament meta oriġinaw dawn l-antifoni hekk imsejħa 'O' li jinqraw jew jitkantaw mis-17 sat-23 ta' Diċembru, bħala antifoni ta' qabel il-*Magnificat* fil-Liturġija tas-Sigħat waqt il-Vespri. Però jingħad li ilhom aktar minn elf sena jintużaw għall-Uffiċċju Divin. Minn wara l-Konċilju Vatikan II dawn l-antifoni ġew addattati wkoll bħala versetti li jinqraw qabel l-Evanġelju. Kull antifona tibda b'titlu bibbliku u tagħlaq b'talba ta' petizzjoni, waqt li tinvoka l-miġja tal-Messija. Permezz ta' dawn l-antifoni tant sbieħ, aktar ma l-aħħar ġimgħa tal-Avvent tqrob lejn iċ-ċentru tagħha, din aktar iżżid fl-intensità. Kull antifona tista' tkun ukoll talba ta' kuljum bħala preparazzjoni xierqa għall-miġja tal-Messija.

Bil-Latin l-antifoni jinqraw hekk – ***S**apientia, **A**donai, **R**adix, **C**lavis, **O**riens, **R**ex, **E**mmanuel*. Jekk tieħu l-ewwel ittra ta' kull kelma u tibda mill-aħħar, b'Emmanuel, tifforma l-kelma bil-latin '**ero cras**' li tfisser: '*Jien niġi għada'*. Għal darb'oħra l-bniedem jitlob u Alla jwieġeb.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 17 ta' Diċembru | - | O Għerf minn fomm Alla l-Għoli | - | ***S**apientia* |
| 18 ta' Diċembru | - | O Sid u Mexxej tad-Dar ta' Israel | - | ***A**donai* |
| 19 ta' Diċembru | - | O Għerq ta' Ġesse | - | ***R**adix* |
| 20 ta' Diċembru | - | O Muftieħ ta' David | - | ***C**lavis* |
| 21 ta' Diċembru | - | O Xemx tielgħa | - | ***O**riens* |
| 22 ta' Diċembru | - | O Sultan tal-ġnus | - | ***R**ex* |
| 23 a' Diċembru | - | O Għimmanu-El, Alla magħna | - | ***E**mmanuel* |

## 1. 17 ta' Diċembru - *O Sapientia*

**Liturġija tas-Sigħat**
***O Għerf, li ħriġt minn fomm Alla l-Għoli, li tifrex il-qawwa tiegħek minn tarf għall-ieħor tal-art u tqassam kollox sewwa, ejja għallimna triq il-għaqal.***

**Versett qabel l-Evanġelju**
***O Għerf tal-Għoli li tqassam kollox bil-qawwa u l-ħlewwa, ejja għallimna triq il-għaqal.***

*Għerf 8:1*: "Jinfirex minn tarf sa tarf tal-art bil-qawwa, u jmexxi kollox bil-ħlewwa."

*Isaija 11:2-3:* "Fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej, l-ispirtu tal-għerf u dehen, l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa, l-ispirtu tal-għerf u l-biża' tal-Mulej, l-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej. Ma jiġġudikax skont ma jidher fl-għajnejn u ma jagħtix sentenza skont ma jisma'..."

*Isaija 28:29:* "Dan kollu ġej mingħand il-Mulej tal-eżerċti; u hekk juri l-għaġeb ta' għaqlu, u l-kobor ta' għerfu".

*San Ġwann 1:1-5:* "Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla, u l-Verb kien Alla. Hu kien fil-bidu ma' Alla. Kollox bih sar u xejn ma' sar mingħajru, kull ma' sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin. Id-dawl jiddi fid-dlam imma d-dlam ma' għelbux".

Dan l-għerf li sa minn dejjem kien fi ħdan il-Missier, meta waslet il-milja taż-żminijiet deher fostna bħala bniedem. San Pawl jgħid: "Alla, fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu". (Lhud 1:1). Origene jgħid li l-aqwa mument tal-Għerf t'Alla deher fl-Inkarnazzjoni, jiġifieri fit-twelid ta' Ġesu' Bambin. Fl-aħħar ta' żmienna meta ġedded kollox fih, l-Għerf ta' Alla deher u ġie f'nofsna b'mod li bih aħna stajna narawh u nersqu lejh. Deher fostna bħala bniedem. Jekk Alla l-Missier bagħat fostna lil ibnu, l-Għerf li sar bniedem, kien hemm bżonn ukoll li meta l-Għerf t'Alla jitkellem, jifhmuh il-bnedmin. Għalhekk huwa tkellem u fisser lilu nnifsu. Fid-dawl ta' dan l-Għerf divin, kull bniedem isib dik il-kapaċità li jaħdem u jimxi fi triq il-għaqal. Ikun għalih biżżejjed li jżomm ħarstu u qalbu fuq dak li huwa l-Għerf ta' Alla.

## 2. 18 ta' Diċembru - *O Adonai*

**Liturġija tas-Sigħat**
***O Sid u Mexxej tad-dar ta' Israel, li dhert lil Mosè f'ħuġġieġa nar qalb l-għollieq u tajtu l-liġi fuq is-Sinaj, ejja ifdina bil-qawwa ta' driegħek.***

**Versett qabel l-Evanġelju**
***O Mexxej tad-dar ta' Israel li tajt il-liġi 'l Mosè fuq is-Sinaj, ejja ifdina bil-qawwa ta' driegħek.***

*Eżodu 3:2: "*Hawn deherlu l-anġlu tal-Mulej f'ħuġġieġa nar qalb l-għollieq. Mosè ħares u ra l-għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm".

*Isaija 33:22*: "Għax il-Mulej hu l-imħallef tagħna; il-Mulej il-leġislatur tagħna. Il-Mulej is-sultan tagħna, hu li jsalvana".

*Isaija 63:11-12*: "U ftakru f'jiem l-imgħoddi: Mosè l-qaddej tiegħu. Fejn hu dak li ħeles mill-baħar, ir-ragħaj tal-poplu tiegħu? Fejn hu dak li qiegħed f'nofshom, l-ispirtu qaddis tiegħu? Hu kien li jimxi fuq il-leminija ta' Mosè bid-driegħ imsebbaħ tiegħu? Li feraq il-baħar quddiemhom biex jagħmel għalih isem li jibqa' għal dejjem?"

*Mik 6:4:* "Għax jien tellajtek mill-art tal-Eġittu, fdejtek minn dar il-jasar; jien bgħatt quddiemek 'il Mosè, lil Aron u 'l Mirjam".

*Atti 7:30-31: "*Meta kienu għaddew erbgħin sena, kif darba kien fid-deżert tal-muntanja Sinaj, deherlu anġlu f'ħuġġieġa nar qalb l-għollieq. Mosè stagħġeb b'din id-dehra li kellu; imma kif resaq qrib biex jara sewwa, sama' leħen il-Mulej jgħidlu ..." .

Il-fidwa li ġabilna l-Mexxej tad-dar ta' Israel tisboq kull fidwa oħra. Dan għaliex il-vittma u l-qassis li joffriha huma l-istess wieħed – Ġesù Kristu, il-Bniedem-Alla. Waqt li fit-Testment il-Qadim il-qassisin kienu jaħarqu l-bhejjem lil Alla u jroxxu demmhom fuq in-nies, fil-każ tas-sagrifiċċju tal-Kalvarju issa huwa Ġesù stess, il-Qassis il-Kbir, li joffri lilu nnifsu. Din il-qawwa tal-fidwa twettqet meta dan il-Mexxej – Ġesù, xerred demmu kollu. San Pawl jgħid: "Lilu Alla kkostitwieh vittma ta' espjazzjoni b'demmu permezz tal-fidi biex b'hekk Alla issa juri l-gustizzja tiegħu". (Rum 3:23). "Id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nifsu vittma safja lil Alla, jista' jnaddaf il-kuxjenza tagħkom mill-għemil mejjet biex taqdu lil Alla ħaj". (Lhud 9:14). L-istedina li hemm fl-antifona dwar il-fidwa, dan il-Mexxej komplieha sal-aħħar billi xerred demmu kollu b'fidwa għall-kotra. U l-ewwel sinjal ta' din il-fidwa deher fit-twelid ta' Ġesù Bambin.

## 3. 19 ta' Diċembru - *O Radix Jesse*



**Liturġija tas-Sigħat**
***O Għerq ta' Ġesse, li waqaft bħala sinjal għall-popli, int li quddiemek is-slaten jagħlqu ħalqhom u l-ġnus ifittxuk, ejja biex teħlisna u la tiddawwarx.***

**Versett qabel l-Evanġelju**
***O Għerq ta' Ġesse, li waqaft bħala sinjal għall-popli, ejja biex teħlisna u la tiddawwarx.***

*Isaija 11:1, 10:* "Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu ...".

*Isaija 52:15:* "Hekk għad jistagħġbu ħafna ġnus minħabba fih. Quddiemu s-slaten jagħlqu ħalqhom, għax għad jaraw ġrajja li qatt ma ssemmiet, u jifhmu dak li qatt ma semgħu bih".

*Rumani 15:12:* "U jerġa' jgħid ukoll Isaija: 'U joħroġ għerq minn Ġesse, iqum biex jaħkem il-ġnus; u fih il-ġnus iqiegħdu t-tama tagħhom'".

F'din it-tielet antifona, waqt li tuża l-kliem tal-profeta Isaija (11:1), il-Knisja ssejjaħ lil Ġesù 'għerq ta' Ġesse'. L-għerq hija dik il-parti tal-pjanta li għandha parti importanti ħafna għaliex jekk toqtol l-għeruq allura qed toqtol il-pjanta kollha bil-frott tagħha. Barra minn hekk, għall-profeta Isaija, l-għerq ifisser bidu ta' razza ġdida, familja indipendenti mill-oħrajn. Imma fis-sens aktar wiesgħa, l-antifona tirreferi għall-futur, għal meta kellu jiġi l-Messija, il-Kristu, li skont Xmun (Lq 2:34) kellu jġib miegħu l-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel. Huwa San Pawl li l-aktar li jurina kemm Ġesù, dan l-għerq ta' Ġesse, ġie aċċettat u mwassal lill-pagani meta, fil-Konċilju ta' Ġerusalem, jgħid " ... mhux ta' min idejjaqhom lill-pagani li jikkonvertu lejn Alla" (Atti 15:19).

## 4. 20 ta' Diċembru - *O Clavis David*

**Liturġija tas-Sigħat**

***O Muftieħ ta' David, Xettru tad-dar ta' Israel, li tiftaħ u ħadd ma jagħlaq, tagħlaq u ħadd ma jiftaħ, ejja ħa toħroġ mill-ħabs lill-ilsir li qiegħed fid-dlam u d-dell tal-mewt.***

**Versett qabel l-Evanġelju**

***O Muftieħ ta' David li tiftaħ bibien is-Saltna ta' dejjem, ejja ħa toħroġ lill-bniedem mill-jasar u d-dlam tal-ħabs.***

*Apok 3:7:* "U lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Filadelfja iktiblu hekk: 'Dan jgħidlek il-Qaddis, il-Veru li għandu l-muftieħ ta' David, li jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, jagħlaq u ħadd ma jiftaħ...'".

*Isaija 22:2:* "Inqiegħed muftieħ dar David fuq spallejh. Jiftaħ hu, u ħadd ma jagħlaq; jagħlaq hu, u ħadd ma jiftaħ".

*San Mattew 4:16:* "Il-poplu li qiegħed fid-dlam ra dawl kbir, dawk li kienu f'art u dell il-mewt idda dawl għalihom".

*San Mattew 16:19:* "Jien nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-sema, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet".

*San Luqa 1:79:* "... u jdawwal lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, u jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem".

Fil-kuntest ta' din l-antifona, il-profeta Isaija qiegħed jgħid liema kellha tkun il-ħidma tal-Messija li kellu jiftaħ il-bibien tas-saltna biex jidħlu fiha l-bnedmin, dawk li jiddeċiedi hu biss u waħdu. Din is-saltna hija unika u m'hawnx bħalha għax hija eterna. Kien dan li wiegħed l-anġlu Gabrijel lil Marija meta ħabbrilha: "Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David Missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu" (Lq 1:32-22). Il-kliem metaforiku 'muftieħ ta' David' u 'xettru tad-dar ta' Israel' ma jirreferi għal ħadd aktar jekk mhux għal Ġesù li, bit-twelid tiegħu flimkien mal-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu, ħeles lill-ilsiera mill-ħabs u d-dlam tal-mewt u fetħilhom beraħ it-triq kollha biex il-bniedem jimxiha u jasal fid-destinazzjoni li għaliha ġie maħluq.

## 5. 21 ta' Diċembru - *O Oriens*

**Liturġija tas-Sigħat**

***O Xemx tiegħla, dija tad-dawl ta' dejjem u xemx tal-ġustizzja, ejja u dawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.***

**Versett qabel l-Evanġelju**

***O Xemx tielgħa, dija tad-dawl ta' dejjem u xemx tal-ġustizzja, ejja u dawwal 'il dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.***

*Isaija 9:1*"Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir; in-nies li joqogħdu f'art id-dlam dawl idda fuqhom".

*Isaija 58:8: "*Imbagħad ifiġġ bħaż-żerniq id-dawl tiegħek, u malajr tagħlaqlek il-ġerħa tiegħek. Quddiemek timxi l-ġustizzja tiegħek, u l-glorja tal-Mulej timxi warajk".

*Isaija 60:18-20:* "Ma tinstemax aktar dnewwa f'artek, u ħerba u qerda fi trufijietek; swarek jissejħu: 'ħelsien', u bwiebek: 'Foħrija'. Ma ddawlekx aktar ix-xemx binhar, u lanqas jiddi għalik il-qamar billejl, għax il-Mulej ikunlek dawl għal dejjem u Alla tiegħek ikun sebħek. Ma tinżilx aktar ix-xemx għalik u lanqas jgħib il-qamar, għax il-Mulej ikun id-dawl tiegħek għal dejjem u jintemmu l-jiem tal-vistu tiegħek".

*San Luqa 1:78-79:* "... mogħtija mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, li mill-għoli jiġi jżurna bħax-xemx tiegħla; u jdawwal lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, u jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem".

*San Ġwann 8:12*: "Mill-ġdid Ġesù qabad ikellimhom u jgħidilhom: 'Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja'".

*Apok 22:16:* "Jien, Ġesù, bgħatt l-anġlu tiegħi ħalli jixhdilkom dawn il-ħwejjeġ dwar il-knejjes. Jiena r-Rimja tal-familja ta' David, il-Kewkba tiddi ta' filgħodu".

Simbolu qawwi ieħor mogħti lill-Verb Etern fit-twelid tiegħu fostna huwa dak tax-xemx tielgħa, l-oġġett li jagħti d-dawl, is-sħana u l-ħajja. Il-profeti kienu diġà kitbu dwar il-Messija li kellu jkun dawl kbir u qawwi. Malakija jgħid: "Għalikom li tibżgħu minn ismi, titla' x-xemx tal-ġustizzja bir-raġġi tagħha li jagħtu s-saħħa (3:20), waqt li Isaija jkompli: "Il-ġnus għad jimxu fid-dawl tiegħek u s-slaten fid-dija ta' sebħek" (60:3). F'Betlehem l-anġlu mar sab lir-rgħajja: "U dehrilhom anġlu tal-Mulej, il-glorja (dawl) tal-Mulej iddiet madwarhom u qabadhom biża' kbir" (lq 2:9). L-istess nistgħu ngħidu dwar il-Maġi, għax il-kewkba li dehritilhom għandha x'taqsam ukoll mad-dawl (Mt 2:2). Din l-istedina li nsibu fl-antifona biex ix-Xemx tielgħa ddawwal, kienet ukoll ix-xewqa ta' Żakkarija meta qal: "Ħa jdawwal 'il dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt" (Lq 1:79). L-istedina li jagħmel il-profeta Isaija nistgħu ngħidu li tgħodd għalina wkoll meta jgħid: "Ejja dar Ġakobb ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej" (2:5). Illum din id-dar hija l-bnedmin tad-dinja kollha waqt li d-dawl huwa dak tal-Evanġelju li ħabbrilna Ġesù. Dan id-dawl ta' Kristu tiela' għandna nħalluh jirrifletti fuqna biex idawwalna u jibdilna fl-immaġini tal-glorja tiegħu.

## 6. 22 ta' Diċembru - *O Rex Gentium*

**Liturġija tas-Sigħat**

***O Sultan tal-Ġnus, mistenni minnhom, int li sirt il-ġebla tax-xewka, u minn tnejn għamilt poplu wieħed, ejja u salva l-bniedem li int għamilt mit-trab***

**Versett qabel l-Evanġelju**

***O Sultan tal-Ġnus, ġebla tax-xewka tal-Knisja, ejja u salva l-bniedem li int għamilt mit-trab.***

*Isaija 2:4; 11:10:* "Il-Mulej jagħmel il-ħaqq bejn il-ġnus, u jaqta' s-sentenza bejn ħafna popli; u huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor, u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed".
"Imbagħad jiġri f'dak il-jum li l-għerq ta' Ġesse jieqaf bħala sinjal għall-popli. Lilu jfittxu l-ġnus, u l-għamara tiegħu tkun imsebbħa".

*Salm 47:8:* "Għax Alla s-sultan tal-art kollha: għannulu bis-sengħa għanja sabiħa".

*Ġeremija 10:7*"Min ma jibżax minnek, Sultan tal-ġnus? Hekk jisthoqqlok; għax fost l-għorrief kollha tal-ġnus, u f'saltniethom kollha, m'hemm ħadd bħalek".

*Danjel 7:14:* "U tawh ħakma, ġieħ, u saltna, biex lilu jaqdi kull ġens, u poplu, u lsien. Ħakmietu ħakma għal dejjem li ma tgħaddix, u saltnatu li ma tinqeridx".

*Rumani 15:12:* "U jerġa' jgħid ukoll Isaija: 'U joħroġ għerq minn Ġesse; iqum biex jaħkem il-ġnus, u fih il-ġnus iqiegħdu t-tama tagħhom' ".

*Efesin 2:14, 20:* "Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna – il-mibegħda ta' bejnietna - u ħassar bis-sagrificċju ta' ġismu".
"... mibnija lkoll fuq is-sisien tal-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka".

Permezz ta' din l-antifona, il-Knisja tistieden popli minn madwar id-dinja kollha biex jiġu u jagħtu qima lil dan is-Sultan tal-Ġnus. Din l-antifona twarrab darba għal dejjem dak il-ħajt li kien jifred il-poplu Lhudi minn mal-bqija tal-ġnus. San Pawl jgħid: "Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna u ħassar, bis-sagrificċju ta' ġismu, il-liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha" (Ef 2:14). Il-profeta Malakija kien diġà ħabbar ukoll din il-verità meta qal: "Għax jien Sultan kbir, jgħid il-Mulej tal-eżerċti, u ismi hu ta' min jibża' minnu fost il-ġnus" (1:14b). L-antifona tkompli billi ssejjaħ 'il dan is-sultan 'ġebla tax-xewka'. Hawn huwa San Pietru li din id-darba jeżortana biex nersqu lejn il-Mulej Ġesù għaliex: "Hu dik il-ġebla tax-xewka li kienet imwarrba mill-bennejja imma magħżula minn Alla bħala ġebla għażiża" (1Pt 2). Il-Missjoni ta' dan Ġesù, li huwa s-sultan tal-ġnus u li sar il-ġebla tax-xewka,hija missjoni universali ta' salvazzjoni u m'għandha bla ebda konfini.

## 7. 23 ta' Diċembru - *O Emmanuel*

**Liturġija tas-Sigħat**

***O Għimmanu-El, sultan u leġislatur tagħna, ix-xewqa tal-ġnus u s-salvatur tagħhom, ejja u salvana, Mulej, Alla tagħna.***

**Versett qabel l-Evanġelju**

***O Għimmanu-El, sultan tagħna li tajtna liġi, ejja u salvana, Mulej, Alla tagħna.***

*Isaija 7:14:* "Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess: Araw ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el".

*San Mattew 1:23:* "Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El".

Dan il-mistenni mill-ġnus issa qiegħed wara l-bieb. Issa li għandna l-Għimmanu-el, is-sinjali u s-simboli, għamlu wisa' għar-rejaltà. Alla huwa magħna fil-persuna ta' Ġesù. Għalhekk Ġesù jgħid: "Min ra lili ra lill-Missier" (Ġw 14:9). San Ġwann jenfasizzah dan meta beda l-Evanġelju tiegħu bil-kliem: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna u aħna rajna l-glorja tiegħu" (1:14). San Bernard abbati għidilna: "Alla l-Missier bagħtilna f'din l-art bħal sorra mimlija bit-tjieba tiegħu biex din is-sorra tiċċarrat fil-passjoni u minnha joħroġ dak li hemm moħbi fiha, il-prezz tal-fidwa tagħna. Is-sorra kienet żgħira imma kienet mimlija għax fih tgħammar il-milja tad-divinità. It-twelid tas-Salvatur tagħna ma tista tqabblu ma ebda twelid ieħor għax huwa uniku u tal-għaġeb. Il-Verb ta' Alla sar bniedem u ħa l-isem ta' Għimmanu-el biex meta jitkellem aħna l-bnedmin nifhmuh. Huwa tkellem u fisser lilu nnifsu, biex id-dinja tista' tarah u ssalva.

*Il-ħsibijiet ta' wara kull antifona huma meħuda mill-ktieb tant sabiħ "Ġej Biex Isalvana" ta' Mons. Lawrenz Sciberras (2011).*

# It-Tielet Taqsima: Għajnuna għall-omelija

# 7. SKEMI TA' OMELIJI GĦALL-ĦDUD TAL-AVVENT

**Mons Carmelo Mercieca**

## 1. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

***"Ishru"***

Illum bdejna sena ġdida. Għax is-sena tal-Knisja tibda bl-ewwel Ħadd tal-Avvent. Donnha tidher xi ftit stramba, hux?

Għadna kemm bdejna s-sena l-ġdida. U diġà l-Knisja tfakkarna fl-Aħħar Jum. Għaliex? It-tweġiba hija ċara. Min jibda xi ħaġa…jimmira u jħares lejn it-tmiem.
Eżempji:

1. L-istudent li jibda l-iskola… iħares lejn l-aħħar jum meta jkollu l-eżamijiet.
2. Il-bidwi li jibda jiżra'… ihares lejn l-aħħar, jum il-ħsad.
3. Il-vjaġġatur li ser jibda l-vjaġ, biex jipprogramma l-vjaġġ tiegħu… ikun jaf fejn hi l-aħħar destinazzjoni tiegħu.

L-istess in-Nisrani. In-Nisrani biex jipprogramma ħajtu sew, ma jridx iħares biss lejn il-preżent iżda jrid iħares lejn it-tmiem ta' ħajtu.

Għalhekk l-ewwel Vanġelu ta' din is-Sena l-Ġdida jkellimna fuq l-AĦĦAR STAZZJON – l-AĦĦAR JUM. Għalhekk l-Avvent għandu żewg skopijiet:

A. Nitħejjew għall-ewwel Miġja ta' Kristu li sseħħ fil-Milied, u
B. Nitħejjew għall-aħħar miġja ta' Ġesù fl-aħħar tad-dinja. Kristu stess jgħidilna kif għandna nħejju ruħna:
    a. Ishru
    b. Itolbu.

Xi tfisser tishar? Tfisser… tibqa' mqajjem… tistenna lil xi ħadd ġej… ma tongħosx… tibqa' b'għajnejk miftuħa. Fil-ħajja ta' kuljum għandna ħafna eżempji ta' nies li "jishru":

- Tishar il-mara tistenna lil żewġha ġej mix-xift bil-lejl.
- Tishar l-omm ħdejn it-tarbija li tqumilha bil-lejl.
- Jishar l-infermier/a ħdejn is-sodda tal-marid gravi.
- Jishru l-familjari meta xi ħadd minn nieshom iħossu ħażin bil-lejl.

U tant u tant eżempji oħra.

Xi rridu nagħmlu biex nibqgħu mqajmin? Biex nibqgħu nishru, Kristu għamlilna tliet twissijiet:

1. "Oqogħdu għassa tagħkom infuskom
2. "li ma tmorrux tħallu qlubkom jitqalu b'ikel u xorb żejjed
3. "jew b'ħafna thassib għall-ħtiġijiet tal-ħajja."

Eżempju: Soren Kierkegard, li kien filosofu u teologu li kien jgħix fid-Danimarka 150 sena ilu, jiddeskrivi lill-bniedem materjalista li ħsiebu biss x'se jiekol, x'se jixrob u x'se jilbes u jiddeverti. U jgħid hekk: "Il-bniedem materjalist qisu qiegħed fuq *cruise liner*. Moħħu biss biex jixxala. Ma jimpurtahx x'inhu jgħid il-Kaptan fuq il-*microphone* dwar x'rotta qed jieħu l-vapur. Jimpurtah biss dak li jgħid il-kok 'x'ħa nieklu llum'."

Fl-Avvent ejjew nieħdu aktar ħsieb tar-ruħ.

Itolbu: Iż-żmien tal-Avvent huwa żmien adattat għal: aktar talb, aktar smigħ tal-Kelma t'Alla u aktar riflessjoni. Isimgħu din il-grajja vera.

Ħurnata waħda f'Diċembru wieħed żagħżugħ jismu Gary Schneider flimkien ma' żewġt iħbieb tiegħu iddeċidew li jitilgħu fuq muntanja jisimha Mount Hood, għolja 9000 pied 'il fuq mill-art. Suppost għal erbat ijiem. X'ġara? Meta laħqu l-quċċata, għamlet tempest qalila ta' silġ u riħ. Dritt fandu speċi ta' għar gewwa l-borra u tgeddsu t-tlieta kif setgħu ġo *sleeping bags*. L-ikel beda jonqos. Kellhom jagħmlu r-razzjon, jieklu xi ħaġa żgħira kemm ma jmutux. Dawl xejn. L-uniku konsolazzjoni li kellhom kienet li wieħed minnhom kellu bibbja ċkejkna. Ġurnata wara l-oħra… jistennew… u jerġgħu jistennew li tasal l-għajnuna. Jisbaħ u jidlam għal 16-il ġurnata sħaħ. Kif ma qatgħux qalbhom? Wieħed wara l-ieħor, x'ħin imisshom, bdew jaqraw il-Bibbja b'leħen għoli. Tmien sigħat kuljum jaqraw il-Bibbja. Dan kien l-"oxygen" spiritwali li żammhom jittamaw. Il-qari tal-Bibbja u t-talb tas-Salmi imliehom bit-tama f'Alla. Wara 16-il ġurnata wasal "rescue team" u ġew salvawhom. Huma ammettew illi "kieku ma kienx it-talb, kieku konna naqtgħu qalbna u mmutu."

San Pawl stieden lin-nies tat-Tessalonika "biex ikollhom qdusija… u jogħġbu lil Alla f'kollox." U kompla San Pawl: "Inħeġġiġkom fil-Mulej Ġesù biex tagħmlu xi ħaġa iżjed." F'dan l-Avvent nistgħu nagħmlu xi ħaġa "extra". F'din is-Sena tal-Fidi ejjew nagħmlu xi ħaġa iżjed mis-soltu.

- *Iżjed quddies ta' kuljum*
- *Iżjed qari tal-Bibbja/Vanġelu*
- *Iżjed attendenza fil-gruppi tat-talb*
- *Iżjed adorazzjoni lil Ġesù Sagramentat*
- *Iżjed apostolat mal-oħrajn biex nittrażmettu l-fidi lil oħrajn.*

Don Tonino Bello, Isqof ta' Molfetta li miet b'fama ta' qdusija, għandu dan is-suġġeriment għall-Avvent: il-Liturgija tal-Avvent tuża l-kelma "ishru". Ifisser li nibqgħu imqajmin u nqajmu lil oħrajn. Mhux biżżejjed li tqum int. Trid tqajjem ukoll lil oħrajn. Qajmu lin-nies mill-bruda spiritwali. Qajmuhom min-ngħas u mill-indifferenza. Qajmu lill-ġirien tagħkom. Ħossuh dan id-dmir missjunarju.

## 2. It-Tieni Ħadd tal-Avvent

***"Ħejju t-Triq għall-Mulej"***

Il-kliem li qalilna l-Profeta Baruk huwa stedina għat-tama. Baruk jistieden lil Ġerusalemm u lilna biex:

- Innehhu l-ilbies ta' viżtu u niket
- Nilbsu l-ilbies tal-qdusija.

Għaliex? Għax il-Mulej ġej. Jinsab fi triqtu lejna. Mela aħna rridu noħorġu nilqgħuh.
Għalhekk l-appell ta' San Ġwann bil-kliem ta' Isaija huwa nħejjulu t-triq… niftħu triq fid-deżert ta' din id-dinja biex nilqgħuh.

Għalhekk żewġ punti:

- Xi triq hi li rridu nħejjulu lill-Mulej li ġej?
- Kif ser inħejjulu din it-triq?
- Xi triq hi li rridu nħejju?

Fl-ewwel lezzjoni l-Profeta Baruk isemmi l-medda tad-deżert minn Babilonja għall-Ġerusalemm… distanza ta' aktar minn 1000 kilometru. It-triq li jridna nirranġaw San Ġwann mhix twila daqshekk. Hija ferm iqsar: MINN MOĦĦI SA QALBI. Kif tkejjel issib li xibrejn jew tlieta. Imma din it-triq li rridu nirranġaw hija ferm itqal biex tirranġaha. Trid kuraġġ u ċaħda. F'moħħi u f'qalbi:

- Kemm hemm xtur x'tiddritta!
- Kemm għandi difetti x'inqaċċat!
- Kemm għandi tgħawwiġ x'niddritta!
- Kemm għandi tfixkil x'inwarrab!
- Kemm għandi ħofor x'nimla!

Il-messaġġ ta' San Ġwann hu sempliċi: "IKKONVERTU"… Biddlu moħħkom u qalbkom. It-tajjeb u l-ħażin hemm qiegħed: f'moħħkom u f'qalbkom. Iżda l-messaġġ ta' San Ġwann hu wieħed radikali – tibdila mill-qiegħ. Irridu naraw x'hemm x'inbiddlu f'moħħna u f'qalbna… x'vizzji hemm x'inqaċċtu u x'virtujiet hemm x'innisslu. Irridu naraw x'dieħel f'moħħna u x'ħiereġ minn qalbna. Irridu naraw x'tgħawwiġ u xi żbalji deħlin f'moħħna u x'vizzji u x'ħażen ħerġin minn qalbna.

Kif ser inħejjulu din it-triq? Kif ser niftħulu t-triq fid-deżert tad-dinja tal-lum? Kif ser nagħmlulu spazju f'moħħna u f'qalbna lill-Mulej li ġej biex igibilna s-salvazzjoni?

L-erba' kundizzjonijiet ta' San Ġwann:

1. **"KULL WIEĦED JIMTELA"**

Nimlew il-vojt: il-vojt tat-talb, il-vojt tal-imħabba, il-vojt tal-ħeġġa, il-vojt tal-opri tajba, il-vojt tal-qdusija tal-indifferenza, il-vojt tal-fidi f'Alla, bruda u telqa. Meta nimlew dan il-vojt… inżidu fit-talb, fil-ġabra, fil-prattika tar-reliġjon… u fit-twettiq ta' opri tajba.

2. **"KULL MUNTANJA U GĦOLJA TITBAXXA"**

Fl-ewwel waħda, naraw x'għandna nieqes biex inżiduh. Issa naraw x'għandna żejjed biex inqaċċtuh. Għalhekk inneħħu ż-żejjed…iż-żejjed suppervja, iż-żejjed pika, iż-żejjed għira, iż-żejjed egoiżmu, iż-żejjed ħela u kapriċċi, iż-żejjed ġlied u vjolenza, iż-żejjed materjaliżmu u frugħat u

għażż, iż-żejjed tilwim bejnietna. Għandna n-nieqes f'dak li hu essenzjali u mbagħad għandna iż-żejjed f'dak li hu inutli.

### 3. "IL-MOGĦDIJIET MGĦAWĠA JIDDRITTAW"

Hemm wisq tgħawwiġ fir-relazzjonijiet tagħna ma' Alla (tgħawwiġ fl-idejat żbaljati tagħna, il-moralità, dwar il-familja, dwar iż-żwieġ). Għandna wisq tgħawwiġ fir-relazzjoni tagħna mal-proxxmu: tgħawwiġ fi kliemna (wiċċ b'ieħor, kliem laxk) u tgħawwiġ f'għemilna (falsità, ipokrisija, qerq, serq). Għandna wisq tgħawwiġ fir-relazzjoni tagħna magħna nfusna (idejat żbaljati dwar il-moralità).

### 4. "U T-TRIQAT IMĦARBTA JITWITTEW"

Ħajjitna mħarbta? (mis-seba' vizzji: suppervja, xeħħa, korla, żina, ikel u zorb żejjed, għira u għażż). Il-familja tagħna mħarbta (mill-firda, mill-egoiżmu, mill-vjolenza domestika, mit-tradimenti). Il-Mulej gej. Inħejjulu qalbna.

**Riferenzi:**

Bħala introduzzjoni għall-Vanġelu tal-lum, Mons Vincenzo Paglia jagħmel din l-osservazzjoni. Il-bniedem modern jinsab imdawwar miċ-ċiviltà tal-ħsejjes, tal-pubbliċità, tal-kaos. Qed jgħix qisu f'luna park kbira: mehdi f'dak li hu fieragħ, transitorju u aċċidentali. Għall-kuntrarju, il-messaġġ ta' San Ġwann jimmira direttament għal dak li hu essenzjali – il-konverżjoni personali.

**B'idejn vojta.**

Il-magħruf Dr Raoul Follereau, magħruf bhala l-Appostlu tal-Lebbrużi għall-ħidma tiegħu fosthom, jirrakkonta: "Darba kelli ħolma. Raġel pulit pulit tfaċċa quddiem il-Mulej fil-bieb tal-Ġenna. Ir-ragel qallu: 'Mulej, jien osservajt il-Liġi tiegħek bir-reqqa. Qatt ma għamilt xejn ħażin. Ħares lejn idejja, kemm huma nodfa.' Il-Mulej irrisponda: 'Veru, idejk nodfa… imma vojta'."

Follereau: Irridu nidhru quddiem Alla b'idejna mimlija bl-opri tajba.

## 3. It-Tielet Ħadd tal-Avvent

***"Ifirħu"***

**Stedina għall-Ferħ**

Dan il-Ħadd nistgħu nsejħulu Ħadd il-Ferħ. Il-Qari u s-Salm Responsorjali huma sensiela ta' stediniet biex nifirħu.

Fl-Ewwel Qari l-Profeta Sofonija jħeġġeġ lill-Ġerusalemm u lilna bi kliem "ta' festa": "Għajjat bil-ferħ ta' qalbek... Infexx fil-hena u ifraħ b'qalbek kollha... Tibżax Sijon, tħallix idejk jintelqu."

Is-Salm Responsorjali jkompli jidwi bl-istess nota ta' ferħ. U mhux nifirħu biss iżda ngħannu u naqbżu bil-ferħ: "Għannu lill-Mulej sejħu ismu. Xandru lil ismu għax hu fil-għoli. Aqbeż bil-ferħ... Għanni."

U San Pawl fl-Ittra li għadna kemm smajna lin-nies ta' Filippi u lilna għal darba tnejn iħeġġiġna biex nifirħu: "Ifirħu dejjem fil-Mulej, Nerġa ngħidilkom ifirħu."

Għaliex din l-insistenza kollha biex nifirħu? Bilfors li ser tiġri xi ħaġa kbira, mhix tas-soltu. Għalhekk nirriflettu fuq żewġ punti –

I Għaliex għandna għax nifirħu?

II Biex il-ferħ tagħna jkun sħiħ, x'għandna nagħmlu?

**L-ewwel mistoqsija: Għaliex għandna biex nifirħu?**

Mela x'ġara? X'inqala' daqshekk sabiħ li jġegħelna nifirħu u naqbżu bil-ferħ? It-tweġiba hi waħda: IL-MULEJ WASAL. IL-MULEJ FIL-QRIB. Hekk iħeġġiġna l-Profeta Sofonija: "Is-Sultan ta' Israel, il-Mulej hu f'nofsok. Il-Mulej Alla tiegħek qiegħed f'nofsok". Il-Milied qiegħed fil-qrib... Il-Mulej ġej fostna. Noħorġu nilqgħuh b'għajjat ta' ferħ.

Is-Salm Responsorjali wkoll fih innu ta' ferħ u jgħidilna din l-insistenza kollha biex nifirħu. Għaliex? "Għax Alla hu s-salvazzjoni tagħna. Hu l-qawwa u l-għana tagħna." Mela dan Alla li ġej biex iżur il-pjaneta (id-dinja) tagħna, mhux ġej b'idejh vojta. Il-preżenza ta' Alla ser timla d-dinja bil-barka u ser iġibilna grazzja fuq grazzja.

Alla tagħna hu ALLA TAL-FERĦ. Il-kittieb Ernest Hello jiddeskrivi l-ferħ hekk: "Il-ferħ hu fwieħa ta' Alla msawba fil-qalb." Bħalma warda minnha nfisha titfa' l-fwieħa fl-arja, hekk il-preżenza t'Alla titfa' l-fwieħa tal-ferħ fil-qlub tal-bnedmin kollha."

San Pawl fl-Ittra lill-Filippin li għadna kemm smajna, mhux biss isemmi n-nota tal-ferħ imma jfaqqa' innu sħiħ fuq il-ferħ u x'għandu jfisser dan il-ferħ: "Ifirħu dejjem fil-Mulej, nerġa' ngħidilkom ifirħu." "Ifirħu dejjem." Imma San Pawl iżid kelma: "Ifirħu dejjem <u>fil-Mulej</u>." Mela ferħ qaddis. "Nerġa' ngħidilkom, ifirħu." U San Pawl jagħtina r-raġuni għala Nifirħu: "Il-Mulej qorob."

"Il-Mulej qorob" ifisser kollox: ifisser li m'aħniex weħidna, Alla qrib tagħna, Alla jħobbna, spalla ma' spalla magħna. Dan jimliena bil-fiduċja. U biex dan il-ferħ spiritwali jkun ġenwin, ma jridx ikun ferħ vojt, ferħ skont id-dinja, imma jrid ikun akkumpanjat minn żewġ virtujiet:

1. Mill-ħlewwa – mill-ġentilezza: Biex nasal għand Alla rrid ngħaddi mill-proxxmu. Biex nilqa' lil Alla u nkun sew miegħu, l-ewwel irrid inkun 'sew' mal-proxxmu.
2. Mit-Talb: Il-veru ferħ irid ikun akkumpanjat mit-talb. "Itolbu u uru lil Alla x'għandkom bżonn. U jkollkom is-sliem f'qalbkom u f'moħħkom."

- **Kelma tal-Papa Benedittu XVI**

Dan hu l-ispirtu li bih għandna nitħejjew għall-miġja tal-Mulej fostna: nerfgħu għajnejna u ninżlu baxx għarkubtejna: "Raise the Eyes" and "Bend the knees". (Angelus 27 Nov 2005)

**It-tieni mistoqsija: X'għandna nagħmlu?**

Biex dan il-ferħ tagħna ma jkunx duħħan biss li jtir mar-riħ, x'se nagħmlu biex nitħejjew u nilqgħu lil Alla li ġej fostna?

It-tweġiba tinsab fil-Vanġelu u jagħtihielna San Ġwann. San Ġwann jagħmel ix-xogħol ta' katekist prim li jħejji t-triq għall-miġja tal-Iben t'Alla fostna. U ħabbar il-katekeżi tiegħu f'żewġ kelmiet sempliċi: (1) Karità u (2) ġustizzja.

**a. Karità:**

Lin-nies li ġew jistaqsuh "X'għandna nagħmlu", San Ġwann weġibhom: "Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min m'għandu xejn u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess." Riċetta sempliċi: trid tifraħ… Ferraħ. Trid il-ferħ f'qalbek… Agħti dan il-ferħ lill-oħrajn.

**b. Ġustizzja**

Ġew il-pubblikani magħrufin għas-serq u r-regħba u ġew is-suldati mħallsin għas-servizz li jagħtu lill-Erodi. U x'qalilhom? Ma qalilhomx: "Oħorġu minn suldati, jew biddlu x-xogħol." Le. Agħmlu l-istess xogħol imma b'mod differenti. Kulħadd jibqa' f'postu, fix-xogħol tiegħu. Imma – u din l-imma importanti – wettqu b'manjiera differenti. Kif? Bil-ġustizzja u bir-rispett lejn id-dinjità ta' kull persuna. U għalhekk qalilhom: "Taħqru 'l ħadd… Tisirqu 'l ħadd…" San Ġwann, li ġie biex iħejji t-triq ħalli niltaqgħu mal-Mulej li ġej, uriena li rridu ngħaddu mit-triq tal-KARITÀ u tal-ĠUSTIZZJA mal-proxxmu. M'hemmx triq oħra. Biex nagħraf lil Kristu li ġej, irrid nagħrfu fil-proxxmu tiegħi.

## 4. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent



***Il-Messija wasal... ejjew nilqgħuh***

Jumejn oħra l-Milied. Ninsabu fl-eqqel tal-preparamenti għall-Milied. *Shopping*... tiżjin... xiri ta' rigali... *decorations*... tħejjijiet għall-ikla tal-Milied... *Christmas cards*... Kulħadd imħabbat... Kulħadd jipprepara biex niċċelebraw...

Imma jeżisti riskju.
Don Alessandro Pronzato jirrakkonta illi "fl-Italja, kien hemm familja li kienu ilhom jistennew tarbija. Meta waslet riedu jiċċelebraw bil-kbir... inviti, mistednin, tiżjin, *party* kbir... Kulħadd jiċċelebra, jixrob u jiekol. Suppost kienu qed jiċċelebraw ad unur tat-tarbija li waslet. Imma fil-fatt lit-tarbija kien nsewha. L-omm u l-missier riedu jilqgħu lill-mistednin. Il-mistednin ħsiebhom fl-ikel u x-xorb. U t-tarbija? It-tarbija kienet fil-*pram*. Imma xi mistednin, mingħajr l-inqas ħsieb tefgħu il-kowtijiet fuq il-pram. Wieħed fuq l-ieħor... U t-tarbija... kienet qed tifga. B'xorti tajba riedet tkun l-intwizzjoni tal-omm biex indunat. Dritt għall-ITU. U b'xorti tajba ġiet salvata! Il-Festa kienet ser tispiċċa fi tragedja."

Dan ukoll huwa r-riskju tal-Milied tagħna. Tant aħna distratti fuq elf ħaġa biex niċċelebraw bil-kbir... li qed ninsew l-aħjar ħaġa!

LIL MIN QED NIĊĊELEBRAW? LIL MIN QED NIFFESTEĠĠJAW? Milied ismu miegħu: ifisser TWELID. Twelid ta' MIN?

Il-Liturġija ta' dan il-Ħadd, issa li l-Milied jinsab tant qrib, twieġeb għal żewġ mistoqsijiet:

1. MIN HU L-MESSIJA LI SER JITWIELED FIL-MILIED?
2. KIF GĦANDNA NILQGĦUH?

### 1. Min hu l-messija li ser jitwieled fil-Milied?

Mitt sena ilu, ħadd ma kien jaf li ser nitwieled jien jew int. L-ebda tarbija ma kienet qatt imħabbra mitt sena qabel twieldet. Ħlief tarbija waħda: Tarbija speċjali... Ġesù Bin Alla. Alla bagħat jgħidilna mijiet ta' snin qabel bagħat lil Ibnu - permezz tal-Profeti. U l-Profeti, fosthom Iżaija, Sofonija... ħabbrulna minn mijiet ta' snin qabel:

- fejn, minn min, x'ser tkun il-missjoni ta' Dan il-Mibgħut minn Alla;
- li ser jitwieled minn Omm Xebba;
- li ser ikun il-qaddej ta' Jaħwe u ser ibati ħafna...

Illum fl-ewwel Qari smajna x'qalilna wieħed minn dawn il-Profeti – Mikea (li kien jgħix fis-seklu 8 qabel Kristu). U Mikea ħabbrilna:

- il-post fejn ser jitwieled il-Messija: f'Bethlehem, post imwarrab;
- u x'ser ikun dan il-Messija: Ragħaj li jirgħa "l-merħla tiegħu" u Sultan mhux li jiddomina jew jaħkem iżda li jġib il-paċi u s-sliem.

San Pawl jurina min hu l-Messija. Fit-Tieni Lezzjoni San Pawl ikompli jagħtina dawl fuq il-Messija. Il-Messija huwa VITTMA u SALVATUR. Kristu huwa l-vittma waħdanija li ġie fid-dinja biex iwettaq ir-rieda tal-Missier. Għalhekk issa ntemmu s-sagrifiċċji tal-offerti tal-annimali bħala tpattija għad-dnubiet li kienu jsiru fl-Antik Testment. Issa mal-Miġja tal-Messija, Kristu salvana bl-offerta tiegħu

nnifsu. Kristu hu s-Salvatur għax ġie jsalvana minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu mxerred għalina.

Mela s'issa rajna min hu l-Messija: RAGĦAJ, SULTANA, VITTMA, SALVATUR (Feddej).

## 2. Kif għandna nilqgħuh lill-Messija?

Min jista' jgħallimna kif nilqgħu it-Twelid tal-Messija aħjar minn Ommu Marija? Għalhekk dan il-Ħadd huwa riservat għal Marija. Hi, aktar minn kulħadd, kapaċi tgħallimna b'liema dispożizzjoni u b'liema spirtu għandna nistennew u nilqgħu lill-Messija li wasal biex jitwieled.

Marija kif ħejjiet ruħha għat-twelid ta' Binha fl-ewwel Milied ġewwa Bethlehem? Qalitu Eliżabbetta fil-Vanġelu tal-lum: "Hienja dik li emmnet". Dak li jispikka f'Marija hija l-FIDI.

- FIDI li tgħid Iva lil Alla;
- FIDI li lesta tagħmel ir-rieda t'Alla: "Ikun minni skont kelmtek";
- FIDI li tagħmel spazju lil Alla, f'moħħha u f'qalbha;
- FIDI li tilqgħu fi ħdanha;
- FIDI li tesprimi ruħha f'tifħir lil Alla għall-għeġubijiet li għamel magħha: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej";
- FIDI li tissarraf f'karità lejn il-proxxmu u qadi lil Eliżabbetta fil-ħtiġijiet tagħha. Mhix ċajta biex tmur taqdiha... għamlet vjaġġ ta' 150 kilometru minn Nazaret għal Għajn Karim.

Il-Milied ta' Marija kien Milied ta' fidi. Kif se jkun il-Milied tagħna f'din is-sena tal-fidi? Milied bħal tas-soltu? Milied kummerċjali? Milied konsumista (rigali u ikliet)? Milied folkloristiku? Jew Milied ta' fidi? Milied awtentiku, ġenwin, spiritwali?

- Nemmnu f'Ġesù kif emmnet Marija?
- Nistennewh kif stennietu hi?
- Nilqgħuh f'qalbna kif laqgħetu hi?
- Nafdawh kif fdatu hi?
- Inwassluh għand l-oħrajn kif wasslitu hi?
- Nilmħuh fil-proxxmu tagħna, speċjalment f'min hu waħdu, marid, anzjan?

F'din is-sena tal-Fidi, irid ikun Milied ta' Fidi. Fidi f'Ġesù Kristu, l-uniku Salvatur tagħna.

# 8. OMELIJI TAL-LEJL TAL-MILIED TAL-PAPA BENEDITTU XVI għas-snin 2005, 2006, 2007

**Miġjubin għall-Malti minn Dun Geoffrey G Attard**

## 1. 2005: IT-TARBIJA ĠESÙ JĠIB IMĦABBA U SLIEM

**L-Iben ta' Alla**

'Sidi l-Mulej qalli: Inti ibni; illum jien nissiltek'. B'dawn il-kelmiet tat-tieni Salm, il-Knisja tibda l-Quddiesa tal-Vġili tal-Milied, li matulha niċċelebraw it-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu r-Redentur tagħna fi stalla f'Betlehem. Dan is-salm kien darba parti mir-rit tal-inkurunazzjoni tas-slaten ta' Ġuda. Il-Poplu ta' Iżrael, in virtu tal-għażla tiegħu, kien jikkunsidra lilu nnifsu bħala l-iben ta' Alla, adottat minn Alla. Hekk kif ir-re kien il-personifikazzjoni tal-poplu tiegħu, l-inkurunazzjoni tiegħu kienet esperjenzata bħala att solenni ta' adozzjoni minn Alla fejn is-Sultan kien jidħol fil-qalba tal-misteru ta' Alla. Fil-lejl qaddis ta' Betlehem, dawn il-kelmiet, li kienu espressjoni ta' tama qawwija, kisbu tifsira ġdida. It-tfajjel imqiegħed f'maxtura huwa tassew l-Iben ta' Alla. Alla m'huwiex solitudni eterna imma ċirku ta' mħabba u għotja. Huwa Missier, Iben u Spirtu s-Santu.

Imma hemm aktar minn hekk ; f'Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla, Alla nnifsu, Alla minn Alla, isir bniedem. Lilu l-Missier jgħid: 'Inti ibni'. L-illum dejjiemi ta' Alla niżel fostna fid-dinja storbjuża tagħna u għolla dan il-jum momentanju tal-bniedem billi refgħu fl-illum etern ta' Alla. Alla hu kbir li jista' jsir ċkejken. Alla huwa hekk setgħan li jista' jagħmel lilu nnifsu vulnerabbli u jiġi għandna bħala tfajjel bla difiża, sabiex inkunu nistgħu nħobbuh. Alla hu hekk tajjeb li jista' jwarrab fil-ġenb l-isplendur divin tiegħu u jinżel sa fi stalla sabiex aħna nkunu nistgħu nsibuh u sabiex it-tjieba tiegħu tmiss lilna u taħdem fina. Din hija t-tifsira tal-Milied 'Inti ibni, illum jiena nissiltek'. Alla sar wieħed minna, sabiex aħna nkunu nistgħu ngħixu miegħu u nsiru bħalu. Bħala sinjal, hu għażel li jsir tifel f'maxtura. Dan hu l-mod ta' kif sirna nafuh. U fuq kull tarbija jiddi dak l-isplendur tal-'lum', jiġifieri tal-qrubija ta' Alla li aħna rridu nħobbu u li lilu rridu ningħataw – dan id-dawl jiddi fuq kull tarbija, mqar fuq dawk li għadhom ma tweldux.

**Id-dawl ta' Alla**

Ħalli nisimgħu it-tieni frażi mil-liturġija tal-lejl qaddis, dik meħuda mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija: 'Il-poplu li kien miexi fid-dlam, ra dawl kbir' (Iż 9: 1). Il-kelma 'dawl' tħaddan il-liturġija kollha ta' dan il-lejl qaddis. Insibuha mill-ġdid fis-silta meħuda mill-ittra ta' San Pawl lil Titu: 'Il-grazzja ta' Alla dehret' (Titu 2: 11). L-espressjoni 'dehret' fil-Grieg oriġinali tgħid l-istess ħaġa li nsibu fl-Ebrajk fil-kelmiet 'idda d-dawl'. Din id-'dehra', din l-epifanija, hija l-effett tad-dawl ta' Alla fuq dinja mimlija dlam u problemi mhux solvuti. L-Evanġelju mbagħad jirrakkonta li l-glorja tal-Mulej dehret lir-ragħajja u 'iddiet madwarhom' (Lq 2: 9). Kull fejn tidher il-glorja ta' Alla, id-dawl jinfirex mad-dinja kollha. San Ġwann jgħidilna: 'Alla hu dawl u fih ma hemm ebda dlam' (1 Ġw 1: 5). Id-dawl huwa l-għajn tal-ħajja.

**Dawl, imħabba u ħajja**

L-ewwelnett, dawl ifisser għarfien; ifisser verità, f'kuntrast mad-dlam tal-gideb u l-injoranza. Id-dawl jagħtina l-ħajja, jurina t-triq. Imma d-dawl, bħala għajn ta' sħana, ifisser ukoll imħabba. Fejn hemm l-imħabba, id-dawl jiddi fid-dinja: fejn hemm il-mibegħda, id-dinja tibqa' fid-dlam. Fl-istalla ta' Betlehem, deher dawl kbir, id-dawl li d-dinja kienet qed tistenna. F'dik it-tarbija li kien hemm

fl-istalla, Alla wera l-glorja tiegħu – il-glorja tal-imħabba, li tagħti lilha nfisha kollha kemm hi, li titneżża' mill-ġmiel u l-kobor tagħha basta tiggwidana lejn l-imħabba. Id-dawl ta' Betlehem qatt ma nqered. F'kull żmien, dan id-dawl imiss il-bnedmin 'u jiddi madwarhom'. Kull fejn in-nies poġġiet il-fidi tagħha f'dik it-tarbija, il-karità wkoll kibret – karità, imħabba lejn l-oħrajn, interess u kura lejn id-dgħafjin u s-sofferenti, il-grazzja tal-maħfra. Minn Betlehem, dehret xmara ta' dawl, imħabba u verità li tinfirex matul is-sekli kollha. Jekk inħarsu lejn il-qaddisin – minn Pawlu u Wistin għal Franġisku u Duminku, minn Franġisku Saverju għal Tereża ta' Avila u Madre Tereża ta' Calcutta – aħna naraw dilluvju sħiħ ta' tjieba, naraw din il-mogħdija ta' dawl li kull fejn tkun iġġedded il-misteru ta' Betlehem, dak Alla li jsir tarbija. F'dik it-tarbija, Alla jissielet il-vjolenza ta' din id-dinja bit-tjubija tiegħu. isejħilna sabiex nimxu wara Kristu.

**Id-dawl fina**

Il-misteru veru tal-Milied huwa d-dawl ġewwieni li joħroġ minn din it-tarbija. Jalla dan id-dawl ġewwieni jinfirex madwarna u jidħol ġewwa fina. Jalla dan id-dawl iqajjem fi qlubna il-fjamma tat-tjieba ta' Alla; jalla aħna lkoll, bl-imħabba tagħna, innisslu d-dawl fid-dinja! Ejjew nippruvaw inżommu din il-fjamma tal-fidi ħajja kontra l-irjieħ kiesħa ta' żminijietna! Ejjew nieħdu ħsiebha u ngħadduha lill-oħrajn. F'dan il-lejl, meta nħarsu lejn Betlehem, ejjew nitolbu għal ħutna l-bnedmin li jgħixu jbatu hemmhekk. Irridu nitolbu għall-paċi fl-Art Imqaddsa: Mulej, ħares fuq din ir-roqgħa art tad-dinja, Art twelidek, li tant hija għażiża għalik. Ħa jiddi d-dawl tiegħek fuqha! Ħa tesperjenza l-paċi!

**'Dawk li Alla jħobb'**

Il-kelma 'paċi' twassalna għat-tielet riflessjoni tal-liturġija ta' dan il-lejl qaddis. It-tfajjel imħabbar minn Iżaija huwa msejjaħ 'Prinċep tal-Paċi'. Is-saltna tiegħu hija waħda ta' 'sliem bla tmiem'. Ir-rgħajja fil-Vanġelu jisimgħu l-ġrajjiet hienja: 'Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet' u 'paċi fl-art'. Darba konna ngħidu 'lil bnedmin ta' rieda tajba'. Illum ngħidu 'lil dawk li Alla jħobb'. Xi tfisser din il-bidla? Ir-rieda tajba jaqaw m'għadhiex importanti? Forsi aħjar nistaqsu: min huma dawk li Alla jħobb? U għalfejn iħobbhom? Alla għandu l-favoriti? Iħobb biss ċerti persuni, waqt li jabbanduna oħrajn? Il-Vanġelu jwieġeb dawn il-mistoqsijiet billi jippunta lejn xi persuni partikulari li Alla jħobb. Dawn huma individwi bħal Marija, Ġużeppi, Żakkarija, Xmun u Anna. Imma hemm ukoll żewġ gruppi ta' nies: ir-ragħajja u s-Slaten Maġi.

**Nistennew u nishru**

Ejjew inħarsu lejn ir-ragħajja. X'tip ta' nies kien hemm? Fid-dinja ta' żmienhom, ir-ragħajja kienu meqjusin nies bla mportanza. Lanqas kienu jgħajtulhom biex ikunu xhieda fil-qrati. Imma fil-verità min kienu? Ma kinux xi qaddisin kbar jekk bi qdusija nifhmu 'nies ta' virtù erojkù. Kienu erwieħ sempliċi. Il-Vanġelu jitfa' dawl fuq aspett wieħed li Ġesù jagħtih importanza f'ħajtu: kienu 'jishrù. Dan kien tassew minnu għalkemm b'mod superfiċjali. Huma kienu jishru fuq il-merħliet tagħhom bil-lejl. Imma dan kien minnu fuq livell aktar profond: huma kienu lesti biex jirċievu l-Kelma t'Alla permezz tat-tħabbira tal-anġlu. Il-ħajja tagħhom ma kinitx tagħlaqhom; imma kienet tiftaħ il-qlub tagħhom beraħ. B'xi mod, fil-qalba nett tal-persuna tagħhom, huma kienu qed jistennew xi ħaġa: kienu qed jistennew lil Alla. Is-sahra tagħhom kienet tip ta' tlestija - tlestija għas-smigħ. Kienu qed jistennew għal dawl li kellu jurihom it-triq. Dan hu dak li hu mportanti għal Alla. Hu jħobb lil kulħadd, għax kulħadd huwa ħolqien tiegħu. imma xi persuni għalqu qalbhom; ma hemm ebda bieb li minnu tista' tgħaddi l-imħabba. Persuni oħra li minn perspettiva morali, huma inqas midinba, tal-inqas jesperjenzaw ċertu rimors. Qed jistennew lil Alla. Huma jirrealizzaw li jeħtieġu t-tjieba tiegħu, anke jekk ma għandhom ebda idea ċara ta' xi jfisser dan. Fil-qlub tagħhom mimlija stennija, jidħol id-dawl ta' Alla. Alla jfittex persuni li jistgħu jkunu għodda u ħabbara tal-paċi

tiegħu. Ejjew nitolbu sabiex ma jsibx il-qlub tagħna magħluqa. Ejjew nitħabtu sabiex inkunu xandara attivi tal-paċi tiegħu - fid-dinja tal-lum.

**Il-paċi ta' Kristu**

Fost l-Insara, il-kelma 'paċi' ħadet tifsira partikulari: saret kelma li tfisser 'komunjoni fl-Ewkaristija'. Huwa hawnhekk li tinsab preżenti l-paċi ta' Kristu. Fil-postijiet fejn l-Ewkaristija hija ċċelebrata, tinstab xibka kbira ta' paċi li tinfirex madwar id-dinja kollha. Il-komunitajiet miġbura madwar l-Ewkaristija jiffurmaw saltna ta' paċi wiesa' daqs id-dinja nfisha. Meta niċċelebraw l-Ewkaristija, insibu ruħna f'Betlehem, fid-'dar tal-ħobż'. Kristu jagħti lilu nnifsu lilna u b'dan il-mod jagħtina l-paċi. Jagħtiha lilna sabiex insiru nies tal-paċi u bennejja tas-sliem fid-dinja. U għalhekk nitolbu: Mulej, wettaq il-wegħda tiegħek! Fejn hemm il-kunflitt, agħti wisa' għall-paċi! Fejn hemm il-mibegħda, ħalli l-imħabba tinfirex! Fejn isaltan id-dlam, ħalli d-dawl jiddi! Agħmilna ħabbara tas-sliem tiegħek. Ammen.

## 2. 2006: Sinjali u simboliżmi tan-Nativitá

**Is-sinjal huwa tarbija**

Fil-Vanġelu l-messaġġ mogħti mill-anġli lir-ragħajja matul il-lejl qaddis, huwa l-messaġġ li l-Knisja tipproklama lilna fil-lejl qaddis tal-Milied: 'Illum fil-belt ta' David tweldilkom Salvatur li huwa Kristu l-Mulej. U dan ikun għalikom sinjal: issibu tarbija mimduda u mfisqija f'maxtura' (Lq 2: 11-12). Xejn mirakuluż, xejn straordinarju, xejn ta' ġmiel spettakulari ma jingħata lir-ragħajja bħala sinjal. Kull ma jaraw huwa tifel imfisqi fil-ħrieqi, tifel, li bħal ħafna oħrajn, għandu bżonn il-kura ta' omm; tfajjel imwieled fi stalla, imma li jinsab mhux f'benniena imma f'maxtura. Is-sinjal ta' Alla hu t-tarbija fi bżonn tal-għajnuna u li tinsab fil-faqar. Huwa biss fil-qlub tagħhom li r-ragħajja jistgħu jaraw il-wegħda tal-profeta Iżaija sseħħ u li smajniha fl-ewwel qari: 'Tweldilna tifel, ingħatalha iben; u t-tmexxija tkun fuq spallejh' (Iż 9: 5). L-istess sinjal ingħata lilna. Aħna mistiedna mill-anġlu ta' Alla, permezz tal-messaġġ tal-Vanġelu, sabiex nibdew il-vjaġġ spiritwali fil-qalb tagħna sabiex naraw it-tarbija mimduda f'maxtura.

**Alla jitlob minna biss l-imħabba**

Is-sinjal ta' Alla huwa sempliċità. Is-sinjal ta' Alla huwa t-tarbija. Is-sinjal ta' Alla huwa dak li jagħmel lilu nnifsu ċkejken għalina. Dan hu l-mod ta' kif isaltan. Hu ma jiġix bis-setgħa u l-isplendur li jidher. Hu jiġi bħala tarbija – bla difiża u fil-ħtieġa tal-għajnuna. Ma jridx jaħsadna bil-qawwa tiegħu. hu jneħħi minna l-biża' tal-kobor tiegħu. ifittex l-imħabba tagħna: għalhekk jagħmel lilu nnifsu tarbija. Ma jrid xejn aktar minna għajr imħabbitna, li permezz tagħha aħna nitgħallmu nidħlu fil-ħsibijiet tiegħu, fir-rieda tiegħu – nitgħallmu ngħixu miegħu u nipprattikaw miegħu dik l-umilta' tar-rinunzja, taċ-ċaħda li tappartjeni lill-essenza tal-imħabba. Alla għamel lilu nnifsu ċkejken sabiex nifhmuh, inħaddnuh u nħobbuh.

**Hu sar tifel għat-tfal kollha**

Il-Missirijiet tal-Knisja, fit-traduzzjoni tagħhom Griega tat-Testment il-Ġdid sabu silta mill-profeta Iżaija li Pawlu wkoll jikkwota sabiex juri kif il-modi ġodda ta' Alla diġa jinsabu mħabbra fit-Testment il-Qadim. Hemm naqraw: 'Alla għamel il-Kelma tiegħu qasira' (Iż 10: 23; Rum 9: 28). Il-Missirijiet interpretaw dan b'żewġ modi. L-Iben innifsu huwa l-Kelma, il-*Logos*; il-Kelma eterna saret ċkejkna sabiex il-Kelma tkun tista' tiffittja fil-maxtura. Hu sar tifel, sabiex il-Kelma tkun tista' tingħata lilna. B'dan il-mod Alla jgħallimna inħobbu liċ-ċkejknin. B'dan il-mod ukoll nitgħallmu nħobbu liż-żgħir u lid-dgħajjef. It-tfajjel ta' Betlehem jiddirieġi l-ħarsa tagħna lejn it-tfal li jbatu u li huma abbużati fid-dinja, dawk li huma mwielda u dawk li m'humiex. It-tfajjel Ġesù jiddirieġina lejn it-tfal li jinsab jbatu, it-tfal li qed jintużaw bħala suldati, it-tfal li huma mċaħħda minn dak li hu bażiku, it-tfal li m'għandhomx għaxja ta' lejla. F'dawn kollu rridu naraw lit-tfajjel ta' Betlehem li qed jibki u jgħajtilna; dan Alla li sar ċkejken qed jappella għalina wkoll. Ejjew nitolbu matul dan il-lejl sabiex id-dija tal-imħabba ta' Alla tidher fit-tfal kollha. Nitolbu lil Alla jgħinna sabiex nagħmlu l-parti tagħna ħalli ngħaddu mill-esperjenza tad-dawl tal-imħabba li l-umanità għandha tant bżonn aktar mill-istess ħtiġijiet materjali tal-ħajja.

**Il-Kelma ssir sempliċi**

Niġu issa għat-tieni tifsira li l-Padri lemħu fil-frażi: 'Alla għamel il-Kelma tiegħu ċkejkna'. Il-Kelma li Alla jitkellem magħna fl-Iskrittura saret twila mal-mixja tas-sekli. Saret twila u kumplessa mhux biss għal min hu sempliċi u bla skola imma wkoll għal dawk li jafu sewwa l-Iskrittura, għall-esperti li evidentement sabu ruħhom wiċċ imbwiċċ mad-dettalji u l-problemi partikulari tal-Bibbja li forsi kultant ukoll waslu biex tilfu l-perspettiva ġenerali. Ġesù bħal 'qassar' il-Kelma – hu uriena għal darba oħra s-sempliċità u l-unità profonda tagħha. Kull ma kien mgħallem mil-Liġi u l-Profeti jinsab miġbur fil-qosor fil-amar: 'Ħobb il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok

kollu." Dan hu l-akbar u l-ewwel kmandament. U t-tieni jixbhu: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.'' (Mt 22: 37-40). Dan huwa kollox. Il-fidi kollha tinsab miġbura f'din l-azzjoni waħdanija ta' mħabba li tħaddan lil Alla u l-umanità. Imma issa jitfaċċaw quddiemna mistoqsijiet oħra: kif għandna nħobbu lil Alla f'moħħna meta l-intellet tagħna bil-kemm jista' jlaħħaq miegħu? Kif sa inħibbuh b'qalba kollha u b'ruħna kollha, meta qalbna tista' biss taħkem lemħa tiegħu mill-bogħod, u meta hemm daqstant kontradizzjonijiet fid-dinja li jistgħu jaħbu lil wiċċu minna?

**Doni tal-Milied**

Dan hu l-post fejn iż-żewġ toroq li Alla 'qassar' il-Kelma tiegħu jaslu jiltaqgħu. Issa m'għadux aktar fil-bogħod. M'għadux mhux magħruf. M'għadux lil hinn mill-ħakma tal-qalb tagħna. Hu sar tifel għalina u b'hekk keċċa u neħħa kull dubju. Hu sar il-ġar tagħna, u rrestawra b'dan il-mod ix-xbieha tal-bniedem li aħna ħafna drabi nsibuha diffiċli li nħobbu. Għalina Alla sar don. Hu ta lilu nnifsu lilna. Daħal fiż-żmien minħabba fina. Hu li hu l-Etern, il fuq miż-żmien, hu assuma ż-żmien tagħna u għollieh 'il fuq. Il-Milied sar il-Festi tad-doni f'imitazzjoni ta' Alla li ta lilu nnifsu lilna. Ejjew inħallu lil qalbna, lil ruħna, u l-moħħ tagħna jintmess minn dan il-fatt! Fost il-ħafna rigali li nixtru u nirċievu, ejjew ma ninsewx id-don tassew: li nagħtu lil xulxin xi ħaġa minna nfusna. Jeħtieġ li noffru ftit mill-ħin tagħna, li niftħu u noffru ż-żmien tagħna lil Alla. B'dan il-mod, l-ansjeta' tisparixxi, jitwieled il-ferħ u jinħoloq is-sens ta' festa. Matul l-ikliet festivi ta' dawn il-jiem, ejjew niftakru l-kelmiet tal-Mulej: "Meta tagħti ikla jew pranzu, tistedinx lil ħbiebek jew lil ħutek jew lil qrabatek, u anqas ġirien għonja, għax għandhom mnejn imbagħad jistiednu lilek huma, u hekk iroddulek il-pjaċir li tkun għamiltilhom. Għall-kuntrarju, meta tagħmel ikla, stieden il-foqra, il-magħtubin, iz-zopop u l-għomja u hieni int, għax dawn ma għandhomx minn fejn iroddulek pjaċir bi pjaċir, imma jroddhulek Alla meta l-ġusti jqumu għall-ħajja?"(Lq 14 : 12-14). Dan ifisser ukoll : meta tagħti rigali għall-Milied, tagħtix biss lil dawk li sa jagħtuk lura imma agħti wkoll lil dawk li ma jirċievu xejn mingħand ħadd u li ma jistgħux jagħtuk lura. Dan hu dak li għamel Alla: jistedinna għall-festa tat-tieġ, xi ħaġa li aħna ma nistgħux nirreċiprokaw, imma li nistgħu nirċievu bil-ferħ. Ejjew nimitawh! Ejjew inħobbu lil Alla u qabel xejn ejjew nibdew mill-bniedem biex hekk, kif aħna nibdew mill-bniedem naslu biex niskopru mill-ġdid lil Alla b'mod ġdid!

**Kristu jgħajjixna**

U għalhekk fl-aħħar, insibu t-tielet tifsira fil-frażi li tgħid li l-Kelma saret 'ċkejkna'. Ir-rgħajja intqalilhom li huma sa jsibu t-tfajjel f'maxtura tal-annimali li kienu l-okkupanti leġittimi tal-istalla. Huma u jaqraw lil Iżaija (1: 3), il-Padri kkonkludew li minbarra l-maxtura ta' Betlehem kien hemm ukoll gendus u ħmar. Fl-istess waqt huma interpretaw it-testi bħala simboli tal-Lhud u l-pagani – jiġifieri l-umanità kollha – li lkoll bil-mod tagħhom għandhom bżonn ta' salvatur: Alla li sar tifel. Il-bniedem, sabiex jgħix, jeħtieġ il-ħobż, il-frott tal-art u ta' ħidmietu. Imma hu ma jgħix bil-ħobż biss. Għandu biss għixien għal ruħu: jeħtieġ tifsira u sens li jimlew lil ħajtu. Għall-Padri, il-maxtura tal-annimali ssir is-simbolu tal-altar li fuqu l-Ħobż hu Kristu nnifsu: l-ikel veru għall-qlub tagħna. Għal darba oħra naraw kif hu sar ċkejken: fid-dehra umli tal-Ostja,f'biċċa ċkejkna tal-ħobż, hu jagħti lilu nnifsu. Dan kollu jingħata bis-sinjal li ntwera lir-rgħajja u li jingħata lilna wkoll: it-tifel li twieled għalina, it-tifel li fih Alla jsir ċkejken għalina.

**Talb**

Ejjew nitolbu lill-Mulej jagħtina l-grazzja li nħarsu lejn il-presepju dan il-lejl bis-sempliċità tar-rgħajja sabiex nirċievu l-ferħ li bih irritornaw lejn id-dar (Lq 2: 20). Ejjew nitolbuh jagħtina l-umilta' u l-fidi li bihom San Ġużepp ħares lejn it-tarbija li Marija martu nisslet bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Ejjew nitolbu lill-Mulej sabiex iħallina nħarsu lejh b'dik l-istess imħabba li kellha Marija. Nitolbu wkoll li b'dan il-mod id-dawl li r-rgħajja raw, jiddi wkoll fuqna u sabiex dak li l-anġli kantaw dak il-lejl jitwettaq fid-dinja kollha: 'Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba'. Ammen!

## 3. 2007: ALLA NIŻEL MIS-SEMA GĦALL-ĠID TAGĦNA



**L-umanità tistenna il-miġja ta’ Alla**

‘Ġara li, meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f’maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda’ (Lq 2 : 6). Dawn il-kelmiet imissu lil qalbna kull darba li nisimgħuhom. Dan kien il-mument li l-anġlu ħabbar f’Nażaret: ‘Int se jkollok ben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jissejjaħ Bin il-Għoli’ (Lq 1: 31). Dan kien il-mument li Iżrael kien ilu jistenna għal sekli sħaħ minkejja ħafna sigħat ta’ dlam – il-mument li l-umanità kollha ilha tistenna għal ħafna snin: meta Alla kellu jieħu ħsiebna, meta Alla kellu jwarrab il-moħba tiegħu, id-dinja kollha tkun salvata u Alla jġedded kollox. Nistgħu nimmaġinaw it-tip ta’ tħejjija interjuri, it-tip ta’ mħabba li biha Marija resqet lejn dik is-siegħa: ‘Hija fisqietu fil-ħrieqi’. Din il-frażi tgħinna nifhmu ftit mill-hena tas-sema u ż-żelu silenzjuż ta’ dik il-preparazzjoni. Il-ħrieqi kienu lesti sabiex it-tarbija tingħata merħba xierqa. Madankollu fil-lukanda ma kienx hemm post. Bl-istess mod, l-umanità qed tistenna lil Alla, tridu jersaq lejha. Imma meta jasal il-mument ma jkunx hemm post għalih. Il-bniedem huwa preokkupat bih innifsu, għandu ħtieġa urġenti tal-ispazju kollu u tal-ħin u ma fadallu xejn għall-ġirien, għall-foqra. U aktar ma l-bniedem isir għani, aktar jimla l-ispazju. U ma jifdallux post għall-oħrajn.

**Għadna spazju għal Alla?**

San Ġwann fl-Evanġelju tiegħu mar fil-qalba tar-realta’ billi ta aktar profondità lir-rakkont ta’ San Luqa dwar is-sitwazzjoni f’Betlehem: ‘Hu ġie f’daru imma niesu ma laqgħuhx’ (Ġw 1: 11). Dan jirreferi l-ewwel u qabel kollox għal Betlehem: l-Iben ta’ David jiġi f’beltu imma jkollu jitwieled fi stalla għaliex ma hemmx post għalih fil-lukanda. Imbagħad jirreferi għal Iżrael: dak li jintbagħat jiġi fost dawk li huma tiegħu imma huma ma jriduhx. U fil-verità dan jirreferi għall-umanità kollha: hu li permezz tiegħu saret id-dinja kollha, il-Ħallieq primordjali, jidħol fid-dinja imma ma jisimgħuhx, ma jilqgħuhx.

Dawn il-kelmiet jirreferu fl-aħħarnett għal kull individwu u għas-soċjeta’ kollha kemm hi. Għandna żmien għall-proxxmu tagħna li għandu bżonn kelma minn għandna, mingħandi b’mod partikulari jew inkella jinsab fil-bżonn tal-affezzjoni? Għandi ħin għal min huwa sofferenti u fil-bżonn? Għandna żmien u spazju għal Alla? Jista’ jidħol f’ħajjitna? Ser isib spazju jew kamra ġewwa fina jew inkella okkupajna l-ispazju kollha bil-ħsibijiet tagħna, bl-azzjonijiet tagħna?

**Alla jsib mod kif isejħilna**

Grazzi għall-Mulej, dan id-dettall negattiv m’huwiex l-uniku wieħed, lanqas l-aħħar wieħed li nsibu fl-Evanġelju. Bħalma f’Luqa niltaqgħu mal-imħabba maternali ta’ Marija u l-fedelta’ ta’ San Ġużepp, l-għassa tar-ragħajja u l-ferħ kbir tagħhom hekk ukoll f’Mattew insibu ż-żjara tal-għorrief slaten maġi li jiġu mill-bogħod u Ġwanni jgħidilna: ‘Lil dawk li laqgħuh huwa tahom is-setgħa li jsiru ulied Alla’ (Ġw 1: 12). Hemm dawk li jirċevuh u jibdew mill-istalla, b’dak li hu fuq barra, id-dinja l-ġdida. Il-messaġġ tal-Milied iwasallna biex nagħarfu d-dlam tad-dinja magħluqa u allura dan il-messaġġ juri realta’ li niltaqgħu magħha kuljum. Imma jgħidilna ukoll li Alla ma jippermettix li jiġi mwarrab fil-ġenb. Hu jsib spazju, anke jekk dan ifisser li jidħol fl-istalla; hemm nies li jaraw dan id-dawl u jgħadduh lill-oħrajn. Permezz tal-kelma tal-Vanġelju, l-anġlu jitkellem magħna u fil-liturġija mqaddsa id-dawl tal-Feddej jidħol f’ħajjitna. Kemm jekk aħna rgħajja u kemm jekk aħna ‘għorrief mil-lvant’ id-dawl u l-messaġġ iġiegħluna nħallu warajna ċ-ċirku dejjaq tax-xewqat u l-interessi, sabiex noħorġu niltaqgħu mal-Mulej u nagħtuh qima. Aħna nqimuh billi niftħu lid-dinja għall-verità, għat-tjieba, għal Kristu, għas-servizz ta’ dawk li huma marġinalizzati jiġifieri mwarrba fil-ġenb.

**Is-Sultan David u Kristu**

F'xi xeni tal-Milied mill-Medjuevu tardiv u fl-perijodu modern bikri, l-istalla tiġi preżentata quddiemna bħala palazz li qiegħed jaqa'. Għadu possibli li taħgraf l-ispendlur oriġinali ta' din l-istalla imma issa din saret biss fdalijiet, ġebel li qed jaqa' – fil-fatt, din hija l-kundizzjoni preżenti tal-istalla. Minkejja li din it-tagħrifa m'għandha ebda bażi storika, l-interpretazzjoni metaforika tesprimi xi ħaġa mill-verità li hija moħbija fil-misteru tal-Milied. It-tron ta' David, li kien imwiegħed li jibqa' għal dejjem, jibqa' vojt. Nies oħra qed jaħkmu fuq l-Art Imqaddsa. Ġużeppi, id-dixxendent ta' David, huwa mastrudaxxa sempliċi: il-palazz sar għamara għar-ragħajja. David innifsu beda ħajtu bħala ragħaj. Meta Samwel fettxu sabiex jidilku, kien jidher assurd, bla sens u kważi mpossibbli li daqsxejn ta' ragħaj isir il-ħabbar tal-wegħdiet ta' Iżrael. Fl-istalla ta' Betlehem, il-belt fejn beda kollox, ir-regalità Davidika bdiet b'mod ġdid – permezz ta' tifel imqiegħed fil-ħrieqi f'maxtura. It-tron il-ġdid li minnu David jiġbed il-dinja lejh innifsu hija s-Salib. It-tron il-ġdid - is-Salib – jikkorrispondi għat-twelid il-ġdid fl-istalla. Dan hu preċiżament kif il-palazz tassew Davidiku, ir-regalità vera qed tinbena. Dan il-palazz il-ġdid huwa hekk differenti minn dak li n-nies jimmaġinaw għax m'huwiex xi palazz jew xi setgħa regali ta' barra minn hawn. Huwa l-komunità ta' dawk li jippermettu li jinġbdu mill-imħabba ta' Kristu u jsiru ġisem wieħed miegħu, umanità ġdida. Is-setgħa li ġejja mis-Salib, is-setgħa tal-għoti b'xejn u bil-ferħ – din hija r-regalità tassew. L-istalla ssir palazz u Ġesù jibni komunità ġdida li l-kelma ċentrali tagħha jkantawha l-anġli fi twelidu: 'Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin li huwa jħobb' – dawk li jqiegħedu r-rieda tagħhom fih, u jsiru bnedmin ta' Alla, bnedmin ġodda, dinja ġdida.

**Kristu ġie biex ifejjaq id-dinja**

Girgor ta' Nissa, fl-omeliji tiegħu tal-Milied, jiżviluppa l-istess viżjoni billi jitlaq mill-messaġġ Miliedi fil-Vanġelu ta' Ġwanni: 'Hu għamel it-tinda tiegħu fostna (Ġw 1: 14) (Fit-traduzzjoni Maltija jintilef ftit is-sens għax insibu miktub biss *Hu għammar fostna*). Girgor japplika din is-silta dwar it-tinda għat-tinda tal-ġisem tagħna li sar dgħajjef u għajjien, epost il-ħin kollu għat-tbatija u s-sofferenza. Imbagħad japplikaha għall-univers kollu, sfigurat mid-dnub. X'kien jgħid kieku kellu jara l-istat tad-dinja llum bl-abbuz tal-enerġija u l-isfruttament egoist u bla qjies tad-dinja? Anselm ta' Canterbury, b'mod kważi profetiku, darba ddeskriva li l-futur jinsab f'riskju: 'Kollox kien jidher qisu mejjet u bla dinjità, għaliex kollox sar għas-servizz ta' dawk li jfaħħru lil Alla. L-elementi tad-dinja kienu oppressi, huma tilfu l-isplendur tagħhom minħabba fl-abbuż ta' dawk li nqdew bihom bħala ilsiera għall-idoli tagħhom' (*Patrologia Latina* 158, 955ff). Mela skont il-viżjoni ta' Girgor, l-istalla fil-messaġġ tal-Milied tirrapreżenta d-dinja li mhix trattata sew. Dak li jibni Ġesù m'huwiex xi palazz ordinarju. Hu ġie biex jirrestawra s-sbuħija u d-dinjità lill-ħolqien, lill-univers: dan hu dak li beda fil-Milied u jġiegħel lill-anġli jifirħu. Id-dinja hija mogħtija lura l-ordni tajjeb in virtù tal-fatt li hija miftuħa quddiem Alla u din takkwista d-dawl veru mill-ġdid. Dan iseħħ fl-armonija bejn ir-rieda umana u r-rieda divina, fl-għaqda bejn l-għoli u l-fond. Mela l-Milied huwa l-festa tal-ħolqien restawrat.

**Anġli u bnedmin**

Huwa f'dan il-kuntest li l-Padri jinterpretaw il-għanja tal-anġli f'dak il-lejl qaddis: huwa espressjoni ta' ferħ għall-fatt li l-għoli u l-fond, is-sema u l-art, huma mill-ġdid magħqudin flimkien; li l-bniedem huwa mill-ġdid magħqud ma' Alla. Skont il-Padri, parti mill-għanja tal-anġli fl-ewwel Milied hija l-fatt li issa l-anġli u l-bnedmin jistgħu jkantaw flimkien u hekk il-ġmiel tal-univers jidher fil-ġmiel tal-għanja ta' tifħir. L-għana liturġiku – dejjem skont is-Santi Padri – għandu fih dinjità partikulari permezz tal-fatt li dan jitkanta bil-kori ċelesti. Hija l-laqgħa ma' Ġesù Kristu li tagħmilna kapaċi nisimgħu l-għanja tal-anġli u b'hekk toħloq il-mużika reali li tintilef fil-fond meta nitilfu dan is-sens ta' solidarjeta' fil-kant u s-smigħ tagħna miegħu.

**Nistgħu nilħqu s-sema**

Fl-istalla ta' Betlehem, is-sema u l-art jiltaqgħu. Is-sema niżlet fl-art. Għal din ir-raġuni, id-dawl jiddi mill-istalla għal dejjem: għal din ir-raġuni, il-ferħ jinsab hemmhekk: għal din ir-raġuni il-ferħ jikseb il-qawwa tiegħu hemmhekk: għal din ir-raġuni hawnhekk jitwieled l-għana veru. Fi tmiem din il-meditazzjoni tal-Milied nixtieq nikkwota silta minn Santu Wistin dwar it-talba tal-Missierna: 'Missierna li inti fis-smewwiet! X'inhu s-smewwiet? U fejn jinsab?' Imbagħad iwieġeb: 'fis-smewwiet ifisser fil-qaddisin u l-ġusti. Iva, is-smewwiet huma l-ogħla realtajiet tal-univers, imma jibqgħu realtajiet li ma jistgħux jeżisti jekk mhux fi spazju eżistenti. Imma jekk nemmnu li l-Mulej jinsab fis-smewwiet, jiġifieri fl-ogħla partijiet tad-dinja, imbagħad l-għasafar huma aktar fortunati minna għaliex huma allura jgħixu eqreb lejn Alla. Madankollu ma hemmx miktub : 'Il-Mulej hu qrib ta' dawk li jgħammru fl-għoli u fuq il-muntanja' imma hemm imniżżel 'il-Mulej hu qrib dawk ta' qalbhom maqsuma' (Salm 34: 18), espressjoni li tirreferi għall-umilta'. Bħalma l-midneb huwa msejjaħ 'art' hekk b'kuntrast il-bniedem ġust jissejjaħ 'sema' (*Sermo in Monte* II, 5, 17). Is-sema ma jappartjenix lill-ġjografija tal-ispazju imma lill-ġjografija tal-qalb. U l-qalb ta' Alla niżlet fl-istalla f'dak il-lejl qaddis: l-umilta' ta' Alla hija s-sema. Jekk nersqu lejn din l-umilta', immissu s-sema. Anke d-dinja tiġġedded. Bl-umilta' tar-ragħajja fina, ejew nersqu lejn dan il-lejl qaddis lejn Ġesù tarbija fl-istalla! Ejjew immissu l-umilta' ta' Alla, il-qalb tiegħu. imbagħad il-ferħ tiegħu jmissna u jagħmel id-dinja aktar radjanti. Ammen.

# Ir-Raba' Taqsima: Ċelebrazzjonijiet u attivitajiet pastorali

## 9. NOVENA TAL-MILIED MIBNIJA FUQ L-ANTIFONI MAĠĠURI

**Dun Injazju Borg**

| | Antifona | Messaġġ | Kelma ta' Alla | Sinjal | Ġest |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | O Verġni tal-Verġni | Stennija | Lq 1,26-38 | Xbieha tal-Madonna | Qasrija biż-żerriegħa u tberik taż-żrieragħ. |
| 2. | O Għerf tal-Għoli | Kollox ġej minn Alla, li hu l-bidu ta' kull ma hu tajjeb | 1 Kor 1,20-30 | Xbieha ta' Kristu Pantokrator | Jitqassmu *scrolls* b'siltiet mill-Iskrittura. |
| 3. | O Alla l-qawwi | Alla juri l-qawwa tiegħek fl-umiltà u fl-imħabba | Is 2,2-5 | Xbieha tal-Qalb ta' Ġesù | Titqiegħed qalb kbira biż-żigarelli ħierġa minnha li jirrappreżentaw ir-raġġi tal-imħabba u t-tfal ippittru qalb ċkejkna bl-isem tagħhom fuq il-Qalb il-kbira. |
| 4. | O Għerq ta' Ġesse | Kristu, l-Iben ta' Alla sar bniedem mill-familja ta' David | Is 11,1-10 | Pjanta bl-għeruq mikxufin | Xi tfal jilbsu ta'personaġġi importanti li jirrappreżentaw in-nisel ta' David. |
| 5. | O Muftieħ ta' David | Kristu l-muftieħ tal-bniedem | Apok 3,7-8 | Bieb u ċavetta/muftieħ fih | Kaxxa kbira magħluqa li tinfetaħ b'muftieħ u mill-kaxxa joħorġu simboli tas-sagramenti, il-bibbja u salib. |
| 6. | O Xemx tielgħa | Kristu d-dawl li qatt ma jgħib | Is 9,1-2.5-6 | Xemx | Tista' ssir esperjenza ta' fidi / Isir it-tiġdid tal-wegħdiet tal-magħmudija u l-ġemgħa jkollha xemgħa tixgħel f'idejha. |
| 7. | O Sultana tal-ġnus | Kristu hu s-sultan veru tagħna | Ġer 29,11-14 | Tron, xettru u kuruna | Xena ta' tfal lebsin il-ħames kuluri tal-kontinenti u f'nofshom tifel liebes ta' sultan,. waqt li lkoll ikantaw "Taf xejn il-kulur t'Alla". |
| 8. | O Għimmanu-el | Ġesù hu tassew is-salvatur tiegħi | Is 7,10-14 | Ġesù tarbija | Xena tat-twelid ta' Ġesù u t-tfal idur mal-grotta waqt li jkantaw *Joy to the world.* Fl-aħħar tal-Quddiesa jsir bews tax-xbieha ta' Ġesù tarbija mill-ġemgħa. |
| 9. | O Ġerusalemm | Ġesù ġie fostna biex jgħix magħna u mbagħad jeħodna ngħixu miegħu | Lq 19,41-44 | Stampa tal-Ġenna, Ġerusalemm tas-sema | Rappreżentazzjoni tal-Ġenna. Tista' ssir permezz ta' personaġġ "qaddis/a" li jirrakkonta lit-tfal il-ħajja tiegħu/tagħha u kif sar/et qaddis/a. Fl-aħħar tista' ssir festa żgħira għat-tfal sinjal tal-festa tal-Ġenna. |

**Daħla:**
Fil-Liturġija tal-Avvent, mis-17 ta' Diċembru 'l quddiem, il-Knisja tesprimi b'mod l-aktar qawwi x-xewqa li terġa' tiċċelebra t-tifkira tat-twelid tal-Messija. U dan jesprimuh b'mod mill-aktar evidenti l-Antifoni msejħin 'O'.

Dawn l-antifoni jikkonsistu f'test qasir, iżda qawwi, fejn ir-referenzi u x-xbihat bibbliċi huma marbutin waħda wara l-oħra bħal f'katina, biex iwassluna sal-Messija li wasal biex jiġi. Il-Knisja ssellem lill-imwiegħed Messija b'dawn l-antifoni li juru x-xbieha u l-missjoni tal-Messija.

L-antifoni 'O' huma wirt tal-Liturġija ta' żmien antik ħafna. Kien hemm ġenerazzjonijiet sħaħ ta' Nsara li kienu jafuhom u li għexuhom. Dawn l-antifoni kienu daħlu biex jagħmlu parti minn prattika devozzjonali ta' popolarità kbira – l'hekk imsejħa n-Novena tal-Milied. Nistgħu ngħidu li n-Novena tal-Milied taf il-bidu tagħha minn dawn l-antifoni.

Dawn l-antifoni nstabu minquxa f'waħda mill-kappelli mħaffra fil-blat qrib l-għar ta' Betlem fejn twieled Ġesù. Dawn l-antifoni kienu nstabu fuq żewg kolonni madwar it-tabernaklu ta' din il-kappella. Fuq dawn iż-żewġ kolonni kien hemm miktub il-bidu ta' kull antifona *O Sapientia, O Adonai, O Radix Iesse, O Clavis David, O Oriens, O Rex Gentium, O Emmanuel.* Meta wieħed jidħol f'din il-kappella, l-ambjent jistiednek sabiex timmedita, tirrifletti, tikkontempla u tħalli lilek innifsek titmexxa minn din l-atmosfera ta' Avvent, stennija liturġika kontinwa.

L-istedina ta' dawn l-antifoni f'dan l-imkien partikulari, ma tistax ma tkunx marbuta mal-Ewkaristija: li dak li qed nistennew hu diġà preżenti fost il-bniedmin, u hu jassigura dawl, ħelsien u salvazzjoni lil dawk li jfittxuh. Il-Beatu Kardinal Newman kien iqassam dawn l-antifoni waħda kuljum biex jiġu rreċitati meta wieħed jagħmel żjara lil Ġesù Ewkaristija. Xi wħud huma tal-fehma li dawn l-antifoni huma tal-Ħames Seklu; oħrajn jattribwuhom lil San Girgor il-Kbir; oħrajn jaħsbu li dawn l-antifoni huma anqas antiki. Għalkemm ma nafux sewwa l-oriġini tagħhom, iżda hu fatt li dawn l-antifoni kisbu popolarità kbira. Fil-Medju Evu kienu jitkantaw, flimkien ma' diversi profeziji, fil-katedrali, fil-monasteri u l-abbaziji mxerrda mal-Ewropa kollha. Maż-żmien kien hemm żieda ta' dawn l-antifoni li kienu indirizzati lil Kristu li gej. Waħda kienet indirizzata lil Verġni Marija, oħra lill-Anġlu Gabrijel, oħra lil Ġerusalemm u saħansitra oħra lil San Tumas l-Appostlu, li l-festa tiegħu kienet tiġi ċċelebrata fil-21 ta' Diċembru.

Interessanti wkoll hu l-fatt li meta wieħed jieħu l-ewwel ittra ta' kull antifona bil-Latin jiġu ffurmati żewġ kelmiet: ERO CRAS, li bil-Malti jfissru: GĦADA SER INKUN HAWN. F'kelma waħda, dak li tħabbar u dak li kien mistenni issa wasal. Infatti, l-antifoni, kif ukoll it-talb tal-quddiesa ta' filgħodu flimkien mal-liturġija tas-sigħat tal-24 ta' Diċembru, kollha jesprimu dan il-fatt – li għada l-Mulej ser ikun fostna.

Illum dawn l-antifoni jakkumpanjaw il-jiem mis-17 sal-24 ta' Diċembru. Jiftħu l-jum liturġiku bil-Quddiesa u jagħlquh bl-Għasar, reċitati darbtejn kuljum, u dan iwassal biex l-istennija tkun aktar intensa u x-xewqa li wieħed jara wiċċ il-Mulej dejjem tikber. L-antifoni O huma qosra u mimlija sinifikat, u jistgħu jkunu t-talb ippreferit ta' kuljum għal kull wieħed u waħda minna, bi tħejjija għall-Milied.

Fejn hu possibbli, tkun ħaġa f'postha li l-antifona ta' ġurnata marbuta man-novena tiġi kantata . Rigward l-ewwel jum, wieħed jista' jkanta *Alma Redemptoris Mater,* filwaqt li għall-aħħar jum wieħed jista' jkanta waħda mill-antifoni li jitkantaw fil-Liturgija tas-Sigħat f'Ħadd il-Palm. (cfr. *Liber Usualis*)

## 1. L-ewwel jum: O VERĠNI TAL-VERĠNI

**Sinjal**: Xbieha ta' Marija – kwadru jew statwa eċċ.



***O Verġni tal-Verġni,***
***kif jista' jseħħ dan kollu?***
***ebda mara oħra ma qatt tista' tixbah lilek,***
***u lanqas qatt tista' tkun fil-futur!***
***Ulied Ġerusalemm għaliex qed tistagħġbu daqshekk biha?***
***Dak li qed taraw huwa misteru tassew divin.***

**Għar-riflessjoni:**

Il-jiem ta' qabel il-Milied huma jiem mimlija b'tensjoni kbira ta' stennija tal-Messija. Din it-tensjoni ta' stennija tal-Messija kienet teżisti fil-qalb ta' kull familja Lhudija, partikularment ta' kull tfajla Lhudija. Din it-tensjoni narawha tul l-Antik Testment kollu. Bla ebda dubju, il-milja tal-istennija tinsab fil-persuna ta' Marija xbiha, per eċċelenza tal-Avvent, anzi l-mara tal-Avvent, il-mara tal-istennija għax mhux biss nisslet lil Ġesù f'ġufha, iżda qabel dan nisslitu f'moħħha u f'qalbha. Imbagħad tatu lid-dinja. Fil-Liturġija tal-Avvent Marija hi preżenti kullimkien, iżda bi preżenza siekta u moħbija. Fl-Avvent Marija hi omm tat-tama u ssir it-tama tal-Knisja u ta' dawk kollha li jagħmlu parti minnha. Għalhekk il-Knisja għamlet mill-Avvent l-aktar żmien Marjan tas-sena.

Il-preżenza ta' Marija tidher aktar qawwija mis-17 sal-24 ta' Diċembru, speċjalment fit-talb liturġiku li ġej mill-hekk imsejjaħ *"Rotolo di Ravenna".*

Għalkemm l-antifoni l-kbar huma indirizzati lill-Messija li għandu jiġi, fost dawn l-antifoni sabet post ukoll antifona lill-Verġni Marija. Fl-ewwel parti tagħha din l-antifona lill-Verġni Marija turi l-istagħġib tan-Nisrani quddiem il-misteru, uniku fl-istorja tal-bniedem – dak tal-maternità verġinali. Fit-tieni parti tagħha, l-istess Verġni tispjega dan il-misteru.

Din l-antifona insibuha fil-festa Liturġika *"Expectatio partus BVM"* li kienet tiġi ċċelebrata fi Spanja Viżigota fit-18 ta' Diċembru, tmint ijiem qabel Milied. Il-missirijiet tal-Konċilju ta' Toledo, fis-sena 656, riedu li din il-festa jkollha l-ottava tagħha. Dan għaliex kienu persważi li s-solennità u d-dinjità ta' din iċ-ċelebrazzjoni mhix inqas minn dik tal-Milied: *"Għaliex kienu jgħidu li l-festa tal-Omm, mhi xejn għajr l-inkarnazzjoni tal-Verb divin."*

Matul l-ottava, kmieni filgħodu, kienet tiġi ċċelebrata Quddiesa solenni, li għaliha kienu jigi mistiedna dawk in-nisa tqal. Dan kien isir biex l-ewwel nett huma jagħtu qima lill-maternità divina, u it-tieni, biex ikollhom l-għajnuna ta' Marija waqt il-ħlas. Din il-festa kienet festa lill-ħajja u kienet mifruxa ħafna fl-Ewropa. Din l-antifona turi s-sagralità, ir-rispett u d-dinjità tal-ħajja sa mill-bidu nett tat-tnissil tagħha.

Marija tiftħilna s-sena liturġika iżda, aktar minn hekk, l-istaġun liturġiku tal-Avvent. Infatti hija msejħa Bieb l-Avvent. Għaliha huwa żmien privileġġjat, fejn *"l-Omm Verġni stennietu bl-akbar għożża u b'imħabba kbira."* Marija tfakkarna li n-Nisrani huwa l-bniedem tal-istennija u tas-sahra tal-Mulej li ġej.

**Qari mill-Iskrittura (Lq 1,26-38):**
Imbagħad fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija. jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawwdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu." Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?" Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir." Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek!" U l-anġlu telaq minn quddiemha.

- **Messaġġ:** Joħroġ is-sens tal-istennija – eżempju ħaj hi Marija li stenniet lil binha Ġesù għal disa' xhur. Illum nistgħu nwelldu lil Ġesù f'ħajjitna, l-ewwel bis-smigħ u mbagħad bl-għajxien tal-Kelma tiegħu. Illum qed jintilef is-sens tal-istennija; irridu kollox issa u malajr. Il-bniedem tal-lum m'għadux jaf jistenna. U barra minn dan, qed jintilef is-sens tas-sahra u l-ħsieb tat-tieni miġja tal-Mulej fil-glorja tiegħu. **J**oħroġ ukoll il-valur tar-rispett tal-ħajja sa mit-tnissil tagħha.

- **Ġest:** *Power point* fuq il-proċess taż-żerriegħa sa ma tinbet. Tberik taż-żrieragħ. *Power point* fuq il-valur tal-ħajja. Lit-tfal tingħatalhom qasrija żgħira bi ftit żerriegħa fiha biex, tul in-novena, jieħdu ħsiebha u fl-aħħar jum jerġgħu jġibuha l-knisja. Dan biex wieħed jirrifletti fuq is-sens tal-istennija u l-bżonn li wieħed jitħarreġ fil-virtù tal-paċenzja. Jista' jsir ukoll ir-rit tat-tberik tat-tarbija fil-ġuf.

**Talb tal-ġemgħa**
**Daħla:** Inressqu t-talb u t-tifħir tagħna lil Kristu s-Salvatur tagħna, li twieled minn Marija Verġni u ngħidulu: ***Tidħol għalina quddiemek Mulej Ommok il-Verġni Marija***

1. Xemx tal-ġustizzja, Int li xtaqt li Marija Immakulta tkun iż-żerniq tal-fidwa, agħmel li nimxu dejjem fid-dawl tal-preżenza tiegħek. *Nitolbu.*
2. Verb etern, Int li għażilt lil Marija bħala arka qaddisa biex Inti tgħammar fostna, eħlisna mit-taħsir tad-dnub. *Nitolbu.*
3. Dawl tal-ġnus, Int ridt li Marija tkun mudell tan-Nisrani li jaf jistenna, għinna sabiex nitħarrġu fil-virtujiet tal-istennija, tal-paċenzja u tas-sahra. *Nitolbu.*
4. Għaxqa tal-ġnus, Int ridt li Marija tkun xempju ta' tant verġni li kkonsagraw ħajjithom għas-servizz tiegħek, ħu ħsiebhom, kun għalihom il-veru għarus tagħhom. *Nitolbu*
5. Int il-Kelma li saret bniedem, għinna biex fuq l-eżempju ta' Marija ngħożżu u ninnamraw mal-Kelma tiegħek. *Nitolbu.*

**Għeluq:** Inroddulek ħajr Mulej talli tajtna lil Marija Verġni bħala mudell ta' kull qdusija u tas-sahra. Agħmel li nfasslu ħajjitna fuqha biex naslu fil-hena ta' dejjem, bi Kristu Sidna. Ammen.

## 2. It-tieni jum: O GĦERF TAL-GĦOLI

**Sinjal**: xbieha ta’ Kristu Pantokrator




***O Għerf li toħroġ minn fomm l-aktar Għoli,***
***u tasal sat- truf kollha tal-art,***
***li tqassam kollox bil-qawwa u l-ħlewwa,***
***ejja għallimna triq il-għaqal.***

**Għar-riflessjoni:**
Fil-Ġdid Testment “l-Għerf” huwa attribwit lil Kristu, Iben u l-Kelma t’Alla li saret laħam. Kif diġà nsibu mħabbar fil-ktieb tal-Għerf: “*Waqt li ħemda ta’ kwiet kienet taħkem fuq kollox, u l-lejl kien jaqbeż nofs il-mixja tiegħu, il-kelma setgħana tiegħek mit-tron tas-sultan tas-sema, niżelt bħal ġellied qalil, f’nofs dik l-art misħuta...” (Għerf 18-14)*

Fl-ittri tagħhom, l-Appostli ma jibqgħux lura milli jattribwixxu lil Kristu dak li fit-Testment il-Qadim kien riservat biss għall-Għerf li hu l-istess Alla. F’San Pawl insibu li Kristu huwa msejjaħ “Għerf t’Alla” (I Kor1,24-30). U Ġwanni, fl-kitbiet tiegħu, jistqarr li l-Iben huwa l-Għerf tal-Missier kif hi l-istess Kelma. Ġesù, li huwa l-Għerf t’Alla, iwiegħed id-don tal-Għerf lil dawk li jimxu warajh: *“..għax jien nagħtikom kliem u għerf li kull min ikun kontra tagħkom ma jkunx jista’ jiqaflu jew imerih.” (Lq.21,15)*

Din l-antifona mibnija fuq siltiet mill-Antik Testment tfakkarna li l-Għerf huwa preżenti f’Alla, anzi l-għerf hu l-istess Alla. Dan jidher kemm fil-ħolqien u l-ordni tiegħu, u llum hu preżenti wkoll fit-tiġdid u fil-konservazzjoni tal-istess ħolqien. Hija karatteristika partikulari t’Alla li ħalaq u ordna l-univers. Billi l-bniedem huwa xbieha t’Alla, huwa wkoll imlibbes b’dan id-don tal-għerf, biex jifhem u jimxi mat-tajjeb.

L-Għerf huwa wkoll in-nifs tal-qawwa t’Alla, kif ukoll it-tixrid tal-glorja u tal-omnipotenza tiegħu. Hu fuq kollox mera tal-attività t’Alla, kif ukoll rifless tad-dawl etern.

Fl-istorja tas-salvazzjoni l-Għerf kien mibgħut minn Alla f’nofs il-poplu ta’ Iżrael, biex jgħammar mal-bnedmin, u jwassal lilhom is-salvazzjoni.

L-Għerf li jagħmel kollox bil-qawwa u bil-ħlewwa, mingħajr ma joħnoq u jifga l-libertà tal-bniedem, jasal biex iwassal fi tmiem il-missjoni tiegħu ta’ Salvatur. Jiġi msejjaħ biex jgħallem lill-bniedem min hu Alla, min hu l-bniedem u d-destin tiegħu, is-sens tal-ħajja, u t-tifsira tal-istorja tad-dinja.

Fid-dawl tal-Għerf divin, il-bniedem isib il-kapaċità biex jaġixxi bil-għaqal u l-qies fil-ħajja. Hu biżżejjed li wieħed iżomm għajnejh fissi fuq: *“Dak li hu qawwa u għerf t’Alla.”* (I Kor.1,24)

**Qari mill-Iskrittura (1 Kor 1,20-30)**
Fejn hu l-għaref? Fejn hu l-iskriba? Fejn hu l-filosfu ta' din id-dinja? Forsi Alla ma bellahx l-għerf tad-dinja? U billi, fl-għerf ta' Alla, id-dinja b'għerfha ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bil-bluha tal-predikazzjoni. Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma

aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla. Għax il-bluha ta' Alla hija għarfa iktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin.
Araw x'intom, li Alla sejħilkom; għax mhumiex ħafna fostkom li huma għorrief skont il-qies tad-dinja, mhumiex ħafna s-setgħana, mhumiex ħafna n-nobbli. Imma Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief; għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra mid-dinja u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn 'il dawk li huma xi ħaġa. Hekk ebda bniedem ma jkun jista' jiftaħar quddiem Alla. Minnu li intom tinsabu fi Kristu Ġesù li sar għalina l-għerf mingħand Alla, ġustizzja, qdusija u fidwa, biex bħalma hu miktub,"min jiftaħar, ħa jiftaħar fil-Mulej."

- **Messaġġ**: L-istedina sabiex nagħrfu li dak kollu li aħna u dak kollu li għandna, kollu ġej minn Alla li huwa l-istess għerf u qdusija. Matul ħajtu, Ġesù wriena min hu l-Missier u x'irid minna. F'dinja materjalista u kważi pagana u ateista, irridu nistqarru lil Alla bħala l-Ħallieq u l-Missier tagħna. Il-ħolqien, l-ordni tan-natura u fuq kollox il-bniedem huma prietka li Alla jeżisti. Il-Kelma ta' Alla hi gwida żgura ta' min hu tassew Alla. Minn hawn toħroġ l-importanza li Ġesù hu l-Għerf u l-espressjoni tar-rieda t'Alla.

- **Ġest**: Jitqassmu *Scrolls* li fihom kliem mill-Iskrittura li jurina li l-missjoni ta' Kristu kienet dik li jurina r-rieda tal-Missier. Fl-istess waqt, nesprimu l-ferħ tagħna li għandna lil Kristu, l-stess Għerf tal-Missier, bħala l-gwida tagħna, bħala l-akbar rigal li għandu l-bniedem. Grupp ieħor ta' tfal ipoġġi xemgħa quddiem ix-xbieha ta' Kristu Pantokrator li tkun fuq l-artal, waqt li jitkanta kant addattat.

**Talb tal-ġemgħa**
**Daħla:** Alla l-Missier li ħalaq id-dinja bl-għerf tiegħu u li kontinwament iżommha, jixtieq jagħti anke lilna l-kapaċità li nagħrfu t-tajjeb u nwettquh. Lilu nressqu t-talbiet tagħna, filwaqt li ngħidulu: ***Agħtina Mulej l-Għerf tiegħek.***

1. Għerf li int rifless tad-dawl ta' dejjem, għinna sabiex inkunu mera tat-tjubija t'Alla. *Nitolbu*
2. Għall-morda sabiex l-għerf tiegħek ikun għalihom għajnuna u faraġ u hekk jaslu biex jifhmu aktar il-valur tat-tbatija tagħhom. *Nitolbu*
3. Nafdawlek f'idejk Mulej, lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna biex bħal Kristu jikbru fiż-żmien, fl-għerf u fil-grazzja, u jkunu jafu jagħmlu għażliet tajba għalihom infushom u għas-soċjetà li jgħixu fiha. *Nitolbu*
4. Għalina lkoll hawn preżenti għal din iċ-ċelebrazzjoni biex Ibnek l-għażiż, li sar wieħed minna, jgħinna biex ngħixu bl-għerf u bil-ġustizzja. *Nitolbu*
5. Għerf li tiżboq is-sbuħija tax-xemx, għinna biex inkunu aktar qawwija minn dak kollu li jħajjarna għall-ħażen. *Nitolbu.*

**Għeluq:** Alla Missier li tista' kollox, Int li bagħat lil Kristu l-istess għerf f'nofs il-poplu tiegħek, agħtina qalb miftuħa u disponibbli biex nilqgħu l-miġja tiegħu, biex anki llum hu jkun jista' jurina r-rieda tiegħek u t-triqat li jwassluna għandek. bi Kristu Sidna. Ammen.

## 3. It-tielet jum: O ALLA L-QAWWI

**Sinjal**: qalb jew xbieha kbira ta' Kristu li juri ħniena u mħabba




***O Alla l-qawwi, mexxej tad-dar ta' Iżrael,***
***li dhert lil Mosè qalb l-għollieq jaqbad,***
***u li tajt il-ligi 'l Mosè fuq is-Sinaj,***
***ejja eħlisna bil-qawwa ta' driegħek.***

**Għar-riflessjoni:**
Minħabba l-fatt li f'din l-antifona hemm aċċen għall-ġrajja ta' Mosè u għall-ħelsien tal-poplu ta' Iżrael, jidher li din l-antifona trid tagħmel aktar attwali l-klima tal-fidwa, issa li ninsabu aktar fl-atmosfera tal-Milied. Alla deher lil Mosè fis-sinjal tal-għollieq jaqbad u fid-deżert, Mose' għaraf li kien il-Mulej. Alla juri lilu nnifsu fuq il-Muntanja Sinaj bħala l-legiżlatur. Alla jmexxi lill-poplu tiegħu fid-deżert lejn l-art imwiegħda. U l-poplu għaraf din il-preżenza t'Alla. Alla kien f'nofs il-poplu tiegħu lest biex jgħinu u jiddefendih bil-qawwa ta' driegħu. U lilu llum nerġgħu nsejħulu fit-talba tagħna: "Ejja, biex turi lilek nnifsek lilna". Is-sinjal li Alla jagħti tal-preżenza u l-qawwa tiegħu fostna mhux aktar il-kolonna tan-nar billejl u kolonna tas-sħab binhar, kif għamel mal-poplu Lhudi, iżda permezz ta' Ibnu stess. Hu ġej biex jeħles lill-poplu tiegħu mill-iskjavitù tad-dnub u tal-ħażen. Hu joħroġ idejh mhux biex jolqot u jweġġa', iżda biex din l-id tiġi msammra mas-salib: *"biex jagħmel ir-rieda tiegħek u jikseb għalik poplu qaddis huwa fetaħ idejh fuq is-salib..."* (Talba Ewkaristika II). Hekk jitwettaq il-ħelsien fil-milja taż-żminijiet. Dan il-ħelsien jibda f'Betlem u jintemm fuq il-Kalvarju. Jibda fil-maxtura u jintemm fuq is-salib.

Din l-antifona li biha llum aħna mistednin nitolbu, tpoġġina f'kuntatt mal-misteru tal-qawwa ta'Alla li ma jibżax jidħol fl-istorja tal-bniedem biex isalvah. Anki matul l-Avvent, aħna poġġejna t-talb tagħna f'din id-direzzjoni u sejjaħnielu: *"Qajjem il-qawwa tiegħek u ejja ħa ssalvana.."* Iżda aħna għandna ċ-ċertezza li Alla l-qawwi mhux bil-qawwa ser jiġi biex jeħlisna, iżda bl-umiltà. Din hi d-dehra l-aktar sabiħa t'Alla. Fil-Milied il-kelma tal-Appostlu Pawlu tagħtina din l-aħbar: *"...iva dehret it-tjubija t'Alla fostna, tas-salvatur tagħna, l-imħabba tiegħu għall-bnedmin."* B'dan il-mod Alla jrid juri l-qawwa ta' driegħu.

**Qari mill-Iskrittura (Is 2,2-5)**
Għad jiġri fl-aħħar jiem
li l-għolja tad-dar tal-Mulej
togħla 'l fuq mill-qċaċet tal-muntanji,
u tintrefa 'l fuq mill-għoljiet,
lejha għad jiġru l-ġnus kollha.
Kotra ta' popli għad jiġu u jgħidu:
"Ħalli mmorru u nitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej,
lejn id-dar ta' Alla ta' Ġakobb,
biex jgħallimna triqatu,
u nimxu fil-mogħdijiet tiegħu.
Għax minn Sijon joħroġ it-tagħlim,
u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalemm."

Il-Mulej jagħmel il-ħaqq bejn il-ġnus,
u jaqta' s-sentenza bejn ħafna popli;
u huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet,
u l-lanez tagħhom fi mnieġel.
Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor,
u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed.
Ejja, dar Ġakobb,
ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej!

- **Messaġġ**: Il-qawwa ta' Alla tidher fl-umiltà, fil-ħniena, fil-mogħdrija, f'dak li jidher falliment, fiċ-ċkunija, fl-imħabba, fil-paċenzja u fil-maħfra. Biex wieħed jispjega dan, wieħed jista' jieħu ġrajjiet jew parabboli mill-Vanġelu, kif ukoll it-twelid ta' Kristu u l-mewt tiegħu fuq is-salib, sa ma naslu għall-preżenza reali fostna fl-Ewkaristija u fis-sagrament tal-qrar. Dan jikkuntrasta mal-qawwa tal-bniedem, li ġejja mis-suċċess, mill-fama, mill-flus u minn ġid ieħor tal-art.

- **Ġest**: Grupp ta' tfal b'xemgħa ħamra f'idejhom, iduru ma' xbieha kbira ta' Kristu. Jew titqiegħed fuq l-artal qalb kbira li minnha joħorġu r-raġġi, u t-tfal iżommu f'idhom, waħda mid-diversi żigarelli li jkunu mwaħħla mal-qalb. Tista' tittella' wkoll *power point* dwar is-sbuħija u l-kobor tal-ħolqien li juri l-qawwa u l-kobor t'Alla.

**Talb tal-ġemgħa**
**Daħla:** Bl-inkarnazzjoni ta' Kristu, il-Missier xtaq li jġedded l-għeġubijiet li wettaq fil-ħelsien tal-poplu tiegħu mill-Eġittu. Nitolbuh, għalhekk, biex aħna lkoll nagħrfu ngħixu f'dan il-ħelsien li Hu tana permezz tal-miġja ta' Ibnu, filwaqt li ngħidulu: ***Ġedded Mulej l-għeġubijiet ta' mħabbtek.***

1. Għall-Papa, l-isqfijiet u s-saċerdoti, biex permezz tal-predikazzjoni u s-sagramenti jagħrfu juru lil uliedek it-triq tal-veru ferħ u paċi. *Nitolbu*
2. Għal dawk il-popli li għadhom jgħixu fl-iskjavitù, fl-isfruttament ekonomiku, u f'sitwazzjonijiet ta' gwerra. Ġedded Mulej l-għeġubijiet ta' mħabbtek u għamel li jkunu jistgħu jgħixu fil-ħelsien u fil-paċi. *Nitolbu.*
3. Għal dawk li ma jafux bik jew ma jemmnux fl-eżistenza tiegħek. Uri lilek innifsek lilhom bħala Alla tal-imħabba u tal-ħniena, u hekk jaslu biex jilqgħuk u jifirħu bil-preżenza tiegħek f'ħajjithom. *Nitolbu*
4. Għalina lkoll li qed nimxu din il-mixja ta' talb u sahra fl-istennija tal-Milied. Saħħaħ fina l-fidi u għinna nkunu strumenti ta' xhieda vera ta' mħabbtek. *Nitolbu*
5. Għall-mejtin kollha, b'mod partikulari għal dawk li qed noffru din l-Ewkaristija, sabiex tagħtihom il-premju tal-ħajja ta' dejjem

**Għeluq:** O Alla ta' missirijietna li diversi drabi int urejt lilek innifsek b'qawwa kbira fl-istorja tal-poplu l-magħżul, uri l-qawwa tiegħek f'ħajjitna , eħlisna mill-iskjavitù tad-dnub u tal-mewt u agħmel li nkunu nistgħu naqdu u nħobbu ta' bniedmin ħielsa, bi Kristu Sidna. Ammen.

## 4. Ir-raba' jum: O GĦERQ TA' ĠESSE

**Sinjal**: pjanta jew stampa ta' pjanta bl-għeruq tagħha jidhru




***O Għerq ta' Ġesse***
***li togħla 'l fuq bħala sinjal għall-popli***
***quddiemek jisktu s-slaten kollha tal-art***
***u n-nazzjonijiet kollha jsejħulek:***
***ejja biex teħlisna u la tiddawwarx.***

**Għar-riflessjoni**

X'inhu l-ħsieb tal-Knisja, meta ddur lejn Kristu li ġej u ssejjaħlu b'dan it-titlu? L-għerq jgħix moħbi fil-qalba tal-art; mingħajr sbuħija, u bla forma u sura; madanakollu, hu l-aktar parti essenzjali fil-ħajja tal-pjanta għaliex minnu l-pjanta tieħu s-sustanzi u l-enerġija kollha tagħha. Mill-għerq tiddependi l-ħajja kollha tal-pjanta. L-istess in-Nisrani. Il-ħajja Nisranija tiegħu tiddependi minn kemm għandu lil Kristu f'ħajtu u kemm qed jgħixu fil-ħajja tiegħu ta' kuljum.

**Qari mill-Iskrittura (Is 11,1-10):**

Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse,
għad tinbet rimja minn għeruqu:
fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej,
l-ispirtu tal-għerf u d-dehen,
l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa,
l-ispirtu tal-għerf u l-biża' tal-Mulej,
u l-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej.
Ma jiġġudikax skont ma jidher fl-għajnejn,
u ma jagħtix sentenza skont ma jisma',
iżda jiġġudika l-imsejknin skont il-ġustizzja,
u jagħti sentenza skont is-sewwa lill-fqajrin tal-art.
Isawwat il-kiefra bix-xettru ta' fommu,
u b'nifs xufftejh joqtol lill-ħażin.
Il-ħżiem ta' ġenbejh tkun il-ġustizzja,
u l-fedeltà l-ħżiem ta' qaddu.
Il-lupu jibda jgħix mal-ħaruf,
il-leopard mal-gidi,
u jirgħu flimkien l-għoġol u ferħ l-iljun,
daqsxejn ta' tfajjel isuqhom.
Il-baqra u l-ors jirgħu flimkien,
u l-frieħ tagħhom flimkien jistrieħu.
L-iljun bħall-gendus jiekol it-tiben.
It-tarbija tal-ħalib
titliegħeb fil-ħofra tas-serp;
u t-tifel miftum
idaħħal idu fil-bejta tal-lifgħa.
Ma jagħmlux aktar deni u anqas ħsara
fuq il-muntanja qaddisa kollha tiegħi,

għax mimlija hi l-art bl-għarfien tal-Mulej
bħalma l-baħar hu miksi bl-ilmijiet.
Imbagħad jiġri f'dak il-jum
li l-għerq ta' Ġesse jieqaf
bħala sinjal għall-popli.
Lilu jfittxu l-ġnus,
u l-għamara tiegħu tkun imsebbħa.

- **Messaġġ**: Hawn wieħed irid jispjega li Kristu tassew sar bniedem bħalna f'kollox barra mid-dnub. Kristu bħala bniedem twieled jibki, jorqod, jiekol, jimxi, ibati u jmut eċċ.; f'kelma waħda kien tassew bniedem. Tant huwa bniedem, li ġej mir-razza ta' David. Hawn għandu jiġi spjegat min kien is-Sultan David u kif Kristu ġej minn din ir-razza davidika. Issir stedina biex nerġgħu lura lejn l-għeruq Insara tagħna. Din l-antifona tgħinna sabiex inkomplu nistqarru t-twemmin tagħna li Kristu hu veru Alla u veru bniedem.

- **Ġest**: Jidhlu tfal lebsin ta' personaġġi li juri nies li mir-razza tagħhom ġej Ġesù, jibdew minn Ġessi, David, Salamun, eċċ., u jispiċċaw b'San Ġużepp, filwaqt li jinxteħed dawl fuqhom u kull wieħed jintqal min hu.

**Talba tal-Ġemgħa**

**Daħla:** Il-Mulej Ġesù, li sar wieħed minna, daħal fl-istorja ta' mħabba bejn Alla u l-poplu tiegħu, storja mimlija b'fedeltà u tradimenti, ta' wegħdiet u stennija. F'dawn il-jiem meta qegħdin nistennew b'ħerqa kbira l-miġja tiegħu fostna, lilu nressqulu t-talbiet tagħna, filwaqt li ngħidulu: ***Wassal fi tmiem il-wegħdiet tiegħek Mulej.***

1. Rimja li ħriġt miz-zokk ta' David, imwiegħed minn Alla lill-poplu fidil tiegħu, għinna biex qatt ma nitilfu t-tama fit-twettiq tal-wegħdiet tiegħek. *Nitolbu*
2. Rimja li fuqek qagħad l-Ispirtu tal-Mulej, għin lilna wkoll sabiex inkunu aktar qalbna miftuħa u disponibbli biex niltqgħu aktar id-doni tiegħek. *Nitolbu*
3. Rimja li ma tiġġudikax minn dak li jidher, għinna sabiex ma niġġudikawx, u l-ġudizzju ta' ħajjitna u ħajjiet ħutna nħalluh f'idejn Alla l-Missier. *Nitolbu*
4. Rimja li ġejt biex iġġib il-paċi, għinna sabiex f'kull ċirkostanza nkunu ħaddiema tat-tjubija u tal-paċi. *Nitolbu*
5. Rimja li tintrefa' 'l fuq bħala sinjal għall-ġnus kollha, għamel li n-nazzjonijiet kollha jiġi mħabbar lilhom il-Vanġelu u hekk jieħdu sehem mid-doni tiegħek u minn imħabbtek. *Nitolbu*

**Għeluq:** O Mulej, Int li għażilt lil Israel, Int li mlejtu b'kull barka u grazzja, Int li kont wegħedtu nisel li jġib fid-dinja l-ġustizzja u l-paċi, ħares lejn il-Knisja tiegħek u agħmel li tkun sinjal ta' mħabba fidila li twassal għat-twettiq tal-wegħdiet tiegħek. Dan nitolbuhulek bi Kristu Sidna. Ammen

## 5. Il-ħames jum: O MUFTIEĦ TA' DAVID

**Sinjal**: bieb u muftieħ fih




***O Muftieħ ta' David,***
***Xettru tad-dar ta' Iżrael,***
***li tiftaħ, u ħadd ma jagħlaq,***
***jagħlaq, u ħadd ma jiftaħ:***
***ejja ħa toħroġ lill-bniedem***
***mill-jasar u d-dlam tal-ħabs.***

**Għar-riflessjoni**

L-Arkanġlu Gabrijel wassal lil Marija l-aħbar tal-pjan ta' Alla għaliha, li hi kien ser ikollha Iben li kienet ser issemmih Ġesù: *"Hu jkun kbir, u jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu." (Lq. 1,30-33).* Fit-titlu "O Muftieħ ta' David" aħna nagħrfuh bħala l-Mulej li minnu ġejja kull setgħa u kull qawwa. Fil-moħħ pagan u bibliku, il-muftieħ ifisser amministrazzjoni, poter u responsabbiltà.

Fi żmien is-slaten ta' Iżrael, l-imfietaħ tal-palazzi tas-slaten kienu jiġu afdati lil bniedem partikulari li kien igawdi fiduċja kbira mis-sultan. Flimkien mal-imfietaħ, lil din il-persuna kienet tiġi afdata wkoll setgħa kbira fis-saltna. Jekk l-imfietaħ juru l-poter ta' dak li kien qrib u kollaboratur tas-sultan, ix-xettru kien juri s-setgħa tal-istess sultan. F'din l-antifona l-muftieħ u x-xettru huma simboli li jirrigwardjaw lil Ġesù. Hu tassew il-kollaboratur fidil tas-Sultan; anzi hu l-istess Sultan, li għandu is-setgħa li jiftaħ u jagħlaq, u jeħles lil dawk li huma priġunieri fid-dlam u fid-dell tal-mewt.

Meta kienet tiġi mirbuħa xi belt, l-għotja tal-muftieħ kienet tfisser li r-rebbieħ għandu s-setgħa fuq kollox f'dik il-belt. Billi l-imfietaħ kienu jkunu kbar u wieħed ma kienx jista' jpoġġihom fil-but kif nagħmlu aħna llum, dawn kienu jitpoġġew fuq l-ispalla ta' dak responsabbli, li għandu l-poter. Għalhekk anke llum jingħad: titpoġġa r-responsabbiltà fuq spallejk. Hekk, pereżempju, b'ordni ta' Alla l-muftieħ tal-poter ġie meħud mingħand Sebnà, li ma tantx kien fidil lejn Alla, u ġie mqiegħed fuq l-ispalla ta' Elijakim, bniedem li kien fidil lejn Alla. ( Is. 22,20-25) Alla jagħti spegazzjoni: *"Inqiegħed il-muftieħ tad-dar ta' David fuq spallejn Elijakim; jiftaħ hu u ħadd ma jagħlaq; jagħlaq hu, u ħadd ma jiftaħ."*

Elijakim huwa xbieha tal-Messija. Kristu nnifsu jieħu dan it-titlu biex juri l-missjoni tiegħu. Kif naraw fil-ktieb tal-Apokalissi, lill-Knisja ta' Filedelfja Ġwanni jgħidilha: *"Dan jgħidlek il-Qaddis, il-Veru li għandu l-muftieħ ta' David, li jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, jagħlaq u ħadd ma jiftaħ" (Apok. 3,7)*

Id-dar ta' David hi xbieha tal-Knisja u tas-saltna tas-sema. Il-Feddej biss għandu d-dritt li jdaħħalna fis-saltna. Huwa jġorr fuq spallejh is-simbolu tal- poter li ġie mogħti lilu mill-Missier: **is-salib**. Dan hu l-muftieħ li bih Kristu fetaħ il-Ġenna.

Iżda l-użu tas-simbolu tal-muftieħ fil-jiem tal-Avvent irid ifakkarna li, bil-miġja tiegħu, Kristu diġà hu l-muftieħ li jiftaħ il-ħabs tad-dnub li fih jinsabu dawk li huma vittmi ta' din il-miżerja. L-antifona tagħmel referenza għal dan il-fatt meta ngħidu: *"ejja ħa toħroġ lill-bniedem mill-jasar u d-dlam tal-*

*ħabs."* Kif ukoll tagħmel referenza għall-profeta Isaija meta nsibu: *"Jien il-Mulej bgħattek.... biex tiftaħ għajnejn il-għomja, u toħroġ mill-ħabs il-ħabsin".*

Kristu ma ġiex biex jikkundanna, iżda ġie biex jeħles lil dawk kollha *"li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt."* Kemm ktajjen qed iżommu lill-bniedem tal-lum priġunier? Tajjeb li wieħed jistaqsi x'jisimhom il-ktajjen li bihom il-bniedem tal-lum qed jinżamm skjav. Dawn jistgħu jkunu l-pjaċir u l-gost, ix-xogħol, il-flus, il-moda, id-diveriment bla rażan, il-fama, il-poter, eċċ. Bl-inkarnazzjoni tiegħu, Kristu sar bniedem u hekk sar priġunier f'ġisem bħal tagħna. B'dan il-mod, frott l-mħabba tiegħu lejna l-bnedmin, miet fuq is-salib. Hekk Hu ta l-ħelsien u d-dinjità lill-bniedem, l-istess ħelsien u dinjità li l-bniedem kien tilef permezz tad-dnub. Hekk Kristu reġa' ħabbu mill-ġdid mal-Missier.

**Qari mill-Iskrittura (Apok 3,7-8):**
"U lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Filadelfja iktiblu hekk: 'Dan jgħidlek il-Qaddis, il-Veru li għandu l-muftieħ ta' David, li jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, jagħlaq u ħadd ma jiftaħ: Jiena naf l-opri tiegħek; ara, ftaħtlek quddiemek bieb li ħadd ma jista' jagħlqu; għax għad li l-ħila tiegħek hija dgħajfa, naf li l-kelma tiegħi ħaristha u ismi ma ċħadthulix.

- **Messaġġ:** Hawn jiġi spegat ix-xogħol tal-muftieħ. Muftieħ ifisser serħan tal-moħħ, sikurezza. Hawn tajjeb li wieħed iġiegħel lin-nies jistaqsu lilhom infushom fuq xiex qed jibnu ħajjithom. Fuq min qed ipoġġu t-tama tagħhom? X'jismu l-muftieħ li fuqu qed nibni s-sikurezza tiegħi? Kristu li huwa tassew il-veru il-muftieħ. Dan il-muftieħ tal-Ġenna Ġesù ħallieh f'idejn l-Knisja. Ejjew naraw x'ismu l-muftieħ li ħallielna Kristu.

- **Ġest:** Waqt l-omelija xi tfal jifthu senduq u minnu joħorġu s-sinjali tas-seba' Sagramenti, barra l-Ewkaristija, u fuq kollox il-Bibbja, u Kristu msallab. Wara l-konsagrazzjoni s-saċerdot jistieden lil dawk preżenti għal mument qasir ta' adorazzjoni lil Ġesù ħaj fl-Ewkaristija.

**Talb tal-Ġemgħa**
**Daħla:** O Muftieħ ta' David, o Xettru tad-dar ta' Iżrael: meta Inti tiftaħ, ħadd ma jista' jagħlaq, u meta Inti tagħlaq ħadd ma jista' jiftaħ. Ejja biex teħles mill-ħabs lil dawk kollha li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, filwaqt li ngħidulek: ***Iftħilna l-bieb tal-ħajja, Mulej.***

1. Muftieħ ta' David, li tindokra t-teżori kollha tal-imħabba t'Alla, agħmilna denji li nidħlu fis-saltna tas-sema. *Nitolbu*
2. Muftieħ ta' David, li Int biss taf il-misteru t'Alla, agħtina l-grazzja li nidħlu f'intimità miegħek u mal-Missier sabiex inkunu nistgħu ngħixu fl-imħabba tagħkom. *Nitolbu*
3. Muftieħ ta' David, li għaddejt mit-tbatija biex tajtna l-ħajja, għinna sabiex ngħixu t-tbatija u t-tribulazzjoni tal-ħajja f'għaqda miegħek. *Nitolbu*
4. Muftieħ ta' David, li ftaħt il-ħabs ta' dawk kollha li jinsabu fid-dlamijiet tal-mewt, eħles lil dawk kollha li huma skjavi tal-ħażen. *Nitolbu*
5. Muftieħ ta' David, li għandek is-setgħa li tiftaħ u tagħlaq, għamel li ħadd ma jiġi mċaħħad minn imħabbtek. *Nitolbu*

**Għeluq:** O Alla li tista' kollox, li ridt turina l-misteru tal-imħabba permezz tat-twelid fid-dinja ta' Ibnek Ġesù Kristu, għinna sabiex naqduk bl-imħabba u bil-fedeltà l-jiem kollha ta' ħajjitna biex hekk aħna wkoll nisimgħuk tgħidilna: Ejja qaddej twajjeb u fidil, idħol fil-hena ta' sidek. Dan nitolbuk, bi Kristu Sidna. Ammen.

## 6. Is-sitt jum: O XEMX TIELGĦA

**Sinjal**: tlugħ ix-xemx permezz ta' dawl, *power point* jew stampi




***O Orjent***
***Kewba li tielgħa***
***dija tad-dawl ta' dejjem u xemx tal-ġustizzja,***
***ejja u dawwal lil dawk***
***li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.***

**Għar-riflessjoni**

Fil-lingwaġġ bibliku, il-Lvant jew l-Orjent hu dik il-parti tad-dinja minn fejn kuljum jasal lill-bniedem u lill-ħolqien kollu d-dawl, is-sħana u l-ħajja. Dan diġà narawh fir-rakkont bibliku tal-ħolqien tal-bniedem: *"U l-Mulej Alla ħawwel ġnien fl-Għeden, in-naħa tal-Lvant, u qiegħed hemm il-bniedem li kien sawwar." (Ġen.2,8).* Il-bidu tal-ħajja nsibuh fil-ġnien tal-Għeden, *"fil-Lvant".*

Sa mill-bidu nett tal-Kristjaneżmu, in-Nisrani kien konxju minn dan il-fatt tant li fir-rit tal-Magħmudija, meta l-katekumenu kien jagħmel iċ-ċaħdiet tax-xitan u ta' dak kollu li jħajru għall-ħażen, kien jagħti dahru lill-Punent fil-waqt li jħares lejn il-Lvant. Kien isir hekk għaliex il-Punent kien meqjus bħala s-saltna tad-dlamijiet, tal-mewt u tal-ħażen. Anki l-istess ilma tal-battisteru kien jiġi mill-Orjent. Biex jistqarr il-fedeltà u l-fidi fi Kristu, Xemx tal-ġustizzja, il-katekumenu kien iħares lejn l-Orjent. Dan ir-rit, li kien isir fil-Magħmudija, kien il-bidu simboliku tal-ħajja tas-salvazzjoni, meta l-imgħammed kien jibda l-mixja li biha kien jitbiegħed mid-dnub, mill-ħerba u mill-mewt u jimxi lejn il-qawmien, id-dawl u l-ħajja.

Dan is-simboliżmu ta bidu għad-drawwa li t-talb isir f'pożizzjoni li biha n-Nisrani jħares lejn l-Orjent għax, kif jispjega Origene: *"Dak li jirċievi l-isem ta' Kristu jsir iben l-Orjent …. 'l hemm irid jorjenta x-xewqat tiegħu."* B'dan il-kunċett, fl-ewwel żminijiet tal-Knisja l-knejjes kienu jinbnew iħarsu lejn l-Orjent. Anki l-monasteri, fl-ewwel żminijiet kienu jibnuhom iħarsu lejn il-Lvant biex l-ewwel raġġi tax-xemx kienu jidħlu mir-rużun (tieqa kbira tonda) li kien ikun hemm fil-faċċati tagħhom, u dan kien ikun simbolu tad-dawl ta' Kristu. Hekk kienu jsellmulu bil-kant tas-Salmi. Anki l-istess mejtin kienu jiġu midfuna jħarsu lejn l-Orjent, għax kien hemm twemmin li fil-jum li fih ser jirritorna fit-tieni miġja tiegħu, il-Mulej ser jiġi mill-Orjent.

L-istess Verġni Marija, li hija x-xbieha tal-Avvent, hi meqjusa bħala ż-żerniq li jindika x-xemx, u l-ewwel raġġi tax-xemx jiġu mill-Orjent, tant li l-kulur liturġiku tal-Avvent, (barra l-kulur regali – kulur il-porpra) hu dak oranġjo li hu l-kulur tas-sebħ.

Id-dawl kien dejjem marbut mad-divinità: *"Alla hu dawl u fih ma hemmx dlam." (1Gw.1,5)* Alla *"huwa mkebbeb f'dawl bħal f'mantell" (Salm 103,2), "Huwa jgħammar f'dawl fejn ħadd ma jista' jersaq." (!Tim.6,16).* Isaija jistqarr li meta jitwieled il-Messija: *"Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir; in-nies li kienu joqgħodu f'art id-dlam dawl idda fuqhom." (Is.9,1).* Erbgħejn jum wara t-twelid tiegħu, is-Salvatur kien mħabbar mill-profeta Xmuni fit-tempju bħala: "*Dawl li jdawwal l-ġnus." (Lq.2,32).* Hu *"id-dawl tassew li jdawwal lil kull bniedem." (Ġw.1,9).* Kristu nnifsu jassigurana meta jistqarr: *"Jiena d-dawl tad-dinja; min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja."(Gw.8,12).* Hekk jiġri fil-ħajja tan-Nisrani, kif ix-xemx bid-dawl u s-sħana tagħha tagħti saħħa,

enerġija u ħajja, hekk ukoll Kristu *"ix-Xemx tal-ġustizzja" (Mal. 3,20)* Kristu jagħti ħajja, jġedded, ibiddel il-ħajja tan-Nisrani.

**Qari mill-Iskrittura (Is 9,1-2.5-6):**
Il-poplu li kien miexi fid-dlam
ra dawl kbir;
in-nies li joqogħdu f'art id-dlam
dawl idda fuqhom.
Int kattart il-ġens,
kabbart l-hena;
huma ferħu quddiemek,
bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad,
bħalma jifirħu fi qsim il-priża.
Għax tweldilna tifel,
ngħatalna iben;
is-setgħa tkun fuq spallejh, u jsemmuh:
"Kunsillier tal-għaġeb, Alla setgħan,
Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem."
Kbira tkun setegħtu,
u s-sliem bla qjies
fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu.
Hu jwettaqha u jsaħħaħha
bil-ħaqq u s-sewwa,
minn issa u għal dejjem.
Il-ħeġġa tal-Mulej tal-eżerċti tagħmel dan.

- **Messaġġ:** Kif l-istess natura turina li resqin lejn il-Milied, ejjew nagħmlu aħna wkoll dak li tagħmel hi. Mal-Ħarifa l-jum jibda jiqsar u l-lejl jibda jitwal, iżda mal-21 ta' Diċembru l-lejl jibda jiqsar u l-jum jibda jitwal. Il-Knisja għażlet il-jum tal-25 ta' Diċembru biex tiċċelebra t-twelid tas-Sidna. Din kienet festa pagana li fiha r-Rumani kienu jiċċelebraw ir-rebħa tad-dawl fuq id-dlam, il-festa tax-xemx qatt mirbuħa. U l-Knisja għamlet minn dan il-lejl, lejl ta'dawl. Għax Kristu hu l-veru dawl, id-dawl tal-ġustizzja, id-dawl li qatt ma jgħib. Bis-sħana ta' dan id-dawl il-bniedem midneb jibda jinħall mill-ebusija tal-qalb biex jilqa' f'qalbu d-dawl ta' Kristu: *"..u tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni permezz tal-maħfra ta' dnubiethom, mogħtija mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, li mill-għoli jiġi jżurna bħax-xemx tielgħa; u jdawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt…."(Lq. 1,77-79)* Tajjeb li lkoll kemm aħna nistaqsu lilna nfusna : Aħna mexjin fid-dawl jew fid-dlam?

- **Ġest:** Tista' ssir esperjeza ta' kif Kristu kien dawl fil-ħajja ta' xi ħadd. Isiru l-wegħdiet tal-Magħmudija filwaqt li l-ġemgħa miġbura jkollha f'idejha xemgħa li tkun inxtegħet mill-blandun, is-simbolu ta' Kristu d-dawl tad-dinja. Bħall-ewwel Knisja, inħarsu lejn il-Lvant waqt li nagħmlu din l-istqarrija tal-fidi.

**Talba tal-Ġemgħa**
**Daħla:** Ix-xemx li tiddi u tagħti l-ħajja lid-dinja hi wieħed mis-sinjali l-aktar ċari tal-glorja t'Alla u tal-imħabba tiegħu li ddawwalna u tgħajjixna. F'dan il-mument ta' talb, ejjew nafdaw fih il-mixja tagħna, li Hu ser ikompli jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem, filwaqt li ngħidulu: ***Agħtina, Mulej, id-dawl u l-paċi tiegħek.***

1. Xemx li d-dawwal id-dinja u li żżommha ħajja, u tagħtiha d-dawl u s-sħana bil-preżenza tiegħek, agħmel li dejjem inkunu grati għar-rigal kbir tal-ħolqien. *Nitolbu*
2. Xemx li turi l-glorja ta' Alla l-Missier, għinna sabiex inkunu xhieda li ddawwal u nkunu wkoll koerenti għall-Kelma tiegħek. *Nitolbu*
3. Xemx li taf x'hemm fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna, għallimna biex infittxu dejjem li nagħmlu t-tajjeb. *Nitolbu*
4. Xemx, int li ppermettejt li l-glorja tiegħek tkun mċajpra bit-tbatija u l-mewt, għinna u agħtina l-kuraġġ sabiex waqt il-provi tal-ħajja niftakru li rridu nieħdu sehem mill-glorja tal-qawmien. *Nitolbu*
5. Xemx li permezz tal-Kelma tiegħek iddawal l-ħajja ta' kull bniedem, agħmel li qatt ma ngħejjew mill-ħbieberija u mit-tmexxija tiegħek. *Nitolbu*

**Għeluq:** O Mulej li ġejt fid-dinja bħala xemx li ġejja mill-għoli, uri lilek innifsek bħala Alla tad-dawl u tal-paċi u agħmel li ħadd minn uliedek ma jirrifjuta d-dawl tiegħek li jsaħħan u jagħti l-ħajja, bi Kristu Sidna. Ammen.

## 7. Is-seba' jum: O SULTAN TAL-ĠNUS

**Sinjal**: xbieha ta' Kristu Sultan, xettru u kuruna




***O Sultan tal-ġnus,***
***il-mistenni minn ġnus kollha,***
***il-ġebla tax-xewka li tgħaqqad il-ġnus kollha f'poplu wieħed,***
***ejja salva lill-bniedem,***
***li int għamilt mit-trab tal-art.***

**Għar-riflessjoni**

Din l-antifona li l-liturgija tpoġġi fuq fomm il-Knisja llum toħloq madwar it-tron tas-sultan-messija ċaqliq kbir ta' ġnus li jesprimu x-xewqa ta' sekli sħaħ ta' stennija għas-Salvatur.

Fid-dinja pagana l-figura tas-sultan kienet marbuta mad-divin. Is-sultan kien miżmum bħala l-inkarnazzjoni tad-divnità, il-miġja tiegħu kienet iġġib privilleġġi partikulari, u l-azzjonijiet kollha tiegħu kienu meqjusa li huma divini. Tant hu hekk li lis-sultan kienu jattribwulu l-kult. Għal-Lhud il-ħaġa kienet diversa, il-post t'Alla ebda bniedem ma seta' jieħdu, anki jekk inhu sultan. Alla huwa l-għajn ta' kull ħajja u lilu jixraq l-ewwel post fil-ħajja tal-bniedem: *"Il-Mulej huwa l-leġislatur tagħna, il-Mulej huwa s-sultan tagħna: huwa jsalvana."*

Meta Iżrael f'mument minnhom ta' l-istorja ried sultan, dan kien ikun sottomess bħall- bnedmin l-oħra għal dak li titlob il-Liġi u l-Patt ma' Alla. Mas-sultan David, ir-relazzjoni ta' Iżrael ma' Alla ġiet iċċarata u ppreċiżata. David irċieva mingħand Alla l-wegħda li s-saltna tiegħu ser tkun waħda b'saħħitha u stabbli tant li s-sultan, wara l-intronizzazjoni tiegħu, ġie msejjaħ *iben Alla: "Jien inkun għalik Missier u int tkun għalija iben." "Inti ibni jien illum nissiltek.".*

Il-pjan t'Alla muri mill-profeti ġie mwettaq fil-milja taż-żminijiet. Infatti il-profeta Isaija jirreferi għal dan il-pjan meta jħabbar it-twelid tas-sultan li jġib lill-poplu t'Alla ferħ, rebħ, paċi u ġustizzja. Il-wegħdiet mistqarra mill-profeti juru x'inhi l-missjoni ta' Kristu, dak li waqqaf is-saltna.

Minn dan jitkellem l-anglu Ġabrijel lil Marija: *"Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."* It-tiftix tal-Maġi f'Ġerusalem u f'Betlem, u l-offerta tar-rigali tagħhom huma riferiment simboliku għas-saltna ta' Kristu. Matul il-ħajja pubblika tiegħu, ħafna drabi Kristu kien jiġi pproklamat bħala dixxendent mir-razza ta' David. F'Ħadd il-Palm kien hemm kor sħiħ ta' kbar u żgħar li b'ferħ kbir stqarrew ir-regalità tiegħu: *"Hosanna lil bin David".* Anki fl-istess Apokalissi, f'wieħed mill-innijiet insibu: *"Is-saltna tad-dinja hi tal-Mulej Sidna Ġesù Kristu: hu jsaltan għal dejjem ta' dejjem."*

Fil-Milied aħna naduraw lil Kristu sultan li twieled għalina. Waqt li ngħarfuh bħala sultan, nitolbu u naħdmu sabiex tiġi fostna s-saltna tiegħu, mhux biss, iżda li tikber u tissaħħaħ. L-ewwel art li jixtieq jakkwista dan is-Sultan hi l-qlub tagħna biex mhux biss jgħammar fiha iżda ssir is-saltna tiegħu. Il-missjoni tas-sultan li ġej ser tkun li jgħaqqad u jiġbor flimkien. Simbolu ta' dan hi l-ġebla tax-xewka, il-ġebla li torbot il-bini kollu. Din il-ġebla hi Kristu. Tajjeb li tistaqsi lilek innifsek: fuq min jew fuqiex qed tibni ħajtek, x'isimha l-ġebla tax-xewka tiegħek?

Isaija jgħid: *"Jien inpoġġi ġebla f'Sijon, ġebla magħżula, ġebla tax-xewka, prezzjuża, ġebla li torbot. Min jemmen fiha ma jitħarrikx."* Għal din il-profezija Pietru jagħmel riferiment meta, wara l-qawmien ta' Kristu, ifakkar lill-membri tas-Sinedriju li Ġesù: *hu l-ġebla li ġiet imwarrba mill-bennejja saret il-ġebla tax-xewka."* Għax Kristu hu l-ġebla li torbot kollox, Pietru jasal għall-konklużjoni: hu meħtieg li nintrabtu miegħu: *"ġebla ħajja li kienet imwarrba mill-bennejja, imma magħżula minn Alla bħala ġebla għażiża. U intom ukoll, bħala ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali..."(1Pietru 2,5-6)*

Kristu nnifsu japplika dan it-test tal-profeta Isaija, meta jitkellem fil-parabbola tal-għalqa tad-dwieli u tal-bdiewa: *"Qatt ma qrajtu fl-Iskrittura li: 'Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka: ħaġa tal-għaġeb f'għajnejna? Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil gens li jagħmel il-frott minnha." (Mt. 21,43-44)*

Fl-ittri tal-Appostli naraw diversi referimenti għal dawn it-testi, mhux biss biex juru l-messjatiċità ta' Kristu, iżda wkoll biex juruna li ma nistgħux nibqgħu newtrali. Quddiem Kristu jeħtieġ nagħmlu għażla: jew ser naċċettawh bħala l-ġebla tax-xewka fil-binja tagħna jew inkella din il-ġebla tax-xewka ser tkun ġebla ta' tfixkil għal dawk li ma jemmnux. Fl-ittra lill-Efesin, San Pawl jurina li aħna lkoll nistgħu nikbru u nimmaturaw permezz ta' Kristu: "*...ġebla tax-xewka. Fih il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej; fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn jgħammar Alla." (Ef. 2,21-22)*

Din l-antifona turina xbieha ta' saltna miftuħa għal kulħadd, fejn kulħadd għandu postu frott il-miġja ta' Kristu. Din l-antifona tagħlaq b'sejħa biex il-Messija jħares bi ħniena lejn il-miżerja umana, fejn Alla l-Ħallieq ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu. Din ix-xbieha ntilfet frott id-dnub. Iżda Alla, fl-imħabba tiegħu, ilaqqa' lill-bniedem mal-misteru tal-inkarnazzjoni u, permezz tat-tjubija u l-ħniena tiegħu, jerġa' jpoġġih fid-dinjità tal-bidu, dik li kien tilef permezz tad-dnub.

Meta wieħed jinżel għarkupptejh quddiem il-misteru tal-inkarnazzjoni u jqum, fuq rasu tiġi mlibbsa l-kuruna ta' sultan, għax permezz ta' din il-miġja ta' Kristu fostna aħna sirna werrieta ta' din is-saltna u permezz tal-Magħmudija nieħdu sehem minn Kristu, saċerdot sultan u profeta.

**Qari mill-Iskrittura (Ġer 29,11-14):**

Jien naf il-pjanijiet li ħsibt għalikom, oraklu tal-Mulej, pjanijiet ta' ġid u mhux ta' ħsara, li nagħtikom ġejjieni mimli tama. Intom issejħuli u tiġu titolbuni u jien nismagħkom, tfittxuni u ssibuni. Meta tfittxuni b'qalbkom kollha, issibuni, oraklu tal-Mulej, u jiena nbiddel xortikom u niġborkom minn fost il-ġnus u mill-artijiet kollha li xerridtkom fihom, oraklu tal-Mulej, u nreġġagħkom lura lejn il-post li tturufnajtkom minnu.' "

- **Messaġġ:** Il-ġibda żejda għall-gid tal-art, l-unuri, l-egoiżmu u l-individwaliżmu lill-bniedem tal-lum qegħdin jagħmuh u hu qed iħares lejhom bħala alla l-ġdid tiegħu. Ħafna drabi, bla mhu qiegħed jinduna, qed iwarrab għall-ġenb lil Alla l-veru. Il-ħin li suppost qed nagħtu lil Alla l-veru qed nagħtuh lil allat oħra li ħadu postu. Il-bniedem tal-lum qed iwarrab lis-Sultan veru tiegħu li ma ġiex biex ikun moqdi iżda biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra. Dan, il-bniedem qed jagħmlu biex mingħalih ikun ħieles, imma qed isir aktar skjav tad-dinja ta' madwaru. Qed jemmen aktar x'jgħidu d-dinja, it-TV, il-ġurnali, ir-radju, eċċ., milli x'jgħid is-Sultan il-veru, Ġesù, li hu l-istess verità: *"Jienu t-triq, il-verità u l-ħajja. Min jemmen fija ma jmut qatt."* L-interess tiegħu mhux dak li għandek iżda dak li int. Tajjeb li nistaqsi lili nnifsi: min hu u x'jismu s-sultan tiegħi?

- **Ġest:** Tfal lebsin ilbies li jirrappreżenta lill-ħames kontinenti u fin-nofs tifel liebes ta' Kristu Sultan, iżomm il-globu tad-dinja f'idejh. Hawn jista' jitkanta kant addattat, bħas-*song*: "Taf xejn il-kulur t'Alla" ta' David Azzopardi.

**Talba tal-Ġemgħa**

**Daħla:** Kristu hu s-sultan tal-ġnus kollha, iżda hu sultan partikulari, sultan li jsaltan minn fuq is-salib. F'dawn il-jiem ta' ferħ fl-istennija immintenti tal-miġja tiegħu, lilu nressqulu t-talbiet tagħna u nitolbuh sabiex ikompli jsaltan fuqna bil-qawwa u l-ħlewwa, filwaqt li ngħidulu: ***Saltan fuqna Mulej.***

1. Sultan tal-ġnus mixtieq mill-popli kollha, agħti lill-ġnus kollha l-paċi u t-tqassim ġust tal-ġid tal-art. *Nitolbu*
2. Sultan tal-ġnus li int il-ġebla tax-xewka, għinna lilna lkoll sabiex inkunu qawwija biżżejjed biex naħdmu għall-gid, u għall-paċi u l-ġustizzja. *Nitolbu*
3. Sultan tal-ġnus li ġarraft il-ħitan tal-firda u tal-mibegħda, għallimna sabiex naħdmu għall-imħabba u l-għaqda fost il-ġnus. *Nitolbu*
4. Sultan tal-ġnus li tixtieq tiġbor flimkien il-ġnus kollha f'ġens wieħed, għinna sabiex il-Kelma tiegħek ta' verità, imħabba u ħlewwa tinżel fi qlub ta' ħafna bniedmin. *Nitolbu*
5. Sultan tal-ġnus, aħna li hawn miġbura qegħdin inħejju ruħna għall-miġja tiegħek, għinna sabiex ngħixu s-sejħa Nisranija tagħna b'fedeltà u b'korenza. *Nitolbu*

**Għeluq:** O Alla li tista' kollox, li ridt li Ibnek ikun Sultan tal-ġnus u tal-qlub kollha, għinna sabiex dejjem inkun attenti għas-smigħ tal-Kelma tiegħek. Eħlisna minn kull ħażen u imliena bl-imħabba tiegħek, bi Kristu Sidna. Ammen.

## 8. It-tmin jum: O GĦIMMANU-EL

**Sinjal**: xbieha ta' Ġesù tarbija




***O Għimmanu-El,***
***sultan tagħna li tajtna liġi,***
***tama u salvazzjoni tal-gnus:***
***ejja u salvana, Mulej, Alla tagħna.***

**Għar-riflessjoni**

Il-mod kif il-liturġija ssejjaħ lill-Messija f'din l-antifona llum huma l-aktar l-qrib u familjari għalina. Il-liturgija titkellem dwar Alla msejjaħ bħala l-Emmanuel, jigifieri Alla magħna, li ser jidħol fil-familja tal-bniedmin. L-isem ta' Emmanuel jirreferi għall-profezija tal-profeta Isaija dwar it-twelid ta' tifel li ser iġib il-ħelsien. Dan it-tifel ġej mill-familja ta' David. Dan it-twelid ser isir min Omm Verġni.

Il-Ġdid Testment u t-tradizzjoni kollha Kattolika jaraw din il-profezija realizzata f'Marija u f'Ġesù: *"Kunsillier tal-għaġeb, Alla setgħan, Missier ta' dejjem, Prinċep tas-sliem."* Hu Kunsillier tal-għaġeb fit-tagħlim tiegħu. Hu Alla qawwi għax juri li dan it-tifel ġej mingħand Alla divin. Hu Missier għal dejjem għaliex l-imħabba tiegħu qatt mhi ser tiġi nieqsa. Hu Prinċep tas-sliem għaliex il-missjoni tiegħu kienet waħda ta' paċi u rikonċiljazzjoni, tant illi fit-twelid tiegħu l-anġli fuq l-għar ta' Betlem ħabbru: *u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba,* waqt li fil-jum tal-qawmien tiegħu, fl-ewwel dehra tiegħu lill-Appostli miġbura, l-ewwel kelma li ħarget minn fommu kienet *shalom, il-paċi magħkom*.

L-isem ta' dan it-tifel mhux tant Emmanuel daqs kemm Ġesù s-Salvatur għax Hu ġie biex jeħles il-poplu tiegħu minn dnubiethom.

Dan it-tifel kiber fil-moħbi sakemm wasal il-jum li jkun dawl għall-ġnus, b'mod partikulari għas-sempliċi u għall-foqra li laqgħu s-saltna t'Alla. Lil dawn il-foqra, l-imwarrba, l-umli, u l-midimbin li kienu dejjem l-aktar nies ippreferuti tiegħu, iffaċilitalhom r-rabta tagħhom m'Alla Missieru. Lil dawn assigura l-ferħ li Alla kien ser iżur lill-poplu tiegħu u li ma kinitx ser tonqos l-għajnuna tiegħu.

Alla magħna, hekk hu Kristu fil-ħajja tal-Knisja u ta' kull Nisrani. Infatti Hu stess stqarr: *"Jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien."* U hekk Hu sar sinjal ta' tama għall-ġnus kollha tal-art.

**Qari mill-Iskrittura (Is 7,10-14):**

Il-Mulej issokta jkellem lil Aħaż u jgħidlu:
"Itlob sinjal għalik
mingħand il-Mulej, Alla tiegħek,
f'qiegħ l-art jew fl-għoli tas-smewwiet."
U Aħaż wieġeb:
"Ma nitlobx:
ma rridx nittanta lill-Mulej."
U l-profeta wieġeb:
"Isimgħu, mela, dar David:

mhux biżżejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin,
biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi?
Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess:
Araw, ix-xebba titqal u tiled iben,
u ssemmih Għimmanu-el.

- **Messaġġ:** F'min qed inpoġġi t-tama tiegħi? Fuqi nnifsi? Fuq il-kapaċitajiet u s-saħħa tiegħi? Jew fuq Alla li minnu naf l-eżistenza tiegħi? Jien nemmen tassew li Alla hu daqshekk qrib tagħna? Naħseb ta' spiss fuq il-preżenza ta' Alla matul il-jum? X'post għandu Alla f'ħajti? Jien, bil-mod kif ngħix, nuri li għandi fiduċja f'Alla? Tassew Ġesù huwa għalija Salvatur? Insib ħin biex niltaqa' miegħu fl-adorazzjoni fis-skiet fl-Ewkaristija?

- **Ġest:** Xena tat-twelid li jsir mit-tfal u biki ta' tarbija. Tinżamm xemgħa f'idejn it-tfal u n-nies. Kant *Joy to the world.* Fl-aħħar tal-Quddiesa jsir bews tax-xbieha ta' Ġesù tarbija mill-ġemgħa.

**Talba tal-Ġemgħa**
**Daħla:** Alla l-Missier wiegħed lill-poplu tiegħu, permezz tal-profeta Isaija, l-Emmanuel, sultan rett u ġust li kien ser ikun sinjal tal-preżenza t'Alla fost il-poplu tiegħu. Issa li ninsabu tant qrib il-jum tat-twelid tiegħu, ejjew nitolbu lill-Mulej Ġesù biex ikun anke llum Alla magħna, u jgħinna nilqgħuh b'qalb sinċiera u disponibbli. Ngħidu flimkien: ***Ejja sabiex teħlisna, O Għimmanu-el.***

1. Emmanuel li wettaqt il-wegħdiet tal-profeti, saħħaħ fina l-fidi fil-għajxien tal-Kelma tiegħek. *Nitolbu*
2. Emmanuel, li kont l-imwiegħed lill-poplu ta' Iżrael fil-mument tal-prova, saħħaħ fina t-tama fl-għajnuna li tiġi mingħand il-Missier. *Nitolbu*
3. Emmanuel, sinjal ta' salvazzjoni u ħelsien, għallimna nħobbu u ngħinu lil xulxin. *Nitolbu*
4. Emmanuel, sultan tal-ġustizzja u tal-paċi, waqqaf is-saltna tiegħek tal-imħabba fid-dinja kollha. *Nitolbu*
5. Emmanuel, li wegħedtna li ser tibqa' magħna sal-aħħar taż-żmien, mexxina u għinna fit-triq li twassalna għand il-Missier. *Nitolbu*

**Għeluq:** Mulej Ġesù Kristu, li twelidt minn Marija Verġni biex tkun Alla magħna, qribna il-bniedmin ta' kull żmien, agħtina qalb sinċiera u disponibbli, lesta li tilqgħek u agħmel li nħallu post f'ħajjitna għalik. Dan nitolbuhulek bi Kristu Sidna. Ammen

## 9. Id-disa' jum: O Ġerusalemm



**Sinjal**: stampa tal-Ġenna

**O Ġerusalemm, il-belt ta' Alla l-qawwi:**
**erfa' għajnejk u ħares madwarek:**
**ħares lejn il-Mulej tiegħek:**
**hu ser jiġi dalwaqt biex jeħilsek mill-ktajjen li tinsab imxekkla bihom.**

**Stampa tal-Antifona**

**Għar-riflessjoni**

Mal-medda tas-sekli, fost l-antifoni maġġuri, ġiet imdaħħla f'xi knejjes antifona ta' stedina lil Ġerusalemm sabiex tkun lesta biex tilqa' l-ġrajja l-kbira tal-miġja tal-Mulej. F'dan l-aħħar jiem ta' qabel il-Milied it-tħejjijiet għal din is-solennità jintensifikaw ruhhom. U faċli ħafna li wieħed jittieħed mid-deni tax-xiri, tħejjiet għall-ikliet, rigali, *parties,* eċċ. Faċli li wieħed jittieħed mid-deni tal-aljenazzjoni u distrazzjoni u jinsa l-iskop ewlieni ta' din il-ġrajja. Veru li Miled mingħajr *carols* iġib in-niket, Milied mingħajr rigali huwa fqir, iżda hu aktar veru li Milied li ma jwasslekx biex tiltaqa' mat-tarbija ta' Betlem ma hu Milied xejn. L-istedina ta' din l-antifona hija biex din il-belt ta' Ġerusalemm, il-belt tas-sultan il-kbir tilqa lil dan Alla li sar bniedem biex aħna nsiru werrieta ta' Ġerusalemm tas-sema.

Ġerusalemm hi mudell u xbieha. Din il-belt, fi żmien is-Sultan David saret iċ-ċentru politiku u reliġjuż tas-saltna tiegħu. Saret iċ-ċentru tal-għaqda nazzjonali tal-poplu t'Alla. Saret aktar minn qatt qabel iċ-ċentru reliġjuż meta s-Sultan Salamun bena t-tempju. L-għolja ta' Sijon saret id-dar t'Alla. Lejha jitilgħu f'pellegrinaġġi t-tribujiet tal-Mulej, (cfr. Salmi tat-telgħat: 120-135). Ġerusalemm, il-belt il-qaddisa u tal-paċi, għandha rwol importanti fil-fidi u fit-tama ta' Iżrael. Ġerusalemm tfisser belt il-paċi.

Anki fil-ġrajja tat-twelid ta' Kristu, Ġerusalemm għandha missjoni x'taqdi, anki jekk Kristu ma twelidx Ġerusalemm. Jidher ħafna stamb u stonat kif l-iben tas-sultan ma twelidx f'palazz regali. Tant hu veru li malli l-Maġi marru Ġerusalemm, marru dritt fil-palazz ta' Erodi, għax kienu konvinti li hemmhekk ser isibu l-imwieled sultan tal-Lhud. Anke l-għorrief u l-kbarat tal-belt ħassewhom maħsuda meta saru jafu li l-miġja mill-Orjent ta' dawn il-Maġi kienet prorpju biex jaduraw lis-sultan il-ġdid. Intant, ma kien hemm ebda emozzjoni, interess u kurżità għal din l-aħbar, tant li ma wasslet lill-ebda wieħed minn dawn l-għorrief biex jemmen. Ħadd ma tħarrek biex imur Betlem biex jara dak li ġara.

Kien ukoll f'Ġerusalemm li Ġesù, wara erbgħin jum mit-twelid tiegħu, ġie ppreżentat fit-tempju lill-Mulej skont il-liġi ta' Mosè. Xi persuni twajba marru fit-tempju, imnebbħin mill-Ispirtu s-Santu, u għarfu f'dik it-tarbija d-dawl biex idawwal lill-ġnus. F'Ġerusalemm Ġesù, tfajjel ta' tnax il-sena, jagħti l-ewwel sinjal tal-għerf tiegħu lill-imgħallmin tal-liġi.
F'dawn l-okkażjonijiet kollha, Ġerusalemm m'għarfitx il-preżenza tant qrib tal-Messija. Anki aktar 'il quddiem fil-ħajja pubblika tiegħu, hi m'għarfitx iż-żjara tal-Iben t'Alla, żjara li tant kienet meħtieġa għas-salvazzjoni. Meta wasal qrib Ġerusalemm: *"..kif raha beda jikbiha u jgħid: Mhux li għaraft imqar int ukoll f'dan il-jum x'inhu ta' ġid għalik! Imma issa! Dan hu moħbi minn għajnejk!*

*Għax għad jiġi żmien fuqek meta l-għedewwa tiegħek idawruk...u jġarrfu lilek u lil uliedek fik, u ma jħallux fik ġebla fuq oħra, talli ma għarftx iż-żmien taż-żjara li saritlek." (Lq.19,41-44)*

Fl-istorja ta' Ġerusalemm nistgħu naraw l-istorja ta' ħajjitna. Jista jkun li Alla jkun jrid jiltaqa' magħna iżda aħna, frott il-ħafna attivitajiet, aljenazzjoni u distrazzjoni, ma nagħrfux il-mument tal-grazzja. Min jaf jekk dan il-Milied huwiex il-mument tal-grazzja li qed jagħtik l-Mulej biex tirranġa s-sitwazzjoni ta' ħajtek? Int qed tagħti spazju lil Alla biex tiltaqa' miegħu, jew il-ħin kollu tal-jum tiegħek hu mimli bl-affarijiet tad-dinja u ħin għal Alla ma jeżistix?

F'dawn l-aħħar sigħat li fadal biex niċċelebraw il-Milied Imqaddes aħna lkoll mistiedna sabiex infittxu l-essenzjal u f'mument ta' skiet u ġabra nagħrfu s-sitwazzjoni tal-ħajja tagħna u nersqu lejn is-sagrament tal-Qrar biex, b'mod xieraq u dinjituż, niċċelebraw il-lejl tat-twelid tiegħu.

Din l-antifona tagħlaq bi prospettiva ta' tama: "Il-Mulej ġej dalwaqt biex iħoll il-ktajjen li bihom tinsab marbut." Dan ma jiġix nieqes mill-istorja ta' Ġerusalemm. Fuq il-pjan materjali kien hemm diversi attakki, assedji, tigrif, u saħansitra eżilju. Fuq il-pjan spiritwali kemm-il darba din il-belt ma kinetx fidila lejn Alla u ċaħdet il-liġijiet tiegħu. Kien hemm ukoll ostilità lejn il-mibgħutin t'Alla, l-profeti, u saħansitra lejn Ibnu stess.

Il-ħtijiet ta' din il-belt setgħu kienu r-responsabbiltà ta' xi individwi. Jista' jkun li l-ktajjen li bihom aħna mxekklin, xi drabi huma tant tqal li jiċħdulna l-libertà, it-tama tal-miġja tal-Messija li ġej biex jeħlisna u jħaffilna dan it-toqol. Wieħed jista' jduq minn dak kollu li jġib il-Milied: ferħ, dawl, ħlewwa, paċi, u tiġdid. Infatti fil-Medju Evu, fil-jiem tan-novena kienu jiġu kantati diversi profeziji. Fosthom insibu: "*Ifraħ, bint Sijon, imtela bil-ferħ, bint Ġerusalemm. Għax il-Mulej ġej u f'dak il-jum jiddi dawl kbir, il-muntanji jfuru bil-ħlewwa, u mill-għoljiet joħroġ ħalib u għasel, għax ġej il-Profeta il-kbir, li jġedded lil Ġersusalem"*

**Qari mill-Iskrittura (Lq 19,41-44):**
Wasal qrib il-belt u, kif raha, beda jibkiha u jgħid: "Mhux li għaraft imqar int ukoll f'dan il-jum x'inhu ta' ġid għalik! Imma issa! Dan hu moħbi minn għajnejk! Għax għad jiġi żmien fuqek meta l-għedewwa tiegħek idawruk b'rampa u jagħlquk minn kullimkien u jrossu fuqek minn kull naħa; u jġarrfu lilek u lil uliedek fik, u ma jħallux fik ġebla fuq oħra, talli ma għaraftx iż-żmien taż-żjara li saritlek!"

- **Messaġġ:** Ġerusalemm tal-art hija xbieha ta' dik tas-sema. Ta' spiss niftakar fiha jew id-dinja ta' madwari qed tnissihieli? X'inhu l-iskop tal-ħajja tal-bniedem? Għalfejn qiegħed fid-dinja? X'hemm jistenniena wara l-mewt? Jien nemmen fil-ħajja li ġejja? Bil-mod li qed ngħix, qed naħseb ukoll fl-eternità li hemm tistennieni? Qed nemmen fi kliem Kristu dwar il-ħajja li għad trid tiġi?

- **Ġest:** Xirka tal-qaddisin, tfal liebsa libsa bajda bil-palm, żebbuġ u fjuri bojod f'idejhom. Duħħan, *smoke machine,* inċens, u kant addattat. (Tifkira tal-Ġenna).

**Talba tal-Ġemgħa**

**Daħla:** Il-miġja tal-Mulej hi tassew fil-qrib. Ejjew inressqu t-talbiet tagħna lill-Mulej Ġesù sabiex ma jiġrilniex bħan-nies ta' Ġerusalemm li, frott id-distrazzjoni u l-aljenazzjoni, m'għarfux iż-żmien taż-żjara li saritilhom, filwaqt li ngħidulu***: Ejja Mulej Ġesù, ejja u la tiddawwarx.***

1. Għalina lkoll biex ma nħallu xejn li jfaqqrilna l-ispirtu Nisrani tal-Milied u nibqgħu nistinkaw sabiex nagħmlu Milied tassew Kristjan u mhux pagan. *Nitolbu*
2. Għalina lkoll sabiex ma niddakrux mid-dinja materjalista u pagana u, bħan-nies ta' Ġerusalemm, ninsew iż-żmien taż-żjara ta' Ġesù fostna. *Nitolbu*
3. Għalina lkoll biex f'dan iż-żmien tan-novena, żmien ta' grazzja, niġġeddu spiritwalment billi nersqu lejn is-sagramenti, partikularment is-sagrament tal-Qrar u tal-Ewkaristija. *Nitolbu*
4. Għalina lkoll sabiex qatt ma ninsew l-iskop li għalih qegħdin fid-dinja, dak li naslu f'Ġeruselem tas-sema, il-Ġenna li hemm tistenniena. *Nitolbu*
5. Għal qrabatna, ħbieb u benefaturi tagħna sabiex fil-ħniena tiegħek taħfrilhom ħtijiethom u tilqagħhom f'Ġerusalemm tas-sema. *Nitolbu*

**Għeluq:** Mulej Ġesù, Int li tant xtaqt li n-nies ta' Ġerusalemm jintebħu biż-żjara tiegħek, għinna sabiex matul ħajjitna dejjem inkunu lesti għaż-żjara tiegħek fostna, mhux biss fil-jiem tal-Milied iżda b'mod speċjali fit-tieni miġja tiegħek bħala s-Sultan tal-univers, bi Kristu Sidna. Ammen

# 10. ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI GĦAL ŻMIEN L-AVVENT

**Dun Giovanni Curmi**

*"Ara l-għarus, oħorġu ilqgħuh"*

**Daħla għaċ-ċelebrazzjoni**

Anim: Matul din is-Sena tal-Fidi, Ommna l-Knisja trid tgħinna nitfgħu aktar il-ħarsa tagħna fuq l-Imgħallem Divin, Ġesù, dak li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna. Matul din iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Qrar, aħna se nħarsu lejn Ġesù bħala l-Għarus tal-Knisja. Fl-imħabba kbira li Ġesù għandu għall-Knisja, hemm miġbura u mfissra l-imħabba ta' Ġesù għalina lkoll, fl-istorja personali tagħna.

Il-figuri bibliċi tal-għarus jew tal-għarusa huma preżenti ħafna fir-rivelazzjoni biblika. Diġà fil-bidu, fil-ħolqien, għandna preżenti l-imħabba bejn ir-raġel u l-mara, fir-rakkont tal-ħolqien ta' Adam Evan. Din ir-relazzjoni ta' għerusija tiġi mfissra ta' spiss mill-profeti, u tilħaq il-quċċata tagħha fil-lirika tal-ktieb l-Għanja tal-Għanjiet: Alla hu l-għarus miġnun bl-imħabba lejn il-poplu tiegħu Iżrael, l-għarusa tal-Mulej.

Matul l-istorja tas-salvazzjoni, filwaqt li l-imħabba tal-għarus tibqa' sħiħa, l-imħabba tal-għarusa mhux dejjem hi waħda fidili: hi mħabba xi drabi mkerrha mill-infedeltajiet tal-poplu. Imma Alla jibqa' jħobb, u kull darba jġeġġed il-patt ta' mħabba mal-għarusa tiegħu.

Fir-rivelazzjoni tat-Testment il-Ġdid, din ir-relazzjoni ta' għerusija bejn Alla u l-poplu tiegħu tiġi murija fil-persuna ta' Ġesù, l-għarus divin. Ir-rakkont tat-tieġ ta' Kana mhux biss rakkont sabiħ ta' storja ta' mħabba bejn żewġ żgħażagħ, imma hu ikona ta' Ġesù li jsir l-għarus veru tal-Knisja, u permezz tal-Knisja tal-umanità kollha. Ir-rivelazzjoni biblika tagħlaq bil-Ktieb tal-Apokalissi, fejn iseħħ it-tieġ tal-Ħaruf.

Il-ħidma ta' Ġesù li jibni din ir-relazzjoni mal-għarusa tiegħu l-Knisja u magħna, membri tal-Knisja, tissokta llum ukoll, biex iseħħ dak li San Pawl jistqarr fl-ittra lill-Efesin (5,25-27): "Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha. U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil ta' l-ilma u l-kelma u biex iressaqha quddiemu, din il-Knisja, sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd".

Is-sagrament tal-maħfra li aħna se niċċelebraw flimkien ifisser din l-azzjoni ta' mħabba li Kristu għandu għalina, u li permezz tagħha hu jkompli jressaqna quddiem sbieħ, bla tebgħat, bla għajb, imma qaddisa u safja.

Nagħtu bidu għal din iċ-ċelebrazzjoni bil-kant

# 1. RITI TAL-BIDU

## Kant

## Tislima

Ċel: Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
**Ġem: Ammen.**

Ċel: Grazzja lilkom u sliem mingħand Dak li hu, u li kien, u li għad irid jiġi, u min-naħa tas-seba' spirti li qegħdin quddiem it-tron tiegħu, u mingħand Ġesù Kristu, ix-xhud fidil, il-Kbir fost il-mejtin, il-Prinċep tas-slaten tad-dinja.

**Ġem: Lil Dak li ħabbna, u li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu, u li għamilna Saltna, Qassisin għal Alla tiegħu Missieru. Lilu l-glorja u s-setgħa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.**

## Tħeġġiġ

Ċel: Għeżież, nifirħu u nithennew u nagħtu glorja lil Alla tagħna, għax permezz ta' dan is-sagrament aħna se niċċelebraw it-tieġ tal-Ħaruf. Ejjew mela nħejju lilna nfusna, u bħal għarusa tal-Mulej nilbsu l-għażel fin li se jagħtina l-Mulej bil-maħfra tiegħu. Ejjew inħossuna tassew hienja għax ġejna mistiedna għal din il-mejda tat-tieġ tal-Ħaruf. (ara Apok 19,7-9)

## Talba

Ċel: Nitolbu.
Mulej, Missier tagħna,
matul l-istorja tas-salvazzjoni int urejt lilek innifsek
bħala l-għarus tal-poplu tiegħek Iżrael;
agħti lilna, il-poplu ġdid tiegħek,
li nitħejjew bil-ferħ għall-miġja ta' Ibnek fostna,
li permezz tiegħu
inti ġġedded l-għerusija tiegħek magħna
u tħejjina għall-festa fis-sema tat-tieġ tal-Ħaruf.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna
Hu li hu Alla,
u miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.
**Ġem: Ammen.**

## 2. LITURĠIJA TAL-KELMA

Anim: Fil-qari se nisimgħu kliem il-Profeta Ħosegħa, l-għannej tal-imħabba bejn Iżrael u l-poplu tiegħu. Anke meta Iżrael tbiegħed minn Alla u għażel li jaqdi allat oħra, Alla jibqa' jħobbu u jġedded il-patt miegħu. Fis-Salm se nxandru l-għanja tat-tieġ tas-sultan: is-sultan hu Alla, u l-għarusa hi l-poplu tiegħu Iżrael. Fil-Vanġelu se nisimgħu r-rakkont tat-tieġ ta' Kana, sinjal tal-festa tat-tieġ eskatoloġiku.

**<u>Lezzjoni</u>**

Lett: Qari mill-ktieb tal-Profeta Ħosegħa (2:16-25).

"Għalhekk, araw, jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem. Minn hemm nagħtiha lura l-għelieqi tad-dwieli li kellha, u wied Għakor ikunilha bieb għat-tama. Hemmhekk hi twieġeb bħal fi żmien żgħożitha, bħal fi żmien ħruġha minn art l-Eġittu. U jiġri f'dak il-jum, oraklu tal-Mulej, li hi ssejjaħli: 'Żewġi'; lili ma ssejjaħlix 'Sidi', iżjed. Nneħħilha minn fommha isem il-Bagħalim u isimhom ma ssemmihx aktar. U f'dak il-jum nagħmel patt għalihom mal-bhejjem tar-raba' u mat-tjur tal-ajru mal-annimali li jitkaxkru mal-art, u nkisser minn fuq l-art il-qaws, ix-xabla u l-gwerra; kulħadd jorqod moħħu mistrieħ. "Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena, b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi, u int tagħraf lill-Mulej. F'dak il-jum, oraklu tal-Mulej, is-smewwiet ikollhom tweġiba mingħandi, u l-art ikollha tweġiba mingħandhom; u l-qamħ u l-inbid u ż-żejt ikollhom tweġiba mill-art, u Ġeżragħel ikollu tweġiba mingħandhom. U niżirgħu għalija fl-art, u nħobb lil 'Lo-ruħama', u lil 'Lo-għammi' ngħidlu: 'Inti l-poplu tiegħi' u hu jgħidli: 'Alla tiegħi'."

Il-Kelma tal-Mulej.
**R/. Irroddu ħajr lil Alla.**

**<u>Salm 45 – Għanja għat-tieġ tal-Messija sultan</u>** *<u>(alternat)</u>*

Lett: Qalbi tfawwar bi kliem sabiħ;
ngħanni l-għanja tiegħi lis-sultan;
lsieni pinna ta' kittieb ħafif.
Int l-isbaħ fost ulied il-bnedmin,
msawwba l-ħlewwa fuq xufftejk;
għalhekk bierkek Alla għal dejjem.

**Ġem: Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;**
**u int, għax hu sidek, agħtih qima.**

Lett: Tħażżem, qalbieni, b'sejfek fuq ġenbek;
ilbes il-ġieħ u l-ġmiel tiegħek!
Irkeb għar-rebħa tas-sewwa u l-ħaqq;
turik lemintek ħwejjeġ ta' l-għaġeb!
Il-vleġeġ tiegħek jinfdu, taħtek jaqgħu l-popli;
jaqtgħu qalbhom l-għedewwa tas-sultan.

**Ġem: Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;**
**u int, għax hu sidek, agħtih qima.**

Lett: It-tron tiegħek, Alla, għal dejjem ta' dejjem;
xettru tas-sewwa hu x-xettru ta' saltnatek!
Int tħobb il-ġustizzja u tobgħod il-ħażen;
għalhekk dilkek Alla, Alla tiegħek,
b'żejt il-hena aktar minn sħabek.
Bil-mirra u s-sabbara u l-kassja,
kollha fwieħa lbiesek.

**Ġem:** **Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;**
**u int, għax hu sidek, agħtih qima.**

Lett: Mill-palazzi tal-avorju jferrħek id-daqq tal-kordi.
Bniet is-slaten joħorġu jilqgħuk;
f'lemintek is-sultana mżejjna b'deheb ta' Ofir.
Isma', binti, ħares u agħti widen,
insa 'l ġensek u 'l dar missierek.
Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;
u int, għax hu sidek, agħtih qima.
In-nies ta' Tir bir-rigali jiġu,
il-kbarat ifittxu l-favuri tiegħek.

**Ġem:** **Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;**
**u int, għax hu sidek, agħtih qima.**

Lett: Kollha ġmiel bint is-sultan bil-ġawhar,
minsuġ bid-deheb ilbiesha.
Għand is-sultan jeħduha bix-xbejbiet warajha,
it-tfajliet li jingħatawlha bi sħabha.
Jittieħdu b'għajat ta' ferħ u hena;
jidħlu fil-palazz tas-sultan.

**Ġem:** **Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;**
**u int, għax hu sidek, agħtih qima.**

Lett: Flok missirijietek jilħqu wliedek;
inti tqegħedhom kapijiet fuq l-art kollha.
Nfakkar ismek minn nisel għal nisel;
ifaħħruk il-popli għal dejjem ta' dejjem!

**Ġem:** **Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek;**
**u int, għax hu sidek, agħtih qima.**

**<u>Kant tal-Hallelujah</u>**

Hallelujah. **R/. Hallelujah.**

Lett: "Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!" (Mt 25:6).

Hallelujah.

**Vanġelu**

Ċel: Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann (2:1-11).

F'dak iż-żmien:
Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "X'hemm bejni u bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu." Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, mqiegħda hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud, kull waħda minnhom tasa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xifer. Mbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa." Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.
Il-Kelma tal-Mulej.
**R/. Tifħir lilek, Kristu.**

**Riflessjoni/Omelija**

# 3. RIT TAR-RIKONĊILJAZZJONI

## Eżami tal-kuxjenza

Anim: Fl-istorja tagħna wkoll Ġesù jixtieq iwettaq il-miraklu li seħħ f’Kana tal-Galilija. Magħna wkoll jixtieq jibdel l-ilma fl-inbid biex jibdel il-ġrajjiet tagħna, u jagħti togħma itjeb lil ħajjitna. Ejjew għalhekk nagħmlu ftit mistoqsijiet lilna nfusna biex naraw fejn naqasna l-inbid, jew fejn l-inbid tilef it-togħma bnina tiegħu minħabba għażliet ħżiena li għamilna jew minħabba nuqqas ta’ ħeġġa fil-mixja spiritwali tagħna. Inħallu l-kelma ta’ Alla toħroġna fid-deżert biex naraw il-mixja tagħna fejn tinsab.

*Wara kull riflessjoni jinżamm mument ta’ skiet għall-eżami personali tal-kuxjenza.*

Lett: Il-profeta Ħosegħa jiddeskrivi d-dnubiet ta’ Iżrael bil-lingwaġġ tal-infedeltà fiż-żwieġ.

- *Kemm jirnexxieli nagħraf li Alla tassew iħobbni?*
- *Konvint/a li Alla jħobbni? U li jħobbni anke meta jien ma nħobbux jew meta nitbiegħed minnu?*
- *Fejn inħoss li qed nonqos mill-imħabba tiegħi lejn Alla?*

Lett: Il-profeta Ħosegħa jistqarr li Alla jrid jgħarrasna għal dejjem miegħu, b’rabta ta’ fedeltà sħiħa, bi mħabba u ħniena, fil-verità u l-ġustizzja.

- *Għandi tassew xewqa għal din l-intimità ma’ Alla?*
- *Kemm qed nipprova nikber f’din l-intimità mal-Mulej?*
- *X’qed nagħmel matul din is-Sena tal-Fidi biex nitgħarras aktar miegħu? Jew forsi ħeġġa wisq m’għandix għalih?*

Lett: Fil-Vanġelu smajna kif fil-festa ta’ Kana ħabta u sabta naqas l-inbid. L-inbid kien simbolu tal-ferħ. Ma setax ikun hemm festa mingħajr l-inbid.

- *Fil-festa ta’ ħajti hemm nuqqas ta’ nbid? Hemm nuqqas ta’ ferħ?*
- *Fejn jonqosni l-inbid?*
- *U jekk hemm nuqqas ta’ inbid u nuqqas ta’ ferħ, dan minn fejn jista’ jkun ġej?*

Lett: Fil-Vanġelu Ġesù jagħti ordni lill-qaddejja biex jimlew il-ġarar bl-ilma. Il-miraklu tiegħu jseħħ wara li dawn għamlu l-parti tagħhom u ġabu l-ilma.

- *Qed nagħmel il-parti tiegħi biex nimxi ’l quddiem il-qdusija?*
- *Qed nimla l-ġarar tiegħi, jew qed nistenna li Ġesù jagħmel miraklu b’xejn miegħi u jien ma nitħabatx?*
- *Liema ġarra jew ġarar ta’ ħajti nħoss li jeħtieġ nerġa’ jew inkompli nimla?*

## Stqarrija tal-ħtijiet

Anim: Qabel nersqu għall-qrara individwali, ejjew nagħmlu stqarrija pubblika li aħna neħtieġu l-maħfra tal-Mulej.

Ċel: Aħfrilna, Mulej,  għan-nuqqas ta’ fedeltà tagħna lejk. Mulej, ħniena.
**Ġem: Mulej, ħniena.**

Ċel: Aħfrilna, Mulej, għan-nuqqas ta’ mħabba u ta’ ħeġġa lejk. Kristu, ħniena.
**Ġem: Kristu, ħniena.**

Ċel: Aħfrilna, Mulej, għan-nuqqas ta' impenn min-naħa tagħna biex nikbru fl-għaqda miegħek. Mulej, ħniena.
**Ġem: Mulej, ħniena.**

Ċel: Iħenn għalina Alla li jista' kollox, jaħfrilna dnubietna u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Ġem: Ammen.**

**Kant: Missierna**

Ċel: Qabel nersqu quddiem is-saċerdot, ejjew flimkien nitolbu bi kliem Kristu nnifsu.

**Qrara u Assoluzzjoni individwali**

Anim: Dawk li jixtiequ, jistgħu jersqu għand saċerdot biex jistqarru dnubiethom u jirċievu l-maħfra sagramentali.

- *Waqt li jsir il-Qrar individwali, jiġi alternat skiet, kant u qari mis-Salmi. Għall-bżonn wieħed jista' juża ftit* background music *adattata.*

**Eżortazzjoni wara l-Qrar u Għoti tal-paċi**

Ċel: Għeżież, tħabbibna mill-ġdid ma' Kristu l-għarus tagħna. Ejjew issa nagħtu wkoll il-paċi lil xulxin, biex flimkien niċċelebraw din il-festa.

**Radd il-ħajr u Tifħir lil Alla (Salm 150)**

Anim: B'sinjal ta' radd il-ħajr lil Alla li, fi Kristu Ibnu, dejjem iġedded il-patt ta' mħabbtu lejna, ejjew ngħidu flimkien.

Ġem: Hallelujah! Faħħru 'l Alla fit-tempju mqaddes tiegħu,
faħħruh fil-firxa tas-smewwiet qawwija tiegħu!
Faħħruh għall-għemejjel kbar tiegħu,
faħħruh għall-kobor tiegħu bla tarf!
Faħħruh bid-daqq tat-tromba,
faħħruh bl-arpa u ċ-ċetra!
Faħħruh bit-tanbur u biż-żfin,
faħħruh bid-daqq tal-kordi u tas-sfafar!
Faħħruh bid-daqq qawwi taċ-ċimbali,
faħħruh bid-damdim taċ-ċimbali!
Kull ma jieħu nifs,
ħa jfaħħar il-Mulej! Hallelujah!

**Talba**

Ċel: Nitolbu.
Mulej Missier tagħna,
l-imħabba tiegħek għalina hi bla qies;
żomm il-ħarsa tiegħek fuqna
biex ngħixu dejjem fil-fedeltà

il-patt tal-għerusija dejjiema
li int issiġġillajt bid-demm ta’ Ibnek Ġesù,
li jgħix u jsaltan għal dejjem ta’ dejjem.

Ġem: **Ammen.**

## 4. RITI TAL-GĦELUQ

Ċel: Il-Mulej Ġesù, l-għarus divin li ġeddidna fi mħabbtu, ikun magkom ilkoll.
**Ġem: U miegħek ukoll.**

Ċel: Iberikkom Alla li jista’ kollox: † il-Missier u † l-Iben u † l-Ispirtu s-Santu.
**Ġem: Ammen.**

Ċel: Morru fis-sliem ta’ Kristu.
**Ġem: Irroddu ħajr lil Alla.**

Anim: Intemmu din il-festa tagħna permezz tal-kant.

**Kant**

---

**Ġest**

*F’rabta mar-rakkont tat-tieġ ta’ Kana, u b’sinjal tal-festa tal-għerusija li ġiet iċċelebrata permezz tal-qrar, fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni tista’ tkun ħaġa sabiħa li, skont iċ-ċirkustanzi, dawk li ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjoni jiġu mistiedna f’sala u jingħataw ftit inbid x’jixorbu.*

# 11. ADORAZZJONI EWKARISTIKA FIS-SOLENNITÀ TAL-EPIFANIJA



***Ċelebrazzjoni għall-adolexxenti***

**Dun Giovanni Curmi**

Materjal meħtieġ:
1. Ward u xemgħa għal madwar l-Ewkaristija.
2. Kannestru għall-għotjiet tal-parteċipanti. (L-adolexxenti jiġu mħejjija mil-laqgħa ta' qabel biex iġibu magħhom għotja libera ta' flus mill-istrina. Din l-għotja personali, sinjal tar-rigali tal-Maġi, tkun ġest ta' solidarjetà ma' min hu fil-bżonn. Il-grupp ikun miftiehem minn qabel lil liema għaqda ta' "karità" se jingħataw il-flus li jinġabru.)

## 1. Espożizzjoni tal-Ewkaristija u kant: Nadurawk, Mulej

O Ħobż tas-Sema, ikel bnin,
nadurawk, Mulej u Alla tagħna.
Dawl, qawwa, ħajja tal-bnedmin,
nadurawk, Mulej u Alla tagħna.

Int Ħobż li tgħajjex lill-bnedmin,
nadurawk, Mulej u Alla tagħna.
Fik jiksbu l-maħfra l-midinbin,
nadurawk, Mulej u Alla tagħna.

Ħaruf tas-Sema, inħobbuk,
nadurawk, Mulej u Alla tagħna.
Li tibqa' magħna nitolbuk,
nadurawk, Mulej u Alla tagħna.

## 2. Viżta lil Ġesù Ewkaristija

O Ġesù, li sa minn dejjem
mill-Missier imnissel ġejt,
minn Omm Verġni bla mittiefsa
bniedem sirt biex lilna fdejt. *Glorja…*

Twelidt umli, twelidt fqajjar
f'għar imwarrab u mudlam,
biex iddawwal ruħ il-midneb
li kien għadu jgħix fid-dlam. *Glorja…*

Mill-qrib rgħajja, mill-bogħod Maġi
bir-rigali mgħobbijin,
resqu mqanqla jagħtu qima
lis-Sultan tal-qlub safjin. *Glorja…*

Illum lilna qed tistieden
biex lejk nersqu ferħanin,
inqimuk fl-Ewkaristija,
nagħtuk ġieħ għax int ħanin. *Glorja…*

Ilqa' moħħna, qalbna u ruħna,
kull ma għandna rridu ntuk,
għaliex int Sultan tas-slaten;
nimxu wrajk bla noffenduk. *Glorja…*

**3. Għan taċ-ċelebrazzjoni**

- *Ċelebrant:* Iċ-ċelebrant jispjega l-għan tal-adorazzjoni ewkaristika u tas-suġġett magħżul. Jista' jimxi fuq dawn l-indikazzjonijiet:

i. Il-festa tal-Epifanija hi festa ta' qima lil Alla: il-Maġi jinżlu għarkupptejhom jagħtu qima.
ii. Il-festa tal-Epifanija hi waħda mill-festa tal-"manifestazzjoni tal-Mulej" lill-bnedmin kollha. Il-Maġi jirrappreżentaw lill-popli kollha. Fis-Sena tal-Fidi l-Papa qed jistieden lill-Knisja kollha biex taħdem fuq l-evanġelizzazzjoni l-ġdida.
iii. Is-Sena tal-Fidi hi stedina biex infittxu lil Ġesù preżenti fl-Ewkaristija, speċjalment fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u fil-preżenza siekta fit-tabernaklu. L-adorazzjoni ewkaristika hi waħda mill-għanijiet tal-Pjan Pastorali għal din is-sena.

**4. Kant: I worship you**

I worship you, almighty God,
there is none like you.
I worship you, O Prince of peace,
that is all I want to do.
I give you praise,
for you are my righteousness.
I worship you, almighty God,
there is none like you.

**5. Talb ta' qima u tifħir: Salm 95,1-7**

*Animatur*:
Bħas-slaten maġi fil-preżenza ta' Ġesù, aħna wkoll ninżlu għarkupptejna naduraw lil Ġesù tarbija, preżenti fl-Ostja Mqaddsa, u b'sens kbir ta' stagħġib noffrulu l-qima u t-tifħir tagħna permezz tal-kliem tas-Salm. Wara kull strofa jingħad ir-ritornell: **Glorja u tifħir lil Alla tagħna**.

*Qarrej*:
Ejjew ħa nfaħħru bil-hena l-Mulej,
ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ. *Ritornell…*

*Qarrej*:
Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-art kollha.
F'idejh huma l-qigħan tal-art,

tiegħu huma l-qċaċet tal-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret. *Ritornell…*

Qarrej:
Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-ngħaġ tiegħu. *Ritornell…*

**6. Kant: Halleluia**

Alleluia, alleluia, alleluia.
Alleluia, alleluia, alleluia.

"Jien hu l-ħobż tal-ħajja
nieżel mis-sema għalikom,"
jgħid il-Mulej,
"u min jiekol minn dal-ħobż
jibqa' fija, jgħix għal dejjem."

Alleluia, alleluia, alleluia.
Alleluia, alleluia, alleluia.

**7. Qari bibliku**

Mill-Vanġelu ta' San Mattew (2,1-12)

Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mil-lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu: "Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud? Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa, u ġejna nqimuh." Is-sultan Erodi sama' bihom, u tħawwad hu u Ġerusalemm kollha miegħu. Ġabar flimkien il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, u ried jaf mingħandhom fejn kellu jitwieled il-Messija. U huma qalulu: "F'Betlehem tal-Lhudija, għax hekk inkiteb mill-profeta:

'U int, Betlehem, art ta' Ġuda,
le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda,
għax minnek joħroġ mexxej
li jirgħa l-poplu tiegħi Iżrael'."

Erodi mbagħad sejjaħ lill-maġi bil-moħbi, u tkixxef bir-reqqa kollha mingħandhom iż-żmien li fih dehritilhom il-kewkba; bagħthom Betlehem u qalilhom: "Morru, staqsu sewwa għat-tifel, u meta ssibuh ejjew għiduli, ħalli jien ukoll niġi nqimu." Dawk, wara li semgħu lis-sultan, telqu, u ara, il-kewkba li kienu raw tielgħa bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq il-post fejn kien hemm it-tifel. Kif raw il-kewkba imtlew b'ferħ kbir tassew. Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, nxteħtu fl-art iqimuh; fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali deheb, inċens u mirra. Mbagħad, billi kienu mwissijin f'ħolma biex ma jerġgħux imorru għand Erodi, telqu lura lejn arthom minn triq oħra.

*Il-Kelma tal-Mulej. /Tifħir lilek, Kristu.*

**8. Riflessjoni**

- Ikun jixraq li r-riflessjoni tiffoka fuq l-imħabba u l-qima tagħna lejn l-Ewkaristija, kemm fil-parteċipazzjoni fil-quddiesa kif ukoll fil-qima lejn l-Ewkaristija barra l-quddiesa (l-adorazzjoni, il-viżta tal-qalb).

- Iċ-ċelebrant jista' joffri xi punti prattiċi ta' kif l-adolexxenti jistgħu jikbru fl-imħabba lejn Ġesù Ewkaristija, bħal, per eżempju, il-mument tar-ringrazzjament personali wara t-tqarbin, li għandu jservi biex wieħed jikber aktar fil-mumenti ta' intimità personali ma' Ġesù.

**9. Ftit mumenti ta' talb fis-skiet**

**10. Talb ta' maħfra u kant: Ġesù, ħenn għalina**

*Animatur*:
Ġesù jridna noffrulu wkoll id-dnubiet tagħna u tad-dinja kollha. Fi kliem il-profeta Eżekjel (Eż 36,25-27), Alla jrid ibiddel il-qalb tal-ġebel u jagħmilha qalb tal-laħam. Ejjew nuru ndiema u nitolbu maħfra lil Ġesù, biex hu jsaffi r-ruħ tagħna minn kull ġibda għad-dnub. Għal kull invokazzjoni nwieġbu bil-kant tar-ritornell: Ġesù, ħenn għalina.

Kant ritornell: Ġesù imsallab,
Ġesù ħaj fostna,
Ġesù sultan tal-qlub tagħna,
iġbidna lejk u ħenn għalina.

*Qarrej 1*:
Mulej Ġesù,
Int twelidt f'għar kiesaħ.
Int ġejt imwarrab fi twelidek.
Int kont imfittex għall-mewt.
Int kellek tgħix f'art barranija. *Ritornell…*

*Qarrej 2:*
Mulej Ġesù,
Int ma kontx emmnut f'raħal twelidek.
Int kont meqjus miġnun minn qrabatek.
Int kont imkeċċi minn ħafna rħula.
Int kont akkużat li qed taħdem bis-saħħa tax-xjaten. *Ritornell…*

*Qarrej 3:*
Mulej Ġesù,
Int sofrejt ċaħda u tradiment.
Int ġarrabt swat bla ħniena.
Int sirt oġġett ta' żufjett u bżieq.
Int kont magħdud mal-ħżiena. *Ritornell…*

*Qarrej 4:*
Mulej Ġesù,
Int ġejt ikkundannat għall-mewt.
Int ġejt mgħobbi s-salib.
Int ġejt imsammar għal ħtijietna.
Int ġejt minfud b'lanza. *Ritornell…*

**11. Ġest**

*Animatur*:
Il-Maġi offrew ir-rigali tad-deheb, l-inċens u l-mirra. Ġesù tahom aktar minn hekk, għax mela l-ħajja tagħhom bil-preżenza u l-imħabba tiegħu. Aħna wkoll nixtiequ nagħtu rigal lil Ġesù, xi ħaġa żgħira mill-flus li faddalna. *(L-animatur jispeċifika lil liema għaqda ta' karità se jingħataw il-flus li jinġabru.)*

- Jitħejja l-kannestru fin-nofs.
- Il-parteċipanti jersqu u jitfgħu l-offerta tagħhom *f'envelope* magħluq.

**12. Kant: Biex insir Ewkaristija**

Kemm ħabbejtni int,
Mulej, kemm ħabbejtni int,
għax għalija għoġbok
issir Ewkaristija.
Kemm ħabbejtni int,
Mulej, kemm ħabbejtni int,
għax għalija għoġbok
issir Ewkaristija.

Ħudni int f'idejk,
Mulej, ħudni int f'idejk;
o Ġesù, berikni, qassamni
'l dawk madwari.
Ħudni int f'idejk,
Mulej, ħudni int f'idejk;
o Ġesù, berikni, qassamni
'l dawk ta' madwari.

O Ġesù maħbub,
nitolbok, kun miegħi int,
biex għal ħuti kollha
insir ewkaristija.
O Ġesù maħbub,
nitolbok, kun miegħi int,
biex għal ħuti kollha
insir ewkaristija.

**13. Talb ta' interċessjoni**

- It-talbiet jistgħu jsiru spontanji.

*Animatur*:
Għal kull invokazzjoni nwieġbu: **Ismagħna, nitolbuk, Mulej**.

*Qarrej 1:*
Nitolbuk, Mulej Ġesù, għall-Knisja Mqaddsa, biex tkompli taqdi l-missjoni li tgħarraf ismek lill-bnedmin …

*<u>Qarrej 2</u>:*
Nitolbuk, Mulej Ġesù, għall-Insara kollha tad-dinja, biex ġurnata waħda jingħaqdu flimkien fi Knisja waħda miġburin madwar il-mejda tal-Kelma u tal-Ewkaristija …

*<u>Qarrej 3</u>:*
Nitolbuk, Mulej Ġesù, għall-bnedmin kollha, biex iħabirku għall-għaqda u l-ġustizzja, u jaħdmu flimkien biex isseħħ il-paċi kull fejn hemm il-ġlied …

*<u>Qarrej 4</u>:*
Nitolbuk, Mulej Ġesù, għal dawk kollha li huma mbiegħdin minnek, biex jiltaqgħu mal-imħabba u l-ħniena tiegħek, u jgħixu mill-ġdid fil-grazzja tiegħek …

*<u>Qarrej 5</u>:*
Nitolbuk, Mulej Ġesù, għal kull min qed ibati fir-ruħ jew fil-ġisem, biex fik isibu faraġ u fejqan …

*<u>Qarrej 6</u>:*
Nitolbuk, Mulej Ġesù, għall-erwieħ tal-Purgatorju, biex int taħfer ħtijiethom u ddaħħalhom fil-glorja tal-Ġenna …

**14. Kant: <u>Missierna</u>**

**15. Benedizzjoni bl-Ewkaristija**

*<u>Ċelebrant</u>*:

Nitolbu.
O Alla, li f'dan is-sagrament tal-għaġeb ħallejtilna t-tifkira tal-Passjoni tiegħek, agħtina, nitolbuk, li nqimu l-misteru tal-Ġisem u d-Demm tiegħek, hekk li nħossu fina bla heda dak li rebħitilna l-fidwa tiegħek. Bi Kristu Sidna. /Ammen.

**16. Innu ta' radd il-ħajr (mis-Salm 136)**

*<u>Animatur</u>*:
Għal kull invokazzjoni nwieġbu: **Għax għal dejjem hi t-tjieba tiegħu**.

*<u>Ċelebrant</u>:*
Roddu ħajr lill-Mulej għax hu tajjeb …
Roddu ħajr lil Alla fuq l-allat …
Roddu ħajr lis-Sid tas-sidien …
Hu waħdu għamel għeġubijiet kbar …
Hu li għamel is-smewwiet bil-ħsieb …
Li firex l-art fuq l-ilmijiet …
Li għamel id-dwal il-kbar …
Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum …
Il-qamar u l-kwiekeb biex jaħkmu fuq il-lejl …
Roddu ħajr lil Alla tas-smewwiet …

**17. L-Ewkaristija tittieħed f'postha u kant: Laudate Dominum**

Laudate Dominum,
laudate Dominum,
omnes gentes.
Alleluia.

# 12. IT-TRIQ LEJN IL-MESSIJA



## *IS-SIĠRA TA' ĠESSE*

**Katekisti tal-Parroċċa ta' Kerċem**

**Daħla**
Dan is-sussidju hu magħmul bħala serje qasira ta' katekeżi għat-tfal tad-duttrina. L-għan tas-sussidju hu li, fid-dawl tal-miġja ta' Ġesù, ikun ta' għajnuna għat-tfal biex jidħlu aktar fil-ġrajja u fl-istorja tas-salvazzjoni, kif murija lilna fil-Bibbja.

Is-sussidju hu mibni madwar "is-Siġra ta' Ġesse", waħda mill-profeziji messjaniċi, li jsemmi l-profeta Iżaija (11,1): mill-familja ta' David, iben Ġesse, għad jitwieled dak li fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej. F'Ġesù naraw titwettaq din it-tħabbira.

Is-"siġra ta' Ġesse" timplika wkoll il-persunaġġi bibliċi li huma marbuta mal-ġeneoloġija ta' Ġesù, kif iħabbrulna l-evanġelisti Mattew u Luqa. Il-ġrajja tal-antenati hi mod kif l-evanġelisti jfissru l-istorja kontinwa tas-salvazzjoni li sseħħ fl-istorja tal-poplu ta' Iżrrael u titħabbar fir-Rivelazzjoni biblika: Alla, matul l-istorja, iħejju poplu għall-miġja tal-Messija, l-Iben tal-Missier.

Is-sussidju hu għodda għall-katekisti fil-ħidma tagħhom mat-tfal li qed jitħejjew għas-sagramenti tal-bidu tal-Ħajja Nisaranija. Hu maqsum f'żewġ partijiet:

A. l-ewwel parti hi għat-tfal ta' wara l-Ewwel Tqarbina, waqt li
B. t-tieni parti hi indirizzata għat-tfal iż-żgħar li għadhom qed jitħejjew għall-Ewwel Tqarbina.

Il-katekisti jistgħu jadattaw il-materjal skont il-ħtieġa tagħhom, jibdlu, iżidu jew inaqqsu skont ma jħossu l-aħjar.

## A. KATEKEŻI BIBLIKA GĦAT-TFAL LI GĦAMLU L-EWWEL TQARBINA

### It-Triq lejn il-Messija

*Ejja, Mulej Ġesù, id-dinja qed tistenniek.*

**Is-Siġra ta' Ġesse**

Is-Siġra ta' Ġesse tirrappreżenta r-razza ta' Ġesù. L-isem huwa meħud mill-ktieb ta' Iżaija 11:1, fejn insibu li Ġesù huwa fergħa mir-razza ta' Ġesse, missier David.

Fis-Siġra ta' Ġesse nsibu xi simboli li juruna min kienu l-antenati ta' Ġesù u jfakkruna l-ġrajjiet mit-Testment il-Qadim li jwasslu għat-twelid ta' Ġesù.



- Il-Frotta tissimbolizza lil Adam u Eva li kienu l-ewwel bnedmin.
- L-Arka/Qawsalla tfakkarna f'Noè li kien l-uniku bniedem li baqa' ħabib ma' Alla wara d-dnub ta' Adam u Eva.
- Il-Kamp ifakkarna f'Abraham. Abraham kellu fiduċja sħiħa f'Alla.
- Il-Kmandamenti jirrappreżentaw lil Mosè. Alla għażel lil Mosè biex permezz tiegħu iwassal il-liġijiet lill-poplu.
- Il-Kuruna turi lil David. David kien Re. Hu kien ragħaj u Alla għażlu biex imexxi l-poplu tiegħu.
- Il-Warda tfisser Marija omm Ġesù. Alla għażel lil Maria biex tkun Omm Ibnu Ġesù.

## 1. Adam u Eva (Ġenesi 3:5)

Adam u Eva kienu l-ewwel bnedmin li ħalaq Alla. Hu poġġihom fil-ġnien tal-Għeden fejn ma kien jonqoshom xejn. Hu qalilhom biex ma jiklux minn siġra waħda biss li kien hemm fil-ġnien. Huma hekk għamlu. Iżda ġurnata minnhom, is-serp (ix-xitan) qal lil Eva li jekk tiekol minn dik is-siġra issir brava daqs Alla. Eva għoġbitha l-idea u kielet mis-siġra. Hi tat biċċa mill-frotta lil Adam ukoll. Huma mill-ewwel indunaw li għamlu ħażin u li s-serp kien daħak bihom. Minn dak il-ħin bdew jistħu minn Alla u marru jistaħbew. Wara Adam u Eva, Alla bagħat nies oħra bħal Noè, Abraham, David, Mosè, Ġwanni l-Battista u fl-aħħar lil Ibnu Ġesù biex juruna kif għandna ngħixu u nkunu nies tajba.



**Talba:**
Għażiż Missier, għinna niftakru li l-ħażen jidħak bina u li l-wegħdi tiegħek huma wisq isbaħ u itjeb minn dak kollu li jista' jwegħedna x-xitan. Ammen.

**Kompli dawn is-sentenzi billi timla l-vojt bil-kliem ta' taħt:**

Is-________________ kien aktar brikkun minn kull annimal selvaġġ ieħor li ħalaq Alla. Hu qal lill-mara, " Veru li Alla qalilkom, 'Ma tistgħu ________________ minn ebda ________________ li hawn fil-ġnien'?"

Il-Mara qalet lis-serp, "Aħna nistgħu nieklu ________________ mis-siġar kollha tal-ġnien, imma Alla qalilna, 'Ma tistgħux tieklu frott mis-siġra li qiegħdha fin-________________ tal-ġnien, u ma tistgħux tmissuha inkella ________________.'"

"Żgur li mhux se ________________," qal is-serp lill-mara. "Għax Alla jaf li xħin tieklu minnha ________________ jinfetaħ, u ssiru bħal Alla, tafu ________________ u ________________ kollox."

Meta l-mara rat li l-frott ta' dik is-siġra kien sabiħ fil-għajn, tajjeb għall-ikel u meħtieġ biex tikseb l-għerf, hi ħadet frotta u kilitha. Hi tat minnha lir- ________________ tagħha li kien magħha u hu ________________.

***raġel, tmutu, frott, kollox, kielha, serp, nofs, tmutu, tieklu, moħħkom, siġra, tistgħu***

## 2. Noè (Ġenesi 9:11,13)

Wara d-dnub ta' Adam u Eva, in-nies tad-dinja bdew jgħixu ħajja bogħod minn Alla u bdew jagħmlu wisq nuqqasijiet. Alla ma kiex kuntent. Kien baqa' bniedem wieħed biss li ma warrabx lil Alla. Dan kien Noè. Alla qal lil Noè bil-pjan li kellu li jerġa' jibda kollox mill-ġdid. Qallu biex jibni arka (dgħajsa kbira) u fiha jiġbor il-familja tiegħu u raġel u mara minn kull tip ta' annimal. Noè hekk għamel u malli nġabru fl-Arka bidet nieżla xita qawwija li damet sejra għal 40 jum. Kien hemm għargħar kbir u d-dinja għerqet. Meta waqfet ix-xita dehret qawsalla kollha kuluri fis-sema. Din kienet sinjal tal-patt li għamel Alla mal-ħolqien li qatt ma kien ser jerġa' jgħerreq id-dinja.



**Agħżel il-kelma t-tajba li tfisser kull frażi minn hawn taħt:**

1. Dgħajsa kbira li fiha Noè u l-familja tiegħu salvaw mill-għarqa. ___________________
2. Ftehim bejn żewġ persuni biex jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa. ___________________
3. Kull ħaġa ħajja li tgħix fid-dinja. ___________________
4. Arkata kollha kuluri li tidher fis-sema wara x-xita. ___________________
5. Ammont kbir ta' ilma li jogħla u jinfirex mal-art kollha. ___________________
6. Eżempji tagħhom huma l-klieb, il-qtates, l-iljuni u t-tigri. ___________________
7. Il-pjaneta li fiha ngħixu jiena u int. ___________________
8. Massa ta' ilma evaporat miexja fis-sema. ___________________



### 3. Mosè (Eżodu 20: 1-17)

Alla għażel lil Mosè biex joħroġ lill-poplu tiegħu mill-Eġittu u jmexxih lejn l-art imwiegħda. Darba minnhom Alla kellem lil Mosè u talbu jitla' fuq il- muntanja Sinaj. Hemmhekk Alla tah il-Kmandamenti miktubin fuq żewġ twavel tal-ġebel.

Il-Kmandamenti huma sett ta' liġijiet li rridu nobdu biex nogħġbu lil Alla u ngħixu ħajja tajba. Huma bħal mappa li turina d-direzzjoni meta ma nkunux nafu t-triq. Il-Kmandamenti jmexxuna fit-triq li twassalna għall-ħbiberija dejjiema ma' Alla l-Missier li tant iħobbna.



**Talba:**
Għażiż Missier, għinna ngħixu skont il-liġijiet li inti stess tajtna biex inkunu ċerti li mexjin fit-triq it-tajba. Ammen.

**Fittex fil-kaxxa dawn il-kelmiet:**

***ħdud, festi, isem, rispett, Alla, qtil, serq, omm, missier, faħħar, batal, nisa, ħwejjeġ, kmandamenti, għaxra, Mose, Eġittu, liġijiet***

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| a | l | l | a | s | e | r | q | m | k |
| ċ | f | m | b | a | t | a | l | i | m |
| g | a | ħ | d | u | d | n | i | s | a |
| ħ | ħ | w | e | j | j | e | ġ | s | n |
| a | ħ | q | ġ | m | e | s | i | i | d |
| x | a | t | i | d | m | v | j | e | a |
| r | r | i | t | x | o | w | i | r | m |
| a | ċ | l | t | b | s | j | e | k | e |
| ħ | n | l | u | f | e | s | t | i | n |
| r | i | s | p | e | t | t | ġ | f | t |

4. **Abaraham (Ġenesi 12:1-14)**




Il-Mulej qal lil Abraham, "Itlaq minn dar missierek u art twelidek u mur fil-post li nurik jien." (Ġenesi 12:1)

Alla kellem lil Abraham u qallu biex jitlaq minn art twelidu u jimxi fit-triq li jurih sakemm jasal fl-art li riedu jmur fiha. Abraham ma qagħadx jaħsibha. Qabad u obda lil Alla minnufih. Abraham u martu Sara u l-qaddejja tagħhom ppakkjaw u telqu. Huma ma kienux jafu fejn sejrin imma afdaw f'Alla. Il-vjaġġ kien twil u ħa ħafna snin, imma Alla kien magħhom u fl-aħħar waslu fl-art ġdida.

Aħna wkoll għandna nobdu lil Alla biex naslu għas-salvazzjoni tagħna.

**Talba:**
Missier, kultant aħna nibżgħu mmorru f'xi post ġdid jew nagħmlu xi ħaġa ġdida. Għinna biex dejjem inżommu f'moħħna li inti qiegħed magħna f'kull ma nagħmlu u kull fejn immorru. Ammen.

**Sibt it-triq li mexa Abraham lejn l-Art Imwiegħda:**



## 5. David (1 Samwel 16:7)



Alla bagħat lil Samwel biex isib lil dak li Alla stess kien għażel biex ikun re. Alla għażel lil David. David kien iż-żgħir fost tmien aħwa. Ma kienx l-ikbar bniedem jew l-aktar b'saħħtu. David kien ragħaj, jieħu ħsieb in-nagħaġ ta' missieru. Imma xorta waħda Alla għażel lilu biex ikun il-midluk (magħżul) tiegħu. Dan ifisser li issa David kien ser imexxi l-poplu t'Alla.

Alla ma jħarisx lejna minn barra imma lejn il-qalb tagħna. David kien qalbu tajba u meta xjaħ qal lil ibnu Salamun biex ikun kuraġġjuż u jobdi lil Alla b'qalbu kollha.

David kien ukoll jikteb l-innijiet u jdoqq l-arpa biex ifaħħar lil Alla. Dawn l-innijiet insejħulhom Salmi.

**Talba:**

O Missier, għinna niftakru li inti ma tiġġudikax lin-nies skont min huma jew x'għandhom, imma skont il-qalb tajba tagħna. Ammen.

**Sib dawn il-Kelmiet:**

***apparenza, Samwel, magħżul, qalb, paċi, David, ragħaj, midluk, Alla, Sawl, Israel, sagrifiċċju, Ġesse, re***

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| r | e | j | a | p | p | a | r | e | n | z | a |
| k | m | a | l | f | d | s | a | k | l | P | ġ |
| w | a | q | l | a | s | z | g | x | b | m | e |
| e | g | q | a | l | b | f | ħ | d | c | x | s |
| w | ħ | r | y | j | k | d | a | v | i | d | s |
| z | ż | x | g | t | y | u | j | i | o | p | e |
| c | u | v | b | l | n | i | s | r | a | e | l |
| i | l | o | w | x | c | v | v | b | p | n | m |
| r | t | a | e | s | s | z | x | q | a | w | s |
| r | s | a | g | r | i | f | i | ċ | ċ | j | u |
| m | i | d | l | u | k | v | b | n | i | m | s |
| f | w | s | z | x | c | s | a | m | w | e | l |

## 6. Ġwanni l-Battista



Ġwanni l-Battista kien kuġin ta' Ġesù. Kien jgħix fid-deżert u kien jiekol għasel u insetti. Kien jipprietka u jgħid lin-nies biex jitolbu maħfra lil Alla tal-ħażin li kien jagħmlu. Ried jgħin lin-nies biex jibdlu ħajjithom u jsiru persuni ġodda b'qalb tajba u safja. Hu kien qed jagħmel dan biex jipprepara lin-nies għall-miġja ta' Ġesù. Hu kien jipprova jgħallem lin-nies li għandhom bżonn lil Alla f'ħajjithom u ried jippreparahom biex meta jasal Ġesù jisimgħu lilu. Ġwanni kien jgħix ħajja sempliċi u kien isib l-għajnuna ta' Alla kull meta jkollu bżonn. Hu ried juri lin-nies li Alla jista' jgħin lilhom ukoll. In-nies kienu jimxu wara Ġwanni biex jisimgħu t-tagħlim tiegħu u hu kien jgħammidhom fix-xmara Ġordan.

Ġwanni kien jgħid lin-nies: "Jien ngħammidkom bl-ilma, imma ġej min hu aqwa minni u jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu."

Darba waqt li Ġwanni kien jgħammed, tfaċċa Ġesù. Ġesù talab lil Ġwanni jgħammdu u dak il-ħin għarfu min kien għax instema leħen Alla mis-sema jgħid: "Dan hu ibni l-għażiż, isimgħu lilu." Dak il-ħin dehret ħamiema tittajjar fuq ras Ġesù.

**<u>Agħti kelma waħda għal dawn il-frażijiet:</u>**

1. Ix-Xmara fejn tgħammed Ġesù. ___________________
2. Tniżżel kompletament fl-ilma jew titfa' l-ilma fuq ras xi ħadd. ___________________
3. Il-ħoss li joħroġ meta wieħed jitkellem. ___________________
4. Isem ir-raġel li għammed lil Ġesù. ___________________
5. Emozzjoni sabiħa li nħossu lejn xi ħadd. ___________________
6. Likwidu bla kulur, togħma jew riħa. ___________________
7. Għasfur li jintuża bħala simbolu ta' paċi. ___________________
8. Il-post fejn kien jgħix Ġwanni l-Battista. ___________________

***tgħammed, deżert, Ġwanni l-Battista, imħabba, ilma, Ġordan, vuċi, ħamiema***

**7. Maria u binha Ġesù:**

L-Anġlu Gabrijel ħabbar lil Marija li se jkollha tarbija u ssemmiha Ġesù. Maria kienet il-mara speċjali li Alla għażel biex tkun omm Ibnu.




Ġesù twieled fil-għar ta' Betlehem. Kull sena fil-Milied aħna niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù. Alla l-Missier bagħat lil Ibnu Ġesù biex isir bniedem bħalna u jgħix fostna. Ġesù ġie fi-dinja biex jgħallimna l-vera mħabba ta' Alla għalina u jħabbibna miegħu. Alla tant ħabbna li bagħat lil Ibnu stess f'din id-dinja fejn tant bata u anke miet għalina fuq salib.

Aħna għandna nobdu l-Kmandamenti u nħobbu lilna nfusna u lil xulxin biex b'hekk inkunu ngħixu ta' veri Nsara. Għalhekk inkunu qed nippreparaw qalbna biex hi stess tkun il-maxtura li fiha jitwieled Ġesù.

**Talba**:
Għażiż Missier, grazzi talli tajtna s-salvazzjoni permezz ta' Ibnek Ġesù. Għinna niftakru li f'dan il-Milied aħna ser niċċelebraw il-miġja ta' Ibnek fostna, u ebda rigal jew ikla tajba ma huma importanti u speċjali daqs din il-ġrajja tant speċjali. Ammen.

- ***Fi tmiem din il-mixja, tingħad it-talba tal-Angelus.***

## B. KATEKEŻI BIBLIKA GĦAT-TFAL LI QED JITĦEJJEW GĦALL-EWWEL TQARBINA

### It-Triq lejn il-Messija

*Ejja, Mulej Ġesù, id-dinja qed tistenniek.*

**Is-Siġra ta' Ġesse**

Fil-Ktieb ta' Isaija nsibu li Ġesse kien missier ir-Re David. Għalhekk insemmu s-Siġra ta' Ġesse sabiex nuru minn fejn ġej David u n-nies li Alla l-Missier għażel biex iwassal il-Kelma tiegħu. Ġesse huwa l-bidu tas-siġra u David huwa waħda mill-friegħi tas-siġra. Wara David ġew ħafna persuni oħra biex fl-istorja tagħhom titħejja t-triq għal Ġesù. Ġwanni l-Battista xandar li Ġesù kien wasal. Ukoll qabel Ġesse, missier ir-re David, għandna ħafna persuni oħra fil-Bibbja li kollha jħabbru u jħejju t-triq għall-miġja ta' Ġesù. Fl-aħħar għandna lil Ġesù li għaqqad ħaġa waħda is-Siġra ta' Ġesse. Dan kollu jifforma l-istorja tas-salvazzjoni kif insibuha fil-Bibbja.

1. **Adam u Eva**

Adam u Eva kienu l-ewwel zewġ persuni li ħalaq Alla wara li ħalaq id-dinja u kull ma fiha. Hu poġġihom fil-ġnien tal-Għeden fejn ma kien jonqashom xejn. Darba s-serp kellem lil Eva u ħajjarha biex ma tobdix lil Alla u tiekol mis-siġra li Alla qalilha biex ma tmisshiex. Eva kielet frotta mis-siġra u anke Adam. Wara li ma obdewx indunaw li Alla ma ħax gost b'dak li għamlu u bdew jistħu minn Alla.





2. **Noè**

Wara li Adam u Eva ma obdewx lil Alla, kulħadd beda jagħmel ħafna nuqqasijiet u Alla ddispjaċih. Noè biss baqa' ħabib ma' Alla. Alla kellem lil Noè u qallu biex jibni arka (dgħajsa kbira) u fiha jiġbor il-familja tiegħu u raġel u mara minn kull tip ta' annimali. Dan għaliex Alla kien ser jibgħat ħafna xita u jeqred dak kollu li kien ħazin. Hekk ġara u wara li waqfet ix-xita dehret qawsalla. Din il-qawsalla kienet tfisser li Alla wiegħed lil Noè li qatt ma kien ser jerġa' jeqred id-dinja.

## 3. Abraham



Abraham jurina li aħna għandna dejjem nobdu lil Alla u nagħmlu dak li jixtieqna hu. Alla kellem lil Abraham u talbu biex jitlaq minn art twelidu. Abraham hekk għamel. Hu u martu Sara u l-qaddejja ppakkjaw il-ftit affarijiet li kellhom u telqu kif talabhom Alla. Alla mexxa lil Abraham u lil Sara lejn post jismu Ħebron, post sabiħ ħafna. Hemmhekk huma bnew kamp u għexu hemm sakemm riedhom Alla.




## 4. Mosè

Alla għazel lil Mosè biex permezz tiegħu jkellem lin-nies ta' Iżrael u joħroġhom mill-Eġittu fejn kienu qed ibatu. Darba waħda Alla talab lil Mosè jitla' fuq il-muntanja Sinaj biex ikellmu. Hemmhekk huwa tah l-għaxar Kmandamenti. Dawn huma sett ta' liġijiet li tana Alla. Jekk nobdu l-kmandamenti nkunu qed ngħixu kif jixtieqna Alla u nkunu tfal tajba. Il-kmandamenti jgħinuna biex nagħrfu nagħmlu dak li hu tajjeb u nwarrbu dak li hu ħażin.

## 5. David

David kien ir-Re ta' Iżrael. David dam 40 sena jmexxi lil Iżrael. Qabel ma sar re, David kien ragħaj. Meta kien ragħaj kien jieħu ħsieb in-nagħaġ, imbagħad Alla għażlu biex jieħu ħsieb il-poplu tiegħu. David kien jikteb l-innijiet u jdoqq l-arpa biex ifaħħar lil Alla. Dawn l-innijiet insejħulhom Salmi. Biċċa mis-Salmi jinqraw fil-quddiesa fis-Salm Responsorjali. Meta xjieħ, ir-Re David qal lil ibnu Salamun biex ikun kuraġġjuż u jobdi lil Alla b'qalbu kollha. Hekk ukoll irridu nagħmlu aħna.



King David Sings Praises to God
2 Samuel 22:50

**6. Ġwanni l-Battista**

Ġwanni twieled ftit qabel Ġesù. Huma kienu kuġini. Meta kiber, Ġwanni mar jgħix fid-deżert u kien jiekol għasel u insetti. Ġwanni kien jgħallem lin-nies dwar Alla. Kien jgħidilhom x'inhu tajjeb u ħazin u biex ikunu qalbhom tajba, iħennu u jaħfru. Ġwanni kien jgħammed lin-nies fix-xmara Ġordan. Hu kien jipprepara lin-nies biex jilqgħu lil Ġesù li kien ġej fostna. Ġwanni għammed lil Ġesù u dak il-ħin instema' Alla mis-sema li qal: "Dan hu Ibni l-għażiż. Isimgħu lilu."





**7. Ġesù**

L-anġlu Gabrijel qal lil Marija li ser ikollha tarbija u ssemmiha Ġesù. Ġesù twieled fil-għar ta' Betlem. Ġesù ġie fostna biex jgħallimna kif inkunu ħbieb veri ta' Alla. Kull sena fil-Milied niċċelebraw il- *birthday* ta' Ġesù. Aħna rridu nkunu bravi u nobdu, (bħal Abraham, Noè, Mosè, David), nilagħbu ma' xulxin u ngħinu lil xulxin biex qalbna tkun bħal maxtura sħuna u komda ħalli fiha jitwieled Ġesù.



***WARA KULL KATEKEŻI AQTA' L-ISTAMPA T-TAJBA, PITTIRHA U WAĦĦALHA FIS-SIĠRA.***

| | | |
|---|---|---|
|  |  |  |
|  |  |  |
|  |  |  |
|  |  |  |
|  | | |

# 13. REĊTA TAL-MILIED

## *IL-BAMBIN TAD-DEHEB*

**Kitba ta' Dun Ġwann Sultana**

**Jieħdu sehem**



***Kummentatur***
***Salvu:*** missier il-familja
***Luċija:*** l-omm
***Nathanael:*** it-tifel il-kbir
***Iżakk:*** it-tifel fustani
***Gabrijel:*** it-tifel iż-żgħir
***Miriam:*** mart Nathanael
***Lara:*** mart Iżakk
***Rita:*** mart Gabrijel
***Dun Mark:*** il-kappillan
***Daniel:*** in-nutar
***Simon:*** it-tifel ta' Iżakk

***Xena 1:*** **Fil-knisja parrokkjali fil-Quddiesa ta' Nofsillejl**

***Gabrijel:*** Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba. Kien hemm raġel mimli b'saffejn li kien jaħseb li hu xi *superman*, la kien jemmen f'Alla u lanqas jibża' minn ħadd. Marad meta kien jaħseb li hu *superman*, iżda fl-aħħar jiem ta' ħajtu, ftit ġranet qabel il-Milied, instema' jgħid: "Ġesù Bambin, aħfirli d-dnubiet tiegħi kollha". Miet fil-paċi ma' Ġesù nhar jum il-Milied. Dan hu l-Milied: żmien ta' fidwa!

Żewġ aħwa ġġieldu bejniethom. Snin twal ma jkellmux lil xulxin. Darba, f'jum il-Milied, it-tifel ta' wieħed minnhom għamel il-Prietka tal-Milied. Zijuh kien hemm fil-knisja u ma felaħx ma jmurx jifraħ lin-neputi għall-prietka sabiħa li għamel. Ħuh tant ħa gost bil-ġest taz-ziju, li għannqu u qallu: "Ħija, f'isem Ġesù Bambin, nitolbok taħfirli". U għannqu lil xulxin wara tant snin. Dan hu l-Milied… żmien li taħfer u tħobb. Imma għalfejn fid-dinja m'hawnx imħabba? Paċi, paċi, paċi. Ġesù Bambin, dan biss nitolbuk illum: agħtina l-paċi!

*(In-nies iċċapċap.)*

***Dun Mark:*** Bravu, bravu ċ-ċkejken Gabrijel tagħna, li b'sempliċità tal-anġli u ħlewwa minn tal-ġenna wasslilna dan il-messaġġ ta' paċi li tant għandha bżonn id-dinja tal-lum.

*(In-nies terġa' ċċapċap.)*

***Dun Mark:*** U biex ngħidu grazzi lil Gabrijel għal tant ħin li dam jipprepara l-prietka u nuruh kemm ħadna gost nisimgħuh, ser nagħtih rigal f'isimna lkoll.

*(Idur lejn Gabrijel.)*

Gabrijel, int kellimtna dwar Ġesù Bambin u aħna ser nagħtuk lil Ġesù Bambin!

*(Joffrilu Bambin tal-Milied. In-nies iċċapċap.)*

***Dun Mark:*** Ħudu dan il-Bambin biex jibqa' jfakkrek fil-Prietka tat-Tifel li għamiltilna. Ħudu miegħek kull fejn tkun tgħix u qatt tħallih warajk. Jalla dan il-Bambin iġib ferħ u paċi lil kull min jarah.

## ***Xena 2:*** **Fid-dar ta' Salvu u Luċija**

***Salvu:*** Luċija, kieku taf illum kemm inħossni kburi b'ibni ż-żgħir Gabrijel! Meta rajtu tielgħa fuq l-altar biex jibda l-prietka, qalbi bdiet tferfer bil-biża'. Bżajt li ser jieħu xi żball. Imma meta beda l-prietka, kien qisu qed jagħmel l-aqwa paniġierku.

***Luċija:*** Emminni, Salv, jien ma stajtx nieqaf nibki bil-ferħ. In-naħa ta' fejn konna n-nisa fil-knisja, ħafna minnhom ġelbnitilhom xi demgħa jaraw u jisimgħu liċ-ċkejken Gabrijel tagħna mimli ħeġġa u enerġija jipprietka.

***Salvu:*** Issa fejn mar Gabrijel?

***Luċija:*** Dak mar il-*Museum*, għax wara l-Quddiesa ta' Nofsillejl, is-Superjur jagħmlilhom daqsxejn ta' festin.

***Salvu:*** U x'għamel bil-Bambin li tah Dun Mark?

***Luċija:*** Ħadu miegħu biex jurih lil sħabu.

***Salvu:*** Dak x'ħadu jagħmel miegħu? Dak se jwaqqgħu u jkissru. Dak il-ġmiel ta' Bambin irid jibża' għalih, għax għad ikun l-isbaħ tifkira ta' tfulitu.

*(Jidħol Gabrijel bil-Bambin f'idu. Warajh jidħlu ż-żewġ ħutu l-oħra.)*

***Gabrijel:*** Ma, Pa, jien wasalt.

***Luċija:*** Ejja, ibni! Bravu! Bravu! *(Jitgħannqu.)* Xi prietka għamiltilna!

***Salvu:*** Dik festa li kien hemm fil-knisja!

***Iżakk:*** Trid tara lit-tfal tal-*Museum*, kollha jridu jaraw il-Bambin ta' Gabrijel tagħna!

***Nathanael:*** Anki s-Superjur, tgħidx kemm għoġbu dak il-Bambin!

***Luċija:*** Ħa narawh sewwa, Gabrijel.

***Salvu:*** Xi ġmiel ta' Bambin!

***Luċija:*** Qisu tarbija ħajja. Dak ix-xagħar dehbi, dawk għajnejh donnhom iridu jkellmuk…

***Gabrijel:*** Ma, dan il-Bambin se jibqa' jfakkarni fil-Prietka tal-Milied.

***Salvu:*** Ibni, isma' sewwa x'qallek il-Kappillan. Għożżu dak il-Bambin. Għad tikber, u meta tħares lejh iġagħlek tibki bil-ferħ meta tiftakar f'dan il-jum. Dak għad ikun jiswielek iktar mid-deheb.

***Luċija:*** Sewwa qed jgħidlek missierek, ibni. Dak il-Bambin għad iġiblek ferħ kbir u paċi f'qalbek.

***Salvu:*** Gabrijel, poġġi l-Bambin hawn, fis-salott tad-dar tagħna, biex kull min jiġi, jarah.

***Nathanael:*** X'se ssemmih il-Bambin, Gabrijel?

***Iżakk:*** Semmih "Il-Ġinġer", jew "L-Imbaċċaċ"!

***Salvu:*** Dak semmih "Il-Bambin tad-Deheb", għax lill-familja tagħna għad jiswielha daqs id-deheb.

***Gabrijel:*** Iva Pa, insemmih "Il-Bambin tad-Deheb". Jogħġobni l-isem.

*(Gabrijel ipoġġi l-Bambin fil-maxtura fuq il-gradenza f'nofs is-salott.)*

***Salvu:*** Uliedi, ejja ninżlu għarkupptejna u nkantawlu waħda lill-Bambin tad-Deheb tagħna.

***Luċija:*** Inkantawlu *Ninni, la tibkix iżjed*.

*(Kulħadd ikanta* Ninni la tibkix iżjed.*)*

## ***Xena 3:*** **Mill-ġdid fid-dar ta' Salvu u Luċija**

***Kummentatur:*** Iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Gerrbu s-snin, iżda l-Bambin ta' Gabrijel dejjem baqa' fl-istess post fejn Salvu poġġieh dakinhar tal-Milied li fih Gabrijel għamel il-Prietka tat-Tifel. Kien fiċ-ċentru tad-dar kollha u kull min kien jidħol, kien jitpaxxa bil-ġmiel ta' Bambin fid-daħla tad-dar. Salvu beda jħoss il-morsa taż-żmien tagħfas fuqu. Mhux b'inqas nistgħu ngħidu għal Luċija. Kien qed joqrob il-Milied…

***Salvu:*** Eħħ, Luċija, ġejna kmieni wisq! Il-marda tax-xjuħija qed tagħfas fuqna. Għalaqna t-tmenin!

***Luċija:*** Salv, minflok ingorru, mhux aħjar nirringrazzjaw lil Alla għal kull ġurnata li qed jagħtina! Issa t-tfal kollha żżewġu u bdew irabbu l-familja, u aħna nerġgħu nsiru namrati weħidna hawn ġo din id-dar.

***Salvu:*** Namrati! Mela aħna ta' xi tmintax jew? Aħna mhux fin-namrati jmissna naħsbu. Taf xi jmissna naħsbu? Nagħmlu testment u naqsmu kollox bejn it-tliet uliedna ndaqs, ħalli meta nonqsu aħna, ma nħallux inkwiet warajna.

***Luċija:*** Sewwa qed tgħid, Salv. Taf li qatt ma għaddieli l-ħsieb minn moħħi?

***Salvu:*** Imma lili għaddieli, Luċi. U din il-ħaġa ilha tinkwetani wisq.

***Luċija:*** Filkas nagħmlu appuntament għand in-Nutar Refalo, it-tifel ta' Marija Rita. Ara, illejla stess ngħaddi sal-ħanut ta' Marija Rita u nitlobha n-numru tat-telefon tat-tifel tagħha u nagħmel appuntament. X'taħseb?

***Salvu:*** Agħmel il-biċċa tax-xogħol illum qabel għada.

***Luċija:*** U din l-għaġla kollha, ngħid jien, għalfejn, Salv?

***Salvu:*** U jien naf x'jista' jinqala'? Mhux għax għandi xi ħaġa xi ngħid fit-tfal tagħna. Kollha jirrispettawna u jieħdu ħsiebna. Anki n-nisa u t-tfal tagħhom.

***Luċija:*** Donnok trid tgħid xi ħaġa, Salv.

***Salvu:*** Għax ħa ngħidlek, Luċi. Dak it-tifel tan-nofs, Iżakk, xi kultant jinkwetani.

***Luċija:*** Biex jinkwetak, Salv?

***Salvu:*** Nibża' li għad jaqlgħalhom l-inkwiet lil ħutu. Ma tafx, Luċi? Minn meta kien żgħir, dak Iżakk kellu jdejh jiekluh għal kulma jara. Dan tafu int; mhux l-ewwel darba li messlek xi flus minn ġod-dar.

***Luċija:*** Veru, Salv. Ma kont nista' nħalli xejn bih. U ħa ngħidlek oħra. Kull meta jiġi hawn, naħbi kulma jkolli. Mhux l-ewwel darba li sibt xi flus neqsin meta niġbor il-pensjoni.

***Salvu:*** U xi tgħidli għal martu Lara?

***Luċija:*** Ma tantx għandha lsienha ħelu dik. U tħobbhom il-flus. Ma tantx trid biex iġġelled lil żewġha ma' ħutu.

***Salvu:*** Mela ma taħsibx li aħjar neħilsu mill-affari tal-wirt?

***Luċija:*** Hekk nagħmlu, Salv. Qis li fit-testment inħallu xi ħaġa tal-flus biex isirilna funeral u xi ħaġa tal-Quddies għal ruħna.

***Salvu:*** Għal dak naħsbu wkoll. Għada stess immur sal-bank. Nara xi flus għandna, u hemm dik il-ħajta deheb li konna ħadna minn ta' ommi niġborha.

***Luċija:*** U issa ejja ninsew kollox għalissa. Ejja ħa naqliblek platt minestra sħun.

***Salvu:*** Aqleb, Luċi, għax dak li se nieħdu magħna!

## ***Xena 4:*** **Fid-dar ta' Salvu u Luċija**

***Kummentatur:*** Hekk ġara. Dakinhar filgħaxija Luċija għamlet appuntament għand in-nutar. L-għada filgħodu Salvu mar il-bank, ra xi flus kellu u ġabar dik il-ħajta deheb li kellhom. Salvu kien poġġa d-deheb il-bank għax kien jirraġuna li d-dar malajr jistgħu jidħlulu xi ħallelin. Terġa', bħalma qal lil Luċija, lil dak Iżakk ma tantx kien jafdah.

*(Mużika fl-isfond u Salvu jidħol bid-deheb f'idejh.)*

***Salvu:*** X'nofstanhar għaddejt il-bank! Dawk nies li kien hemm! Lanqas li kienu qed iqassmu l-flus b'xejn! Insomma, biċċa xogħol lesta. Issa rrid nara fejn se npoġġi d-deheb. Biċċa wġigħ ta' ras dik! L-aħjar ngħid lil Luċija biex wara nagħmlu t-testment, inqassmuh lil uliedna u neħilsu minnu. Fl-aħħar mill-aħħar, issa qed joqrob il-Milied u d-deheb li nagħtuhom ikun rigal sabiħ ukoll għall-Milied.

*(Jinstema' leħen Iżakk fl-isfond.)*

***Iżakk:*** Ma! Pa! Hawn xi ħadd?

***Salvu:*** Issa ġej l-inkwiet. Dan Iżakk kemm ġie fil-ħin! Jekk jarani bid-deheb f'idejja, malajr jaqa' fit-tentazzjoni li jobormu.

***Iżakk:*** Jien hawn, Ma.

***Salvu:*** Donnu qed joqrob. Aħjar nara kif naħbih dan id-deheb, għax ma jarax ix-xemx ta' għada f'din id-dar!

***Iżakk:*** U m'hawn ħadd?

***Salvu:*** Fejn se naħbih? Fejn se naħbih? Il-Bambin, il-Bambin. Naħbih taħt il-Bambin ta' Gabrijel.

*(Salvu jerfa' l-Bambin u jaħbi d-deheb fit-tiben. Dlonk jidħol Iżakk.)*

***Iżakk:*** Pa, ommi hawn?

***Salvu:*** *(Mifxul.)* Mhix hawn, Iżakk, mhix hawn. Ommok ħarġet tagħmel qadja u donnha se ddum ma tiġi għax diġà sajritli. Ridt xi ħaġa?

***Iżakk:*** Għax qaltli li nħarqet xi bozza u riditni nibdilhielha. Int ma tafx liema waħda hux?

***Salvu:*** Emminni, Iżakk, jien hawn ġew ma nafx xi jkun jiġri. Dik ommok tieħu ħsieb kollox. L-aħjar erġa' ejja xħin ikun hawn hi.

***Iżakk:*** U iva, nittawwal ħin ieħor. Xħin tiġi ommi għidilha ċċempilli u niġi. Kwarta kollox.

## *Xena 5:* Fid-dar ta' Salvu u Luċija

*(Salvu u Luċija bilqiegħda fis-salott.)*

***Luċija:*** Salv, din il-biċċa tat-testment ħsibtha tajjeb. Kieku taf kemm inħossni moħħi mistrieħ! Issa li għamilna t-testment, uliedna mhux se jkollhom inkwiet wara li nonqsu aħna.

***Salvu:*** Kien ilu moħħi jberren dwar it-testment, iżda ħalli mil-lum għal għada, u qatt ma għidtlek, Luċi.

***Luċija:*** Din il-ġimgħa nipprova mmur s'għand il-Kappillan u nagħtih dawk il-flus li ħallejna biex isirilna l-funeral u l-Quddies għal ruħna.

***Salvu:*** Mhux aħjar tħalli l-Milied jgħaddi? Issa bdiet in-Novena u l-Kappillan ma tantx ikollu moħħ flus ta' funerali u Quddies.

***Luċija:*** Tassew… min jaf kemm hu mħabbat bil-festi tal-Milied! U iva, issa nħalli l-ewwel tas-sena jgħaddi u mmur inkellmu bil-kwiet.

***Salvu:*** Għamilna sewwa ħsibna għal ruħna, għax mur ara kemm Quddies ser jagħmlulna wliedna wara li mmutu!

***Luċija:*** It-tfal tal-lum flus iridu, u ma jimpurtahomx x'sar minn ruħ il-mejjet!

***Salvu:*** Luċi, dal-lejl ma stajtx nagħlaq għajn m'għajn.

***Luċija:*** U mela se toqgħod tinkwieta bit-testment u t-tfal? Dak issa għamilnieh u lest. Insa kollox u serraħ moħħok.

***Salvu:*** Le, Luċi, mhux l-inkwiet ma ħallinix norqod.

***Luċija:*** Mela xi nqala', Salv?

***Salvu:*** Qabadni bħal uġigħ fil-kaxxa ta' sidri u ma stajtx norqod. Xi kultant inħossu qed jaqtagħli n-nifs.

***Luċija:*** Dawk is-sigaretti li tpejjep, Salv. Ilni nipprietkalek jien li dawk m'għandekx xi tridhom!

***Salvu:*** U ħallik mis-sigaretti, Luċi.

***Luċija:*** Jekk tibqa' tħoss l-uġigħ, inkellmu lit-tabib jew immorru sal-isptar.

***Salvu:*** *(Jibda jagħfas idu fuq sidru u jbaxxi leħnu.)* Ara kemm hu ħelu l-Bambin tagħna, Luċi!

***Luċija:*** Kull meta nħares lejh ifakkarni f'Gabrijel tagħna meta kien għadu daqsxejn ta' tifel u għamel il-Prietka tat-Tifel fil-Milied.

***Salvu:*** *(B'leħen batut.)* Luċi, id-deheb… il-Bambin… id-deheb… dak id-deheb…

*(Jagħfas sidru, jibda jitriegħed u jaqa' fuq il-pultruna. Jintfew id-dwal.)*

***Luċija:*** *(Tgħajjat)* Salv, Salv, Salvu, kellimni!

***Xena 6:*** **Fid-dar ta' Salvu u Luċija**

***Gabrijel:*** Kif kellu jħallina missieri, miskin!

***Rita:*** Ġesù Bambin riedu ħdejh f'dan il-Milied.

***Luċija:*** Ħadulna! Milied mingħajr Salvu, dak Milied?

***Gabrijel:*** Kull Milied ser jibqa' jfakkarni fil-mewt ta' missieri.

***Rita:*** Kulma qed tgħidu huwa kollu minnu. Imma ftakru li l-fidi tagħna twassalna biex nemmnu li Salvu mhux mejjet, imma ħaj; daħal qabilna fl-eternità.

***Luċija:*** Iva, għażiża Rita. Jien dan nemmnu, imma l-firda kerha wisq.

***Gabrijel:*** Bħalek u miegħek qed inħossu n-niket tal-firda.

***Rita:*** Luċija, jekk trid tiġi torqod magħna, għandna kamra oħra tas-sodda fil-flat.

***Gabrijel:*** Veru li mhix kbira, Ma, imma aħna għandna pjaċir bik magħna.

***Luċija:*** Uliedi, nirringrazzjakom tal-istedina, imma naħseb li aħjar nidra norqod hawn f'dari. Wara kollox mhux kollha toqogħdu fil-qrib?

***Rita:*** Jekk tinqala' xi ħaġa, malajr niġu.

***Luċija:*** Gabrijel, ibni. Naf li bħalissa mhux f'loku li nitkellmu dwar wirt.

***Gabrijel:*** Biex int ħierġa, Ma?

***Luċija:*** Isimgħuni. Ftit tal-ġranet ilu jien u missierek għamilna t-testment. Donnu missierek kien jaf li qed joqrob.

***Gabrijel:*** X'int tgħid, Ma?

***Luċija:*** It-testment jgħid li kollox irid jinqasam bejnietkom l-aħwa.

***Rita:*** Għamiltu l-aħjar ħaġa, Luċija. Hekk ma jkunx hemm ġlied bejn l-aħwa.

***Luċija:*** Ibni, Gabrijel, ħares lejn dak il-Bambin.

***Gabrijel:*** Il-Bambin tad-Deheb! *(Imur ħdejn il-Bambin.)* Hux hekk sejjaħlek missieri?

***Luċija:*** Ftakar li dak il-Bambin tiegħek. Dak ħudu d-dar tiegħek illum stess.

***Gabrijel:*** Ma tarax, Ma. Mela jien ser neħodlok il-Bambin?

***Rita:*** Luċija, dak il-Bambin il-mimmi t'għajnejk.

***Luċija:*** Veru, Rita, inħobbu ħafna dak il-Bambin. Ibni, jien miniex aħjar minn missierek. U jekk nonqos jien, ftakar li tridu taqsmu kollox bejnietkom. Isma' minni, ħudu llum, għax wara jiddispjaċik!

***Gabrijel:*** Ma, mela ħuti ma jafux li dak il-Bambin tiegħi?

***Luċija:*** Jafu, jafu. Imma ftakar li l-aħwa jibqgħu aħwa sakemm imutu l-ġenituri. Ħudu, għax ma tafx kif ix-xitan ideffes denbu u xi ħadd minn ħutek jgħidlek li ladarba kien fid-dar ta' ommok u missierek, dak irid jinqasam mal-affarijiet l-oħra.

***Gabrijel:*** Ma, tnikkitni nisma' dan il-kliem.

***Luċija:*** Lanqas jien ma nieħu gost nara l-Bambin ħiereġ minn din id-dar. Imma ftakar li dakinhar tal-Prietka tal-Milied missierek qallek biex, tkun fejn tkun, tieħdu miegħek. Isma' minn missierek, ibni! Ħudu dak il-Bambin, illum qabel għada.

*(Gabrijel u Rita jħarsu lejn xulxin.)*

***Gabrijel:*** Ma, la qed tgħid hekk, nieħdu.

*(Gabrijel jerfa' l-Bambin bil-benniena b'kollox.)*

***Rita:*** Ċerta li dak il-Bambin ser jimla lil darna bil-paċi u l-ferħ.

***Gabrijel:*** Il-Bambin tad-Deheb ser jiġi miegħi d-dar.

*(Luċija tbus il-Bambin.)*

***Luċija:*** Mur, Bambin ċkejken, Bambin tad-Deheb. Mur imla bil-paċi u l-ferħ id-dar ta' ibni Gabrijel u martu Rita. Berikhom u ħu ħsiebhom.

*(Gabrijel joħroġ bil-Bambin flimkien ma' Rita. Luċija tpoġġi fuq is-sufan u tibki.)*

## *Xena 7:* Fid-dar ta' Salvu u Luċija

*(Luċija u wliedha, u wara, in-nutar).*

***Luċija:*** Hekk kellu jkun. Ser nibdew is-sena bit-tajjeb. Naqraw it-testmenti.

***Nathanael:*** U le, Ma. Taqtax qalbek. Jekk Alla jrid, kollox nirranġaw b'wiċċ il-ġid.

***Luċija:*** Minn fommok għal fomm Alla, ibni.

***Iżakk:*** Kellu bżonn ma jdumx ma jiġi n-Nutar Refalo. Forsi din l-affari tal-wirt neħilsuha malajr.

*(Iddoqq il-qanpiena tal-bieb.)*

***Gabrijel:*** Naħseb li wasal. Ħa mmur niftaħlu l-bieb.

***Luċija:*** Uliedi, ara x'se ngħidilkom: tinkwetawnix. Aħwa kontu u aħwa ibqgħu.

***Gabrijel:*** Għaddi, Nutar Refalo, għaddi…

***Nutar:*** L-għodwa t-tajba lil kulħadd.

***Kulħadd:*** Lilek ukoll, Nutar.

***Nutar:*** Skużawni jekk domt ftit ma ġejt, imma kelli l-qorti u ttardjajt ftit mhux ħażin.

***Nathanael:*** Tinkwieta xejn, Nutar. Minuta 'l hawn u minuta 'l hinn ma tagħmilx differenza.

***Luċija:*** Poġġi, poġġi, Sinjur.

***Nutar:*** Sinjura, uliedek kollha qegħdin hawn?

***Luċija:*** Iva, Sinjur, tliet subien għandi u t-tlieta qegħdin hawn.

***Nutar:*** Mela nista' niftaħ it-testment u naqrah.

***Iżakk:*** Hekk hu. Ibda, Nutar.

***Nutar:*** Illum, 14 ta' Diċembru, quddiemi, Nutar Daniel Refalo, qed jidhru Salvu u Luċija, konjugi Decelis, li flimkien qed jagħmlu testment u jordnaw dan li ġej.

Il-propjetà kollha li għandhom għandha tinqasam fi tliet partijiet ugwali bejn it-tliet uliedhom Nathanael, Iżakk u Gabrijel b'seħħ minn meta jonqsu ż-żewġ partijiet. Salvu u Luċija jħallu lil xulxin il-propjetà kollha b'użufrott. Dak miktub aktar 'il fuq jgħodd ukoll għall-flus kollha kontanti u fil-banek li għandhom il-konjugi Decelis.

Hija xewqa tal-konjugi Decelis li d-deheb li huma jippossedu jiġi maqsum fi tliet ishma ugwali bejn uliedhom immedjatament wara l-mewt ta' parti minnhom.

Iffirmat quddiemi, Nutar Daniel Refalo.

***Iżakk:*** Ma, għamiltu l-aħjar ħaġa li qatt stajtu tagħmlu.

***Nathanael:*** Mela kif qed nifhem jien, illum nistgħu naqsmu biss id-deheb ta' ommi u missieri.

***Gabrjiel:*** Hekk hu, Nathanael. L-aħjar li nagħmlu hu li kif hawn in-nutar, naqsmuh issa stess. X'taħseb, Nutar?

***Nutar:*** Min-naħa tiegħi ma nsib l-ebda oġġezzjoni. Int x'jidhirlek, Sinjura Decelis?

***Luċija:*** Mhux aħjar taqsamulhom int id-deheb, Sinjur?

***Nutar:*** Mela hekk isir. Fejn hu d-deheb?

***Luċija:*** Emmnuni, ma nafx.

***Nathanael:*** X'jiġifieri ma tafx, Ma?

***Luċija:*** Naf biss li ftit tal-ġranet qabel miet, missierkom mar ġabar id-deheb mill-bank. Imma ma qallix fejn poġġieh.

***Gabrijel:*** Issa kif se nsibuh?

***Iżakk:*** Min jaf fejn ħbieh missieri!

***Nathanael:*** Ma, int fejn taħseb li seta poġġieh id-deheb missieri?

***Luċija:*** U issa jien fejn naf?

***Nathanael:*** B'xi mod jew ieħor id-deheb irid jinstab. Ejja nibdew infittxuh.

***Luċija:*** Issa se jibda l-inkwiet.

*(Jibdew ifittxu u ma jsibu xejn.)*

***Nutar:*** Sibtu xi ħaġa?

***Gabrijel:*** Xejn, l-ebda sinjal ta' deheb.

***Nathanael:*** Qabel ma naqsmu dak id-deheb, jien mhux se noħroġ minn din id-dar.

***Nutar:*** Titkellimx hekk, Sinjur.

***Nathanael:*** Nitkellem kif għandi nitkellem.  Hawnhekk hawn min jaf fejn hu d-deheb, tibżax, Nutar!

***Iżakk:*** Xi trid tgħid biha din, Nat?

***Nathanael:*** Qed taraw?  Waħdu nqabad il-ġurdien.

***Luċija:*** Nathanael, mela se nibdew bl-inkwiet?

***Nathanael:*** Jekk hemm bżonn, iva!  Għandna raġun ma nsibuhx id-deheb.

***Gabrijel:*** Nathanael, donnok trid tgħid xi ħaġa.

***Nathanael:*** Ma tafx li għandi xi ngħid?  Gabrijel, insejt kemm-il darba għidt li ma tistax issib dik il-ħaġa u l-oħra meta konna għadna ngħixu d-dar ta' ommi?  U int, Ma, kemm-il darba naqsuk il-flus?

***Iżakk:*** Mela qed tgħid li jien sraqt id-deheb!

***Nathanael:*** Int stess qed tgħidu.

**Iżakk:** Qatt ma stennejt akkuża bħal din mingħand ħija.

***Luċija:*** Jaħasra, uliedi, ieqfu.  X'biċċa nkwiet inqalgħetli dalgħodu!

***Iżakk:*** Irtira malajr l-akkuża tiegħek.

***Nathanael:*** Dak li għidt m'għandix dubju minnu.  Nafek biżżejjed.  Idejk jiekluk għal kulma jaraw għajnejk.

***Nutar:*** Ikkalmaw, Sinjuri, ikkalmaw.

***Gabrijel:*** Nathanael, għall-imħabba ta' missieri, iskot.

***Nathanael:*** Jien għandi dritt nitkellem u ħadd mhu se jneħħili minn moħħi li dak id-deheb sraqtu int.  Iva, int, Iżakk.

***Iżakk:*** Jekk għandek provi biżżejjed, urihom meta ntellgħek il-qorti b'akkuża ta' malafama.

***Nathanael:*** Tellagħni, tibżax.  Jien tlaqt, u qabel ma nara d-deheb, mhux ser nirfes iktar l-għatba ta' din id-dar.

***Luċija:*** *(Titlob.)* Jaħasra, Salv, ħenn għal uliedek.  Isma' talbi, Salv.

*(Nathanael jitlaq 'il barra bir-rabja. Jintfew id-dwal.)*

### *Xena 8:* Fid-dar ta' Nathanael u Miriam

***Miriam:*** Lanqas ħajta deheb ma ħalla bi kwietha fid-dar ta' ommu.

***Nathanael:*** Minn dejjem hekk kien. Meta kont għadni d-dar t'ommi, kont naħbi kulma nixtri u flus qatt ma ħallejt warajja. Jien lil dak il-bniedem qatt ma fdajtu.

***Miriam:*** U żgur, biex imbagħad il-mara li għandu araha tinżebagħ u mingħaliha li m'hawnx mara tilbes isbaħ minnha. Mur obsor, ħej, minn fejn iġġib il-flus!

***Nathanael:*** Ngħidlek li dak s'issa d-deheb diġà għamlu flus.

***Miriam:*** Biex tiddandan dik il-galantoma li għandu. Kilitha, ħej, l-għatba tad-dar t'ommok u missierek!

***Nathanael:*** U jien nurih min jien. Ara taħseb li se jgħaddi ż-żmien bija!

***Miriam:*** Ara, għada stess mur kellem l-avukat u ħu parir mingħandu.

***Nathanael:*** U la jtellagħni l-qorti, il-kawża nirbaħhielu żgur.

***Miriam:*** Imbagħad Lara ma tkomplix tikxef snienha hi u għaddejja minn quddiem tagħna. Ħallelin! Ma jistħux! Ħajta deheb minn t'ommkom u missierkom ħaduhielkom minn idejkom.

***Nathanael:*** Lejn id-dar ta' ommi mhux ser nersaq qabel ma nieħu sehmi minn dak id-deheb.

***Miriam:*** Qisha ommok żammet miegħu wkoll.

***Nathanael:*** Mhux dejjem lilu kellha. Lilu ċċempel meta jkollha bżonn xi ħaġa.

***Miriam:*** Mela issa ħa tmur dik il-ħelwa Lara ġġibilha l-pilloli mingħand l-ispiżjar. Jekk ommok iċċempilli xi darba, naqtgħalha t-telefon. Familja farrkitha!

### *Xena 9:* Fid-dar ta' Iżakk u Lara

***Iżakk:*** Akkużani li jien ħalliel.

***Lara:*** Qatt ma ħamluna. Ma jifilħux jarawna aħjar minnhom.

***Iżakk:*** Ma tarax li mhux se mmiss id-deheb t'ommi jien.

***Lara:*** U ommok ma qalet xejn?

***Iżakk:*** Xi tridha tgħid, miskina? Dak mhux inkwiet għaliha?

***Lara:*** U żgur, ma tkellmitx għax iżżomm miegħu dik. Daqskemm hi ħelwa ommok, ħej!

***Iżakk:*** Int hekk titkellem fuq ommi? Lil dik iddaħħalhiex bejni u bejn ħija. Dik ma taħti xejn.

***Lara:*** Hemm hu, se jżomm m'ommu u mhux ma' martu.

***Iżakk:*** Diġà għidtlek, ommi ma taħti xejn.

***Lara:*** Naf li hi ġelldtkom bejnietkom. Jekk iċċempillek għal xi qadja, naqtgħalha t-telefon. Ma tistħix!

## *Xena 10:* Fid-dar ta' Luċija

*(Luċija bilqiegħda fuq is-sufan.)*

***Luċija:*** Għada lejlet il-Milied, u jien waħdi hawn id-dar. Dak Milied li ġej fuqna! Għaddiet sena. Jaħasra, x'kellu jiġrilna! Konna familja daqshekk magħquda u issa ara kif spiċċajna! Tnejn minn uliedi ma jkellmux lil xulxin, in-nisa tagħhom jaqtgħuli t-telefon meta nċemplilhom, u tifel ilu sena ma jersaq lejn id-dar t'ommu. Mur ġib lil Salvu tiegħi, jara lil uliedu hekk! Kemm kien jinkedd!

*(Tħares lejn ir-ritratt ta' Salvu.)* Salv, ħenn għalina, Salv. Itlob 'il-Bambin għalina, dak il-Bambin tad-Deheb li bħal għada int issaħħart bi ġmielu dakinhar li Gabrijel tagħna għamel il-Prietka tat-Tifel. Kemm kont tħobbu lill-Bambin tad-Deheb, Salv! Itolbu għal uliedek, forsi jerġgħu jkellmu lil xulxin. Itlob għall-għaqda fil-familja tagħna, Salv. Ħajta deheb, ħajta deheb, x'kellha tagħmlilna! Ma niflaħx iktar inkwiet, ma niflaħx iktar. Salv, itlob għalina, Salv. Bambin tad-Deheb, ħenn għalina!

*(Torqod fuq is-sufan u toħlom.)*

***Salvu:*** Luċija, Luċija, il-Bambin… il-Bambin… dak tad-deheb… il-Bambin… id-deheb…

***Bambin:*** Erfagħni, Luċija, Luċija, erfagħni…

***Salvu:*** Luċija, dak il-Bambin…

***Bambin:*** Erfagħni, Luċija…

***Salvu:*** Luċija, Luċija, il-Bambin… il-Bambin… dak tad-deheb… il-Bambin tad-Deheb…

***Bambin:*** Erfagħni, Luċija, Luċija, għannaqni miegħek…

***Salvu:*** Luċija, id-deheb…

*(Jidħol Gabrijel.)*

***Gabrijel:*** Ma, Ma!

***Luċija:*** *(Tqum maħsuda.)* Ajma, ajma, Gabrijel, kif ħsadtni! Kont irqadt.

***Gabrijel:*** Skużani, Ma, ħsadtek, ma ndunajtx li kont rieqda fuq is-sufan.

***Luċija:*** Kont qiegħda hawn bilqiegħda naħseb fuq dak li ġralna. Milied b'familja mfarrka. Għalina m'għadux jeżisti Milied.

***Gabrijel:*** *(Imnikket.)* Mur ġib lil missieri jara dan l-inkwiet kollu bejnietna!
***Luċija:*** La qed issemmi lil missierek, Gabrijel, kieku taf x'għadni kemm ħlomt!

***Gabrijel:*** Xi ħlomt, Ma?

***Luċija:*** Ħlomt li missierek qiegħed hawn f'din il-kamra jsejjaħli, ikellimni u jurini l-Bambin tad-Deheb. Il-Bambin, li kien għadu hawn qabel ma ħadtu int, beda jitbissimli u jitlobni biex nerfgħu u nħaddnu miegħi. Donnu missierek kien ser jgħidli xi ħaġa, iżda f'salt wieħed qajjimtni int u l-ħolma ma komplietx.

***Gabrijel:*** Serraħ moħħok, Ma. Dik kienet biss ħolma.

***Luċija:*** Ma nafx jien, imma minn meta dak il-Bambin ħareġ minn din id-dar, qatt ma sibna kwiet. Kellu raġun missierek dakinhar tal-Prietka jgħidlek li dak il-Bambin se jġib il-paċi kull fejn ikun. Ħareġ hu minn din id-dar, u l-paċi ħarġet miegħu.

***Gabrijel:*** Ma!

***Xena 11:*** **Fid-dar ta' Gabrijel u Rita**

***Rita:*** *(Minn ġewwa.)* Wasalt, Gabrijel? Nagħmillek kikkra kafè?

***Gabrijel:*** Le, le, grazzi, Rita.

***Rita:*** *(Tidħol.)* Kif inhi ommok?

***Gabrijel:*** U mhux bħas-soltu? Dejjem taħseb u tinkwieta fuq dak li ġara fil-familja tagħna.

***Rita:*** Għandha raġun, miskina. Hi u missierek rabbewkom b'tant imħabba, u mbagħad ħajta deheb farrket kollox f'radda ta' salib.

***Gabrijel:*** Rita.

***Rita:*** Qed narak imħasseb, Gabrijel. Ġrat xi ħaġa? Għidli.

***Gabrijel:*** Illejla ommi inkwetatni.

***Rita:*** Xi ġralha? Ma tiflaħx?

***Gabrijel:*** Le, mhux ma tiflaħx. Dak il-Bambin, Rita. Qed toħlom bih u b'missieri.

***Rita:*** Minn dejjem kienet tħobbu lill-Bambin tad-Deheb.

***Gabrijel:*** Qed toħlom li missieri qiegħed isejjħilha u juriha l-Bambin tad-Deheb. Il-Bambin jitbissmilha u jitlobha biex terfgħu u tħaddnu magħha.

***Rita:*** Donnu l-inkwiet kollu nqala' minn meta l-Bambin ħareġ mid-dar ta' ommok.

***Gabrijel:*** Biex ngħidlek il-verità, dak il-kliem qalituli ommi wkoll illejla.

***Rita:*** *(Taħseb.)* Gabrijel, min jaf kieku l-Bambin tad-Deheb jerġa' jieħu postu fid-dar ta' ommok?
***Gabrijel:*** X'jiġifieri? Nagħtih lil ommi?

***Rita:*** Ma taħsibx li tkun qed tagħtiha ftit ħlewwa f'dan il-baħar ta' mrar li għaddejja minnu?

***Gabrijel:*** Rita, int taf xi jfisser għalija dak il-Bambin?

***Rita:*** Naf biżżejjed.

***Gabrijel:*** U jekk ħuti ma jkunux iridu jagħtuhuli lura meta tonqos ommi? Ma tafx x'maltempata qamet fuq ħajta deheb!

***Rita:*** Għada lejlet il-Milied. Se jkun Milied differenti għall-familja. Fil-familja tagħkom m'hemmx paċi. Ftakar fil-kelmiet li int stess tgħid li qallek missierek dakinhar li għamilt il-Prietka tat-Tifel: "Dak il-Bambin lill-familja tagħna għad jiswielha daqs id-deheb".

***Gabrijel:*** Missieri… qed narah quddiemi f'dik il-lejla. Malli wrejtu 'l-Bambin, issaħħar quddiemu bħal tifel żgħir. Hekk, donnu missieri u l-Bambin inġibdu bħal kalamita lejn xulxin.

***Rita:*** Gabrijel, dak il-Bambin postu fis-salott tad-dar ta' ommok.

***Gabrijel:*** La qed tgħid hekk, nerġa' nieħdu d-dar. Grazzi, Rita. Grazzi. *(Jgħannaqha. Jerfa' l-Bambin bil-benniena.)* Bambin tad-Deheb ta' qalbi, se nieħdok fid-dar ta' ommi mill-ġdid. Minn hemm, miegħek ħarġet il-paċi, u miegħek nittama li terġa' tidħol mill-ġdid f'dik id-dar.

## *Xena 12:* Fid-dar ta' Luċija

***Iżakk:*** Ma, kieku taf Simon tagħna kemm hu eċċitat minħabba l-Prietka tat-Tifel li ser jagħmel illejla.

***Luċija:*** M'għandix dubju li dak it-tifel ser jagħmel prietka mill-isbaħ.

***Iżakk:*** Ma, int se tkun hemm għall-Quddiesa ta' Nofsillejl?

***Luċija:*** Ibni, nixtieq ħafna li niġi, imma m'għandix kuraġġ. Meta nisma' lil Simon jagħmel il-prietka, ma nżommx bil-biki. Nifraħ bit-tifel tiegħek u nitnikket meta niftakar kif spiċċat il-familja tagħna.

***Iżakk:*** Nemmnek, Ma. Ma nafx kif ix-xitan deffes denbu bejnietna. Jien lil Nathanael nipprova nkellmu, iżda ma jagħtinix wiċċ. Lanqas biss tellajtu l-qorti, minkejja li fir-rabja kont għidtlu li ser nagħmel hekk.

***Luċija:*** Naf biss li dan mhux Milied li ġej fuqna. L-unika ħaġa li se tferraħni f'dan il-Milied hi li nisma' lil Simon jagħmel il-Prietka tat-Tifel minn fuq ir-radju.

***Iżakk:*** Wara l-Quddiesa ta' Nofsillejl, inġib lil Simon u nurik il-Bambin li jagħtih il-Kappillan.

***Luċija:*** Bħal dakinhar li ħuk Gabrijel ġab il-Bambin tad-Deheb f'din id-dar. Mhux li kien il-Bambin jerġa' jġib il-paċi taħt dan is-saqaf!

***Gabrijel:*** Ma, Ma.

*(Jidħol Gabrijel bil-Bambin fil-benniena mgħotti. Tidħol Rita wkoll.)*

***Luċija:*** Għaddu, għaddu.

***Gabrijel:*** Il-Milied it-tajjeb, Ma. *(Jgħannaqha.)*

***Luċija:*** Lilek ukoll, ibni.

***Rita:*** Il-Milied it-tajjeb, għażiża Luċija.

***Luċija:*** Il-Milied it-tajjeb lilek ukoll, Rita, binti.

***Gabrijel:*** Ma, għandi xi ħaġa żgħira għalik. *(Ipoġġi l-benniena fuq il-gradenza.)*

***Luċija:*** Ibni, dak x'ridtu? Jien xewqa waħda biss għandi: li nerġa' nara l-familja tagħna magħquda.

***Rita:*** Iftħu, Luċija.

*(Luċija tikxef id-drapp minn fuq il-Bambin.)*

***Luċija:*** Il-Bambin! Reġa' ġie għandi! Il-Bambin tad-Deheb reġa' ġie għandi! Ejja, Bambin ħelu, ejja ħa nerfgħek u nħaddnek miegħi.

*(Terfa' l-Bambin, tbusu u tħaddnu magħha.)*

***Gabrijel:*** (Jgħajjat.*)* Ma, Ma!

***Iżakk:*** Id-deheb, Ma, id-deheb!

***Gabrijel:*** Ma… id-deheb… il-Bambin…

***Luċija:*** X'intom tgħidu, uliedi?

***Rita:*** Ħares fil-benniena tal-Bambin.

***Luċija:*** Id-deheb… id-deheb qiegħed taħt il-Bambin.

***Gabrijel:*** Kellu raġun missieri sejjaħlu l-Bambin tad-Deheb!

***Iżakk:*** Mela hemmhekk kien ħbieh id-deheb missieri.

***Luċija:*** Kellkom raġun, uliedi, ma ssibuhx id-deheb dakinhar li ġejtu biex taqsmuh.

***Gabrijel:*** Ħa nċempel lil Nathanael u ngħidlu biex jiġi issa stess.

***Luċija:*** Dak ma jiġix. Ilu sena ma jersaq 'l hawn.

***Iżakk:*** Jekk ikun jaf li hawn jien, żgur li ma jiġix.

***Gabrijel:*** Lili dejjem jirrispondini kull meta nċempillu fuq il-mowbajl. *(Joħroġ il-mowbajl u jċempel.)* Hello, Nathanael? Gabrijel jien. Int fejn int?… Sewwa. Isma', Nat, ejja issa stess id-dar ta' ommi. Naf li ilek sena ma tidħol għand ommi, imma jeħtieġ li tiġi issa stess. Ma nistax ngħidlek fuq it-telefon. Nat, qed nistenniek għand ommi.

***Rita:*** X'qallek?

***Gabrijel:*** Dalwaqt ġej.

***Luċija:*** Missierkom, uliedi, missierkom talab lill-Bambin għalikom.

*(Iħabbat il-bieb.)*

***Gabrijel:*** Naħseb li wasal.

***Iżakk:*** Jien se mmur nistaħba, għax malli jarani Nathanael jitlaq 'il barra żgur.

***Luċija:*** Le, Iżakk, ibqa' hawnhekk. Wara kollox int m'għandek l-ebda ħtija ta' dak li ġara.

*(Jidħol Nathanael u warajh Gabrijel. Meta jara lil Iżakk, ikun ser jerġa' joħroġ, iżda Gabrijel iżommu.)*

***Nathanael:*** X'ġibtuni nagħmel hawn? Ma tafux li jien qabel nara d-deheb mhux se nidħol hawn ġew?

***Luċija:*** Nathanael, ibni, Nathanael.

***Gabrijel:*** Għalhekk ridtek tiġi hawn, Nathanael, minħabba d-deheb.

***Nathanael:*** Jaqaw lil dan il-galantom messitu l-kuxjenza u ġabu lura?

***Iżakk:*** Kemm int żbaljat, ħija!

***Nathanael:*** Int tgħidx li jien ħuk.

***Rita:*** Ikkalma u ħallihom ikellmuk.

***Luċija:*** Nathanael, il-Bambin illum sema' talb missierek.

***Gabrijel:*** Id-deheb instab!

*(Luċija tmur ħdejn il-Bambin, terfgħu u turi d-deheb lil Nathanael.)*

***Luċija:*** Hawn, ara, fejn kien id-deheb, taħt il-Bambin tad-Deheb.

***Gabrijel:*** Missieri kien ħeba d-deheb taħt il-Bambin u dakinhar li ġejna biex naqsmu u bdejna nfittxuh, jien kont diġà ħadt il-Bambin tiegħi d-dar.

***Nathanael:*** *(Minn taħt l-ilsien.)* Iżakk, ħija, f'isem Ġesù Bambin, nitolbok taħfirli.

***Iżakk:*** Ħija, Nathanael, ilni li ħfirtlek minn dakinhar li akkużajtni li kont jien li sraqt id-deheb ta' ommi u missieri.

*(Nathanael u Iżakk jitgħannqu.)*

***Luċija:*** Grazzi, Salv, grazzi li tlabt għal martek u wliedek. Bambin tad-Deheb, grazzi. Grazzi, Bambin tad-Deheb. Ġejt lura u rġajt ġibtli l-paċi f'din id-dar.

***Gabrijel:*** Kellu raġun missieri jgħidli nsemmih il-Bambin tad-Deheb, għax dak il-Bambin lill-familja tagħna għad jiswielha daqs id-deheb.

***Nathanael:*** Ejja ninżlu għarkupptejna u nkantawlu waħda lill-Bambin tad-Deheb tagħna.

***Luċija:*** Inkantawlu *Ninni, la tibkix iżjed*.

***Iżakk:*** Bħal dakinhar li daħal għall-ewwel darba f'din id-dar.

*(Kulħadd ikanta* Ninni la tibkix iżjed. *Waqt il-kant, fl-isfond jidher Salvu jitbissem, waqt li Simon minn post ogħla jipprietka.)*

***Simon:*** Paċi fl-art lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Dan hu l-Milied… żmien li taħfer u tħobb. Ġesù Bambin huwa l-Imħabba! Paċi, paċi, paċi. Ġesù Bambin, int biss tajtna l-paċi. Glorja 'l Alla fl-għoli tas-smewwiet!

*16.XII.2010*

# WERREJ




Daħla ........ 2

**L-Ewwel Taqsima: Il-Fidi fil-Kotba Mqaddsa**

1. Il-Preżenza ta' Alla fl-Antik Testment (Dun Charles Buttigieg) ........ 3
2. L-iżvilupp tal-fidi biblika matul żmien it-Testment il-Qadim (Mons. Lawrenz Sciberras) ........ 6
3. L-istqarrija tal-fidi tal-ewwel Insara (Mons. Anton Mizzi) ........ 11

**It-Tieni Taqsima: Għajnuna għat-talb personali jew fi grupp**

4. Lectio Divina tal-Vanġeli tal-Ħdud tal-Avvent – Sena Ċ (Dun Alex Refalo) ........ 19
    1. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent ........ 19
    2. It-Tieni Ħadd tal-Avvent ........ 21
    3. It-Tielet Ħadd tal-Avvent ........ 23
    4. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent ........ 25
5. Meditazzjonijiet fuq il-Qari tal-Ħdud tal-Avvent (Awturi Varji) ........ 27
    1. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent ........ 27
    2. It-Tieni Ħadd tal-Avvent ........ 29
    3. It-Tielet Ħadd tal-Avvent ........ 31
    4. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent ........ 33
6. Meditazzjonijiet fuq l-Antifoni 'O' tal-Avvent (Sorijiet Klarissi) ........ 35

**It-Tielet Taqsima: Għajnuna għall-omelija**

7. Skemi ta' Omeliji għall-Ħdud tal-Avvent (Mons Carmelo Mercieca) ........ 43
    1. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent ........ 43
    2. It-Tieni Ħadd tal-Avvent ........ 45
    3. It-Tielet Ħadd tal-Avvent ........ 47
    4. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent ........ 49
8. Omeliji tal-Lejl tal-Milied tal-Papa Benedittu XVI għas-snin 2005, 2006, 2007 (miġjubin għall-Malti minn Dun Geoffrey G Attard) ........ 51
    1. Sena 2005 ........ 51
    2. Sena 2006 ........ 54
    3. Sena 2007 ........ 56

**Ir-Raba' Taqsima: Ċelebrazzjonijiet u attivitajiet pastorali**

9. Novena tal-Milied mibnija fuq l-Antifoni Maġġuri (Dun Injazju Borg) ........ 59
10. Ċelebrazzjoni Penitenzjali għal żmien l-Avvent (Dun Giovanni Curmi) ........ 82
11. Adorazzjoni Ewkaristika fis-Solennità tal-Epifanija – Ċelebrazzjoni għall-Adolexxenti (Dun Giovanni Curmi) ........ 90
12. It-Triq lejn il-Messija – Is-Siġra ta' Ġesse (Katekisti tal-Parroċċa ta' Kerċem) ........ 97
    1. Katekeżi Biblika għat-tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina ........ 98
    2. Katekeżi Biblika għat-tfal li qed jitħejjew għall-Ewwel Tqarbina ........ 106
13. Reċta tal-Milied "Il-Bambin tad-Deheb (Dun Ġwann Sultana) ........ 111